

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

## ► **B**                    **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/373**

**tal-1 ta' Marzu 2017**

li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1)

### Emendat minn:

|                    |                                                                                                   | Ġurnal Uffiċjali |       |           |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|-------|-----------|
|                    |                                                                                                   | Nru              | Paġna | Data      |
| ► <b><u>M1</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469 tal-14 ta' Frar 2020                | L 104            | 1     | 3.4.2020  |
| ► <b><u>M2</u></b> | emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177 tas-7 ta' Awwissu 2020 | L 259            | 12    | 10.8.2020 |
| ► <b><u>M3</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/665 tat-22 ta' April 2021               | L 139            | 184   | 23.4.2021 |
| ► <b><u>M4</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1338 tal-11 ta' Awwissu 2021            | L 289            | 12    | 12.8.2021 |
| ► <b><u>M5</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/938 tas-26 ta' Lulju 2022               | L 209            | 1     | 10.8.2022 |
| ► <b><u>M6</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2345 tal-1 ta' Diċembru 2022            | L 311            | 58    | 2.12.2022 |
| ► <b><u>M7</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1771 tat-12 ta' Settembru 2023          | L 228            | 49    | 15.9.2023 |
| ► <b><u>M8</u></b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/343 tas-17 ta' Frar 2025                | L 343            | 1     | 18.2.2025 |

### Ikkoreġut minn:

- **C1**      Emendi, Ġ.U. L 106, 6.4.2020, p. 14 (2020/469)
- **C2**      Emendi, Ġ.U. L 108, 7.4.2022, p. 72 (2020/469)

**▼B****REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI  
(UE) 2017/373****tal-1 ta' Marzu 2017**

li jistabbilixxi r-reqwiziti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**▼M1***Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti komuni għal:

- (a) il-forniment ta' servizzi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tan-navigazzjoni bl-ajru ("ATM/ANS") għat-traffiku tal-ajru ġenerali, b'mod partikolari għall-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jipprovdu dawk is-servizzi u l-funzjonijiet;
- (b) l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet ikkwalifikati li jaġixxu f'isimhom u li jwettqu l-kompiti ta' ċertifikazzjoni, ta' sorveljanza u ta' infurzar fir-rigward tas-servizzi msemmija fil-punt (a);
- (c) ir-regoli u l-proċeduri għad-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru.

**▼B***Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Anness I u d-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ħlief għad-definizzjoni ta' "ċertifikat" fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004;

**▼M1**

- (2) "fornitur ta' ATM/ANS" tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tipprovdi kwalunkwe ATM/ANS kif definit fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2018/1139, b'mod individwali jew fi grupp, għat-traffiku tal-ajru ġenerali;

**▼M7**

- (3) "Maniġer tan-network" tfisser il-korp fdat bil-kompiti meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004;

**▼B**

- (4) "servizz pan-Ewropew" tfisser attività li tkun maħsuba u stabbilita għal utenti fi ħdan l-Istati Membri kollha jew fil-biċċa l-kbira minnhom u li tista' testendi wkoll lil hinn mill-ispazju tal-ajru tat-territorju li fih japplika t-Trattat;

**▼B**

- (5) “fornitur tas-servizzi tad-data (fornitur DAT)” tfisser organizzazzjoni, li hija:
- (a) fornitur tad-DAT tat-tip 1 li jipproċessa data ajrunawtika sabiex tintuża fuq inġenji tal-ajru u jipprovdi bażi ta' data ajrunawtika li tissodisfa d-DQRs, skont kundizzjonijiet ikkontrollati, li għalihom ma għiet stabbilita ebda kompatibbiltà korrispondenti ta' applikazzjoni fl-ajru/tagħmir;
  - (b) fornitur tad-DAT tat-tip 2 li jipproċessa data ajrunawtika u jipprovdi bażi ta' data ajrunawtika sabiex jintużaw fuq applikazzjoni/tagħmir iċċertifikati tal-inġenji tal-ajru li jissodisfaw id-DQRs li għalihom għiet stabbilita kompatibilità ma' dik l-applikazzjoni/dak it-tagħmir;

**▼M1**

- (6) “disinn ta' strutturi tal-ispazju tal-ajru” tfisser proċess li jiżgura li l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru jkunu mfassla, mistħarrġa u vvalidati kif xieraq qabel ma jitnedew u jintużaw mill-inġenji tal-ajru;
- (7) “sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS)” tfisser sistema tal-inġenji tal-ajru bbażata fuq sinjali ta' transponder tar-radar ta' sorveljanza sekondarju (SSR) li topera indipendentement mit-tagħmir ibbażat fuq l-art sabiex tipprovdi pariri lill-bdot dwar inġenji tal-ajru li potenzjalment jista' jkollu kunflitt magħhom u li jkunu mgħammra bi transponders SSR;
- (8) “entità li toriġina *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika” tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata responsabbli għall-orġinar ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika użata bħala sors għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika. Dawn l-entitajiet ma jinkludux fornituri ta' ATM/ANS imsemmija fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u l-ajrudromi definiti fil-punt (1)(e) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1139;

**▼M7**

- (9) “Interrogatur Mode S” tfisser sistema, magħmula mill-antenna u mill-elettronika, li tappoġġa l-indirizzar tal-inġenju tal-ajru individwali permezz tal-Mode Select, (“Mode S”);
- (10) “interrogatur eliġibbli Mode S” tfisser interrogatur Mode S li jissodisfa tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-interrogatur jibbaża, tal-inqas parzjalment, fuq l-interrogazzjonijiet tas-sejħiet kollha Mode S u t-tweġibiet għall-akkwist tal-miri Mode S;
  - (b) l-interrogatur jimblokka l-miri Mode S akkwistati bħala tweġiba għall-interrogazzjonijiet tas-sejħiet kollha Mode S b'mod permanenti jew b'mod intermittenti, parzjalment jew totalment tal-kopertura tagħhom; jew
  - (c) l-interrogatur juża protokoll ta' komunikazzjoni multisit għall-applikazzjonijiet tal-kollegamenti tad-*data*;

**▼M7**

- (11) “operatur Mode S” tfisser persuna, organizzazzjoni jew intrapriża li tħaddem jew li toffri li tħaddem interrogatur Mode S, inkluż:
- (a) fornituri ta’ servizzi tas-sorveljanza;
  - (b) manifatturi tal-interrogaturi Mode S;
  - (c) operaturi tal-ajrudrom;
  - (d) stabbilimenti ta’ riċerka;
  - (e) kwalunkwe entità oħra li għandha l-permess tħaddem interrogatur Mode S;
- (12) “interferenza dannuża” tfisser interferenza li tipprevjeni li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta’ prestazzjoni;
- (13) “pjan ta’ allokazzzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur” tfisser sett sħiħ approvat l-aktar reċentement ta’ allokazzzjonijiet ta’ kodiċi tal-interrogatur.

**▼B***Artikolu 3***▼M1****Provista ta’ ATM/ANS u disinn ta’ strutturi tal-ispazju tal-ajru**

- (1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti ATM/ANS xierqa u li l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru jitfasslu skont dan ir-Regolament b’mod li jiffaċilita t-traffiku tal-ajru ġenerali, filwaqt li jqisu l-kunsiderazzjonijiet marbutin mas-sikurezza, ir-rekwiżiti tat-traffiku u l-impatt ambjentali.

**▼B**

- (2) Meta l-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet oħrajn li jikkomplimentaw dan ir-Regolament fuq kwalunkwe kwistjoni li jiddeċiedi fuqha Stat Membru skont dan ir-Regolament, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom isegwu l-istandards u l-prattiki rakkomandati stabbiliti mill-Konvenzjoni ta’ Chicago. Meta jintużaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta’ Chicago, minbarra li jinnotifikaw lill-Organizzazzjoni fl-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (“l-Aġenzija”) b’ġustifikazzjoni valida mhux iktar tard minn xahrejn wara li jkun għew adottati d-dispożizzjonijiet addizzjonali.

- (3) B’konformità mal-Konvenzjoni ta’ Chicago, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw dawk id-dispożizzjonijiet addizzjonali permezz tal-pubblikazzjonijiet ta’ informazzjoni ajrunawtika tagħhom.

- (4) Meta Stat Membru jiddeċiedi li jorganizza l-forniment ta’ servizzi speċifiċi tat-traffiku tal-ajru f’ambjent kompetittiv, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżgura li l-fornituri ta’ dawk is-servizzi la jkollhom imġiba li jkollha bħala l-oġettiv jew l-effett tagħha l-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, u lanqas ma jkollhom imġiba li twassal għal abbuż minn pożizzjoni dominanti skont il-liġi nazzjonali u l-liġi tal-Unjoni applikabbli.

▼ **M1**

(5) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) entitajiet li joriġinaw *data* ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti:

(i) fil-punt ATM/ANS.OR.A.085 tal-Anness III, ħlief dawk fil-punti (c), (d), (f)(1) u (i) tiegħu;

(ii) fil-punt ATM/ANS.OR.A.090 tal-Anness III;

(b) id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika jiġu oriġinati, ipproċessati u trażmessi minn persunal imħarreġ, kompetenti u awtorizzat b'mod xieraq.

Meta d-*data* ajrunawtika jew l-informazzjoni ajrunawtika tkun maħsuba biex tintuża għal skopijiet ta' titjiriet IFR jew titjiriet VFR speċjali, ir-rekwiżiti msemmija fl-ittri (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-entitajiet kollha li joriġinaw tali *data* u informazzjoni.

(6) Meta jiġi ddeterminat li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru jridu jiġu pprovduti f'porzjonijiet partikolari tal-ispazju tal-ajru jew f'ajrudromi partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-porzjonijiet tal-ispazju tal-ajru jew dawk l-ajrudromi jkunu speċifikati b'rabta mas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jridu jiġu pprovduti.

▼ **M7**

(6a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu ta' trażmettitur ibbażat fuq l-art operat fit-territorju tagħhom ma jgħolqx interferenza dannuża fuq sistemi ta' sorveljanza oħra.

▼ **M1**

(7) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa bejn il-fornituri tal-ATM/ANS u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru rilevanti għall-koordinazzjoni adegwata tal-attivitajiet u tas-servizzi pprovduti kif ukoll għall-iskambju tad-*data* u tal-informazzjoni rilevanti.

(8) L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-persuni jew l-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għad-disinn ta' strutturi tal-ispazju tal-ajru u għandhom jiżguraw li dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 1 tal-Anness XI (Parti-FPD).

(9) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu l-manutenzjoni u r-reviżjoni perġodika tal-proċeduri tat-titjiriet għall-ajrudromi u l-ispazji tal-ajru taħt l-awtorità tagħhom. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-persuni jew l-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għal dawk il-kompiti u għandhom jiżguraw li l-persuni jew l-organizzazzjonijiet ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (k) tal-Artikolu 6.

*Artikolu 3a***Determinazzjoni tal-ħtieġa għall-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru**

(1) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-ħtieġa għall-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru billi jqisu l-fatturi kollha li ġejjin:

(a) it-tipi ta' traffiku tal-ajru involuti;

▼ **M1**

- (b) id-densità tat-traffiku tal-ajru;
  - (c) il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi;
  - (d) fatturi rilevanti oħra relatati mal-oġġettivi tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru definiti fil-punt ATS.TR.100 tal-Anness IV.
- (2) Filwaqt li jiddeterminaw il-ħtieġa għall-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, l-Istati Membri m'għandhomx iqisu l-ġarr ta' sistemi għall-evitar ta' kollizzjonijiet fl-ajru mill-inġenji tal-ajru.

*Artikolu 3b***Koordinazzjoni bejn l-unitajiet militari u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2150/2005, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri speċjali sabiex:

- (a) il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jiġu nnotifikati jekk unità militari tosserva li inġenju tal-ajru, li jkun, jew jista' jkun, inġenju tal-ajru ċivili, ikun qed javviċina, jew daħal fi, kwalunkwe żona li fiha jista' jkun hemm bżonn li ssir interċettazzjoni;
- (b) il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jikkonferma f'koordinazzjoni mill-qrib mal-unità militari l-identità tal-inġenju tal-ajru u jipprovdi l-gwida navigazzjonali neċessarja sabiex jevita l-bżonn ta' interċettazzjoni.

*Artikolu 3c***Koordinazzjoni ta' operazzjonijiet tal-ajru potenzjalment perikolużi għall-avjazzjoni ċivili**

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li operazzjonijiet potenzjalment perikolużi għall-inġenji tal-ajru ċivili fuq it-territorju jkunu koordinati, inkluż fuq l-ibħra internazzjonali, f'każ li l-awtorità kompetenti tkun aċċettat, skont Ftehim dwar in-Navigazzjoni bl-Ajru Reġjonali tal-ICAO, ir-responsabbiltà li ttipprovi servizzi tat-traffiku tal-ajru fi ħdan l-ispazju tal-ajru kkonċernat. Il-koordinazzjoni għandha sseħħ minn kmieni biżżejjed sabiex l-informazzjoni rigward dawk l-attivitajiet tkun tista' titwassal b'mod puntwali.

(2) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti għat-twassil ta' informazzjoni rigward l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3d***Frekwenza ta' emerġenza bi Frekwenza għolja ħafna (VHF)**

(1) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frekwenza ta' emerġenza b'VHF (121,500 MHz) tintuża biss għal skopijiet ta' emerġenza ġenwini speċifikati fil-punt ATS.OR.405(a) tal-Anness IV.

(2) F'sitwazzjonijiet ta' eċċezzjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu tal-frekwenza ta' emerġenza b'VHF imsemmija fil-paragrafu 1 għal finijiet oħra għajr dawk speċifikati fil-punt ATS.OR.405(a) tal-Anness IV, jekk dawk ikunu limitati sa fejn ikun neċessarju sabiex jiksbu l-għan tagħhom u sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-inġenji tal-ajru f'diffikultà jew f'sitwazzjoni ta' emerġenza u fuq l-operazzjonijiet tal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

▼ **M7***Artikolu 3e***Allokazzjoni tal-kodiċijiet tal-interrogatur Mode S**

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bidliet fl-alkazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur li jirriżultaw minn aġġornament fil-pjan ta' allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur jiġu kkomunikati lill-operaturi Mode S rilevanti taħt l-awtorità tagħhom fi żmien 14-il jum kalendarju mill-jum li fih jirċievu l-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur aġġornat.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Istati Membri l-oħra tal-inqas kull 6 xhur permezz tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur, reġistru aġġornat tal-alkazzjoni u tal-użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur mill-interrogaturi eliġibbli Mode S fiż-żona ta' responsabbiltà tagħhom.

(3) Meta jkun hemm trikkib bejn il-kopertura ta' interrogatur Mode S li jinsab fiż-żona ta' responsabbiltà ta' Stat Membru u l-kopertura ta' interrogatur Mode S li jinsab fiż-żona ta' responsabbiltà ta' pajjiż terz, l-Istat Membru kkonċernat għandu:

(a) jiżgura li l-pajjiż terz huwa infurmat dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza relatati mal-alkazzjoni u mal-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur;

(b) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkoordina l-użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur mal-pajjiż terz partikolari.

(4) Stat Membru għandu jinnotifika lill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu dwar l-interrogaturi Mode S li joperaw taħt ir-responsabbiltà ta' pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet ikkoordinata l-alkazzjoni tal-kodiċijiet tal-interrogatur Mode S.

(5) L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-validità tal-applikazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur riċevuti mill-operaturi Mode S qabel ma jagħmlu disponibbli l-kodiċijiet tal-interrogatur permezz tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċijiet tal-interrogatur għall-kordinazzjoni kif stipulat fil-punt 15 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 <sup>(1)</sup>.

(6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi Mode S, minbarra l-fornituri tas-servizzi ta' sorveljanza, jikkonformaw mal-punt CNS.TR.205 fl-Anness VIII.

(7) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ma għandhomx japplikaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew li ma huwiex parti mir-reġjun Ewropew (EUR) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1).

▼ **M7***Artikolu 3f***Użu tal-ispazju tal-ajru uniku Ewropew**

(1) Fil-kuntest tal-protezzjoni tal-ispettru, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-transponders tar-radars sekondarji ta' sorveljanza abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru li jkun qed itir fuq Stat Membru ma jkunux soġġetti għal interrogazzjonijiet eċċessivi trażmessi mill-interrogaturi tas-sorveljanza bbażati fuq l-art u li jew jesiġu tweġiba jew jekk ma jesiġux tweġiba jkunu qawwijin biżżejjed biex jaqbżu l-livell minimu tal-limitu tar-riċevitur tat-transponder tar-radar sekondarju ta' sorveljanza. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri rigward il-miżuri meħtieġa, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iressqu l-kwistjoni lill-Kummissjoni għal azzjoni.

(2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assenjazzjonijiet kollha tal-frekwenza tal-vuċi jiġu kkonvertiti għal spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz. Ir-rekwiżiti tal-konverżjoni ma għandhomx japplikaw għal assenjazzjonijiet ta' frekwenzi:

(a) li se jibqgħu fi spazjar bejn il-kanali ta' 25 kHz f'dawn il-frekwenzi:

- (1) il-frekwenza ta' emerġenza (121,5 MHz);
- (2) il-frekwenza awżiljarja għall-operazzjonijiet ta' tfittxija u salva-tagħ (123,1 MHz);
- (3) il-frekwenzi tal-kollegament diġitali tal-komunikazzjoni (VDL) li għandhom jintużaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew;
- (4) il-frekwenzi tas-sistema ta' indirizzar u ta' rapportar tal-komunikazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru (ACARS) (131,525 MHz, 131,725 MHz u 131,825 MHz);

(b) meta tintuża operazzjoni ta' offset carrier fi spazjar tal-kanali ta' 25 kHz.

(3) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 la għandhom japplikaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew li ma huwiex parti mir-Reġjun ta' EUR tal-ICAO u lanqas fir-Reġjun tal-Informazzjoni dwar it-Titjir tal-Kanarji (FIR)/fir-Reġjun Ogħla ta' Informazzjoni dwar Titjir (UIR).

(4) L-eżenzjonijiet mill-obbligu li jiġi żgurat li l-assenjazzjonijiet kollha tal-frekwenza jiġu kkonvertiti għal spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz għal każijiet li għandhom impatt limitat fuq in-network mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1079/2012 li ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni għandhom jibqgħu validi.

(5) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw fil-pubblikazzjonijiet nazzjonali ta' informazzjoni ajrunawtika, meta applikabbli, il-proċeduri għall-immaniġġar tal-inġenji tal-ajru li ma humiex mġhamra bi:

(a) transponders Mode-S tar-radar sekondarju ta' sorveljanza;

(b) radji li għandhom il-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz.



#### Artikolu 4

#### **Awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar**

(1) L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati lill-fornituri ta' servizz għar-rikonossiment ta' riċevuta ta' dikjarazzjonijiet li jsiru mill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-tajran imsemmija fl-Artikolu 7 fejn rilevanti, u għas-sorveljanza u l-infurzar fir-rispett ta' forniture ta' servizzi għandha tkun l-awtorità supervizzorja nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, tal-Istat Membru fejn il-persuna ġuridika jew fiżika li tkun qiegħda tapplika għaċ-ċertifikat jew li tkun qiegħda tagħmel id-dikjarazzjoni għandha l-post tal-operat ewlieni tagħha jew, jekk hu l-każ fejn għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, sakemm l-Aġenzija ma tkunx l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-fornituri ta' servizzi tad-data u l-Maniġer tan-Netzwerk għandhom jitqiesu li huma forniture ta' servizzi pan-Ewropej li fir-rigward tagħhom, b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Aġenzija hija l-awtorità kompetenti.

(2) L-awtoritajiet kompetenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.

(3) Meta wieħed mill-forniture tas-servizzi kkonċernati jkun organizzazzjoni li fir-rigward tagħha l-Aġenzija hija l-awtorità kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoordinaw mal-Aġenzija sabiex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fil-punti (1), (2) u (3) tal-punt ATM/ANS.AR.A.005 tal-Anness II fejn, inkella:

(a) il-forniture ta' servizzi jipprovdu servizzi fir-rigward ta' blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali (FABs) li jestendu tul l-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' iktar minn Stat Membru wieħed, kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;

(b) meta l-forniture ta' servizzi jipprovdu servizzi transfruntiera tan-navigazzjoni bl-ajru kif imsemmi fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

(4) Meta Stat Membru jkun innomina jew stabbilixxa iktar minn awtorità kompetenti waħda skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 jew kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) sa (6) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 sabiex jeżerċitaw il-kompiti ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar skont dan ir-Regolament, huwa għandu jiżgura li l-oqsma ta' kompetenza ta' kull waħda minn dawk l-awtoritajiet huma definiti biċ-ċar, b'mod partikolari f'termini ta' responsabbiltajiet u limitazzjoni ġeografika u tal-ispazju tal-ajru. F'dan il-każ, dawk l-awtoritajiet għandhom jistabbilixxu l-koordinazzjoni bejniethom, fuq il-bażi ta' arranġamenti bil-miktub, sabiex jiżguraw sorveljanza u infurzar effettivi fir-rigward tal-forniture kollha ta' servizzi li lilhom ħarġulhom ċertifikati jew, fejn rilevanti, li għamlulhom dikjarazzjonijiet.

(5) Meta jeżerċitaw il-kompiti tagħhom ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe furnitur ta' servizzi. Dik l-indipendenza għandha tiġi żgurata minn separazzjoni adegwata, tal-anqas fil-livell funzjonali, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-forniture ta' servizzi. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.

(6) L-Istati Membri u, meta l-Aġenzija tkun l-awtorità kompetenti, il-Kummissjoni, għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jippermettux li l-persunal tagħhom ikun involut fl-eżerċizzju tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar ta' dik l-awtorità

**▼B**

skont dan ir-Regolament, meta jkun hemm indikazzjonijiet li t-tali involviment jista' jirriżulta, b'mod dirett jew indirett, f'kunflitt ta' interess, b'mod partikolari b'rabta ma' interessi familjari jew finanzjarji.

(7) L-Aġenzija għandha żżomm bażi tad-data tad-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u kwalunkwe bidliet sussegwenti fihom.

(8) L-Istati Membri u, meta l-Aġenzija tkun l-awtorità kompetenti, il-Kummissjoni, għandhom jistabbilixxu r-riżorsi u l-kapaċitajiet neċessarji meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jeżerċitaw dawk il-kompiti, b'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, filwaqt li jqisu l-fatturi rilevanti kollha, inkluża valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi sabiex jiġu stabbiliti r-riżorsi meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 5***Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti riferuti fl-Artikolu 4**

(1) Meta jkunu meħtieġa jagħmlu dan sabiex jeżerċitaw il-kompiti tagħhom ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa li:

- (a) jitolbu lill-fornituri ta' servizzi soġġetti għas-sorveljanza tagħhom, jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha;
- (b) jitolbu lil kwalunkwe rappreżentant, maniġer jew membru ieħor tal-persunal ta' dawk il-fornituri ta' servizzi jipprovdu spjegazzjonijiet orali dwar kwalunkwe fatt, dokument, oġġett, proċedura jew kwistjoni oħra rilevanti għas-sorveljanza tal-fornitur tas-servizzi;
- (c) jidħlu fi kwalunkwe bini u art, inklużi siti operazzjonali, u mezzi ta' trasport ta' dawk il-fornituri ta' servizzi;
- (d) jeżaminaw, jikkupjaw jew jieħdu siltiet minn kwalunkwe dokument, rekord jew data li jkollhom dawk il-fornituri ta' servizzi jew li jkollhom aċċess għalihom, ikun xi jkun il-mezz li fuqu tkun maħżuna l-informazzjoni inkwistjoni;
- (e) iwettqu awditi, valutazzjonijiet, investigazzjonijiet u spezzjonijiet ta' dawk il-fornituri ta' servizzi.

(2) Meta jkunu meħtieġa jagħmlu dan sabiex jeżerċitaw il-kompiti tagħhom ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa wkoll li jeżerċitaw is-setgħat stipulati fil-paragrafu 1 b'rabta mal-organizzazzjonijiet ikkuntrattati soġġetti għas-sorveljanza tal-fornituri ta' servizzi, kif imsemmi fil-punt ATM/ANS.OR.B.015 tal-Anness III.

**▼B**

(3) Is-setgħat ipprovduti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn iseħħu l-attivitajiet inkwistjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ħtieġa li jiġi żgurat eżerċitar effettiv ta' dawk is-setgħat u tad-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-fornitur ta' servizzi u kwalunkwe persuna terza kkonċernata, u b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Meta b'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat sabiex l-awtoritajiet jidħlu fil-bini, fl-art jew fil-mezz ta' trasport kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, is-setgħat relatati għandhom jiġu eżerċitati biss wara li tkun inkisbet awtorizzazzjoni bil-quddiem bħal din.

Meta teżerċita s-setgħat pprovduti fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-membri tal-persunal tagħha u, fejn rilevanti, kwalunkwe esperti ieħor li jieħu sehem fl-attivitajiet inkwistjoni, ikunu awtorizzati kif xieraq.

(4) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu jew iniedu kwalunkwe miżura ta' infurzar xierqa neċessarja sabiex jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi li jkunu ħarġulhom ċertifikat jew, fejn rilevanti, li għamlulhom dikjarazzjoni jikkonformaw u jkomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6***Fornituri ta' servizzi**

Il-fornituri ta' servizzi għandhom jingħataw ċertifikat u jkunu intitolati sabiex jeżerċitaw il-privileġġi mogħtijin fi ħdan l-ambitu ta' dak iċ-ċertifikat, meta jikkonformaw u jkomplu jikkonformaw, minbarra r-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) għall-fornituri kollha tas-servizz, ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR), is-Subpartijiet A u B, u fl-Anness XIII (Parti-PERS);
- (b) għall-fornituri ta' servizzi għajr il-fornituri ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru ("ATS"), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR), Subparti C;
- (c) għall-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANS"), għall-fornituri tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") u għall-Maniġer tan-Netzwerk, apparti r-rekwiżiti tal-punti (a), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR), Subparti D;

**▼M1**

- (d) għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a) u (c), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV (Parti-ATS) u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 923/2012;

**▼B**

- (e) għall-fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi ("MET"), apparti r-rekwiżiti tal-punti (a), (b) u (c), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V (Parti-MET);
- (f) għall-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika ("AIS"), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a), (b) u (c), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VI (Parti-AIS);

**▼B**

- (g) għall-fornituri ta' servizzi tad-data (“DAT”), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a) u (b), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VII (Parti-DAT);
- (h) għall-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni jew tas-sorveljanza (“CNS”), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a), (b) u (c) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VIII (Parti-CNS);
- (i) għall-fornituri tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (“ATFM”), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a), (b) u (c), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IX (Parti-ATFM);
- (j) għall-fornituri ta' ġestjoni tal-ispazju tal-ajru (“ASM”), minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a) u (b), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness X (Parti-ASM);

**▼M1**

- (k) għall-fornituri tas-servizzi ta' disinn tal-proċeduri tat-titjiriet, minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a) u (b), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XI (Parti-FPD);

**▼B**

- (l) għall-Maniġer tan-Netwerk, minbarra r-rekwiżiti tal-punti (a), (b) u (c), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XII (Parti-NM);

*Artikolu 7***Dikjarazzjoni mill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjiriet**

Meta l-Istati Membri jippermettu lill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjiriet sabiex jiddikjaraw il-kapaċità u l-mezzi tagħhom ta' rilaxx tar-responsabbiltajiet assoċjati mas-servizzi pprovduti skont l-Artikolu 8b(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, daww il-fornituri għandhom jissodisfaw, minbarra r-rekwiżiti msemmin fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ir-rekwiżiti stabbiliti f'ATM/ANS.OR.A.015 fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 8***Ċertifikati eżistenti**

(1) Iċ-ċertifikati li ħarġu skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 għandhom jittqiesu li nħarġu b'konformità ma' dan ir-Regolament.

(2) L-Istati Membri għandhom jibdlu iċ-ċertifikati msemmin fil-paragrafu 1 b'ċertifikati konformi mal-format stipulat fl-Appendiċi 1 tal-Anness II sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2021.

*Artikolu 9***Tħassir u emenda**

(1) Ir-Regolamenti (KE) Nru 482/2008, u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011 u (UE) Nru 1035/2011 jitħassru.

**▼B**

- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1377 jitħassar.
- (3) Jitħassru l-Artikoli 12 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 677/2011 u l-Anness VI ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 10***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mit-2 ta' Jannar 2020.

Iżda,

- (1) l-Artikolu 9(2) għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (2) fir-rigward tal-Aġenzija, l-Artikolu 4(1), (2), (5), (6) u (8) u l-Artikolu 5 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (3) fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi tad-data, l-Artikolu 6 għandu japplika f'kull każ mill-1 ta' Jannar 2019 u fejn tali fornitur japplika għal u jingħata ċertifikat skont l-Artikolu 6, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼B***ANNEX I***▼M1**

## WERREJ

|               |                                                                                                                                                |
|---------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ANNEX I       | DEFINIZZJONIJIET TAT-TERMINI UŻATI<br>FL-ANNESI II sa XIII (Parti-DEFINIZZJONIJIET)                                                            |
| ANNEX II      | REKWIŻITI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI<br>— IS-SORVELJANZA TA' SERVIZZI U FUNZJONI-<br>JIET OĦRAJN TAN-NETWERK TAL-ATM (Parti-<br>ATM/ANS.AR) |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ĠENERALI (ATM/ANS.AR.A)                                                                                                              |
| SUBPARTI B —  | ĠESTJONI (ATM/ANS.AR.B)                                                                                                                        |
| SUBPARTI C —  | SUPERVIŻJONI, ĊERTIFIKAZZJONI U INFURZAR<br>(ATM/ANS.AR.C)                                                                                     |
| Appendiċi 1 — | ĊERTIFIKAT GĦALL-FORNITUR TA' SERVIZZ                                                                                                          |
| ANNEX III     | REKWIŻITI KOMUNI GĦAL FORNITURI TA'<br>SERVIZZI (Parti-ATM/ANS.OR)                                                                             |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ĠENERALI (ATM/ANS.OR.A)                                                                                                              |
| SUBPARTI B —  | ĠESTJONI (ATM/ANS.OR.B)                                                                                                                        |
| SUBPARTI C —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI SPEĊIFIĊI<br>GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI GĦAJR FORNI-<br>TURI TAL-ATS (ATM/ANS.OR.C)                              |
| SUBPARTI D —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI SPEĊIFIĊI<br>GĦAL FORNITURI TA' ANS U ATFM U<br>L-MANIĠER TAN-NETWERK (ATM/ANS.OR.D)                               |
| Appendiċi 1 — | KATALOGU TA' <i>DATA</i> AJRUNAWTIKA                                                                                                           |
| ANNEX IV —    | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA'<br>SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (Parti-ATS)                                                          |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ADDIZZJONALI<br>TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI<br>TAS-SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU<br>(ATS.OR)                                |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                             |
| SEZZJONI 2 —  | SIKUREZZA TAS-SERVIZZI                                                                                                                         |
| SEZZJONI 3 —  | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TAL-FATTURI UMANI<br>GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI<br>TAL-KONTROLL TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU                                    |
| SEZZJONI 4 —  | REKWIŻITI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI                                                                                                                 |
| SEZZJONI 5 —  | REKWIŻITI GĦALL-INFORMAZZJONI                                                                                                                  |
| SUBPARTI B —  | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA'<br>SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATS.TR)                                                               |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                             |
| SEZZJONI 2 —  | SERVIZZ TA' KONTROLL TAT-TRAFFIKU<br>TAL-AJRU                                                                                                  |
| SEZZJONI 3 —  | SERVIZZ TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TITJIR                                                                                                       |
| SEZZJONI 4 —  | SERVIZZ TA' TWISSIJA                                                                                                                           |

▼ **M1**

|               |                                                                                                                                                                                       |
|---------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Appendiċi 1   | Identifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru individwali bl-użu tal-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru b'konnessjoni dikkendentali kif meħtieġ mill-punt ATS.OR.446(b) |
| Appendiċi 2   | Proċessi li għandhom jiġu implimentati għall-koordinazzjoni awtomatizzata kif meħtieġ mill-punt ATS.TR.230(c)                                                                         |
| ANNEX V       | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI METEOROLOĠIĊI (Parti-MET)                                                                                                            |
| SUBPART A —   | REKWIŻITI ADDIZZJONALI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI METEOROLOĠIĊI (MET.OR)                                                                                        |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                                                                    |
| SEZZJONI 2 —  | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI                                                                                                                                                                   |
| Kapitolu 1 —  | Rekwiżiti għal stazzjonijiet meteoroloġiċi ajrunawtiċi                                                                                                                                |
| Kapitolu 2 —  | Rekwiżiti għal uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi                                                                                                                                   |
| Kapitolu 3 —  | Rekwiżiti għal uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika                                                                                                                               |
| Kapitolu 4 —  | Rekwiżiti għal ċentri konsultattivi dwar l-irmied volkaniku (VAACs)                                                                                                                   |
| Kapitolu 5 —  | Rekwiżiti għal ċentri konsultattivi dwar iċ-ċikluni tropikali (TCACs)                                                                                                                 |
| Kapitolu 6 —  | Rekwiżiti għal ċentri tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja (WAFCS)                                                                                                                   |
| SUBPARTI B —  | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI METEOROLOĠIĊI (MET.TR)                                                                                                                 |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                                                                    |
| SEZZJONI 2 —  | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI                                                                                                                                                                   |
| Kapitolu 1 —  | Rekwiżiti tekniċi għal stazzjonijiet meteoroloġiċi ajrunawtiċi                                                                                                                        |
| Kapitolu 2 —  | Rekwiżiti tekniċi għal uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi                                                                                                                           |
| Kapitolu 3 —  | Rekwiżiti tekniċi għal uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika                                                                                                                       |
| Kapitolu 4 —  | Rekwiżiti tekniċi għal ċentri konsultattivi dwar l-irmied volkaniku (VAACs)                                                                                                           |
| Kapitolu 5 —  | Rekwiżiti tekniċi għal ċentri konsultattivi dwar iċ-ċikluni tropikali (TCACs)                                                                                                         |
| Kapitolu 6 —  | Rekwiżiti tekniċi għal ċentri tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja (WAFCS)                                                                                                           |
| Appendiċi 1 — | Mudell għall-METAR                                                                                                                                                                    |
| Appendiċi 2 — | Żoni fissi ta' kopertura tat-tbassiriet WAFS fil-forma ta' ċart                                                                                                                       |
| Appendiċi 3 — | Mudell għat-TAF                                                                                                                                                                       |
| Appendiċi 4 — | Mudell għal twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ                                                                                                                                       |
| Appendiċi 5   | Mudell għall-messaġġi SIGMET u AIRMET u ajrurapporti speċjali (uplink)                                                                                                                |
| Appendiċi 6 — | Mudell għan-notifika dwar l-irmied volkaniku                                                                                                                                          |
| Appendiċi 7 — | Mudell għan-notifika dwar iċ-ċikluni tropikali                                                                                                                                        |

▼ **M1**

|               |                                                                                                                                                                                                                          |
|---------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Appendiċi 8 — | Il-meded u r-riżoluzzjonijiet għall-elementi numeriċi inklużi f'notifika dwar irmied volkaniku, f'notifika dwar ċikluni tropikali, f'SIGMET, f'AIRMET u fi twissija tal-ajrudromi u fi twissija dwar il-gradjent tar-riħ |
| ANNEX VI      | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (Parti-AIS)                                                                                                                               |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIS.OR)                                                                                                             |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                                                                                                       |
| SEZZJONI 2 —  | ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAD-DATA                                                                                                                                                                                            |
| SEZZJONI 3 —  | PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA                                                                                                                                                                                   |
| Kapitolu 1 —  | Informazzjoni ajrunawtika fi preżentazzjoni standardizzata                                                                                                                                                               |
| Kapitolu 2 —  | Settijiet ta' data diġitali                                                                                                                                                                                              |
| SEZZJONI 4 —  | SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI U TA' INFORMAZZJONI TA' QABEL IT-TITJIRA                                                                                                                                                     |
| SEZZJONI 5 —  | AĠĠORNAMENTI TA' PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA                                                                                                                                                                  |
| SEZZJONI 6 —  | REKWIŻITI TAL-PERSUNAL                                                                                                                                                                                                   |
| SUBPART B —   | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIS.TR)                                                                                                                                    |
| SEZZJONI 2 —  | ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAD-DATA                                                                                                                                                                                            |
| SEZZJONI 3 —  | PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA                                                                                                                                                                                   |
| Kapitolu 1 —  | Informazzjoni ajrunawtika fi preżentazzjoni standardizzata                                                                                                                                                               |
| Kapitolu 2 —  | Settijiet ta' data diġitali                                                                                                                                                                                              |
| SEZZJONI 4 —  | SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI U TA' INFORMAZZJONI TA' QABEL IT-TITJIRA                                                                                                                                                     |
| SEZZJONI 5 —  | AĠĠORNAMENTI TA' PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA                                                                                                                                                                  |
| Appendiċi 1 — | KONTENUT TAL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIP)                                                                                                                                                          |
| Appendiċi 2 — | FORMAT NOTAM                                                                                                                                                                                                             |
| Appendiċi 3 — | FORMAT SNOWTAM                                                                                                                                                                                                           |
| Appendiċi 4 — | FORMAT ASHTAM                                                                                                                                                                                                            |
| ANNEX VII —   | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA (Parti-DAT)                                                                                                                                                    |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ADDIZZJONALI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA (DAT.OR)                                                                                                                                |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                                                                                                       |
| SEZZJONI 2 —  | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI                                                                                                                                                                                                      |
| SUBPARTI B —  | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA (DAT.TR)                                                                                                                                                         |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                                                                                                                       |

▼ **M1**

|               |                                                                                                                                 |
|---------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ANNEX VIII —  | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA (Parti-CNS)                   |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA (CNS.OR) |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| SUBPARTI B —  | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA (CNS.TR)                        |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| TAQSIMA 2 —   | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' SORVELJANZA                                                                  |
| ANNEX IX —    | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-FLUSS TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (Parti-ATFM)                                   |
|               | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-FLUSS TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATFM.TR)                                        |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| ANNEX X —     | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-ISPAZZJU TAL-AJRU (Parti-ASM)                                              |
|               | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-ISPAZZJU TAL-AJRU (ASM.TR)                                                   |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| ANNEX XI —    | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA (Parti-FPD)                               |
| SUBPARTI A —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA (FPD.OR)             |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| SUBPARTI B —  | REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA (FPD.TR)             |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| Appendiċi 1 — | REKWIŻITI GĦALL-ISTRUTTURI TAL-ISPAZZJU TAL-AJRU U GĦALL-PROĊEDURI TAT-TITJIRIET LI JINSABU FIHOM                               |
| ANNEX XII —   | REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-MANIĠER TAN-NETWERK (Parti-NM)                                                                        |
|               | REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-MANIĠER TAN-NETWERK (NM.TR)                                                                             |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| TAQSIMA 2 —   | Rekwiżiti tekniċi għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (funzjonijiet tan-network)  |
| ANNEX XIII —  | REKWIŻITI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI RIGWARD IT-TAĦRIĠ TAL-PERSUNAL U L-VALUTAZZJONI TAL-KOMPETENZA (Parti-PERS)              |
| SUBPARTI A —  | PERSUNAL TAT-TAGĦMIR ELETTRONIKU TAS-SIKUREZZA TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU                                                            |
| SEZZJONI 1 —  | REKWIŻITI ĠENERALI                                                                                                              |
| SEZZJONI 2 —  | REKWIŻITI TA' TAĦRIĠ                                                                                                            |
| SEZZJONI 3 —  | REKWIŻITI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KOMPETENZA                                                                                       |

**▼M1**

## SEZZJONI 4 — REKWIŻITI TAL-GĦALLIEMA U ASSESSURI

- Appendiċi 1 — Taħriġ Bażiku — Kondiviż
- Appendiċi 2 — Taħriġ bażiku — Fluss
- Appendiċi 3 — Taħriġ ta' Kwalifika — Kondiviż
- Appendiċi 4 — Taħriġ ta' Kwalifika — Fluss

**▼B**

**DEFINIZZJONIJIET TAT-TERMINI UŻATI FL-ANNESSI II SA XIII**  
**(Parti-DEFINIZZJONIJIET)**

Għall-għanijiet tal-Annessi II sa IX, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC)” tfisser standards mhux vinkolanti adottati mill-Aġenzija sabiex juru l-mezzi li bihom tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta' implementazzjoni tiegħu;
2. “xogħol fl-ajru” tfisser operazzjoni ta' inġenji tal-ajru fejn inġenju tal-ajru jintuża għal servizzi speċjalizzati bħall-agrikoltura, il-konstruzzjoni, il-fotografija, l-istħarriġ, l-osservazzjoni u l-pattulja, it-tfittxija u s-salvataġġ jew ir-reklami fl-ajru;
3. “sommariju klimatologiku tal-ajrudrom” tfisser sommarju konċiż tal-elementi meteoroloġiċi speċifiċi f'ajrudrom, abbażi ta' data statistika;
4. “tabella klimatoloġika tal-ajrudrom” tfisser tabella li tipprovdi data statistika dwar l-okkorrenza osservata ta' element meteoroloġiku wieħed jew iktar f'ajrudrom;
5. “elevazzjoni tal-ajrudrom” tfisser l-elevazzjoni tal-ogħla punt tal-erja tal-inżul;

**▼M1**

6. “servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom (AFIS)” tfisser servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għat-traffiku tal-ajrudrom ipprovdut minn fornitur iddeżinjat tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;

**▼B**

7. “uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom” tfisser uffiċċju responsabbli għall-forniment ta' servizz meteoroloġiku għall-ajrudrom;
8. “twissija tal-ajrudrom” tfisser informazzjoni maħruġa minn uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom rigward l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jistgħu jħallu effett ħażin fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu fuq l-art, inklużi inġenji tal-ajru pparkjati u fuq il-faċilitajiet u s-servizzi tal-ajrudrom;
9. “data ajrunawtika” tfisser rappreżentazzjoni ta' fatti, kunċetti jew struzzjonijiet ajrunawtiċi f'għamla formalizzata adattata għall-komunikazzjoni, l-interpretazzjoni jew l-ipproċessar;
10. “bażi ta' data ajrunawtika” tfisser ġabra ta' data ajrunawtika organizzata u rranġata bħala sett ta' data strutturat, maħżun b'mod elettroniku fuq sistemi, li huwa validu għal perjodu ddedikat u jista' jiġi aġġornat.
11. “servizz ajrunawtiku fiss (AFS)” tfisser servizz tat-telekomunikazzjoni bejn punti fissi speċifiċi pprovduti qabelxejn għas-sikurezza u n-navigazzjoni bl-ajru u għall-operazzjoni regolari, effiċjenti u ekonomika tas-servizzi bl-ajru;
12. “network fiss tat-telekomunikazzjoni ajrunawtika (AFTN)” tfisser sistema dinjija ta' ċirkwiti fissi ajrunawtiċi pprovduti, bħala parti mill-AFS, għall-iskambju ta' messaġġi u/jew ta' data diġitali bejn stazzjonijiet ajrunawtiċi fissi li jkollhom l-istess karatteristiċi tal-komunikazzjoni kompatibbli;

**▼B**

13. “informazzjoni ajrunawtika” tfisser informazzjoni li tirriżulta mill-assemblaġġ, l-analiżi u l-ifformattjar tad-data ajrunawtika;
14. “data għall-immappjar tal-ajrudromi” tfisser id-data miġbura għall-fini ta' għbir tal-informazzjoni għall-immappjar tal-ajrudromi.
15. “bażi ta' data għall-immappjar tal-ajrudromi (AMDB)” tfisser ġabra tad-data għall-immappjar tal-ajrudromi organizzata u rranġata bħala sett ta' data strutturata.
16. “stazzjon meteoroloġiku ajrunawtika” tfisser stazzjon li jagħmel osservazzjonijiet u rapporti meteoroloġiċi għall-użu fin-navigazzjoni bl-ajru;
17. “rapport dwar l-ajru” tfisser rapport minn inġenju tal-ajru waqt titjira mħejji f'konformità mar-rekwiżiti għall-pożizzjoni, u r-rapportar operazzjonali u/jew meteoroloġiku;
18. “inġenju tal-ajru” tfisser kwalunkwe magna li tista' tikseb sostenn fl-atmosfera mir-reazzjonijiet tal-arja għajr ir-reazzjonijiet tal-arja ma' wiċċ id-dinja;

**▼M1**

19. “AIRMET” tfisser informazzjoni maħruġa minn uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika rigward l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta' fenomeni speċifikati tat-temp fir-rotta li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza ta' operazzjonijiet ta' livell baxx tal-inġenji tal-ajru u tal-iżvilupp ta' dawk il-fenomeni fil-ħin u fl-ispazju, u li ma kinitx diġà inkluża fit-tbassir maħruġ għal titjiriet ta' livell baxx fir-reġjun ta' informazzjoni dwar it-titjir ikkonċernat jew subżona tiegħu;

**▼B**

20. “persunal tal-apparati elettroniċi tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru (ATSEP)” tfisser kwalunkwe persunal awtorizzat li huwa kompetenti sabiex jopera, imantni, jirrilaxxa minn, u jirritorna f'operazzjonijiet apparati tas-sistema funzjonali;
21. “unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru” hija terminu ġeneriku li jfisser, skont il-każ, “unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru”, “ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir”, “unità ta' servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom” jew “uffiċċju tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru”;
22. “ajrudrom alternattiv” tfisser ajrudrom li jista' jipproċedi lejha inġenju tal-ajru meta jsir impossibbli jew mhux rakkomandabbli li jipproċedi lejha jew li jinżel fl-ajrudrom tal-inżul ipplanat meta jkunu disponibbli s-servizzi u l-faċilitajiet neċessarji, meta jkunu jistgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru u li jkun operazzjonali fil-ħin ta' użu mistenni;
23. “mezzi alternattivi ta' konformità (AltMOC)” tfisser dawk il-mezzi ta' konformità li jipproponu alternattiva għal AMC eżistenti, jew dawk li jipproponu mezzi ġodda sabiex tkun stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, li għaliha ma jkun għe adottat l-ebda AMC assoċjat mill-Aġenzija;
24. “altitudni” tfisser id-distanza vertikali ta' livell, ta' punt jew ta' oġġett meqjusin bħala punt, imkejjel mil-livell medju tal-baħar (MSL);
25. “ċentru ta' kontroll tal-erja (ACC)” tfisser unità stabbilita biex tipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil titjiriet ikkontrollati f'erjas ta' kontroll taħt il-ġurisdizzjoni tagħha;

**▼ B**

26. “tbassir tal-erja għal titjiriet ta' livell baxx” tfisser tbassir ta' fenomeni tat-temp għal reġjun ta' informazzjoni dwar it-titjir jew subżona tiegħu, maħruġ sabiex ikopri s-saff ta' taħt il-livell 100 tat-titjira (jew inqas mil-livell 150 tat-titjira f'żoni muntanjużi, jew oġhla, jekk ikun hemm bżonn);
27. “navigazzjoni tal-erja (RNAV)” tfisser metodu ta' navigazzjoni li jippermetti t-tħaddim ta' inġenji tal-ajru fi kwalunkwe rotta mixtieqa tat-titjira sa fejn ilaħħqu l-għajnuniet ta' navigazzjoni bbażati fuq l-art jew fl-ispazju jew fil-limiti tal-kapaċità ta' għajnuniet awtonomi, jew b'taħlita ta' dawn;
28. “argument” tfisser dikjarazzjoni li tkun sostnuta b'inferenzi minn korp ta' evidenza;
29. “ASHTAM” tfisser serje speċjali ta' NOTAM li jinnotifikaw permezz ta' format speċifiku ta' bidla fl-attività ta' vulkan, żbroff ta' vulkan u/jew sħaba ta' rmied volkaniku li hija ta' importanza għall-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru;
30. “Funzjonijiet tan-netwerk tal-ATM” tfisser il-funzjonijiet imwettqin mill-Maniġer tan-Netzwerk skont ir-Regolament (UE) Nru 677/2011;

**▼ M7**

- 30a. “tagħmir tal-ATM/ANS” tfisser kostitwenti tal-ATM/ANS kif definiti fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (UE) 2018/1139, u sistemi tal-ATM/ANS kif definiti fl-Artikolu 3(7) ta' dak ir-Regolament, esklużi kostitwenti li jinġarru fl-ajru, li huma soġġetti għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 <sup>(1)</sup>;

**▼ B**

31. “awditu” tfisser proċess sistematiku, indipendenti u ddokumentat sabiex tinkiseb evidenza u sabiex din tiġi evalwata b'mod oġġettiv sabiex jiġi deċiż sa fejn huma ssodisfati r-rekwiżiti;
32. “sors awtoritattiv” tfisser:
  - (a) Awtorità tal-Istat; jew
  - (b) organizzazzjoni li qabel kienet rikonoxxuta mill-awtorità tal-Istat li toriġina u/jew tippubblika data li tissodisfa r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-data (DQRs) kif speċifikat minn dak l-Istat;
33. “sistema ta' osservazzjoni awtomatika” tfisser sistema ta' osservazzjoni li tkejjel, tikseb u tirrapporta l-elementi meħtieġa kollha mingħajr interazzjoni umana;
34. “impriża tal-avjazzjoni” tfisser entità, persuna jew organizzazzjoni, għajr il-fornituri ta' servizzi rregolati minn dan ir-Regolament, li hija affettwata minn jew taffettwa servizz fornut minn fornitur ta' servizz;

**▼ M7**

- 34a. “konfini” tfisser pjani laterali jew vertikali li jiddelinja l-ispazju tal-ajru li fih, unità ATC tipprovdi servizzi tat-traffiku tal-ajru;

**▼ B**

35. “pawża” tfisser perjodu ta' żmien fil-perjodu tax-xogħol li fih kontrollur tat-traffiku tal-ajru mhuwiex meħtieġ li jaħdem, għal skopijiet ta' rkupru;
36. “applikazzjoni tal-inġenju tal-ajru ċċertifikata” tfisser applikazzjoni ta' softwer approvata mill-Aġenzija bħala parti mill-inġenju tal-ajru soġġett għall-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;

**▼ M4**

37. “sħaba ta' importanza operazzjonali” tfisser sħaba bl-għoli tal-bażi tas-sħab taħt 5 000 pied jew taħt l-oġhla altitudni minima tas-settur, liema minnhom ikun l-akbar, jew sħaba kumulonimbu (cumulonimbus) jew sħaba kumulu (cumulus) għolja fi kwalunkwe għoli;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1)

**▼ B**

38. “trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)” tfisser kwalunkwe operazzjoni tal-inġenju tal-ajru li tinvolvi t-trasport ta' passiġġieri, merkanzija jew posta bi ħlas jew kumpens ieħor ta' valur;

**▼ M5**

- 38a. “rotta tan-navigazzjoni konvenzjonali” tfisser rotta tal-ATS stabbilita b'referenza għall-għajnuniet tan-navigazzjoni fuq l-art;

**▼ B**

39. “erja ta' kontroll” tfisser spazju tal-ajru kontrollat li jestendi 'l fuq minn limitu speċifiku 'l fuq minn wiċċ id-dinja;

**▼ M7**

- 39a. “*data* ta' koordinazzjoni” tfisser *data* ta' interess għall-persunal operazzjonali b'rabta mal-proċess ta' notifika, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet u mal-proċess ta' koordinazzjoni ċivili-militari;

- 39b. “punt ta' koordinazzjoni” (COP) tfisser il-punt użat mill-unitajiet ATC fuq il-konfini jew imiss magħhom u msemmi fil-proċessi ta' koordinazzjoni;

**▼ B**

40. “stress minn inċident kritiku” tfisser il-manifestazzjoni ta' reazzjonijiet emozzjonali, fiżiċi u/jew fl-imġiba mhux tas-soltu u/jew estremi minn individwu wara li jseħħ avveniment jew inċident;

**▼ M7**

- 40a. “servizz ta' kollegament tad-*data*” tfisser sett ta' tranżazzjonijiet dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru li huma relatati, li huma appoġġati minn komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-*data* mill-ajru għall-art, u li għandhom għan operazzjonali definit b'mod ċar u li jibdwu u jintemmu f'avveniment operazzjonali;

**▼ B**

41. “kwalità tad-*data*” tfisser grad jew livell ta' kunfidenza li d-*data* pprovduta tissodisfa r-rekwiżiti tad-*data* tal-utent f'termini ta' preċiżjoni, riżoluzzjoni, integrità (jew livell ekwivalenti ta' garanzija), traċċabilità, puntwalità, komplettezza u format;

42. “rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* (DQRs)” tfisser speċifikazzjoni tal-karatteristiċi tad-*data* (jiġifieri preċiżjoni, riżoluzzjoni, integrità (jew livell ekwivalenti ta' garanzija), traċċabilità, puntwalità, komplettezza u format) sabiex jiġi żgurat li d-*data* hija kompatibbli mal-użu intiż tagħha;

43. “alternattiva ta' destinazzjoni” tfisser ajrudrom alternattiv li fih ikun jista' jinżel inġenju tal-ajru jekk isir impossibbli jew mhux rakkomandat li jinżel fl-ajrudrom tal-inżul maħsub;

44. “dmir” tfisser kwalunkwe kompitu li kontrollur tat-traffiku tal-ajru huwa meħtieġ iwettaq mill-fornitur ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku bl-ajru;

45. “perjodu ta' xogħol” tfisser perjodu li jibda meta kontrollur tat-traffiku tal-ajru jkun meħtieġ mill-fornitur tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li jirrapporta għal jew ikun disponibbli sabiex jibda x-xogħol u jintemm meta l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jkun lest minn xogħlu;

46. “elevazzjoni” tfisser id-distanza vertikali ta' punt jew livell, fuq jew b'rabta mal-wiċċ tad-dinja, imkejjet mil-livell medju tal-baħar;

**▼M7**

46a. “kodiċi eliġibbli tal-interrogatur” tfisser kull kodiċi fost il-kodiċijiet II u l-kodiċijiet SI, minbarra:

(a) il-kodiċi II 0;

(b) il-kodiċi(jiet) tal-interrogatur riservat(i) għall-entitajiet militari inkluż l-organizzazzjonijiet intergovernattivi u partikolarment għall-ġestjoni u l-allokkazzjoni tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana;

**▼B**

47. “alternattiv fir-rotta” tfisser ajrudrom alternattiv li fih ikun jista' jinżel inġenju tal-ajru f'każ li diverżjoni ssir neċessarja meta jkun fir-rotta;

**▼M7**

47a. “data stmata” tfisser il-punt ta' koordinazzjoni, il-ħin mistenni ta' ajruplan u l-altitudni mistennija tat-titjira fil-punt ta' koordinazzjoni;

**▼B**

48. “għeja” tfisser stat psikoloġiku ta' kapaċità ta' prestazzjoni mentali jew fiżika mnaqqsa li tirriżulta minn nuqqas ta' rqad jew dgħufija estiża, fażi ċirkadjana jew volum ta' xogħol (attività mentali jew fiżika, jew it-tnejn) li jista' jtellf il-prontezza ta' individwu u l-ħila tiegħu sabiex iwettaq xogħlu b'mod sikur;

49. “dokumentazzjoni tat-titjira” tfisser dokumenti, inklużi ċarts jew formoli, li fihom informazzjoni meteoroloġika għal titjira;

50. “ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir (FIC)” tfisser unità stabbilita sabiex tipprovdi servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir u servizz ta' twissija;

51. “reġjun ta' informazzjoni dwar titjir (FIR)” tfisser spazju tal-ajru b'dimensjonijiet iddefiniti li fihom ikunu pprovduti servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir u servizz ta' twissija;

52. “livell tat-titjira (FL)” tfisser superfiċje ta' pressjoni atmosferika kostanti li hija relatata ma' datum speċifiku ta' pressjoni, 1 013,2 hectopascals (hPa), u hija sseparata minn superfiċji oħrajn b'hal dawn b'intervalli speċifiċi ta' pressjoni;

53. “test tat-titjira” tfisser titjira għall-fażi ta' żvilupp ta' disinn ġdid (inġenji tal-ajru, sistemi ta' propulsjoni, partijiet u apparati)\*, titjira sabiex tintwera konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni jew mad-disinn ta' tip għal inġenji tal-ajru li jiġu mil-linja ta' produzzjoni, titjira maħsuba sabiex jiġu sperimentati kunċetti ta' disinn ġodda, li jeħtieġu manuvri jew profili mhux konvenzjonali li għalihom ikun possibbli li wieħed joħroġ mill-pakkett diġà approvat ta' inġenju tal-ajru, jew titjira ta' taħriġ biex jitwettqu waħda minn dawn it-titjiriet”;

54. “tbassir” tfisser sqarrija tal-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għal ħin jew perjodu speċifikat, u għal erja jew parti speċifikata tal-ispazju tal-ajru;

55. “tbassir għat-tluġh” tfisser tbassir għal perjodu speċifikat ta' żmien, imħejji minn uffiċċju meteoroloġiku ta' ajrudrom, li fih informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet mistennjin fuq il-kumplex tar-runways fir-rigward tad-direzzjoni tar-riħ qrib l-art u l-veloċità tar-riħ u kwalunkwe varjazzjoni fihom, it-temperatura, il-pressjoni (QNH) u kwalunkwe element ieħor miftiehem lokalment;

**▼B**

56. “sistema funzjonali” tfisser taħlita ta' proċeduri, riżorsi umani u tagħmir, inklużi hardwer u softwer, organizzati sabiex iwettqu funzjoni fi ħdan il-kuntest tal-ATM/ANS u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ATM;
57. “avjazzjoni ġenerali” tfisser kwalunkwe operazzjoni b'ingeni tal-ajru ċivili minbarra xogħol fl-ajru jew trasport kummerċjali bl-ajru;
58. “data tal-punt ta' grilja f'forma diġitali” tfisser data meteoroloġika pproċessata bil-kompjuter għal sett ta' punti b'intervalli regolari fuq ċart, għat-trażmissjoni minn kompjuuter meteoroloġiku lil kompjuuter ieħor f'forma ta' kodiċi xierqa għal użu awtomatizzat;
59. “materjal ta' gwida (GM)” tfisser materjal mhux vinkolanti żviluppat mill-Aġenzija li jgħin fit-tifsira ta' rekwiżit jew speċifikazzjoni, u li jintuża biex jgħin fl-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u l-AMC;
60. “tbassir globali fi grilja” tfisser tbassir ta' valuri mistennijin ta' elementi meteoroloġiċi fuq grilja globali b'riżoluzzjoni vertikali u orizzontali definita;
61. “periklu” tfisser kwalunkwe kundizzjoni, avveniment, jew ċirkustanza li jistgħu jikkawunaw effett ta' ħsara;
62. “għoli” tfisser id-distanza vertikali ta' livell, ta' punt jew ta' oġġett meqjus bħala punt, imkejjel minn datum speċifikat;

**▼M7**

- 62a. “sekwenza ta' implimentazzjoni” tfisser is-sekwenza marbuta biż-żmien tal-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kodiċijiet tal-interrogatur li l-operaturi ta' Mode S iridu jikkonformaw magħha biex jiġu evitati kunflitti temporanji tal-kodiċi tal-interrogatur;

**▼B**

63. “livell” tfisser terminu ġeneriku relatat mal-pożizzjoni vertikali ta' ingenu tal-ajru li qed itir u tista' tfisser l-għoli, l-altitudni jew il-livell tat-titjira;
64. “rapport ta' rutina lokali” tfisser rapport meteoroloġiku maħruġ f'intervalli ta' żmien fissi, maħsub biss għad-disseminazzjoni fl-ajrudrom ta' oriġini fejn saru l-osservazzjonijiet;
65. “rapport speċjali lokali” tfisser rapport meteoroloġiku maħruġ skont il-kriterji stabbiliti għal osservazzjonijiet speċjali, maħsub biss għad-disseminazzjoni fl-ajrudrom ta' oriġini fejn saru l-osservazzjonijiet;
66. “bulettin meteoroloġiku” tfisser test li fih informazzjoni meteoroloġika ppreċeduta minn intestatura xierqa;
67. “informazzjoni meteoroloġika” tfisser rapport, analiżi, tbassir meteoroloġiċi, u kwalunkwe dikjarazzjoni oħra marbuta ma' kundizzjonijiet meteoroloġiċi eżistenti jew mistennijin;
68. “osservazzjoni meteoroloġika” tfisser il-kejl u/jew l-evalwazzjoni ta' element meteoroloġiku wieħed jew iktar;

**▼B**

69. “rapport meteoroloġiku” tfisser dikjarazzjoni ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi osservati marbutin ma' ħin u post speċifiċi;
70. “satellita meteoroloġika” tfisser satellita artifiċjali tad-Dinja li tagħmel osservazzjonijiet meteoroloġiċi u tibgħat dawn l-osservazzjonijiet lejn id-Dinja;

**▼M1**

71. “uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika (MWO)” tfisser uffiċċju li jissorvelja l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' titjir u jipprovdni informazzjoni dwar l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta' fenomeni tat-temp speċifikati fir-rotta u ta' fenomeni oħra fl-atmosfera li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru fi ħdan l-erja ta' responsabbiltà tiegħu;

**▼B**

72. “altitudni minima tas-settur (MSA)” tfisser l-inqas altitudni li tista' tintuża u li se tipprovdni qtugħ minimu ta' 300 m (1 000 ft) 'il fuq mill-oġġetti kollha li jinsabu f'żona li tinsab fi ħdan settur ta' ċirklu ta' radju ta' 46 km (25 NM) iffokat fuq punt sinifikanti, il-punt ta' riferiment tal-ajrudrom (ARP) jew il-punt ta' riferiment tal-heliport (HRP);
73. “NOTAM” tfisser avviż imqassam permezz tat-telekomunikazzjoni li jkun fih informazzjoni dwar l-istabbiliment, il-kundizzjoni ta' jew tibdil fi kwalunkwe faċilità, servizz, proċedura jew periklu ajrunawtiku, li l-għarfien dwaru fiż-żmien opportun huwa essenzjali għall-persunal relatat mal-operazzjonijiet ta' titjir;

**▼M7**

- 73a. “unità notifikata” tfisser l-unità tal-ATC li tkun irċeviet l-informazzjoni ta' notifika;

**▼B**

74. “ostaklu” tfisser l-oġġetti kollha mwaħħla (kemm jekk b'mod temporanju kif ukoll b'mod permanenti) u dawk mobbli, jew partijiet minnhom, li jkunu:
- (a) qegħdin f'erja maħsuba għall-moviment fuq is-superfiċje ta' inġenju tal-ajru; jew
  - (b) jestendu 'l fuq minn wiċċ iddefinit maħsub sabiex jipproteġi l-inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin itiru; jew
  - (c) jinsabu barra minn dawk is-superfiċji definiti u li ġew ivvalutati li huma ta' periklu għan-navigazzjoni bl-ajru.
75. “OPMET” tfisser informazzjoni meteoroloġika operazzjonali li tintuża fl-ippjanar preparatorju jew matul it-titjira tal-operazzjonijiet ta' titjir;
76. “Bank tad-data OPMET” tfisser bank tad-data stabbilit sabiex jaħżen u jkiegħed għad-dispożizzjoni informazzjoni meteoroloġika operazzjonali fl-ivell internazzjonali għal użu ajrunawtiku;
77. “attività vulkanika qabel l-iżbroff” tfisser attività vulkanika mhux tas-soltu u/jew li qiegħda tiżdied li tista' tkun preludju ta' żbroff ta' vulkan;
78. “viżibbiltà prevalenti” tfisser l-ikbar valur ta' viżibbiltà, osservat skont id-definizzjoni ta' “viżibbiltà”, li jintlaħaq fi ħdan tal-inqas nofs taċ-ċirku tax-xefaq jew tal-inqas fi ħdan nofs is-superfiċje tal-ajrudrom. Dawn l-erjas jistgħu jinkludu setturi kontigwi jew mhux kontingwi;

**▼B**

79. “użu problematiku ta' sustanzi psikoattivi” tfisser l-użu ta' sustanza psikoattiva waħda jew iktar minn individwu, b'mod li:

(a) jikkostitwixxi periklu dirett għall-utent jew jipperikola l-ħajjiet, is-saħħa jew il-benesseri ta' oħrajn; u/jew

(b) jikkawża jew jaggrava problema jew disturb okkupazzjonali, soċjali, mentali jew fiżiku;

80. “ċart ta' pronjożi” tfisser tbassir ta' (a) elementi meteoroloġiċi speċifiċi għal ħin jew perjodu speċifiku u superfiċje speċifikata jew sehem speċifika ta' spazju tal-ajru, muri b'mod grafiku fuq ċart;

81. “sustanzi psikoattivi” tfisser alkoħol, opjojdi, kannabinojdi, sedativi u ipnotiċi, kokaina, psikostimulanti oħrajn, alluċinoġeni u solventi volatili, filwaqt li l-kaffeina u t-tabakk huma esklużi;

**▼M7**

81a. “unità riċevitriċi” tfisser l-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li tirċievi d-data;

**▼B**

82. “ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ (RCC)” tfisser unità responsabbli għall-promozzjoni tal-organizzazzjoni effiċjenti tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ, u għall-koordinazzjoni tat-tweqqif ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fi ħdan reġjun ta' tiftix u salvataġġ;

83. “perjodu ta' mistrieħ” tfisser perjodu kontigwu u definit ta' żmien, wara u/jew qabel ma jibda l-ħin tax-xogħol, li matulu kontrollur tat-traffiku tal-ajru jkun ħieles minn kull dmir;

84. “sistema ta' roster” tfisser l-istruttura tal-perjodi tax-xogħol u ta' mistrieħ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-rekwiżiti legali u operazzjonali;

85. “riskju” tfisser il-kombinament tal-probabbiltà globali, jew il-frekwenza tal-okkorrenza ta' effett li jagħmel il-ħsara kkaġunat minn periklu u s-severità ta' dak l-effett;

86. “runway” tfisser erja rettangolari ddefinita f'ajrudrom fuq l-art ippreparata għall-inżul u għat-tluġh tal-inġenji tal-ajru;

87. “medda viżwali tar-runway (RVR)” tfisser il-medda li minn fuqha l-bdot ta' inġenju tal-ajru li jinsab fuq il-linja taċ-ċentru ta' runway jista' jara l-immakar fuq is-superfiċje tar-runway jew id-dwal li jiddelinjaw ir-runway jew li jidentifikaw il-linja taċ-ċentru tagħha;

**▼M7**

88. “direttiva dwar is-sikurezza” tfisser dokument maħruġ jew adottat minn awtorità kompetenti li:

(1) jimponi azzjonijiet li għandhom jitwettqu fuq sistema funzjonali jew jistabbilixxi restrizzjonijiet għall-użu operazzjonali tagħha biex terġa' tiġi restawrata s-sikurezza meta l-evidenza turi li s-sikurezza tal-avjazzjoni tista' inkella tiġi kompromessa; jew

▼ **M7**

- (2) jimponi azzjonijiet li għandhom jitwettqu fuq tagħmir tal-ATM/ANS soġġett għad-dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768 <sup>(1)</sup> biex tiġi indirizzata n-nuqqas ta' sikurezza jew ta' sigurtà tal-kundizzjoni, jew it-tnejn li huma, li ġew identifikati u biex jiġu rrestawrati l-prestazzjoni u l-interoperabbiltà ta' dak it-tagħmir tal-ATM/ANS meta l-evidenza turi li s-sikurezza, is-sigurtà, il-prestazzjoni jew l-interoperabbiltà ta' dak it-tagħmir partikolari jistgħu inkella jiġu kompromessi;

▼ **B**

89. “sistema għall-ġestjoni tas-sikurezza (SMS)” tfisser approċċ sistematiku għall-ġestjoni tas-sikurezza li jinkludi l-istrutturi organizzattivi neċessarji, ir-responsabbiltajiet, il-politiki u l-proċeduri;
90. “unità tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ” hija terminu ġeneriku li tkopri, skont il-każ, ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, subċentru tas-salvataġġ jew stazzjon ta' twissija;

▼ **M1**▼ **B**

92. “sistema ta' osservazzjoni semiawtomatika” tfisser sistema ta' osservazzjoni li tippermetti li jiżdiedu l-elementi mkejlin u teħtieġ bniedem fil-loop sabiex joħroġ ir-rapporti xierqa;

▼ **M1**

93. “SIGMET” tfisser informazzjoni maħruġa minn uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika rigward l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta' fenomeni speċifikati tat-temp fir-rotta u ta' fenomeni oħra fl-atmosfera li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza ta' operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u dwar l-iżvilupp ta' dawk il-fenomeni fil-ħin u l-ispazju;

▼ **B**

95. “ajrurapport speċjali” tfisser rapport meteoroloġiku minn inġenju tal-ajru maħruġ skont il-kriterji fuq il-bażi ta' osservazzjonijiet li jsiru matul it-titjira;
96. “stress” tfisser l-eżiti esperjenzati minn individwu meta affaċċjat b'kawża potenzjali (“stressant”) ta' modifika fil-prestazzjoni tal-bniedem. L-esperjenza tal-istressant tista' tħalli impatt fuq il-prestazzjoni tal-individwu b'mod negattiv (distress), b'mod newtrali jew pożittiv (ewstress), skont il-perċezzjoni tal-individwu tal-ħila tiegħu stess li jkampa taħt l-istressant;
97. “taħriġ ta' klassifikazzjoni tas-sistemi u t-tagħmir” tfisser taħriġ imfassal sabiex jagħti għarfien speċifiku dwar is-sistema/it-tagħmir u l-ħiliet li jwasslu għal kompetenza operazzjonali;
98. “data mfassla” tfisser data ajrunawtika li hija pprovduta mill-operatur tal-inġenju tal-ajru jew il-fornitur tad-DAT f'isem l-operatur tal-inġenju tal-ajru u prodott għal dan l-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-użu operazzjonali intiż tiegħu;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768 tal-14 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/sistemi ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u kostitwenti tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 1)

**▼ M1**

99. “ajrudrom alternattiv għat-tluġh” tfisser ajrudrom alternattiv li fih ikun jista’ jinżel l-inġenju tal-ajru jekk dan ikun meħtieġ f’it wara t-tluġh u f’każ li ma jkunx possibbli li jintuża l-ajrudrom tat-tluq;

**▼ B**

100. “tbassir tal-ajrudrom terminali (TAF)” tfisser dikjarazzjoni konċiża tal-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennijin f’ajrudrom għal perjodu speċifika;
101. “terren” tfisser is-superfiċje tad-Dinja li turi karatteristiċi naturali bħal muntanji, għoljiet, promontorji, widien, ilmiġiet, silġ permanenti u borra, u li ma tinkludix ostakli;
102. “limitu” tfisser il-bidu ta’ dik il-parti tar-runway li tista’ tintuża għal inżul;
103. “żona tal-ewwel kuntatt mal-art” tfisser il-parti ta’ runway, wara l-limitu, li fiha huwa maħsub li l-ajruplani li jinżlu se jrin imissu l-ewwel mar-runway;
104. “ċiklu tropikali” hija terminu ġenerali għal ċiklu ta’ skala sinottika mhux frontali li joriġina fuq ilmiġiet tropikali jew subtropikali b’konvezżjoni organizzata u ċirkulazzjoni tar-riħ qrib l-art ċiklonika definita;
105. “ċentru konsultattiv dwar iċ-ċiklun tropiku (TCAC)” tfisser ċentru meteoroloġiku li jipprovdi informazzjoni ta’ notifiċa lil uffiċċji ta’ osservazzjoni meteoroloġika, ċentri ta’ tbassir tal-erjas madwar id-dinja u banek ta’ data OPMET internazzjonali rigward il-pożizzjoni, id-direzzjoni mbassra u l-veloċità tal-moviment, il-pressjoni ċentrali u r-riħ qrib l-art massimu taċ-ċikluni tropikali;
106. “viżibilità” tfisser il-viżibilità għal finijiet ajrunawtiċi li hija l-ikbar minn:
- (a) l-ikbar distanza fejn oġġett iswed b’dimensjonijiet xierqa, li jkun qiegħed qrib l-art, jista’ jintlema u jingħaraf meta jiġi osservat quddiem sfond jiddi;
- (b) l-ikbar distanza fejn dwal qrib l-1 000 candelas jistgħu jintlema u jiġu identifikati quddiem sfond mhux mixgħul;

**▼ M4**

107. “ċentru ta’ notifiċa dwar l-irmied vulkaniku (VAAC)” tfisser ċentru meteoroloġiku li jipprovdi informazzjoni ta’ notifiċa lil uffiċċji ta’ osservazzjoni meteoroloġika, ċentri ta’ kontroll taż-żona, ċentri ta’ informazzjoni dwar it-tiġir, ċentri ta’ tbassir taż-żoni madwar id-dinja u banek ta’ data OPMET internazzjonali rigward il-firxa laterali u vertikali u l-moviment imbassar tal-irmied vulkaniku fl-atmosfera;

**▼ M7**

- 107a. “pożizzjoni tax-xogħol” tfisser l-għamara u t-tagħmir tekniku fejn membru tal-persunal tas-servizzi tat-traffiku jagħmel ħidma assoċjata max-xogħol tiegħu;
- 107b. “twissija” tfisser messaġġ li jintwera fil-pożizzjoni tax-xogħol meta l-proċess awtomatizzat ta’ koordinazzjoni ma jirnexxiex;

**▼ M1**

108. “Ċentru tat-Tbassir tal-Erjas Madwar id-Dinja (WAFC)” tfisser ċentru meteoroloġiku li jħejji u joħroġ tbassiriet importanti tat-temp (SIGWX) u tbassiriet tal-ajru ta’ fuq f’forma diġitali fuq bażi globali direttament lill-Istati Membri bħala parti mis-servizzi bbażati fuq l-Internet tas-servizz ajrunawtiku fiss (AFS);

**▼ B**

109. “sistema tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja (WAFS)” tfisser sistema madwar id-dinja li biha ċ-ċentri ta’ tbassir tal-erjas madwar id-dinja jipprovdu tbassiriet meteoroloġiċi ajrunawtiċi fir-rotta f’formats standardizzati uniformi;

**▼ M1**

110. “torri ta’ kontroll ta’ ajrudrom” tfisser unità stabbilita sabiex tipprovdi servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru għat-traffiku tal-ajrudrom;
111. “traffiku tal-ajrudrom” tfisser it-traffiku kollu fuq l-erja ta’ mmanuvrar ta’ ajrudrom u l-inġenji tal-ajru kollha li jkunu qed itiru fil-viċinanzi ta’ ajrudrom. Inġenju tal-ajru li jkun qed jopera fil-viċinanzi ta’ ajrudrom jinkludi, imma mhux limitat għall-inġenji tal-ajru li jidħlu jew joħorġu minn ċirkwit tat-traffiku tal-ajrudrom;
112. “ċirkwit tat-traffiku tal-ajrudrom” tfisser il-perkors speċifikat li fih għandu jtir inġenju tal-ajru li qed jopera fil-viċinanzi ta’ ajrudrom;
113. “stazzjon ajrunawtiku” tfisser stazzjon fis-servizz fiss ajrunawtiku;
114. “dawl ajrunawtiku fuq l-art” tfisser kwalunkwe dawl speċifikament ipprovdut bħala għajnuna għan-navigazzjoni bl-ajru, għajr dawl muri fuq inġenju tal-ajru;
115. “ċirkulari tal-informazzjoni ajrunawtika (AIC)” tfisser avviż li fih informazzjoni li ma tikkwalifikax għall-organizzazzjoni ta’ NOTAM jew għall-inklużjoni fil-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni ajrunawtika, iżda li hija relatata mas-sigurtà tat-titjira, man-navigazzjoni bl-ajru, ma’ kwistjonijiet tekniċi, amministrattivi jew leġislativi;
116. “għestjoni tal-informazzjoni ajrunawtika (AIM)” tfisser il-għestjoni dinamika u integrata ta’ informazzjoni ajrunawtika permezz tal-provvista u tal-iskambju ta’ *data* ajrunawtika diġitali ta’ kwalità garantita f’kollaborazzjoni mal-partijiet kollha;
117. “prodott ta’ informazzjoni ajrunawtika” tfisser *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika pprovduti jew bħala settijiet ta’ *data* diġitali jew bħala preżentazzjoni standardizzata fuq mezzi stampati jew elettroniċi. Il-prodotti ta’ informazzjoni ajrunawtika jinkludu:
- il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni ajrunawtika, inklużi emendi u supplimenti;
  - AIC;
  - ċarts ajrunawtiċi;
  - NOTAM;
  - settijiet ta’ *data* diġitali;
118. “pubblikazzjoni ta’ informazzjoni ajrunawtika (AIP)” tfisser publikazzjoni maħruġa minn jew bl-awtorità ta’ Stat u li jkun fiha informazzjoni ajrunawtika ta’ natura dejjiema essenzjali għan-navigazzjoni bl-ajru;

▼ **M1**

119. “emenda għall-AIP” tfisser tibdil permanenti fl-informazzjoni li tinsab fl-AIP;
120. “suppliment għall-AIP” tfisser tibdil temporanju fl-informazzjoni li tinsab fl-AIP, li jiġi pprovdut permezz ta’ paġni speċjali;
121. “regolamentazzjoni u kontroll tal-informazzjoni ajrunawtika” (AIRAC) tfisser sistema mmirata lejn notifika avvanzata, fuq il-bażi ta’ dati effettivi komuni, ta’ ċirkustanzi li jeħtieġu tibdiliet sinifikanti fil-prattiki operazzjonali;
122. “servizz mobbli ajrunawtiku” tfisser servizz mobbli bejn stazzjonijiet ajrunawtiċi u stazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, jew bejn stazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, fejn jistgħu jipparteċipaw stazzjonijiet ta’ inġenji ta’ sopravivenza; f’dan is-servizz jistgħu jipparteċipaw anki stazzjonijiet ta’ sinjali bir-radju li jindikaw pożizzjoni ta’ emerġenza fuq frekwenzi ta’ periklu u ta’ emerġenza deżinjati;
123. “stazzjon ajrunawtiku” tfisser stazzjon fuq l-art fis-servizz mobbli ajrunawtiku. F’ċerti każijiet, stazzjon ajrunawtiku jista’ jkun qiegħed, pereżempju, abbord bastiment jew fuq pjattaforma fuq il-baħar;
124. “stazzjoni tat-telekomunikazzjoni ajrunawtika” tfisser stazzjoni f’servizz tat-telekomunikazzjoni pprovdut għal kwalunkwe skop ajrunawtiku;
125. “ajrudrom tal-AFIS” tfisser ajrudrom fejn l-AFIS jiġi pprovdut fi ħdan l-isparju tal-ajru assoċjat mat-tali ajrudrom;
126. “unità tal-AFIS” tfisser unità stabbilita sabiex tipprovdi AFIS u servizz ta’ twissija;
127. “identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru” tfisser grupp ta’ ittri, ċifri jew taħlita ta’ dawn li tkun identifika għas-sinjal tas-sejħa tal-inġenju tal-ajru, jew l-ekwivalenti kodifikat ta’ dan, li jrid jintuża fil-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art, u li jintuża għall-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru f’komunikazzjonijiet għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru mill-art għall-art;
128. “komunikazzjoni mill-ajru għall-art” tfisser komunikazzjoni bidirezzjonali bejn inġenji tal-ajru u stazzjonijiet jew postijiet fuq wiċċ id-dinja;
129. “servizz ta’ notifika dwar it-traffiku tal-ajru” tfisser servizz ipprovdut fi ħdan spazju tal-ajru ta’ dimensjonijiet definiti, jew f’rotta ddeżinjata (spazju tal-ajru tan-notifika) sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni, sa fejn din hija Prattika, bejn l-inġenji tal-ajru li qegħdin joperaw fuq pjanijiet tat-titjiriet skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR);
130. “l-awtorizzazzjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru” jew “awtorizzazzjoni tal-ATC” tfisser awtorizzazzjoni għal inġenju tal-ajru sabiex jipproċedi skont il-kundizzjonijiet speċifikati mill-unità ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru;
131. “istruzzjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru” jew “istruzzjoni tal-ATC” tfisser direttivi maħruġa mill-ATC bl-iskop li jitolbu lil bdot jieħu azzjoni speċifika;
132. “unità ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)” jew “unità tal-ATC” hija terminu ġeneriku li jfisser, skont il-każ, ċentru ta’ kontroll taż-żona, unità ta’ kontroll tal-avviċinament jew torri ta’ kontroll tal-ajrudrom;

▼ **M1**

133. “ALERFA” hija l-kelma kodiċi użata għad-deżinjazzjoni ta’ fażi ta’ twissija;
  
134. “servizz ta’ twissija” tfisser servizz ipprovdut sabiex jiġu nnotifikati l-organizzazzjonijiet xierqa dwar inġenji tal-ajru li jeħtieġu għajjnuna ta’ tiftix u salvataġġ, u sabiex jiġu assistiti tali organizzazzjonijiet skont il-ħtieġa;
  
135. “fażi ta’ twissija” tfisser sitwazzjoni li fiha teżisti apprensioni rigward is-sikurezza ta’ inġenju tal-ajru u tal-okkupanti tiegħu;
  
136. “unità ta’ kontroll tal-avviċinament” tfisser unità stabbilita sabiex tipprovidi servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru lil titjiriet ikkontrollati li jaslu f’ajrudrom wieħed jew aktar jew li jitleq minnhom;
  
137. “rotta ta’ navigazzjoni tal-erja” tfisser rotta tal-ATS stabbilita għall-użu ta’ inġenju tal-ajru li kapaċi jħaddem navigazzjoni tal-erja;
  
138. “assemblaġġ” tfisser proċess ta’ tgħaqqid tad-*data* minn diversi sorsi f’bażi ta’ *data* u l-istabbiliment ta’ xena rju bażi għall-ipproċessar sussegwenti;
  
139. “rotta ATS” tfisser rotta speċifikata ddisinjata sabiex il-fluss tat-traffiku jkun dirett kif meħtieġ għall-provvista tal-ATS;
  
140. “servizz ta’ sorveljanza tal-ATS” tfisser servizz ipprovdut direttament permezz ta’ sistema ta’ sorveljanza tal-ATS;
  
141. “sistema ta’ sorveljanza tal-ATS” tfisser terminu ġeneriku b’tifsira li tvarja ta’ ADS-B, PSR, SSR jew kwalunkwe sistema komparabbli bbażata fuq l-art li tippermetti li jiġi identifikat l-inġenju tal-ajru;
  
142. “sorveljanza dipendenti awtomatika fil-funzjoni tax-xandir (ADS-B)” tfisser mezz li permezz tiegħu inġenji tal-ajru, vetturi tal-ajrudrom u oġġetti oħrajn jistgħu awtomatikament jittrażmettu jew jirċievu, jew jittrażmettu u jirċievu *data* bħal *data* dwar identifikazzjoni, pożizzjoni u *data* addizzjonali, kif ikun xieraq, f’modalità ta’ xandir permezz ta’ kollegament tad-*data*;
  
143. “sorveljanza dipendenti awtomatika fil-funzjoni tal-kuntratt (ADS-C)” tfisser mezz li permezz tiegħu t-termini ta’ ftehim ta’ ADS-C se jiġu skambjati bejn is-sistema fuq l-art u l-inġenju tal-ajru b’kollegament tad-*data*, fejn jiġi speċifikat f’liema kundizzjonijiet għandu jingħata bidu għar-rapporti ta’ ADS-C u liema *data* għandha tkun inkluża fir-rapporti;

▼ **M1**

144. “servizz ta’ informazzjoni b’terminal awtomatiku (ATIS)” tfisser il-provvista awtomatika ta’ informazzjoni attwali u ta’ rutina lill-inġenji tal-ajru li se jaslu u li se jtilqu matul perjodu ta’ 24 siegħa kull jum jew parti speċifikata tiegħu;
145. “servizz ta’ informazzjoni b’terminal awtomatiku b’kollegament tad-*data* (D-ATIS)” tfisser il-provvista ta’ ATIS permezz ta’ collegament tad-*data*;
146. “servizz ta’ informazzjoni b’terminal awtomatiku bil-vuċi (ATIS Vuċi)” tfisser il-provvista ta’ ATIS permezz ta’ xandiriet kontinwi u repetittivi bil-vuċi;
147. “xandira” tfisser it-trażmissjoni ta’ informazzjoni relatata man-navigazzjoni bl-ajru li mhijiex indirizzata għal stazzjon jew għal stazzjonijiet speċifiċi;
148. “limitu” tfisser l-għoli ’l fuq mill-art jew mill-ilma tal-bażi tal-aktar saff ta’ sħab baxx taħt 6 000 m (20 000 pied) li jkopri aktar minn nofs is-sema;
149. “limitu ta’ awtorizzazzjoni” tfisser il-punt sa fejn inġenju tal-ajru tingħata awtorizzazzjoni tal-ATC;
150. “bażi tas-sħab” tfisser l-għoli tal-bażi tal-aktar element tas-sħab osservat jew imbassar baxx fil-viċinanza ta’ ajrudrom jew ta’ sit operatorju jew fi ħdan żona ta’ operazzjonijiet speċifikata, normalment imkejjejl f’livell ogħla mill-elevazzjoni tal-ajrudrom jew, fil-każ ta’ operazzjonijiet lil hinn mill-kosta, fuq il-livell medju tal-baħar;
151. “kompletezza” tfisser, b’rabta mad-*data*, il-livell ta’ fiduċja li hija pprovduta d-*data* kollha meħtieġa bħala sostenn għall-użu maħsub;
152. “livell ta’ fiduċja” tfisser il-probabbiltà li l-valur veru ta’ parametru jkun fi ħdan ċertu intervall madwar l-istima tal-valur tiegħu;
153. “komunikazzjonijiet konferenzjali” tfisser faċilitajiet ta’ komunikazzjoni li bihom tkun tista’ ssir konverżazzjoni diretta bit-taħdit bejn tliet postijiet jew aktar fl-istess ħin;
154. “żona ta’ kontroll” tfisser spazju tal-ajru kkontrollat li jestendi ’l fuq minn wiċċ id-Dinja sa limitu massimu speċifikat;
155. “ajrudrom ikkontrollat” tfisser ajrudrom fejn is-servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru jiġi pprovdut lit-traffiku tal-ajrudrom;
156. “spazju tal-ajru kkontrollat” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet iddefiniti li fih is-servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru jiġi pprovdut skont il-klassifikazzjoni tal-ispace tal-ajru;
157. “titjira kkontrollata” tfisser kwalunkwe titjira li tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni tal-ATC;
158. “komunikazzjonijiet b’kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot (CPDLC)” tfisser mezz ta’ komunikazzjoni bejn kontrollur tat-traffiku tal-ajru u bdot, fejn jintuża collegament tad-*data* għall-komunikazzjonijiet tal-ATC;
159. “żona kritika” tfisser żona b’dimensjonijiet definiti li jestendu madwar it-tagħmir fuq l-art ta’ avviċinament bl-istrumenti ta’ preċiżjoni li fi ħdanha l-preżenza ta’ vetturi jew ta’ inġenji tal-ajru tikkawża disturb inaċċettabbli tas-sinjali ta’ gwida;
160. “livell ta’ veloċità kostanti” tfisser livell miżmum waqt parti sinifikanti ta’ titjira;

▼ **M1**

161. “verifika tar-ridondanza ċiklika (CRC)” tfisser algoritmu matematiku applikat għall-espressjoni diġitali tad-*data* li jipprovdi livell ta’ aċċertament kontra t-telf jew l-alterazzjoni tad-*data*;
162. “erja ta’ periklu” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet iddefiniti fejn f’ħinijiet speċifikati jistgħu jeżistu attivitajiet li jkunu perikolużi għat-titjira ta’ inġenju tal-ajru;
163. “akkuratezza tad-*data*” tfisser grad ta’ konformità bejn il-valur li ġie smat jew imkejjel u l-valur proprju;
164. “wiċċ tal-ġbir ta’ *data*” tfisser wiċċ definit maħsub għall-fini ta’ ġbir ta’ *data* dwar l-ostakoli jew l-art;
165. “integrità tad-*data*” tfisser grad ta’ aċċertament li *data* ajrunawtika u l-valur tagħha ma jkunux intilfu u lanqas ma nbidlu minn meta tkun inkisbet id-*data* jew minn meta tkun saret l-emenda awtorizzata;
166. “punt tad-*data*” tfisser attribut wieħed ta’ sett komplut ta’ *data*, li jiġi allokat valur li jiddefinixxi l-istatus kurrenti tiegħu;
167. “komunikazzjonijiet b’kollegament tad-*data*” tfisser forma ta’ komunikazzjoni maħsuba għall-iskambju tal-messaġġi permezz ta’ kollegament tad-*data*;

▼ **M4**

168. “kollegament tad-*data* VOLMET (D-VOLMET)” tfisser il-provvista ta’ rapport meteoroloġiku ta’ rutina tal-ajrudrom (METAR), rapport meteoroloġiku speċjali tal-ajrudrom (SPEĊI), TAF, SIGMET, rapporti tal-ajru speċjali mhux koperti minn SIGMET u, meta disponibbli, AIRMET permezz ta’ kollegament tad-*data*;

▼ **M1**

169. “oriġinazzjoni tad-*data*” tfisser il-ħolqien ta’ punt tad-*data* ġdid bil-valur assoċjat tiegħu, il-modifika tal-valur ta’ punt tad-*data* eżistenti jew it-tħassir ta’ punt tad-*data* eżistenti;
170. “speċifikazzjoni tal-prodott tad-*data*” tfisser deskrizzjoni dettaljata ta’ sett tad-*data* jew ta’ kollezzjoni ta’ settijiet tad-*data* flimkien ma’ informazzjoni addizzjonali li se tippermettilhom jinħolqu, jiġu forniti u jintużaw minn parti oħra;
171. “sett tad-*data*” tfisser kollezzjoni identifikabbli ta’ *data*;
172. “datum” tfisser kwalunkwe kwantità jew sett ta’ kwantitajiet li jistgħu jservu bħala referenza jew bħala bażi għall-kalkolu ta’ kwantitajiet oħrajn;
173. “DETRESFA” hija l-kelma kodiċi użata għad-deżinjazzjoni ta’ fażi ta’ diffikultà;
174. “fażi ta’ diffikultà” tfisser sitwazzjoni li fiha jkun hemm ċertezza raġonevoli li inġenju tal-ajru u l-okkupanti tiegħu jkunu mhedda minn periklu gravi u imminenti jew jeħtieġu assistenza immedjata;
175. “awtorizzazzjoni sussegwenti” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa lil inġenju tal-ajru minn unità ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru li mhijiex l-awtorità ta’ kontroll kurrenti ta’ dak l-inġenju tal-ajru;
176. “traffiku essenzjali” tfisser traffiku kkontrollat li għalih tkun applikabbli l-provvista ta’ separazzjoni mis-servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru, iżda li, b’rabta ma’ titjira kkontrollata partikolari ma jkunx, jew mhuwiex ser ikun, separat minn traffiku kkontrollat ieħor mill-minimu ta’ separazzjoni xieraq;
177. “traffiku lokali essenzjali” tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru, vettura jew persunal fiż-żona ta’ mmanuvrar jew fil-qrib, jew traffiku fiż-żona ta’ qtiġh u ta’ tluġh jew fiż-żona tal-avviċinament finali, li jistgħu jikkostitwixxu periklu għall-inġenju tal-ajru kkonċernat;

▼ **M1**

178. “ħin stmat tal-wasla” tfisser:
- (a) għal titjiriet IFR, il-ħin li fih huwa stmat li l-inġenju tal-ajru se jasal fuq dak il-punt deżinjat, iddefinit b’referenza għall-għajnuniet tan-navigazzjoni, li minnu huwa maħsub li tinbeda proċedura ta’ avviċinament bl-istrumenti, jew, jekk l-ebda għajnuna tan-navigazzjoni ma hija assoċjata mal-ajrudrom, il-ħin li fih l-inġenju tal-ajru se jasal fuq l-ajrudrom;
  - (b) għal titjiriet skont ir-regoli tat-titjir viżwali (VFR), il-ħin li fih huwa stmat li l-inġenju tal-ajru sejjer jasal fuq l-ajrudrom;
179. “element” tfisser astrazzjoni ta’ fenomeni tad-dinja reali;
180. “attribut ta’ element” tfisser karatteristika ta’ element li għandha isem, tip ta’ *data* u dominju ta’ valur assoċjat magħha;
181. “tip ta’ element” tfisser klassi ta’ fenomeni tad-dinja reali bi proprjetajiet komuni, li tifforma l-livell bażiku ta’ klassifikazzjoni f’katalogu ta’ elementi;
182. “avviċinament finali” tfisser dik il-parti ta’ proċedura ta’ avviċinament bl-istrumenti li:
- (a) tibda fil-punt ta’ referenza jew fil-punt speċifikat, jew, fejn tali fiss jew punt ma jkunx speċifikat, f’wieħed mill-postijiet li ġejjin:
    - (i) fi tmiem l-aħħar dawra tal-proċedura, dawra tal-bażi jew dawra ’l ġewwa ta’ proċedura ta’ korsa tat-tiġrijiet, jekk speċifikat;
    - (ii) fil-punt ta’ interċettazzjoni tal-aħħar trajettorja speċifikat fil-proċedura ta’ avviċinament,
  - (b) tintemm f’punt fil-viċinanza ta’ ajrudrom li minnu jista’ jsir inżul jew tinbeda proċedura ta’ avviċinament bla suċċess;
183. “żona ta’ informazzjoni dwar it-titjir” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjoni ddefinita fejn jiġu pprovduti servizz ta’ informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom u servizz ta’ twissija għat-traffiku tal-ajrudrom;
184. “servizzi tad-disinn tal-proċedura tat-titjira” tfisser servizzi għad-disinn, għad-dokumentazzjoni, għall-validazzjoni, għall-manutenzjoni u għar-rieżami perijodiku tal-proċeduri tat-titjiriet neċessarji għas-sikurezza, għar-regolarità u għall-effiċjenza tan-navigazzjoni bl-ajru;
185. “disinjatur tal-proċedura tat-titjira” tfisser persuna kwalifikata li twettaq id-disinn, id-dokumentazzjoni, il-validazzjoni, il-manutenzjoni kontinwa, u r-rieżami perijodiku tal-proċeduri tat-titjiriet;
186. “proċedura tat-titjira” tfisser sett ta’ manuvri tat-titjiriet predeterminati maħsuba sabiex jiġu segwiti minn bdot, ippublikat b’mezzi elettroniċi, stampati jew diġitali, jew kollha kemm huma. Il-proċedura tat-titjira titwettaq skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR) jew ir-regoli tat-titjir viżwali (VFR);
187. “pjan tat-titjira” tfisser informazzjoni speċifikata pprovduta lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru dwar titjira jew dwar parti minn titjira ppjanata ta’ inġenju tal-ajru;
188. “viżibilità tat-titjira” tfisser il-viżibilità osservata ’l quddiem mill-kabina tal-bdot ta’ inġenju tal-ajru waqt li qed itir;

▼ **M1**

189. “format” tfisser, b’rabta mad-*data*, struttura ta’ punti tad-*data*, rekords u fajls organizzati sabiex jissodisfaw standards, speċifikazzjonijiet jew rekwiżiti dwar il-kwalità tad-*data*;
190. “ġeojd” tfisser il-wiċċ ekwipotenzjali fil-kamp tal-gravità tad-Dinja li jikkoinċidi mal-livell medju tal-baħar (MSL) mhux disturbat estiż kontinwament tul il-kontinenti;
191. “undulazzjoni tal-ġeojd” tfisser id-distanza tal-ġeojd fuq (pożittiva) jew taħt (negattiva) l-ellipsojde ta’ referenza matematika;
192. “trajettorja tal-glide” tfisser profil tal-inżul iddeterminat għall-gwida vertikali matul avviċinament finali;
193. “viżibilità fuq l-art” tfisser il-viżibilità f’ajrudrom, kif tkun irrapportata minn osservatur akkreditat jew minn sistemi awtomatiċi;
194. “orjentazzjoni” tfisser id-direzzjoni fejn ikun ippuntat l-assi lonġitudinali ta’ inġenju tal-ajru, ġeneralment espressa fi gradi mit-Tramuntana (ġeografika, manjetika, tal-kumpass jew tal-grilja);
195. “heliport” tfisser ajrudrom jew żona definita fuq struttura maħsuba sabiex tintuża bis-sħiħ jew f’parti minnha għall-wasla, għat-tluq u għall-moviment tal-wiċċ tal-ħelikopters;
196. “klassifikazzjoni tal-integrità” tfisser, b’rabta ma’ *data* ajrunawtika, klassifikazzjoni bbażata fuq ir-riskju potenzjali li jirriżulta mill-użu ta’ *data* korrotta, li tiddefinixxi *data* ta’ rutina, essenzjali u kritika;
197. “uffiċċju internazzjonali tal-NOTAM (NOF)” tfisser uffiċċju ddeżinjat minn Stat Membru għall-iskambju ta’ NOTAM f’livell internazzjonali;
198. “fiss taż-żamma” tfisser post ġeografiku li jservi bħala referenza għal proċedura ta’ żamma;
199. “proċedura ta’ żamma” tfisser manuvra predeterminata li żżomm inġenju tal-ajru fi ħdan spazju tal-ajru speċifikat filwaqt li jistenna awtorizzazzjoni ulterjuri;
200. “identifikazzjoni” tfisser is-sitwazzjoni li teżisti meta l-indikazzjoni tal-pożizzjoni ta’ inġenju tal-ajru partikolari tkun tidher fuq display tas-sitwazzjoni u tiġi identifikata pożittivament;
201. “regoli tat-titjir bl-istrumenti” huma regoli li jippermettu lil inġenju tal-ajru li huwa mgħammar b’taġħmir tan-navigazzjoni xieraq adattat għar-rotta sabiex jittajjar skont ir-rekwiżiti applikabbli fuq l-operazzjonijiet tal-ajru.
202. “INCERFA” hija l-kelma kodiċi użata għad-deżinjazzjoni ta’ fażi ta’ inċertezza;
203. “operazzjonijiet ta’ avviċinament bl-istrumenti” tfisser avviċinament u nżul bl-użu ta’ strumenti għal gwida fin-navigazzjoni bbażat fuq proċedura ta’ avviċinament bl-istrumenti. Hemm żewġ metodi għat-twettiq ta’ operazzjonijiet ta’ avviċinament bl-istrumenti:
  - (a) operazzjoni ta’ avviċinament bl-istrumenti bidimensjonali (2D), li juża gwida għan-navigazzjoni laterali biss;
  - (b) operazzjoni ta’ avviċinament bl-istrumenti tridimensjonali (3D), li juża gwida għan-navigazzjoni kemm laterali kif ukoll vertikali;

▼ **M1**

204. “proċedura ta’ avvċinament bl-istrumenti (IAP)” tfisser sensiela ta’ manuvri ddeterminati minn qabel b’referenza għal strumenti tat-titjir bi protezzjoni speċifikata minn ostakoli mill-punt tal-avvċinament inizzjali jew fejn ikun applikabbli, mill-bidu ta’ rotta tal-wasla ddefinita sa punt minn fejn jista’ jiġi kkompletat l-inżul u wara, jekk l-inżul ma jiġix ikkompletat, sa pożizzjoni li fiha japplikaw kriterji ta’ twarrib ta’ ostakoli f’punt ta’ stennija jew waqt ir-rotta. Il-proċeduri ta’ avvċinament bl-istrumenti jiġu kklassifikati kif ġej:

- (a) “proċedura ta’ avvċinament mhux ta’ preċiżjoni (NPA)” tfisser proċedura ta’ avvċinament bl-istrumenti mfassla għal operazzjonijiet ta’ avvċinament bl-istrumenti 2D tat-Tip A.
- (b) “proċedura ta’ avvċinament bi gwida vertikali (APV)” tfisser proċedura ta’ avvċinament bl-istrumenti għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN) imfassla għal operazzjonijiet ta’ avvċinament bl-istrumenti 3D tat-Tip A.
- (c) “proċedura ta’ avvċinament ta’ preċiżjoni (PA)” tfisser proċedura ta’ avvċinament bl-istrumenti bbażata fuq sistemi tan-navigazzjoni (ILS, MLS, GLS u SBAS Kat I) iddiżinjati għal operazzjonijiet ta’ avvċinament bl-istrumenti 3D tat-Tip A jew B;]

205. “kundizzjonijiet meteoroloġiċi tal-istrument (IMC)” tfisser kundizzjonijiet meteoroloġiċi espressi f’termini ta’ viżibilità, ta’ distanza mis-sħab, u ta’ limitu, anqas mill-valuri minimi speċifikati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali;

▼ **M5**

206. “operazzjonijiet f’viżibbiltà baxxa (LVOs)” tfisser operazzjonijiet ta’ avvċinament jew ta’ tluġh fuq runway b’medda viżwali tar-runway ta’ inqas minn 550m jew b’għoli tad-deċiżjoni ta’ inqas minn 200 pied;

206a. “proċeduri ta’ viżibilità baxxa” tfisser proċeduri applikati f’ajrudrom għall-fini li tiġi żgurata s-sikurezza waqt operazzjonijiet f’viżibilità baxxa;

▼ **M1**

207. “erja ta’ mmanuvrar” tfisser dik il-parti minn ajrudrom li għandha tintuża għat-tluġh, għall-inżul u għas-sewqan tal-inġenji tal-ajru, esklużi s-superfċji asfaltati fl-ajrudrom;

208. “metadata” tfisser *data* dwar *data*;

209. “erja ta’ moviment” tfisser dik il-parti minn ajrudrom li għandha tintuża għat-tluġh, għall-inżul u għas-sewqan ta’ inġenju tal-ajru, li tikonsisti fiż-żona ta’ mmanuvrar u fis-superfċje asfaltata fl-ajrudrom;

210. “għajnuna għan-navigazzjoni” tfisser faċilità jew sistema esterna għall-inġenju tal-ajru, li tiġġenera sinjali elettromanjetiċi li jridu jintużaw mis-sistemi ta’ navigazzjoni bl-ajru għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni jew għall-gwida tar-rotta tat-titjira;

211. “modalità tar-Radar Sekondarju ta’ Sorveljanza (SSR)” tfisser l-identifikatur konvenzjonali relatat ma’ funzjonijiet speċifiċi tas-sinjali ta’ interrogazzjoni trażmessi minn interrogatur SSR. Hemm erba’ modalitajiet speċifikati fl-Anness 10 tal-ICAO: A, C, S u intermodalità;

212. “runways kważi paralleli” tfisser runways li ma jidħlux f’xulxin u li l-linji taċ-ċentru estiżi tagħhom għandhom angolu ta’ konverġenza/diverġenza ta’ 15-il grad jew anqas;

▼ **M5**

- 212a. “operazzjoni bi krediti operazzjonali” tfisser operazzjoni bl-użu ta’ inġenji tal-ajru jew tagħmir tal-art speċifiċi, jew kombinament ta’ inġenji tal-ajru u tagħmir tal-art li jippermetti kwalunkwe elementi li ġejjin:
- (a) l-applikazzjoni ta’ valuri minimi operattivi tal-ajrudrom li jkunu inqas mill-istandard għal klassifikazzjoni partikolari tal-operazzjoni;
  - (b) ir-rekwiżiti tal-viżibilità jistgħu jiġu ssodisfati jew jitnaqqsu;
  - (c) ikunu meħtieġa inqas faċilitajiet tal-art;

▼ **M1**

213. “bdot fil-kmand” tfisser il-bdot deżinjat mill-operatur, jew fil-każ ta’ Avjazzjoni Ġenerali, mis-sid, bħala li jkollu l-kmand f’idejh u jkun inkarigat mit-tweġġat sikur ta’ titjira;
214. “pożizzjoni” tfisser, f’kuntest ġeografiku, sett ta’ koordinati (latitudni u lonġitudni) referenzjat għall-ellipsojde ta’ referenza matematika, li jiddefinixxi l-pożizzjoni ta’ punt fuq il-wiċċ tad-Dinja;
215. “indikazzjoni tal-pożizzjoni” tfisser l-indikazzjoni viżwali, f’forma mhux simbolika jew simbolika, jew it-tnejn, fuq display tas-sitwazzjoni, tal-pożizzjoni ta’ inġenju tal-ajru, ta’ vettura tal-ajrudrom jew ta’ oġġett ieħor;
216. “altitudni tal-pessjoni” tfisser pressjoni atmosferika espressa f’termini ta’ altitudni li tikkorrispondu għal dik il-pessjoni fl-Atmosfera Standard;
217. “radar primarju” tfisser sistema tar-radar li tuża sinjali tar-radju riflessi;
218. “komunikazzjonijiet stampati” tfisser komunikazzjonijiet li awtomatikament jipprovdu rekord stampat permanenti f’kull terminal ta’ ċirkwit tal-messaġġi kollha li jgħaddu fuq ċirkwit bħal dan;
219. “erja pprojbita” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet iddefiniti, ’il fuq miż-żoni fuq l-art jew mill-ilmijiet territorjali ta’ Stat Membru, li fih huwa pprojbit it-titjir tal-inġenji tal-ajru;
220. “servizz ta’ navigazzjoni bir-radju” tfisser servizz li jipprovdi informazzjoni ta’ gwida jew *data* dwar il-pożizzjoni għat-tħaddim effiċjenti u sikur ta’ inġenju tal-ajru b’appoġġ minn għajjnuna ta’ navigazzjoni bir-radju waħda jew aktar;
221. “radjotelefonija” tfisser forma ta’ komunikazzjoni bir-radju primarjament maħsuba għall-iskambju ta’ informazzjoni fil-forma ta’ diskors;
222. “speċifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-komunikazzjoni meħtieġa” jew “speċifikazzjoni tal-RCP” tfisser sett ta’ rekwiżiti għall-provvista ta’ servizzi tat-traffiku tal-ajru u għal tagħmir fuq l-art assoċjat, kapaċità tal-inġenju tal-ajru u operazzjonijiet meħtieġa b’appoġġ tal-komunikazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni;
223. “speċifikazzjoni tal-prestazzjoni tas-sorveljanza meħtieġa” jew “speċifikazzjoni tal-RSP” tfisser sett ta’ rekwiżiti għall-provvista ta’ servizzi tat-traffiku tal-ajru u għal tagħmir fuq l-art assoċjat, kapaċità tal-inġenju tal-ajru u operazzjonijiet meħtieġa b’appoġġ tas-sorveljanza bbażata fuq il-prestazzjoni;
224. “riżoluzzjoni” tfisser, b’rabta mad-*data*, numru ta’ unitajiet jew ta’ figuri li għalihom jiġi espress u jintuża valur imkejjeż jew ikkalkolat;
225. “erja ristretta” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet definiti, ’il fuq minn erjas l-art jew mill-ilmijiet territorjali ta’ Stat Membru, li fih it-titjira ta’ inġenju tal-ajru tkun ristretta skont ċerti kundizzjonijiet speċifikati;
226. “stadju tar-rotta” tfisser rotta jew parti minn rotta mtajra mingħajr illandjar intermedju;
227. “runway fl-użu” tfisser ir-runway jew ir-runways li, fi żmien partikolari, jitqies(u) mill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li hija/huma l-aktar xierqa għall-użu mit-tipi ta’ inġenji tal-ajru li huma mistennija jillandjaw jew jitilqu fl-ajrudrom. Runways separati jew multipli jistgħu jkunu r-runway fl-użu ddeżinjata għall-inġenji tal-ajru li jaslu u li jitilqu;

▼ **M1**

- 228. “radar sekondarju” tfisser sistema tar-radar li fiha sinjal tar-radju trażmess mill-istazzjon tar-radar iniedi t-trażmissjoni ta’ sinjal tar-radju minn stazzjon oħra;
- 229. “radar sekondarju ta’ sorveljanza (SSR)” tfisser sistema ta’ radar ta’ sorveljanza li juża trażmettituri u riċevituri (interrogaturi) u transponders;
- 230. “żona sensittiva” tfisser żona li testendi lil hinn miż-żona kritika fejn il-parkeġġ jew il-moviment tal-inġenji tal-ajru jew ta’ vetturi jaffettwa s-sinjal ta’ gwida sa punt li jista’ jitqies bħala disturb inaċċettabbli għal inġenji tal-ajru li jkunu qed jużaw is-sinjal;

▼ **M5**

- 231. “SNOWTAM” tfisser NOTAM ta’ serje speċjali mogħtija f’format standard, li tipprovdi rapport dwar il-kundizzjoni tal-wiċċ li jinnotifika l-preżenza jew il-waqfien ta’ kundizzjonijiet perikolużi minħabba borra, silġ, silġ maħlul, ġlata, ilma qiegħed jew ilma assoċjat mal-borra, mas-silġ maħlul, mas-silġ, jew mal-ġlata fuq iż-żona tal-moviment;

▼ **M1**

- 232. “punt sinifikanti” tfisser lokalità ġeografika speċifikata li tintuża biex tkun iddefinita rotta tal-ATS jew il-passaġġ tat-titjira ta’ inġenju tal-ajru u għal finijiet oħrajn ta’ navigazzjoni u ta’ servizzi tat-traffiku tal-ajru;
- 233. “display tas-sitwazzjoni” tfisser display elettroniku li juri l-pożizzjoni u l-moviment ta’ inġenji tal-ajru u informazzjoni oħra skont kif ikun meħtieġ;
- 234. “wasla strumentali standard (STAR)” tfisser rotta tal-wasla IFR iddeżinjata li torbot punt sinifikanti, normalment fuq rotta ATS, ma’ punt li minnu tkun tista’ tinbeda proċedura ta’ avvċinament bl-istrumenti ppubblikata;
- 235. “tluq strumentali standard (SID)” tfisser rotta tat-tluq IFR iddeżinjata li torbot l-ajrudrom jew runway speċifikata tal-ajrudrom ma’ punt sinifikanti speċifikat, normalment fuq rotta ATS iddeżinjata, li fiha tibda l-fażi tul ir-rotta ta’ titjira;
- 236. “titjira VFR speċjali” tfisser titjira VFR awtorizzata mill-ATC sabiex topera fi ħdan żona ta’ kontroll f’kundizzjonijiet meteoroloġiċi taħt VMC;
- 237. “taxiing” tfisser il-moviment ta’ inġenju tal-ajru fuq is-superfċje ta’ ajrudrom jew ta’ sit tal-operat bil-qawwa tiegħu stess, esklużi t-tluq u l-inżul;
- 238. “taxiway” tfisser passaġġ iddefinit fuq ajrudrom fuq l-art stabbilit għas-sewqan tal-inġenji tal-ajru u maħsub sabiex jipprovdi kollegament bejn parti tal-ajrudrom u parti oħra;
- 239. “żona ta’ kontroll tat-terminal (TMA)” tfisser żona ta’ kontroll normalment stabbilita fil-konflwenza tar-rotot ATS fil-viċinanza ta’ ajrudrom maġġuri wieħed jew aktar;
- 240. “tempestività” tfisser, b’rabta mad-*data*, il-livell ta’ fiduċja li d-*data* hija applikabbli għall-perjodu tal-użu maħsub tagħha;
- 241. “traċċabilità” tfisser, b’rabta mad-*data*, il-livell li fih sistema jew prodott tad-*data* jistgħu jipprovdu rekord tat-tibdiliet li saru f’dak il-prodott u, b’hekk, jippermettu li jiġi segwit rendikont tal-entrati mill-utent finali sal-parti li toriġina d-*data*;
- 242. “trajettorja” tfisser il-projezzjoni fuq wiċċ id-Dinja tal-passaġġ ta’ inġenju tal-ajru, fejn id-direzzjoni ta’ dan il-passaġġ fi kwalunkwe punt ġeneralment tiġi espressa fi gradi mit-Tramuntana (ġeografika, manjetika jew tal-grilja);

▼ **M1**

243. “informazzjoni dwar it-traffiku” tfisser informazzjoni maħruġa minn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru sabiex twissi lil bdot dwar traffiku tal-ajru ieħor magħruf jew osservat li jista’ jkun qrib il-pożizzjoni jew ir-rotta ppjanata tat-titjira u sabiex tgħin lill-bdot jevita kolliżjoni;
244. “punt tat-trasferiment tal-kontroll” tfisser punt iddefinit li jinsab tul il-passaġġ tat-titjira ta’ inġenju tal-ajru, fejn ir-responsabbiltà li jiġi pprovdut servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru lill-inġenju tal-ajru tiġi ttrasferita minn unità ta’ kontroll jew minn pożizzjoni ta’ kontroll għall-oħra;
245. “unità tat-trasferiment” tfisser unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fil-proċess ta’ trasferiment tar-responsabbiltà għall-provvista ta’ servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenju tal-ajru għall-unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru li jmiss jew lil kontrollur tat-traffiku tal-ajru tul ir-rotta tat-titjira;
246. “altitudni ta’ tranżizzjoni” tfisser l-altitudni li fiha jew li taħtha l-pożizzjoni vertikali ta’ inġenju tal-ajru tiġi kkontrollata b’referenza għall-altitudnijiet;
247. “saff tat-tranżizzjoni” tfisser l-ispazju tal-ajru bejn l-altitudni tat-tranżizzjoni u l-livell ta’ tranżizzjoni;
248. “livell ta’ tranżizzjoni” tfisser l-aktar livell baxx tat-titjira li huwa disponibbli sabiex jintuża ’l fuq mill-altitudni ta’ tranżizzjoni;
249. “validazzjoni” tfisser, b’rabta mad-*data*, il-proċess ta’ żgurar li d-*data* tissodisfa r-rekwiżiti għall-applikazzjoni speċifikata jew għall-użu maħsub;
250. “verifika” tfisser, b’rabta mad-*data*, l-evalwazzjoni tal-output ta’ proċess tad-*data* ajrunawtika sabiex jiġu żgurati l-korrettezza u l-konsistenza fir-rigward tal-inputs u tal-istandards, tar-regoli u tal-konvenzjonijiet tad-*data* applikabbli użati f’dak il-proċess;
251. “fażi ta’ inċertezza” tfisser sitwazzjoni li fiha teżisti inċertezza rigward is-sikurezza ta’ inġenju tal-ajru u tal-okkupanti tiegħu;
252. “ballun tal-arja ħieles u mingħajr ekwipaġġ” tfisser inġenju tal-ajru mingħajr magna, mingħajr ekwipaġġ u eħfef mill-arja li jtir b’mod ħieles;
253. “vetturar” tfisser il-provvista ta’ gwida għan-navigazzjoni lill-inġenju tal-ajru fil-forma ta’ intestaturi speċifiċi, fuq il-bażi tal-użu ta’ sistema ta’ sorveljanza tal-ATS;
254. “titjira skont ir-regoli tat-titjir viżwali” jew “titjira VFR” tfisser titjira mwettqa skont ir-regoli tat-titjir viżwali;
255. “avviċinament viżwali” tfisser avviċinament minn titjira tal-IFR meta parti waħda minn proċedura ta’ avviċinament bl-istrumenti jew kollha kemm hi ma titwettaqx u l-avviċinament jiġi eżegwit b’referenza viżwali għall-art;
256. “kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (VMC)” tfisser kundizzjonijiet meteoroloġiċi espressi f’termini ta’ viżabilità, ta’ distanza mis-sħab u ta’ limitu, daqs jew aħjar minn valuri minimi speċifikati;
257. “VOLMET” tfisser informazzjoni meteoroloġika għall-inġenju tal-ajru matul titjira;
258. “xandira VOLMET” tfisser il-provvista, kif xieraq, ta’ METAR, SPEĊI, TAF u SIGMENT kurrenti permezz ta’ xandiriet kontinwi u ripetittivi tal-vuċi;

▼ **M1**

259. “waypoint” tfisser post ġeografiku speċifikat użat għad-definizzjoni ta’ rotta tan-navigazzjoni tal-erja jew ir-rota tal-ajru ta’ inġenju tal-ajru li juża n-navigazzjoni tal-erja. Il-waypoints jiġu identifikati bħala:
- (a) fly-by waypoint — waypoint li teħtieġ antiċipazzjoni tad-dawra sabiex tkun tista’ ssir interċettazzjoni tanġenzjali tas-segment li jmiss ta’ rotta jew ta’ proċedura, jew inkella
  - (b) fly-over waypoint — waypoint li fiha titnieda dawra sabiex tingħaqad mas-segment li jmiss ta’ rotta jew ta’ proċedura;

▼ **M3**

260. “spazju tal-ajru tal-U-space” tfisser żona ġeografika tal-UAS iddeżinjata mill-Istati Membri, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS jitħallew isiru biss bl-appoġġ ta’ servizzi tal-U-space;
261. “servizz tal-U-space” tfisser servizz li jiddependi fuq is-servizzi diġitali u l-awtomatizzazzjoni tal-funzjonijiet iddisinjati biex jappoġġaw l-aċċess sikur, sigur u effiċjenti għall-ispazju tal-ajru tal-U-space għal għadd kbir ta’ UAS;
262. “servizz ta’ informazzjoni komuni” tfisser servizz li jikkonsisti mid-disseminazzjoni tad-*data* statika u dinamika biex jiġi permess il-forniment tas-servizzi tal-U-space għall-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord;
263. “rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru” tfisser il-modifika temporanja tal-ispazju tal-ajru tal-U-space sabiex takkomoda l-bidliet f’terminu qasir fid-domanda għat-traffiku bi bdot abbord, billi jiġu aġġustati l-limiti ġeografiċi ta’ dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space;

▼ **M4**

264. “osservatorju tal-vulkani” tfisser fornitur, magħżul mill-awtorità kompetenti, li josserva l-attività ta’ vulkan jew ta’ grupp ta’ vulkani u jqiegħed dawn l-osservazzjonijiet għad-dispożizzjoni ta’ lista miftiehma ta’ riċeventi tal-avjazzjoni;
265. “Geography Markup Language (GML)” tfisser standard ta’ kodifikazzjoni tal-Konsorzju Ġeospazjali Miftuħ (OGC);
266. “ċentru tat-temp spazjali (SWXC)” tfisser ċentru ddeżinjat biex jimmonitorja u jipprovdi informazzjoni ta’ notifika dwar fenomeni tat-temp spazjali li huma mistennija li jaffettwaw il-komunikazzjonijiet bir-radju ta’ frekwenza għolja, il-komunikazzjonijiet permezz tas-satellita, is-sistemi ta’ navigazzjoni u ta’ sorveljanza bbażati fuq il-GNSS u/jew jippreżentaw riskju ta’ radjazzjoni għall-okkupanti tal-inġenji tal-ajru.



## ANNEX II

### REKWIŻITI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI — IS-SORVELJANZA TA' SERVIZZI U FUNZJONIJIET OĦRAJN TAN-NETWERK TAL-ATM (Parti-ATM/ANS.AR)

#### SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI

##### ATM/ANS.AR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti għas-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi III sa XIII mill-fornituri ta' servizzi skont l-Artikolu 6.

##### ATM/ANS.AR.A.005 kompiti ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar

- (a) L-awtorità kompetenti għandha teżerċita kompiti ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri ta' servizzi, tissorvelja l-forniment sikur tas-servizzi tagħhom u tivverifika li jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli.
- (b) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw u jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet għaċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar b'tali mod li jiżguraw li:
  - (1) jeżistu punti speċifiċi ta' responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' kull dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament;
  - (2) huma konxji tal-mekkaniżmi tas-sorveljanza tas-sikurezza u r-riżultati tagħhom;
  - (3) ikun żgurat l-iskambju rilevanti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jirrevedu b'mod regolari l-ftehim dwar is-superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi li jipprovdu servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali (FABs) li jestendu tul l-isparju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' iktar minn Stat Membru wieħed imsemmijin fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u, fil-każ ta' forniment transfruntier ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, il-ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kompiti superviżorji msemmijin fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, kif ukoll l-implimentazzjoni Prattika ta' dawk il-ftehimiet, b'mod partikolari fid-dawl tal-prestazzjoni tas-sikurezza miksuba tal-fornituri ta' servizzi taħt is-superviżjoni tagħhom.

- (c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-ftehimiet għall-koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn għall-bidliet notifikati fis-sistemi funzjonali li jinvolvu lil fornituri ta' servizzi taħt is-superviżjoni ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn. Dawn l-arranġamenti għall-koordinazzjoni għandhom jiżguraw l-għażla u r-reviżjoni effettivi ta' dawk il-bidliet notifikati, skont il-punt ATM/ANS.AR.C.025.

##### ATM/ANS.AR.A.010 Dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-atti leġislattivi, l-istandards, ir-regoli, il-pubblikazzjonijiet tekniċi rilevanti u d-dokumenti relatati lill-persunal tagħha sabiex dan ikun jista' jaqdi l-kompiti tiegħu u jirrilaxxa r-responsabbiltajiet tiegħu.

**▼B****ATM/ANS.AR.A.015 Mezzi ta' konformità**

- (a) L-Aġenzija għandha tiżviluppa l-mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC) li jistgħu jintużaw sabiex tiġi stabbilita konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Meta l-AMC jiġu rrispettati, ir-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li ġew issodisfati.
- (b) Jistgħu jintużaw mezzi alternattivi ta' konformità (AltMOC) sabiex tiġi stabbilita konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema sabiex b'mod konsistenti tevalwa li l-AltMOC kollha użati minnha stess jew mill-fornituri ta' servizzi taħt is-sorveljanza tagħha biex tkun tista' tistabbilixxi konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (d) L-awtorità kompetenti għandha tevalwa l-AltMOC kollha proposti minn fornitur ta' servizz skont ATM/ANS.OR.A.020 billi tanalizza d-dokumentazzjoni pprovduta u, jekk tqis li hemm bżonn li tagħmel dan, twestaq spezzjoni tal-fornitur ta' servizz.

Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-AltMOC huma biżżejjed sabiex tiżgura li hemm konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, mingħajr dewmien din għandha:

- (1) tinnotifika lill-applikant li jistgħu jiġu implimentati l-AltMOC u, jekk applikabbli, temenda ċ-ċertifikat tal-applikant kif xieraq;
- (2) tgħarraf lill-Aġenzija dwar il-kontenut tagħhom, inklużi kopji tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha;
- (3) tgħarraf lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-AltMOC li ġew aċċettati.
- (e) Meta l-awtorità kompetenti stess tuża AltMOC sabiex tikseb il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament; din għandha:
  - (1) tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-fornituri ta' servizzi kollha taħt is-sorveljanza tagħha;
  - (2) tinnotifika lill-Aġenzija mingħajr dewmien żejjed.

L-awtorità kompetenti għandha ttipprova lill-Aġenzija b'deskrizzjoni sħiħa tal-AltMOC, inkluża kwalunkwe reviżjoni għall-proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi li r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament ġew issodisfati.

**▼M4****ATM/ANS.AR.A.020 Informazzjoni lill-Aġenzija****▼M7**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Aġenzija mingħajr dewmien f'każ li jkun hemm xi problema sinifikanti bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha jew tar-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004 u (KE) Nru 551/2004 applikabbli għall-fornituri tas-servizzi.

**▼M4**

- (b) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni sinifikanti għas-sikurezza li tirriżulta mir-rapporti dwar l-okkorrenzi maħżuna fil-bażi tad-data nazzjonali tagħha f'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) Nru 376/2014, mill-iktar fis possibbli.

**▼B****ATM/ANS.AR.A.025 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

- (a) Mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) Nru 376/2014, l-awtorità kompetenti għandha timplimenta sistema biex tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni ta' sikurezza b'mod xieraq.
- (b) L-Aġenzija għandha timplimenta sistema sabiex tanalizza kif xieraq kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza riċevuta mingħand l-awtoritajiet kompetenti u mingħajr dewmien żejjed tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni, inklużi rakkomandazzjonijiet jew azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu, li jkunu neċessarji sabiex jirreaġixxu fi żmien opportun għal problema ta' sikurezza li tinvolvi lill-fornituri ta' servizzi.
- (c) Kif tirċievi l-informazzjoni msemmija f'punti (a) u (b), l-awtorità kompetenti għandha tiegħu miżuri adegwati sabiex tindirizza l-problema ta' sikurezza, inkluża dik tal-ħruġ ta' direttivi dwar is-sikurezza skont il-punt ATM/ANS.AR.A.030.
- (d) Il-miżuri meħudin skont il-punt (c) għandhom jiġu notifikati minnufih lill-fornituri ta' servizzi kkonċernati sabiex jirrispettawhom, b'konformità mal-punt ATM/ANS.OR.A.060. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll b'dawk il-miżuri lill-Aġenzija u, meta tkun meħtieġa azzjoni kkombinata, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn ikkonċernati.

**▼M7****ATM/ANS.AR.A.030 Direttivi dwar is-sikurezza**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ direttiva dwar is-sikurezza meta tkun iddeterminat l-eżistenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (1) kundizzjoni ta' nuqqas ta' sikurezza f'sistema funzjonali li tkun teħtieġ azzjoni immedjata;
  - (2) kundizzjoni mhux sigura, mhux sikura, ta' prestazzjoni baxxa jew ta' non-interoperabbiltà fit-tagħmir soġġett għad-dikjarazzjoni ta' konformità, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 u din il-kundizzjoni x'aktarx li teżisti jew li tiżviluppa f'tagħmir ATM/ANS ieħor.
- (b) Id-direttiva dwar is-sikurezza għandha tintbagħat lill-fornituri tal-ATM/ANS ikkonċernati u tal-inqas għandu jkun fiha din l-informazzjoni:
- (1) l-identifikazzjoni tal-kundizzjoni ta' nuqqas ta' sikurezza;
  - (2) l-identifikazzjoni tas-sistema funzjonali affettwata;
  - (3) l-azzjonijiet meħtieġa u l-ġustifikazzjoni għalihom;
  - (4) il-limitu ta' żmien biex jitlestu l-azzjonijiet meħtieġa;
  - (5) id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
- (c) L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi kopja tad-direttiva dwar is-sikurezza lill-Aġenzija u lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kkonċernata fi żmien xahar minn mindu tinħareġ.
- (d) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-fornituri tal-ATM/ANS mad-direttivi dwar is-sikurezza u mad-direttivi dwar it-tagħmir tal-ATM/ANS, kif applikabbli.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rapportar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

**▼B****SUBPARTI B — ĠESTJONI (ATM/ANS.AR.B)****ATM/ANS.AR.B.001 Sistema ta' ġestjoni**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u tmanjni sistema ta' ġestjoni, inklużi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

**▼M4**

- (1) il-politiki u l-proċeduri ddokumentati sabiex tiddekrivi l-organizzazzjoni, il-mezzi u l-metodi tagħha sabiex tikseb konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu, kif ikun meħtieġ, għall-eżerċizzju tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar tagħha. Il-proċeduri għandhom jinżammu aġġornati u jservu bħala d-dokumenti ta' ħidma bażiċi fi ħdan dik l-awtorità kompetenti għall-kompiti relatati kollha;

**▼B**

- (2) għadd suffiċjenti ta' impjegati, inklużi l-ispetturi, sabiex taqdi l-kompiti tagħha u tirrilaxxa r-responsabbiltajiet tagħha skont dan ir-Regolament. Dawn l-impjegati għandhom ikunu kkwalifikati biex iwettqu l-kompiti allokat li lhom u għandu jkollhom l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa, kif ukoll it-taħriġ inizjali fuq ix-xogħol u dak rikorrenti biex tiġi żgurata kompetenza kontinwa. Għandu jkun hemm sistema fis-seħħ biex tkun tista' tiġi ppjanata d-disponibbiltà tal-impjegati, sabiex ikun żgurat it-twettiq xieraq tal-kompiti kollha relatati;
- (3) faċilitajiet adegwati u akkomadazzjoni fl-uffiċċji biex jitwettqu dawk il-kompiti allokat;
- (4) proċess biex jiġu ssorveljati l-konformità tas-sistema ta' ġestjoni mar-rekwiżiti rilevanti u l-adegwatezza tal-proċeduri, inkluż l-istabbiliment ta' proċess ta' awditjar intern u ta' proċess ta' mmaniġġjar tar-riskji għas-sikurezza. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons tas-sejbiet tal-awditjar lill-maniġment superjuri tal-awtorità kompetenti biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi kif ikun il-bżonn;
- (5) persuna jew grupp ta' persuni finalment responsabbli taħt il-maniġment superjuri tal-awtorità kompetenti għall-funzjoni ta' monitoraġġ tal-konformità.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha taħtar, għal kull qasam ta' attività inkluż fis-sistema ta' mmaniġġjar, persuna jew persuni li jkollhom ir-responsabbiltà ġenerali għall-immaniġġjar tal-kompiti/i rilevanti.

**▼M4**

- (c) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri għall-parteċipazzjoni fi skambju reċiproku tal-informazzjoni u l-assistenza kollha meħtieġa ma' awtoritajiet kompetenti oħra kkonċernati, kemm jekk minn ġewwa l-Istat Membru jew fi Stati Membri oħra, inkluż l-informazzjoni li ġejja:
- (1) is-sejbiet rilevanti indikati u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda bħala riżultat tas-sorveljanza tal-fornituri tal-ATM/ANS li jeżerċitaw attivitajiet fit-territorju ta' Stat Membru, iżda li jkunu ċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija; u
- (2) li tirriżulta mir-rappurtar obbligatorju u volontarju tal-okkorrenzi kif meħtieġ mill-punt ATM/ANS.OR.A.065.

**▼B**

- (d) Kopja tal-proċeduri marbutin mas-sistema ta' ġestjoni u tal-emendi tagħhom għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija għall-għanijiet tal-istandardizzazzjoni.

**ATM/ANS.AR.B.005 Allokazzjoni tal-kompiti lil entitajiet ikkwalifikati**

- (a) L-awtorità kompetenti tista' talloka l-kompiti tagħha marbutin ma' ċertifikazzjoni jew is-sorveljanza tal-fornituri ta' servizzi skont dan ir-Regolament, għajr il-ħruġ ta' ċertifikati nfushom, lil entitajiet ikkwalifikati. Meta talloka dawn il-kompiti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li din ikollha:
- (1) sistema fis-seħħ biex tivverifika, fil-bidu u b'mod kontinwu, li l-entità kkwalifikata hija konformi mal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Din is-sistema u r-riżultati tal-valutazzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati; kif ukoll

**▼B**

- (2) tkun stabbiliet ftehim iddokumentat mal-entità kkwalifikata, li jkun approvat miż-żewġ partijiet fil-livell maniġerjali xieraq, li jiddefinixxi b'mod ċar:
  - (i) il-kompiti li għandhom jitwettqu;
  - (ii) id-dikjarazzjonijiet, ir-rapporti u r-rekords li għandhom jiġu pprovduti;
  - (iii) il-kundizzjonijiet tekniċi li għandhom jintlaħqu fit-twettiq ta' dawn il-kompiti;
  - (iv) il-kopertura tar-responsabbiltà relatata;
  - (v) il-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni miksuba meta jitwettqu t-tali kompiti.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-proċess ta' awditjar intern, u l-proċess ta' mmaniġġjar tar-riskji għas-sikurezza meħtieġa skont il-punt AATCO.AR.B.001(a)(4), ikopru l-kompiti kollha li jsiru f'isimha mill-entità kkwalifikata.

**▼M4****ATM/ANS.AR.B.010 Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni**

- (a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha fis-seħħ sistema biex tidentifika l-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti tagħha u twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu. Din is-sistema għandha tippermettilha tiegħu azzjoni, kif ikun xieraq, biex tara li s-sistema ta' ġestjoni tibqa' adegwata u effettiva.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha taġġorna s-sistema ta' ġestjoni tagħha biex tirrifletti kwalunkwe bidla fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu, b'mod f'waqtu, sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' ġestjoni tagħha.
- (c) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Aġenzija bil-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

**▼B****ATM/ANS.AR.B.015 Żamma tar-rekords**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tipprovi għall-ħażna adegwata, l-aċċessibbiltà u t-traċċabbiltà affidabbli ta':
  - (1) il-politiki u l-proċeduri ddokumentati tas-sistema ta' mmaniġġjar;
  - (2) it-taħriġ, il-kwalifikazzjoni, u l-awtorizzazzjoni ta' persunal kif meħtieġ mill-punt ATM/ANS.AR.B.001(a)(2);
  - (3) l-allokazzjoni tal-kompiti, li tkopri l-elementi meħtieġa skont il-punt ATM/ANS.AR.B.005, kif ukoll id-dettalji tal-kompiti allokat;
  - (4) il-proċessi ta' ċertifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni;
  - (5) id-deżinjazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru u ta' servizzi meteoroloġiċi, kif xieraq;
  - (6) iċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' fornituri ta' servizzi li jwettqu attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru, iżda li jkunu ċċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew mill-Aġenzija, skont kif miftiehem bejn daww l-awtoritajiet;

**▼B**

- (7) l-evalwazzjoni u n-notifika lill-Aġenzija ta' AltMOC proposti mill-fornituri ta' servizzi u l-valutazzjoni tal-AltMOC użati mill-awtorità kompetenti stess;
- (8) il-konformità tal-fornituri ta' servizzi mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament wara l-ħruġ taċ-ċertifikat jew, fejn rilevanti, is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni, inklużi r-rapporti tal-awditjoni kollha, li jkopru s-sejbiet, l-azzjonijiet korrettivi, u d-data ta' tmiem l-azzjoni, u l-osservazzjonijiet kif ukoll rekords oħrajn marbutin mas-sikurezza;
- (9) il-miżuri ta' infurzar meħudin;
- (10) informazzjoni dwar is-sikurezza, id-direttivi dwar is-sikurezza u l-miżuri ta' segwitu;
- (11) tal-użu tad-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
- (b) L-awtorità kompetenti għandha żżomm lista taċ-ċertifikati kollha maħruġa lil fornituri ta' servizzi u d-dikjarazzjonijiet li tkun irċiviet.
- (c) Ir-rekords kollha għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin wara li ċ-ċertifikat ma jibqax validu jew id-dikjarazzjoni tiġi rtirata, soġġetta għall-iġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

**SUBPARTI Ċ — SUPERVIŻJONI, ĊERTIFIKAZZJONI U INFURZAR  
(ATM/ANS.AR.C)**

**ATM/ANS.AR.C.001 Monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza**

- (a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw u jivvalutaw b'mod regolari l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-fornituri ta' servizzi taħt is-superviżjoni tagħhom.
- (b) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza, speċjalment fis-superviżjoni tagħhom imsejja fuq ir-riskji.

**ATM/ANS.AR.C.005 Iċ-ċertifikazzjoni, id-dikjarazzjoni u l-verifika tal-konformità tal-fornituri ta' servizzi mar-rekwiżiti**

**▼M7**

- (a) Fl-ambitu tal-punt ATM/ANS.AR.B.001(a)(1), l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċess sabiex tivverifika:
  - (1) il-konformità tal-fornituri ta' servizzi mar-rekwiżiti applikabbli stipulati fl-Annessi III sa XIII, u kwalunkwe kundizzjoni applikabbli marbuta maċ-ċertifikat qabel il-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ f'konformità mal-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness;
  - (2) il-konformità ma' kwalunkwe obbligu marbut mas-sikurezza fl-att tad-deżinjazzjoni maħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
  - (3) il-konformità ssokkata mar-rekwiżiti applikabbli tal-fornituri ta' servizzi taħt is-superviżjoni tagħha;
  - (4) l-implimentazzjoni tal-oġettivi tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-interoperabbiltà, tar-rekwiżiti applikabbli u ta' kundizzjonijiet oħra identifikati fid-dikjarazzjoni ta' konformità għat-tagħmir tal-ATM/ANS; limitazzjonijiet tekniċi u tal-prestazzjoni u l-kundizzjonijiet identifikati fiċ-ċertifikati tat-tagħmir tal-ATM/ANS u/jew fid-dikjarazzjonijiet tat-tagħmir tal-ATM/ANS; u ta' miżuri ta' sikurezza, inklużi direttivi dwar it-tagħmir tal-ATM/ANS b'mandat mill-Aġenzija f'konformità mal-punt ATM/ANS.EQMT.AR.A.030 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768;
  - (5) l-implimentazzjoni ta' direttivi dwar is-sikurezza, l-azzjonijiet korrettivi u l-miżuri ta' infurzar.

**▼B**

- (b) Il-proċess imsemmi fil-punt (a) għandu:
- (1) ikun ibbażat fuq proċeduri dokumentati;
  - (2) ikun sostnut minn dokumentazzjoni maħsuba b'mod speċifiku sabiex ttipprovdi lill-persunal tagħha bi gwida sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu marbutin maċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar;
  - (3) jipprovdi lill-organizzazzjoni kkonċernata b'indikazzjoni tar-riżultati tal-attività ta' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar;
  - (4) ikun ibbażat fuq awditi, reviżjonijiet u spezzjonijiet imwettqin mill-awtorità kompetenti;
  - (5) fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ċċertifikati, jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-evidenza meħtieġa sabiex issostni aktar azzjonijiet, inklużi l-miżuri previsti mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u mill-Artikoli 10, 25 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunux qegħdin jitħarsu r-rekwiżiti;
  - (6) fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi li jagħmlu dikjarazzjonijiet, jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-evidenza sabiex tiegħu azzjoni ta' rimedju, jekk tkun xierqa, li tista' tinkludi azzjonijiet ta' infurzar, inkluż, fejn xieraq, skont il-liġi nazzjonali.

**ATM/ANS.AR.C.010 Sorveljanza**

- (a) L-awtorità kompetenti, jew l-entitajiet ikkwalifikati li jaġixxu fisimha, għandhom iwettqu awditi, b'konformità mal-Artikolu 4(5).
- (b) L-awditi msemmijin fil-paragrafu (a) għandhom:
- (1) jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli u mal-arranġamenti ta' implimentazzjoni;
  - (2) ikunu indipendenti minn kwalunkwe attività tal-awditjar intern imwettqa mill-fornitur ta' servizz;
  - (3) ikopru arranġamenti ta' implimentazzjoni sħaħ jew elementi tagħhom, u proċessi jew servizzi;
  - (4) jistabbilixxu jekk:
    - (i) l-arranġamenti ta' implimentazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti applikabbli;
    - (ii) l-azzjonijiet meħudin jikkonformawx mal-arranġamenti ta' implimentazzjoni u mar-rekwiżiti applikabbli;
    - (iii) ir-riżultati tal-azzjonijiet meħudin jaqblux mar-riżultati mistennijin mill-arranġamenti ta' implimentazzjoni.
- (c) Fuq il-bażi tal-evidenza li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, l-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-konformità ssokkata mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament tal-fornituri ta' servizzi taħt is-supervizzjoni tagħha.

**ATM/ANS.AR.C.015 Programm ta' supervizzjoni**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' supervizzjoni u taġġornah kull sena filwaqt li tqis l-għamla speċifika tal-fornituri ta' servizzi,

**▼B**

il-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u/jew superviżjoni fl-imgħoddi u dan għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskji assoċjati. Għandu jinkludi awditi, li għandhom:

- (1) ikopru l-oqsma kollha ta' tħassib potenzjali għas-sikurezza, b'enfasi fuq dawk l-oqsma fejn ikunu ġew identifikati xi problemi;
- (2) ikopru l-fornituri ta' servizzi kollha taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti;
- (3) ikopru l-mezzi implimentati mill-fornitur ta' servizz sabiex tiġi żgurata l-kompetenza tal-persunal;
- (4) jiżguraw li l-awditi jsiru b'mod proporzjonat għal-livell tar-riskju li jġibu magħhom l-operazzjonijiet u s-servizzi pprovduti tal-fornitur ta' servizz; kif ukoll
- (5) jiżguraw li għall-fornituri ta' servizzi taħt is-superviżjoni tagħha, jiġi applikat ċiklu ta' ppjanar tas-superviżjoni li ma jaqbiżx l-24 xahar.

L-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jitqassar jekk ikun hemm evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-fornitur ta' servizz tkun naqset.

Għal fornitur ta' servizz iċċertifikat mill-awtorità kompetenti, iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-superviżjoni jista' jiġi estiż sa massimu ta' 36 xahar jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbilixxiet li, matul l-24 xahar ta' qabel:

- (i) il-fornitur ta' servizz ikun wera identifikazzjoni effettiva tal-perikli tas-sikurezza tal-avjazzjoni u ġestjoni tar-riskji assoċjati;
- (ii) il-fornitur ta' servizz wera konformità kontinwa mar-rekwiżiti ta' ġestjoni tal-bidliet skont il-punti ATM/ANS.OR.A.040 u ATM/ANS.OR.A.045;
- (iii) ma tkun inħarġet ebda sejba tal-livell 1;
- (iv) l-azzjonijiet korrettivi kollha ġew implimentati fi ħdan il-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti kif definit fil-punt ATM/ANS.AR.C.050.

Jekk, minbarra dan li ntqal hawn fuq, il-fornitur ta' servizz ikun stabbilixxa sistema ta' rapportar kontinwa effettiva għall-awtorità kompetenti fuq il-prestazzjoni tas-sikurezza u l-konformità regolatorja tal-fornitur ta' servizz, li tkun ġiet approvata mill-awtorità kompetenti, iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-superviżjoni jista' jiġi estiż sa massimu ta' 48 xahar;

- (6) jiżguraw li tkun segwita l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi;
- (7) ikunu soġġetti għal konsultazzjoni mal-fornituri ta' servizzi kkonċernati u notifika wara din;
- (8) jindikaw l-intervall previst tal-ispezzjonijiet tas-siti differenti, jekk jeżisti.

**▼B**

- (b) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li timmodifika l-oġġettivi u l-ambitu tal-awditi ppjanati minn qabel, inklużi reviżjonijiet dokumentarji u awditi addizzjonali, kull meta jinqala' l-bżonn.
- (c) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi liema arranġamenti, elementi, servizzi, funzjonijiet, postijiet fiżiċi u attivitajiet għandhom jiġu awditjati fi żmien speċifikat.
- (d) L-osservazzjonijiet u s-sejbiet tal-awditi maħruġin skont il-punt ATM/ANS-AR.C.050 għandhom jiġu ddokumentati. Dawn tal-aħħar għandhom ikunu appoġġati minn evidenza, u jkunu identifikati skont ir-rekwiżiti applikabbli u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tagħhom li jkunu l-bażi li fuqhom twettaq l-awditu.
- (e) Għandu jitfassal rapport tal-awditjar, li jinkludi d-dettalji tas-sejbiet u l-osservazzjonijiet, li jiġi kkomunikat lill-fornitur ta' servizz ikkonċernat.

**ATM/ANS.AR.C.020 Il-ħruġ ta' ċertifikati**

- (a) Wara l-proċess stabbilit fil-punt ATM/ANS.AR.C.005(a), malli tirċievi applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat lil fornitur ta' servizz, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-fornitur ta' servizz mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
- (b) L-awtorità kompetenti tista' titlob kwalunkwe awditu, spezzjoni jew valutazzjoni li tqis neċessarji qabel ma toħroġ dan iċ-ċertifikat.
- (c) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ għal perjodu mhux limitat. Il-privileġġi tal-attivitajiet li l-fornitur ta' servizz ikun approvat li jwettaq għandhom ikunu speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-forniment tas-servizzi marbutin maċ-ċertifikat.
- (d) Meta sejba tal-livell 1 tibqa' miftuħa, iċ-ċertifikat ma għandux jinħareġ. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, sejba (jew sejbiet), li mhijiex tal-livell 1, għandha tiġi vvalutata u mmitigata kif ikun hemm bżonn mill-fornitur ta' servizz u qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat l-awtorità kompetenti għandha tapprova pjan ta' azzjoni korrettiva għall-għeluq tas-sejba (jew sejbiet).

**ATM/ANS.AR.C.025 Bidliet**

- (a) Malli tirċievi notifika għal bidla skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045, l-awtorità kompetenti għandha tirrispetta l-punti ATM/ANS.AR.C.030, ATM/ANS.AR.C.035 u ATM/ANS.AR.C.040.
- (b) Malli tirċievi notifika għal bidla skont il-punt ATM/ANS.OR.A.040(a)(2) li teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha:
  - (1) tivverifika l-konformità tal-fornitur ta' servizz mar-rekwiżiti applikabbli qabel ma toħroġ l-approvazzjoni tal-bidla;
  - (2) tiegħu azzjoni xierqa minnufih, mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura ta' infurzar addizzjonali, meta l-fornitur ta' servizz jimplimenta bidliet li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel bla ma jkun irċieva l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti kif spjegat fil-punt (1).
- (c) Sabiex fornitur ta' servizz ikun jista' jimplimenta l-bidliet fis-sistema ta' ġestjoni tiegħu u/jew fis-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza tiegħu, kif applikabbli, mingħajr approvazzjoni minn qabel skont il-punt ATM/ANS.OR.A.040 (b), l-awtorità kompetenti għandha tapprova proċedura li tiddefinixxi l-ambitu

**▼B**

tat-tali bidliet u li tiddekrivi kif it-tali bidliet se jiġu notifikati u mmaniġġjati. Fil-proċess ta' sorveljanza kontinwa, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta fin-notifika sabiex tivverifika jekk l-azzjonijiet meħudin jikkonformawx mal-proċeduri approvati u r-rekwiżiti applikabbli. F'każ ta' xi nuqqas ta' konformità, l-Awtorità Kompetenti għandha:

- (1) tinnotifika lill-fornitur ta' servizz dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob li jsiru bidliet oħrajn;
- (2) fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1 u tal-livell 2, taġixxi skont il-punt ATM/ANS-S.AR.C.050.

**ATM/ANS.AR.C.030 Approvazzjoni ta' proċeduri ta' ġestjoni tal-bidliet għal sistemi funzjonali**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi:

- (1) proċeduri ta' ġestjoni tal-bidliet għal sistemi funzjonali jew kwalunkwe modifika materjali għal dawk il-proċeduri sottomessa mill-fornitur ta' servizz skont il-punt ATM/ANS.OR.B.010(b);
- (2) kwalunkwe devjazzjoni mill-proċeduri msemmijin fil-punt (1) għal bidla partikolari, meta tintalab minn fornitur ta' servizz skont il-punt ATM/ANS.OR.B.010(c)(1).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċeduri, il-modifiki u d-devjazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a) meta tkun stabbilixxiet li huma neċessarji u biżżejjed għall-fornitur ta' servizz sabiex juri l-konformità mal-punti ATM/ANS.OR.A.045, ATM/ANS.OR.C.005, ATS.OR.205, u ATS.OR.210, kif applikabbli.

**ATM/ANS.AR.C.035 Deċiżjoni sabiex tiġi riveduta bidla notifikata għas-sistema funzjonali**

- (a) Malli tirċievi notifika skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045(a)(1), jew malli tirċievi informazzjoni modifikata skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045(b), l-awtorità kompetenti għandha tiegħu deċiżjoni dwar jekk tirrevedix il-bidla jew le. L-awtorità kompetenti għandha titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mingħand il-fornitur ta' servizz sabiex issostni din id-deċiżjoni.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-ħtieġa għal reviżjoni bbażata fuq kriterji speċifiċi, validi u ddokumentati li, tal-inqas, jiżguraw li l-bidla notifikata hija riveduta jekk it-taħlita tal-probabbiltà li l-argument ikun kumpless jew mhux familjari għall-fornitur ta' servizz u s-severità tal-konsegwenzi possibbli tal-bidla tkun sinifikanti.
- (c) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi fuq il-bżonn ta' reviżjoni fuq il-bażi ta' kriterji oħrajn ibbażati fuq ir-riskju minbarra l-punt (b), dawn il-kriterji għandhom ikunu speċifiċi, validi u ddokumentati.
- (d) L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-fornitur ta' servizz dwar id-deċiżjoni tagħha li tirrevedi bidla notifikata f'sistema funzjonali u, fuq talba, tipprovi l-ġustifikazzjoni assoċjata lill-fornitur ta' servizz.

**▼B****ATM/ANS.AR.C.040 Reviżjoni ta' bidla notifikata għas-sistema funzjonali**

(a) Meta l-awtorità kompetenti tirrevedi l-argument għal bidla notifikata, din għandha:

- (1) tivvaluta l-validità tal-argument ippreżentat fir-rigward tal-punt ATM/ANS.OR.C.005(a)(2) jew ATS.OR.205(a)(2);
- (2) tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn, kull meta jkun hemm bżonn.

(b) L-awtorità kompetenti għandha, inkella:

- (1) tapprova l-argument imsemmi fil-punt (a)(1), bil-kundizzjonijiet fejn applikabbli, meta jintwera li huwa validu u għalhekk tgħarraf lill-fornitur ta' servizz,
- (2) tiċċad l-argument imsemmi fil-punt (a)(1) u tgħarraf lill-fornitur ta' servizz flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' appoġġ.

**ATM/ANS.AR.C.045 Dikjarazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir**

(a) Malli tirċievi dikjarazzjoni mingħand fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir li biħsiebu jipprovdi dawn is-servizzi, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha mitluba mill-punt ATM/ANS.OR.A.015 u għandha tgħarraf lil dak il-fornitur ta' servizz li tkun irċeviet id-dikjarazzjoni.

(b) Jekk id-dikjarazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni mitluba, jew ikun fiha informazzjoni li tindika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-fornitur tas-servizzi tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir ikkonċernat dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob aktar informazzjoni. Jekk ikun hemm bżonn, l-awtorità kompetenti għandha twettaq awditu tal-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir. Jekk in-nuqqas ta' konformità jkun ikkonfermat, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni kif iddefinit fil-punt ATM/ANS.AR.C.050.

(c) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir li sarulha skont dan ir-Regolament.

**ATM/ANS.AR.C.050 Sejbiet, azzjonijiet korrettivi u miżuri ta' infurzar**

(a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema kif tanalizza s-sejbiet għas-sinifikanza tas-sikurezza tagħhom u tiddeċiedi fuq il-miżuri ta' infurzar fuq il-bażi tar-riskju għas-sikurezza li jġib miegħu n-nuqqas ta' konformità tal-fornitur tas-servizz.

(b) F'ċirkustanzi li fihom ma jkun hemm ebda riskju addizzjonali għas-sikurezza jew dan ikun baxx ħafna b'miżuri ta' mitigazzjoni xierqa immedjati, l-awtorità kompetenti tista' taċċetta l-forniment ta' servizzi sabiex tiżgura l-kontinwità tas-servizz filwaqt li jkun qegħdin jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi.

**▼M7**

(c) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ sejba tal-livell 1 meta jinstab xi nuqqas ta' konformità serju mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu kif ukoll ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004 u (KE) Nru 551/2004 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, mal-proċeduri u l-manwali tal-fornitur tal-ATM/ANS, mal-patti u l-kundizzjonijiet taċ-ċertifikat, mal-att ta' deżinjazzjoni, jekk applikabbli, jew mal-kontenut ta' dikjarazzjoni li jġib magħha riskju sinifikanti għas-sikurezza tat-titjira jew inkella tixħet dubju fuq il-kapaċità tal-fornitur ta' servizz sabiex ikompli bl-operazzjonijiet.

## ▼M7

Is-sejbiet tal-livell 1 għandhom jinkludu, iżda ma humiex limitati għal:

- (1) il-promulgazzjoni ta' proċeduri operazzjonali u/jew il-forniment ta' servizz b'tali mod li jintroduċi riskju sinifikanti għas-sikurezza tat-titjira;
  - (2) il-kisba jew iż-żamma tal-validità taċ-ċertifikat tal-fornitur tas-servizz permezz tas-sottomissjoni ta' evidenza ddokumentata ffalsifikata;
  - (3) evidenza ta' malprassi jew ta' użu frawdolenti taċ-ċertifikat tal-fornitur ta' servizz;
  - (4) in-nuqqas ta' maniġer responsabbli.
- (d) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ sejba tal-livell 2 meta jinstab xi nuqqas ta' konformità ieħor mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu, kif ukoll ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004 u (KE) Nru 551/2004 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, mal-proċeduri u l-manwali tal-fornitur tal-ATM/ANS jew mat-termini u l-kundizzjonijiet taċ-ċertifikat, jew mal-kontenut ta' dikjarazzjoni.
- (e) Meta ssir sejba, matul sorveljanza jew b'xi mezz ieħor, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni addizzjonali meħtieġa mir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu, kif ukoll ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, u (KE) Nru 551/2004 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, tikkomunika s-sejba lill-fornitur tas-servizz bil-miktub u teħtieġ li tittieħed azzjoni korrettiva li tindirizza n-nuqqas(ijiet) ta' konformità identifikati.
- (1) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata u xierqa u tista', jekk xieraq, tillimita, tissospendi jew tħassar iċ-ċertifikat kollu kemm hu jew parti minnu filwaqt li tiżgura l-kontinwità tas-servizzi diment li s-sikurezza ma tkunx f'riskju, u fil-każ tal-Maniġer tan-Network, għandha tgħarraf lill-Kummissjoni. Il-miżuri meħuda għandhom jiddependu fuq il-firxa tas-sejba u għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm il-fornitur ta' ATM/ANS jieħu azzjoni korrettiva li timexxi.
- (2) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha:
- (i) tagħti lill-fornitur ta' servizz perjodu sabiex jimplimenta azzjoni korrettiva inkluż fi pjan ta' azzjoni xieraq għan-natura tas-sejba;
  - (ii) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni li jipproponi l-fornitur ta' servizz u, jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li huma suffiċjenti sabiex jindirizzaw in-nuqqas(ijiet) ta' konformità, taċċettahom.
- (3) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 2, meta l-fornitur ta' servizz jonqos milli jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva li huwa aċċettabbli għall-awtorità kompetenti fid-dawl tas-sejba, jew meta l-fornitur ta' servizz jonqos milli jwettaq l-azzjoni korrettiva fi ħdan il-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti, is-sejba tista' tiżdied għal sejba tal-livell 1, u għandha tittieħed azzjoni kif stipulat fil-punt (1).
- (f) Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-fornitur tal-ATM/ANS jintegra t-tagħmir tal-ATM/ANS fis-sistema funzjonali tiegħu mingħajr ma jiżgura l-konformità mal-punt ATM/ANS.OR.A.045(g), hija għandha, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ħtieġa li jiġu żgurati s-sikurezza u l-kontinwità tal-operazzjonijiet, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirrestrinġi ż-żona ta' applikazzjoni tat-tagħmir tal-ATM/ANS ikkonċernat jew tipprojbixxi l-użu tiegħu mill-fornituri tal-ATM/ANS taħt is-sorveljanza tagħha.
- (g) Għal dawk il-każijiet li ma jkunux jeħtieġu sejbiet tal-livell 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ osservazzjonijiet.

*Appendiċi 1***ĊERTIFIKAT GĦALL-FORNITUR TA' SERVIZZ****UNJONI EWROPEA****AWTORITÀ KOMPETENTI****ĊERTIFIKAT GĦALL-FORNITUR TA' SERVIZZ**

[NUMRU TAĊ-ĊERTIFIKAT/NRU TAL-ĦARĠA]

Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373 u soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] bil-preżenti tiċċertifika

[ISEM IL-FORNITUR TA' SERVIZZ]

[INDIRIZZ TAL-FORNITUR TA' SERVIZZ]

bħala Fornitur ta' Servizz bil-privileġġi, kif elenkat fil-kundizzjonijiet dwar il-forniment ta' servizz meħmużin.

**KUNDIZZJONIJIET:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħruġ soġġett għall-kundizzjonijiet u l-ambitu tal-forniment ta' servizzi u funzjonijiet kif elenkat fil-kundizzjonijiet meħmużin dwar il-forniment ta' servizzi.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu filwaqt li l-fornitur ta' servizz iċċertifikat jibqa' konformi mar-Regolament (UE) 2017/373 u r-regolamenti applikabbli l-oħrajn u, fejn rilevanti, mal-proċeduri fid-dokumentazzjoni tal-fornitur ta' servizz.

Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm iċ-ċertifikat jiġi ċedut, ristrett, sospiż jew jiġihassar.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:

[Awtorità kompetenti]



## FORNITUR TA' SERVIZZ

### ĊERTIFIKAT

#### KUNDIZZJONIJIET GĦALL-FORNIMENT TAS-SERVIZZ

Hemża maċ-ċertifikat tal-fornitur ta' servizz:

[NUMRU TAĊ-ĊERTIFIKAT/NRU TAL-ĦARĠA]

[ISEM IL-FORNITUR TA' SERVIZZ]

kiseb il-privileġġi li jipprovdi l-ambitu li ġej ta' servizzi/funzjonijiet:

(Ingassa l-linji kif xieraq)

| Servizzi/Funzjonijiet                                  | Tip ta' Servizz/Funzjoni                       | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                        | Limitazzjonijiet (*) |
|--------------------------------------------------------|------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------|----------------------|
| <b>Servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS) (***)</b>      | Kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)           | Servizz tal-kontroll tal-erja                                      |                      |
|                                                        |                                                | Servizz tal-kontroll tal-avviċinament                              |                      |
|                                                        |                                                | Servizz tal-kontroll tal-ajrudrom                                  |                      |
|                                                        | Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir (FIS) | Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-sjurdrom (AFIS)       |                      |
|                                                        |                                                | Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir fir-rotta (FIS fir-rotta) |                      |
|                                                        | Servizz ta' Konsulenza                         | mhux applikabbli                                                   |                      |
| <b>Ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ATFM)</b> | ATFM                                           | Forniment tal-ATFM lokali                                          |                      |
| <b>Ġestjoni tal-ispazju tal-ajru (ASM)</b>             | ASM                                            | Forniment tas-servizz lokali tal-ASM (tattiku/ ASM Livell 3)       |                      |
| <b>Kundizzjonijiet (**)</b>                            |                                                |                                                                    |                      |

| Servizzi/Funzjonijiet                                                               | Tip ta' Servizz/Funzjoni                       | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                        | Limitazzjonijiet (*) |
|-------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------|----------------------|
| <b>Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (ATS) għat-testijiet tat-titjira (***) (****)</b> | Kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)           | Servizz tal-kontroll tal-erja                                      |                      |
|                                                                                     |                                                | Servizz tal-kontroll tal-avviċinament                              |                      |
|                                                                                     |                                                | Servizz tal-kontroll tal-ajrudrom                                  |                      |
|                                                                                     | Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir (FIS) | Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom (AFIS)       |                      |
|                                                                                     |                                                | Servizz ta' Informazzjoni dwar it-Titjir fir-Rotta (FIS fir-rotta) |                      |
|                                                                                     | Servizz ta' Konsulenza                         | mhux applikabbli                                                   |                      |
| <b>Kundizzjonijiet (**)</b>                                                         |                                                |                                                                    |                      |

▼ B

| Servizzi/Funzjonijiet                                           | Tip ta' Servizz/Funzjoni | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                        | Limitazzjonijiet (*) |
|-----------------------------------------------------------------|--------------------------|--------------------------------------------------------------------|----------------------|
| Servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza (CNS) | Komunikazzjoni (C)       | Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art)    |                      |
|                                                                 |                          | Servizz ajrunawtiku fiss (komunikazzjoni mill-art għall-art)       |                      |
|                                                                 |                          | Servizz ajrunawtiku satellitari mobbli (AMSS)                      |                      |
|                                                                 | Navigazzjoni (N)         | Forniment ta' sinjal NDB fl-ispazju                                |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' sinjal VOR fl-ispazju                                |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' sinjal SME fl-ispazju                                |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' sinjal ILS fl-ispazju                                |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' sinjal MLS fl-ispazju                                |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' sinjal GNSS fl-ispazju                               |                      |
|                                                                 | Sorveljanza (S)          | Forniment ta' data mis-sorveljanza primarja (PS)                   |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' data mis-sorveljanza sekondarja (SS)                 |                      |
|                                                                 |                          | Forniment ta' data dwar is-sorveljanza dipendenti awtomatika (ADS) |                      |
| Kundizzjonijiet (**)                                            |                          |                                                                    |                      |

▼ M1

| Servizzi/Funzjonijiet                               | Tip ta' Servizz/Funzjoni                                                     | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                           | Limitazzjonijiet (**) |
|-----------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------|-----------------------|
| <b>Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIS)</b> | Prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika (inklużi servizzi ta' distribuzzjoni) | Pubblikazzjoni ta' informazzjoni ajrunawtika (AIP)                    |                       |
|                                                     |                                                                              | Ċirkulari ta' informazzjoni ajrunawtika (AIC)                         |                       |
|                                                     |                                                                              | NOTAM                                                                 |                       |
|                                                     |                                                                              | Sett ta' <i>data</i> tal-AIP                                          |                       |
|                                                     |                                                                              | Settijiet ta' <i>data</i> dwar l-ostakoli                             |                       |
|                                                     |                                                                              | Settijiet ta' <i>data</i> dwar l-immappjar tal-ajrudrom               |                       |
|                                                     |                                                                              | Settijiet ta' <i>data</i> dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti |                       |
|                                                     | Servizzi ta' informazzjoni ta' qabel it-titjira                              | mhux applikabbli                                                      |                       |
| <b>Kundizzjonijiet (**)</b>                         |                                                                              |                                                                       |                       |

▼ B

| Servizzi/Funzjonijiet          | Tip ta' Servizz/Funzjoni | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Limitazzjonijiet (*) |
|--------------------------------|--------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------|
| <b>Servizzi tad-Data (DAT)</b> | Tip 1                    | Forniment tad-DAT tat-Tip 1 jawtorizza l-forniment ta' bażijiet ta' data ajrunawtiċi fil-formats li ġejjin:<br>[lista tal-formats tad-data ġeneriċi]<br>Forniment tad-DAT tat-Tip 1 ma jawtorizzax il-forniment ta' bażijiet ta' data ajrunawtiċi direttament lil utenti finali/operatoruri ta' inġenji tal-ajru. |                      |

**▼ B**

| Servizzi/Funzjonijiet       | Tip ta' Servizz/Funzjoni | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                                               | Limitazzjonijiet (*) |
|-----------------------------|--------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------|
|                             | Tip 2                    | Forniment tad-DAT tat-Tip 2 jawtorizza l-forniment ta' bażijiet ta' data ajrunawtiċi lil utenti finali/operatori ta' inġenji tal-ajru għall-applikazzjoni fl-ajru/ għat-tagħmir segwenti, li għalihom intweriet li hemm konformità: [Manifattur] Applikazzjoni/Mudell tat-tagħmir [XXX], Nru tal-Part [YYY] iċċertifikati |                      |
| <b>Kundizzjonijiet (**)</b> |                          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |                      |

| Servizzi/Funzjonijiet        | Tip ta' Servizz/Funzjoni | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni              | Limitazzjonijiet (*) |
|------------------------------|--------------------------|------------------------------------------|----------------------|
| Servizzi Meteoroloġiċi (MET) | MET                      | Uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika |                      |
|                              |                          | Uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudrom      |                      |
|                              |                          | Stazzjonijiet meteoroloġiċi ajrunawtiċi  |                      |
|                              |                          | VAAC:                                    |                      |
|                              |                          | WAFC                                     |                      |
|                              |                          | TCAC:                                    |                      |
| Kundizzjonijiet (**)         |                          |                                          |                      |

**▼ M1**

| Servizzi/Funzjonijiet                         | Tip ta' Servizz/Funzjoni                                                  | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni | Limitazzjonijiet (**) |
|-----------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------|-----------------------------|-----------------------|
| <b>Disinn tal-proċedura tat-titjira (FPD)</b> | Disinn, dokumentazzjoni u validazzjoni tal-proċeduri tat-titjiriet (****) | mhux applikabbli            |                       |
|                                               |                                                                           |                             |                       |
|                                               |                                                                           |                             |                       |
| <b>Kundizzjonijiet (*)</b>                    |                                                                           |                             |                       |

**▼ B**

| Servizzi/Funzjonijiet                   | Tip ta' Servizz/Funzjonijiet | Ambitu tas-Servizz/Funzjoni | Limitazzjonijiet (*) |
|-----------------------------------------|------------------------------|-----------------------------|----------------------|
| <b>Funzjonijiet tan-network tal-ATM</b> | Disinn tal-ERN               | mhux applikabbli            |                      |
|                                         | Riżorsi skarsi               | Frekwenza tar-radju         |                      |
|                                         |                              | Kodiċi tat-transponder      |                      |
|                                         | ATFM                         | Forniment tal-ATFM ċentrali |                      |

**▼ B**

| Servizzi/Funzzjonijiet      | Tip ta' Servizz/Funzzjonijiet | Ambitu tas-Servizz/Funzzjoni | Limitazzjonijiet (*) |
|-----------------------------|-------------------------------|------------------------------|----------------------|
| <b>Kundizzjonijiet (**)</b> |                               |                              |                      |

Data tal-ħruġ:

Iffirmat: [Awtorità kompetenti]

Għall-Istat Membru/EASA

Formola 157 tal-EASA Hargha 1 — Paġna 4/4

- 
- (\*) Kif stipulat mill-awtorità kompetenti  
 (\*\*) Fejn neċessarju  
 (\*\*\*) Jekk l-awtorità kompetenti tqis li hemm bżonn li jsir hekk sabiex tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali  
 (\*\*\*\*) ATS ikopri servizz ta' twissija  
 (\*\*\*\*\*) ► **M1** Disinn, dokumentazzjoni u validazzjoni tal-proċeduri tat-titjiriet jinkludu attivitajiet ta' manutenzjoni u ta' rieżami perjodiċi ◀

▼ **M4***ANNESS III*

**REKWIŻITI KOMUNI GĦALL-FORNITURI TAL-ATM/ANS**  
**(Part-ATM/ANS.OR)**

▼ **B**

## SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI (ATM/ANS.OR.A)

**ATM/ANS.OR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni**

B'konformità mal-Artikolu 6, dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-fornituri ta' servizzi.

**ATM/ANS.OR.A.005 Applikazzjoni għal ċertifikat ta' fornitur ta' servizz**

- (a) Applikazzjoni għal ċertifikat ta' fornitur ta' servizz jew emenda f'ċertifikat eżistenti għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
- (b) Skont l-Artikolu 6, sabiex jikseb iċ-ċertifikat, il-fornitur ta' servizz għandu jikkonforma ma':

- (1) ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (UE) Nru 216/2008;
- (2) ir-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan l-Anness;
- (3) ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Annessi IV sa XIII, meta daww ir-rekwiżiti jkunu applikabbli fid-dawl tas-servizzi li l-fornitur ta' servizz jipprovdi jew jippjana li jipprovdi.

**ATM/ANS.OR.A.010 Applikazzjoni għal ċertifikat limitat**

- (a) Minkejja l-punt (b), il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jista' japplika għal ċertifikat limitat għall-forniment ta' servizzi fl-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru fejn għandu l-post prinċipali tal-operat jew, jekk jeżisti, fejn jinsab l-uffiċċju reġistrat tiegħu, meta jipprovdi jew jippjana li jipprovdi servizz biss fir-rigward ta' waħda jew iktar mill-kategoriji li ġejjin:

- (1) ħidma mill-ajru;
- (2) avjazzjoni ġenerali;
- (3) trasport kummerċjali bl-ajru limitat għal inġenji tal-ajru b'inqas minn 10 tunnelli ta' massa massima waqt it-tluġh jew inqas minn 20 sit tal-passiġġieri;
- (4) trasport kummerċjali bl-ajru b'inqas minn 10 000 moviment fis-sena, indipendentement mil-massa massima waqt it-tluġh u n-numru ta' sits tal-passiġġieri; għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "movimenti" tfisser, f'sena partikolari, il-medja tul it-tliet snin ta' qabel tan-numru totali ta' tluġh u nżul.

- (b) Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li ġejjin jistgħu japplikaw għal ċertifikat limitat ukoll:

- (1) fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru, għajr fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, b'fatturat annwali gross ta' EUR 1 000 000 jew inqas b'rabta mas-servizzi li jipprovdi jew jippjana li jipprovdi;

**▼B**

- (2) fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru li jipprovdi servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom billi jopera b'mod regolari mhux iktar minn pozzizzjoni tax-xogħol waħda fi kwalunkwe ajrudrom.
- (c) Kif stabbilit mill-awtorità kompetenti, fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru li japplika għal ċertifikat limitat skont il-punti (a) jew (b)(1) għandu jikkonforma, tal-inqas, mar-rekwiżiti li ġejjin stabbiliti fi:
  - (1) il-punt ATM/ANS.OR.B.001 Il-kompetenza u l-kapaċità teknika u operazzjonali
  - (2) il-punt ATM/ANS.OR.B.005 Is-sistema ta' ġestjoni;
  - (3) il-punt ATM/ANS.OR.B.020 Ir-rekwiżiti tal-persunal
  - (4) il-punt ATM/ANS.OR.A.075 Forniment miftuħa u trasparenti ta' servizzi,
  - (5) L-Annessi IV, V, VI u VIII, meta daww ir-rekwiżiti jkunu applikabbli fid-dawl tas-servizzi li jipprovdi jew jippjana li jipprovdi l-fornitur ta' servizz, skont l-Artikolu 6.
- (d) Kif stabbilit mill-awtorità kompetenti, il-fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru li japplika għal ċertifikat limitat skont il-punt (b)(2) għandu jikkonforma, tal-inqas, mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (c)(1) sa (c)(4) u mar-rekwiżiti speċifiċi stipulati fl-Anness IV.
- (e) Applikant għal ċertifikat limitat għandu jissottometti applikazzjoni lill-awtorità kompetenti f'forma u manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

**ATM/ANS.OR.A.015 Dikjarazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir**

- (a) Skont l-Artikolu 7, fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir jista' jiddikjara l-ħila u l-mezzi tiegħu li jirrilaxxa r-responsabbiltajiet marbutin mas-servizzi pprovduti meta, minbarra r-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (UE) Nru 216/2008, jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
  - (1) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir jipprovdi, jew jippjana li jipprovdi, is-servizzi tiegħu billi jopera b'mod regolari mhux iktar minn pozzizzjoni tax-xogħol waħda;
  - (2) daww is-servizzi huma ta' xorta temporanja, għal durata miftiehma mal-awtorità kompetenti bħala neċessarja sabiex tiġi żgurata garanzija ta' sikurezza proporzjonali.
- (b) Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiddikjara l-attivitajiet tiegħu għandu:
  - (1) jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha qabel ma jibda l-operazzjonijiet, f'forma u manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti;
  - (2) jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'lista tal-mezzi alternattivi ta' konformità użati, skont il-punt ATM/ANS.OR.A.020;
  - (3) iżomm il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli u mal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni;
  - (4) jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fid-dikjarazzjoni tiegħu jew fil-mezz ta' konformità li juża billi jissottometti dikjarazzjoni emendata;

**▼B**

- (5) jipprovdi s-servizzi tiegħu skont il-manwal tal-operazzjonijiet tiegħu u jirrispetta d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha li jinsabu fih.
- (c) Qabel ma jieqaf jipprovdi s-servizzi tiegħu, il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiddikjara l-attivitajiet tiegħu għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi ħdan perjodu stabbilit mill-awtorità kompetenti.
- (d) Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-tajran li jiddikjara l-attivitajiet tiegħu għandu jirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti fi:
- (1) il-punt ATM/ANS.OR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni;
  - (2) il-punt ATM/ANS.OR.A.020 Mezzi ta' konformità
  - (3) il-punt ATM/ANS.OR.A.035 Turija ta' konformità;
  - (4) il-punt ATM/ANS.OR.A.040 Bidliet — ġenerali;
  - (5) il-punt ATM/ANS.OR.A.045 Bidliet fis-sistema funzjonali;
  - (6) il-punt ATM/ANS.OR.A.050 Faċilitazzjoni u kooperazzjoni;
  - (7) il-punt ATM/ANS.OR.A.055 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi;
  - (8) il-punt ATM/ANS.OR.A.060 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza
  - (9) il-punt ATM/ANS.OR.A.065 Rapportar ta' okkorrenzi;
  - (10) il-punt ATM/ANS.OR.B.001 Il-kompetenza u l-kapaċità teknika u operazzjonali
  - (11) il-punt ATM/ANS.OR.B.005 Is-sistema ta' ġestjoni;
  - (12) il-punt ATM/ANS.OR.B.020 Ir-rekwiżiti tal-persunal
  - (13) il-punt ATM/ANS.OR.B.035 Manwali tal-operazzjonijiet;
  - (14) il-punt ATM/ANS.OR.D.020 Responsabbiltà u kopertura tal-assigurazzjoni,
  - (15) Anness IV.
- (e) Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiddikjara l-attivitajiet tiegħu għandu jibda bl-operazzjonijiet biss wara li jirċievi l-konferma tar-riċevuta tad-dikjarazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti.

**ATM/ANS.OR.A.020 Mezzi ta' konformità**

- (a) Il-fornitur ta' servizz jista' juża mezzi alternattivi ta' konformità (AltMOC) għall-AMC adottati mill-Aġenzija sabiex jistabbilixxi konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

**▼B**

- (b) Meta l-fornitur ta' servizz ikun jixtieq juża AltMOC, qabel ma jimplimentahom, għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tal-AltMOC. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe reviżjoni fil-manwali jew fil-proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Fornitur tas-servizz jista' jimplimenta dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, u meta din tirċievi n-notifika kif previst fil-punt ATM/ANS.AR.A.015(d).

**ATM/ANS.OR.A.025 Validità ssokkata ta' ċertifikat**

- (a) Ċertifikat ta' fornitur ta' servizz għandu jibqa' validu diment li:

- (1) il-fornitur ta' servizz jibqa' konformi mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, inklużi dawk li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni u l-kooperazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti u dawk li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' sejbiet kif speċifikat fil-punti ATM/ANS.OR.A.050 u ATM/ANS.OR.A.055 rispettivament;

- (2) iċ-ċertifikat ma jkunx ingħata lura, ġie sospiż jew ikun tħassar.

- (b) Meta jingħata lura jew jitħassar, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

**ATM/ANS.OR.A.030 Validità ssokkata ta' dikjarazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir**

Dikjarazzjoni li ssir mill-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir skont il-punt ATM/ANS.OR.A.015 għandha tibqa' valida diment li:

- (a) is-servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir jibqgħu konformi mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, inklużi dawk li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni u l-kooperazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti u dawk li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' sejbiet kif speċifikat fil-punt ATM/ANS.OR.A.050 u ATM/ANS.OR.A.055 rispettivament;

- (b) id-dikjarazzjoni ma tkunx ġiet irtirata mill-fornitur tat-tali servizzi u lanqas ma titneħħielha r-reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti.

**ATM/ANS.OR.A.035 Turija ta' konformità**

Fornitur ta' servizz għandu jipprovdi l-evidenza rilevanti kollha sabiex juri li huwa konformi mar-rekwiżi applikabbli ta' dan ir-Regolament, meta jintalab jagħmel dan mill-awtorità kompetenti.

**ATM/ANS.OR.A.040 Bidliet — ġenerali**

- (a) In-notifika u l-ġestjoni ta':

- (1) bidla fis-sistema funzjonali jew bidla li taffettwa s-sistema funzjonali għandha titwettaq skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045;

- (2) bidla fil-forniment ta' servizz, is-sistema ta' ġestjoni tal-fornitur ta' servizz u/jew is-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza, li ma taffettwax is-sistema funzjonali, għandha ssir skont il-punt (b).

- (b) Kwalunkwe bidla msemmija fil-punt (a)(2) għandha teħtieġ l-approvazzjoni qabel l-implimentazzjoni, sakemm bidla bħal din ma tkunx notifikata u ġestita skont proċedura approvata mill-awtorità kompetenti kif stipulat fl-ATM/ANS.AR.C.025(c).

**▼B****ATM/ANS.OR.A.045 Bidliet fis-sistema funzjonali**

(a) Fornitur ta' servizz li jippjana bidla fis-sistema funzjonali tiegħu għandu:

- (1) jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar il-bidla;
- (2) jipprovi lill-awtorità kompetenti, jekk jintalab jagħmel dan, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti tiddeċiedi dwar jekk tirrevedix l-argument għall-bidla;
- (3) jgħarraf lil fornituri ta' servizzi oħrajn u, fejn fattibbli, lil impriżi tal-avjazzjoni affettwati mill-bidla pplanata.

(b) Wara li jinnotifika bidla, il-fornitur ta' servizz għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti kull meta l-informazzjoni pprovduta skont il-punti (a)(1) u (2) tiġi modifikata b'mod materjali, u l-fornitur ta' servizzi u l-impriżi tal-avjazzjoni rilevanti kull meta l-informazzjoni pprovduta skont il-punt (a)(3) tiġi notifikata b'mod materjali.

(c) Fornitur ta' servizz għandu jibda jħaddem biss daww il-partijiet tal-bidla li għalihom ikunu twettqu l-attivitajiet meħtieġa mill-proċeduri msemmijin fil-punt ATM/ANS.OR.B.010.

(d) Jekk il-bidla tkun soġġetta għal reviżjoni mill-awtorità kompetenti skont il-punt ATM/ANS.AR.C.035, il-fornitur ta' servizz għandu jippermetti biss daww il-partijiet tal-bidla li għalihom l-awtorità kompetenti tkun approvat l-argument sabiex jiġihaddmu.

(e) Meta bidla tkun taffettwa lil fornituri oħrajn ta' servizz u/jew impriżi tal-avjazzjoni oħrajn, kif identifikat fil-punt (a)(3), il-fornitur ta' servizz u dawn il-fornituri oħrajn ta' servizzi, f'koordinazzjoni, għandhom jistabbilixxu:

- (1) id-dipendenzi ma' xulxin u, fejn possibbli, mal-impriżi tal-avjazzjoni affettwati;
- (2) is-suppożizzjonijiet u l-mitigazzjonijiet tar-riskju li huma marbutin ma' iktar minn fornitur wieħed ta' servizzi jew impriża tal-avjazzjoni waħda.

(f) Daww il-fornituri ta' servizzi affettwati mis-suppożizzjonijiet u l-mitigazzjonijiet tar-riskju msemmijin fil-punt (e)(2) għandhom jużaw biss, fl-argument tagħhom għall-bidla, suppożizzjonijiet u mitigazzjonijiet tar-riskji miftehmin u allinjati ma' xulxin u, fejn possibbli, mal-impriżi tal-avjazzjoni.

**▼M7**

(g) Qabel ma jintegra t-tagħmir tal-ATM/ANS fis-sistema funzjonali, il-fornitur tal-ATM/ANS għandu jiżgura li:

- (1) tagħmir ATM/ANS ġdid jew modifikat ikun iċċertifikat mill-Aġenzija f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 u manifatturat minn organizzazzjoni ta' disinn jew produzzjoni approvata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769 <sup>(1)</sup>; jew
- (2) tagħmir ATM/ANS ġdid jew modifikat huwa ddikjarat minn organizzazzjoni tad-disinn approvata skont ir-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 u manifatturat minn organizzazzjoni ta' disinn jew ta' produzzjoni approvata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1769; jew

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769 tat-12 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet involuti fid-disinn jew fil-produzzjoni ta' sistemi u kostitwenti ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/203 (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 19)

**▼M7**

- (3) tagħmir tal-ATM/ANS ġdid jew modifikat jinħareġ b'dikjarazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768; jew
- (4) meta t-tagħmir tal-ATM/ANS ma jkunx soġġett għall-valutazzjoni tal-konformità skont ir-Regolament Delegat (UE) 2023/1768, it-tagħmir partikolari tal-ATM/ANS ikun ġie vverifikat li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet u l-kwalifiki applikabbli.
- (h) Il-fornitur tal-ATM/ANS għandu jiżgura li t-tagħmir tal-ATM/ANS ikun ġie vverifikat biex jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur tat-tagħmir, inklużi l-installazzjoni u t-test(ijiet) fuq il-post.
- (i) Qabel ma l-fornitur tal-ATM/ANS iqiegħed it-tagħmir tal-ATM/ANS fis-servizz, huwa għandu jiżgura li s-sistema funzjonali modifikata li tintegra dan it-tagħmir tal-ATM/ANS tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli kollha u għandha tidentifika d-devjazzjonijiet u l-limitazzjonijiet kollha.
- (j) Meta l-fornitur tal-ATM/ANS iqiegħed it-tagħmir tal-ATM/ANS fis-servizz, huwa għandu jiżgura li t-tagħmir tal-ATM/ANS, jew dak modifikat, jintuża skont il-kundizzjonijiet tal-użu, kif ukoll skont kwalunkwe limitazzjoni applikabbli, u jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli kollha.

**▼B****ATM/ANS.OR.A.050 Faċilitazzjoni u kooperazzjoni**

Fornitur ta' servizz għandu jiffaċilita l-ispezzjonijiet u l-awditi mill-awtorità kompetenti jew minn entità kkwalifikata li taġixxi f'ismu u jrid jikkoopera kif ikun hemm b'żonn għall-eżerċizzju effiċjenti u effettiv tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 5.

**ATM/ANS.OR.A.055 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi**

Wara li jirċievi n-notifika tas-sejbiet mill-awtorità kompetenti, il-fornitur ta' servizz għandu:

- (a) jidentifika l-kawża ewlenija tan-nuqqas ta' konformità;
- (b) ifassal pjan ta' azzjoni korrettiv li jissodisfa l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti;
- (c) juri implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva li tissodisfa lill-awtorità kompetenti fi ħdan il-perjodu ta' żmien propost mill-fornitur ta' servizz u miftiehem minn dik l-awtorità, kif definit fl-ATM/ANS.AR.C.050(e).

**▼M7****ATM/ANS.OR.A.060 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

- (a) Fornitur ta' servizz għandu jimplimenta kwalunkwe miżura ta' sikurezza, inklużi derivattivi dwar is-sikurezza, ordnati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATM/ANS.AR.A.025(c).

Meta tinħareġ direttiva tas-sikurezza biex tikkoreġi l-kundizzjoni msemmija fid-dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768, il-fornitur tal-ATM/ANS għandu, sakemm ma jiġix determinat mod ieħor mill-awtorità kompetenti f'każ li tkun meħtieġa azzjoni urġenti:

- (1) jipproponi azzjoni korrettiva xierqa u jissottometti d-dettalji ta' dik il-proposta lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni;
- (2) wara l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti, jikkonforma magħha.

## ▼M4

**ATM/ANS.OR.A.065 Rapportar ta' okkorrenzi**

- (a) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tiegħu, il-fornitur tal-ATM/ANS għandu jistabbilixxi u jżomm sistema ta' rappurtar tal-okkorrenzi, inkluż rappurtar obbligatorju u volontarju. Il-fornituri tal-ATM/ANS stabbiliti fi Stat Membru għandhom jiżguraw li s-sistema tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u tar-Regolament (UE) 2018/1139, kif ukoll mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dawk ir-regolamenti.
- (b) Il-fornitur tal-ATM/ANS għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti u lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra meħtieġa li tiġi infurmata mill-Istat Membru, fejn il-fornitur tal-ATM/ANS jipprovdi s-servizzi tiegħu, kwalunkwe avveniment jew kundizzjoni relatati mas-sikurezza li jipperikolaw jew, jekk ma jiġux ikkoreġuti jew indirizzati, jistgħu jipperikolaw inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra, u b'mod partikolari kwalunkwe aċċident jew inċident serju.
- (c) Mingħajr preġudizzju għall-punt (b), il-fornitur tal-ATM/ANS għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinjar u/jew il-manutenzjoni tas-sistemi u l-kostitwenti tal-ATM/ANS, jekk ikunu differenti mill-fornitur tal-ATM/ANS, kwalunkwe ħsara, difett tekniku, qbiż tal-limitazzjonijiet tekniċi, okkorrenza, jew ċirkostanza irregolari oħra li pperikolat jew setgħet ipperikolat is-sikurezza tas-servizzi u ma rriżultatx f'aċċident jew f'inċident serju.
- (d) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu, ir-rapporti għandhom:
- (1) isiru malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li l-fornitur tal-ATM/ANS ikun sar jaf bl-avveniment jew il-kundizzjoni li għalihom jirreferi r-rapport, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jippermettux li jsir hekk;
  - (2) isiru fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti;
  - (3) jinkludu l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni li jkun jaf il-fornitur tal-ATM/ANS.
- (e) Għall-fornituri tal-ATM/ANS li ma jkunux stabbiliti fi Stat Membru, ir-rapporti obbligatorji inizzjali għandhom:
- (1) jissalvagwardjaw b'mod xieraq il-kunfidenzjalità tal-identità ta' min jagħmel ir-rapport u tal-persuni msemmija fir-rapport;
  - (2) isiru malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li l-fornitur tal-ATM/ANS ikun sar jaf bl-okkorrenza, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jippermettux li jsir hekk;
  - (3) isiru fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti;
  - (4) jinkludu l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni li jkun jaf il-fornitur tal-ATM/ANS.
- (f) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, fejn ikun rilevanti, għandu jsir rapport ta' segwitu li jipprovdi dettalji tal-azzjonijiet li l-organizzazzjoni jkun beħsiebha tiegħu biex tipprevjeni okkorrenzi simili fil-ġejjieni, malli dawn l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati; dawk ir-rapporti ta' segwitu għandhom:
- (1) jintbagħtu lill-entitajiet rilevanti inizzjalment irrapportati f'konformità mal-punti (b) u (c); u
  - (2) isiru fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

**▼B****ATM/ANS.OR.A.070 Pjanijiet ta' kontinġenza**

Fornitur ta' servizz għandu jistabbilixxi pjanijiet ta' kontinġenza għas-servizzi kollha li jipprovdi fil-każ ta' avvenimenti li jwasslu għal degradazzjoni sinifikanti jew għal interruzzjoni ta' ħidmietu.

**ATM/ANS.OR.A.075 Forniment miftuħ u trasparenti ta' servizzi,**

- (a) Fornitur ta' servizz għandu jipprovdi s-servizzi tiegħu b'mod miftuħ u trasparenti. Għandu jipubblika l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-servizzi tiegħu u l-bidliet fihom u jistabbilixxi proċess ta' konsultazzjoni mal-utenti tas-servizzi tiegħu fuq bażi regolari jew kif ikun hemm bżonn għal bidliet speċifiċi fil-forniment ta' servizz, jew flivell individwali jew kollettiv.
- (b) Fornitur ta' servizz ma għandux jiddiskrimina fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew karatteristika oħra tal-utent jew il-klassi ta' utenti tas-servizzi tiegħu b'mod li jmur kontra l-liġi tal-Unjoni.

**▼M1****ATM/ANS.OR.A.080 Il-provvista ta' data ajrunawtika**

- (a) Fornitur ta' servizz għandu jiżgura li d-data ajrunawtika relatata mas-servizzi tiegħu tiġi pprovduta fi żmien debitu lill-fornitur ta' AIS.
- (b) Meta tiġi ppubblikata d-data ajrunawtika relatata mas-servizzi tiegħu, il-fornitur ta' servizz għandu:
  - (1) jissorvelja d-data;
  - (2) jinnotifika lill-fornitur ta' AIS dwar kwalunkwe tibdil neċessarju sabiex jiġi żgurat li d-data tkun korretta u kompluta;
  - (3) jinnotifika lill-fornitur ta' AIS meta d-data tkun żbaljata jew mhux adattata.

**ATM/ANS.OR.A.085 Ġestjoni tal-kwalità tad-data ajrunawtika**

Meta joriġina, jipproċessa jew jittrażmetti data lill-fornitur ta' AIS, il-fornitur ta' servizz għandu:

- (a) jiżgura li d-data ajrunawtika msemija fl-Appendiċi 1 tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-katalogu ta' data ajrunawtika;
- (b) jiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin dwar il-kwalità tad-data:
  - (1) li l-akkuratezza tad-data ajrunawtika tkun kif speċifikata fil-katalogu dwar id-data ajrunawtika;
  - (2) tiġi ppreservata l-integrità tad-data ajrunawtika;
  - (3) fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni tal-integrità speċifikata fil-katalogu ta' data ajrunawtika, jiddaħħlu fis-seħħ proċeduri sabiex:
    - (i) għal data ta' rutina, tiġi evitata korruzzjoni matul l-ipproċessar tad-data;
    - (ii) għal data essenzjali, ma sseħħx korruzzjoni f'xi stadju mill-proċess sħiħ u li jkunu inklużi proċessi addizzjonali, skont il-bżonn, sabiex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali fl-arkitettura tas-sistema ġenerali sabiex tiġi żgurata ulterjorment l-integrità tad-data f'dan il-livell;

▼ **M1**

- (iii) għal *data* kritika, ma sseħħx korruzzjoni f'xi stadju mill-proċess sħiħ u li jkunu inklużi proċessi addizzjonali ta' garanzija tal-integrità sabiex jiġu mmitigati bis-sħiħ l-effetti tal-ħsarat identifikati bħala riskji potenzjali għall-integrità tad-*data* permezz ta' analiżi dettaljata tal-arkitettura kumplessiva tas-sistema;
- (4) ir-riżoluzzjoni tad-*data* ajrunawtika hija proporzjonata għall-akkuratezza propja tad-*data*;
- (5) tiġi żgurata t-traċċabilità tad-*data* ajrunawtika;
- (6) tiġi żgurata l-puntwalità tad-*data* ajrunawtika, inkluż kwalunkwe limitu fuq il-perjodu effettiv tad-*data*;
- (7) tiġi żgurata l-kompletezza tad-*data* ajrunawtika;
- (8) id-*data* pprovduta tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati dwar il-format;
- (c) fir-rigward tal-oriġinazzjoni tad-*data*, jiġu stabbiliti arranġamenti formali speċifiċi mal-parti li toriġina d-*data* li jkun fihom struzzjonijiet għall-ħolqien, għall-modifika jew għat-tħassir tad-*data*, li bħala minimu jkunu jinkludu:
  - (1) deskrizzjoni mingħajr ambigwità tad-*data* ajrunawtika li trid tinħoloq, tiġi mmodifikata jew titħassar;
  - (2) l-entità li lilha trid tiġi pprovduta d-*data* ajrunawtika;
  - (3) id-*data* u l-ħin li sa dawn trid tiġi pprovduta d-*data* ajrunawtika;
  - (4) il-format tar-rapport dwar l-oriġinazzjoni tad-*data* li jrid jintuża;
  - (5) il-format tad-*data* ajrunawtika li trid tiġi trażmessa;
  - (6) ir-rekwiżit ta' identifikazzjoni ta' kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tad-*data*;
- (d) jiżgura li jiġihaddmu t-tekniki ta' validazzjoni u ta' verifika tad-*data* sabiex jiġi żgurat li d-*data* ajrunawtika tissodisfa r-rekwiżiti assoċjati dwar il-kwalità tad-*data* u, barra minn hekk:
  - (1) il-verifika għandha tiżgura li d-*data* ajrunawtika tiġi riċevuta mingħajr korruzzjoni u li ma sseħħx korruzzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċess sħiħ tad-*data* ajrunawtika;
  - (2) id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika mdaħħla manwalment għandhom ikunu soġġetti għal verifika indipendenti għad-detezzjoni ta' kwalunkwe żball li seta' ġie introdott;
  - (3) meta tintuża *data* ajrunawtika għad-derivazzjoni jew għall-kalkolu ta' *data* ajrunawtika ġdida, id-*data* inizjali għandha tiġi vverifikata u vvalidata, ħlief meta tkun ipprovduta minn sors awtorevoli;
- (e) jittrażmetti d-*data* ajrunawtika b'mezzi elettroniċi;
- (f) jistabbilixxi arranġamenti formali ma':
  - (1) kull parti li tittrażmettilu *data*;
  - (2) fornituri ta' servizzi jew operaturi ta' ajrudromi oħrajn meta jiskambjaw *data* ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika;

▼ **C2**

- (g) jiżgura li l-informazzjoni elenkata fil-punt AIS.TR.505(a) tiġi pprovduta fi żmien debitu lill-fornitur tal-AIS;

▼ **M1**

- (h) jiġbor u jittrażmetti metadata li bħala minimu tinkludi:
- (1) l-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet jew tal-entitajiet li jwettqu kwalunkwe azzjoni ta' oriġinazzjoni, ta' trażmissjoni jew ta' manipolazzjoni tad-*data* ajrunawtika;
  - (2) l-azzjoni mwettqa;
  - (3) id-*data* u l-*ħin* li fihom twettqet l-azzjoni;
- (i) jiżgura li l-*għodod* u s-*softwer* użati għall-*appoġġjar* jew għall-*awtomatizzazzjoni* tal-*proċessi* tad-*data* ajrunawtika u tal-*informazzjoni* ajrunawtika jwettqu l-*funzjonijiet* tagħhom mingħajr ma jaffettwaw b'mod avvers il-*kwalità* tad-*data* ajrunawtika u tal-*informazzjoni* ajrunawtika;
- (j) jiżgura li jintużaw *tekniki diġitali* ta' *detezzjoni* tal-*iżbalji* tad-*data* matul it-*trażmissjoni* jew il-*ħżin* tad-*data* ajrunawtika, jew it-*tnejn*, sabiex jiġu *appoġġjati* l-*livelli applikabbli* ta' *integrità* tad-*data*;
- (k) jiżgura li t-*trasferiment* ta' *data* ajrunawtika jkun soġġett għal *proċess* xieraq ta' *awtentikazzjoni* b'tali mod li r-*riċevituri* jkunu jistgħu jikkonfermaw li d-*data* tkun ġiet trażmessa minn sors awtorizzat;
- (l) jiżgura li l-*iżbalji* identifikati matul l-*oriġinazzjoni* tad-*data* u wara l-*konsenja* tad-*data* jiġu indirizzati, ikkoreġuti jew riżolti u li tingħata *prijorità* lill-*immaniġġjar* tal-*iżbalji f'data* ajrunawtika kritika u essenzjali.

**ATM/ANS.OR.A.090 Sistema ta' referenza komuni għan-navigazzjoni bl-ajru**

Għall-*fini* ta' *navigazzjoni* bl-ajru, il-*fornituri* ta' *servizzi* għandhom jużaw:

- (a) il-World Geodetic System — 1984 (WGS-84) bħala s-sistema ta' referenza orizzontali;
- (b) id-*datum* tal-*livell* medju tal-*baħar* (MSL) bħala s-sistema ta' referenza vertikali;
- (c) il-*kalendarju* Gregorjan u l-*ħin* universali koordinat (UTC) bħala s-sistemi ta' referenza temporali.

▼ **B**

## SUBPARTI B — ĠESTJONI (ATM/ANS.OR.B)

**ATM/ANS.OR.B.001 Il-kompetenza u l-kapaċità teknika u operazzjonali;**

Fornitur ta' *servizzi* għandu jara li jkun kapaċi jipprovdi s-*servizzi* b'mod sikur, effiċjenti, kontinwu u sostenibbli b'mod konsistenti ma' kwalunkwe *livell* previst ta' *domanda* ġenerali għal spazju tal-ajru partikolari. Għal dan il-*għan*, għandu jżomm kompetenza u *ħila* teknika u operattiva adegwati.

**ATM/ANS.OR.B.005 Is-sistema ta' ġestjoni**

- (a) Fornitur ta' *servizz* għandu jimplimenta u jżomm sistema ta' *ġestjoni* li tinkludi:
  - (1) *linji* ta' *responsabbiltà* u *rendikont* fl-*organizzazzjoni* tiegħu definiti b'mod ċar, inkluż ir-*rendikont* dirett min-naħa tal-*maniġer* responsabbli;
  - (2) *deskrizzjoni* tal-*filosofiji* u l-*prinċipji* ġenerali tal-*fornitur* ta' *servizz* fir-rigward tas-*sikurezza*, il-*kwalità* u s-*sigurtà* tas-*servizzi* tiegħu, li b'mod kollettiv isawru *politika*, *iffirmata* mill-*maniġer* responsabbli;
  - (3) il-*mezzi* sabiex tiġi *verifikata* l-*prestazzjoni* tal-*organizzazzjoni* tal-*fornitur* ta' *servizz* fid-dawl tal-*indikaturi* tal-*prestazzjoni* u l-*miri* tal-*prestazzjoni* tas-sistema ta' *ġestjoni*;
  - (4) *proċess* sabiex jiġu identifikati l-*bidliet* fl-*organizzazzjoni* tal-*fornitur* ta' *servizz* u l-*kuntest* li jopera fih, li jistgħu jaffettwaw il-*proċessi*, il-*proċeduri* u s-*servizzi* stabbiliti u, fejn ikun hemm bżonn, jibdel is-sistema ta' *ġestjoni* u/jew is-sistema funzjonali sabiex jakkomoda dawk il-*bidliet*;

**▼B**

- (5) proċess sabiex jirrevedi s-sistema ta' ġestjoni, jidentifika l-kawżi tal-prestazzjoni li ma tilħaqx livell standard tas-sistema ta' ġestjoni, jistabbilixxi l-implikazzjonijiet tat-tali prestazzjoni mhux ta' livell standard, u jelimina jew jimmitiga t-tali kawżi;
- (6) proċess sabiex jiġi żgurat li l-persunal tal-fornitur ta' servizz huwa mħarreġ u kompetenti sabiex iwettaq xogħlu b'mod sikur, effiċjenti, kontinwu u sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-fornitur ta' servizz għandu jistabbilixxi politiki għar-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal tiegħu;
- (7) mezz formali għal komunikazzjoni li jiżgura li l-persunal kollu tal-fornitur ta' servizz ikun jaf bis-sħiħ kif inhi s-sistema ta' ġestjoni, li tippermetti sabiex tingħadda informazzjoni kritika u tagħmilha possibbli li jiġu spjegati għaliex ittieħdu ċerti azzjonijiet u għaliex jiġu introdotti jew għaliex jinbidlu l-proċeduri;

**▼M7**

- (8) proċess biex jiġi żgurat li d-disinn tat-tagħmir tal-ATM/ANS, jew il-bidliet fid-disinn tiegħu, soġġett għall-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli, inkluża l-funzjoni ta' verifika indipendenti tad-dimostrazzjoni tal-konformità li abbażi tagħha l-fornitur tal-ATM/ANS joħroġ dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni ta' konformità assoċjata magħhom.

**▼B**

- (b) Fornitur ta' servizz għandu jiddokumenta l-proċessi ewlenin kollha tas-sistema ta' ġestjoni, inkluż proċess sabiex il-persunal jiġi mgħarraf dwar ir-responsabbiltajiet tiegħu, u l-proċedura għall-emendar ta' dawk il-proċessi.
- (c) Fornitur ta' servizz għandu jistabbilixxi funzjoni li tissorvelja l-konformità tal-organizzazzjoni tiegħu mar-rekwiżiti applikabbli u l-adegwatezza tal-proċeduri. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons għas-sejbiet lill-manijer responsabbli biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi hekk kif ikun meħtieġ.
- (d) Fornitur ta' servizz għandu jissorvelja l-imġiba tas-sistema funzjonali tiegħu u, meta jidentifika prestazzjoni mhux adegwata, għandu jistabbilixxi l-kawżi tagħha u jeliminahom jew, wara li jistabbilixxi l-implikazzjoni tal-prestazzjoni mhux adegwata, jimmitiga l-effetti tagħha.
- (e) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tkun tikkorrispondi għad-daqs tal-fornitur ta' servizz u l-komplessità tal-attivitajiet tiegħu, filwaqt li tqis il-perikli u r-riskji assoċjati magħhom inerenti f'dawk l-attivitajiet.
- (f) Fi ħdan is-sistema ta' ġestjoni tiegħu, il-fornitur ta' servizzi għandu jistabbilixxi interfaċċji formali mal-fornituri ta' servizzi u l-impriżi tal-avjazzjoni rilevanti sabiex:
  - (1) jiżgura li l-perikli tas-sikurezza tal-avjazzjoni kkaġunati mill-attivitajiet tiegħu jiġu identifikati u evalwati, u r-riskji assoċjati jiġu ġestiti u mitigati kif xieraq;
  - (2) jiżgura li jipprovdi s-servizzi tiegħu skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (g) Fil-każ li l-fornitur ta' servizz ikollu wkoll ċertifikat ta' operatur ta' ajrudrom, għandu jiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tkopri l-attivitajiet kollha fl-ambitu taċ-ċertifikati tiegħu.

**▼B****ATM/ANS.OR.B.010 Proċeduri ta' ġestjoni tal-bidliet**

(a) Fornitur ta' servizz għandu juża l-proċeduri sabiex jimmaniġġja, jivvaluta u, jekk ikun hemm bżonn jimmitiga l-impatt tal-bidliet fuq is-sistemi funzjonali tiegħu skont il-punti ATM/ANS.OR.A.045, ATM/ANS.OR.C.005, ATS.OR.205 u ATS.OR.210, kif applikabbli.

(b) Il-proċeduri msemmijin fil-punt (a) jew kwalunkwe modifika materjali f'dawk il-proċeduri għandhom:

(1) jiġu sottomessi, għal approvazzjoni, mill-fornitur ta' servizz lill-awtorità kompetenti;

(2) ma jintużawx sakemm jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

(c) Meta l-proċeduri approvati msemmijin fil-punt (b) ma jkunux adattati għal bidla partikolari, il-fornitur ta' servizz għandu:

(1) jagħmel talba lill-awtorità kompetenti għal eżenzjoni sabiex jiddevja mill-proċeduri approvati;

(2) jipprovdi d-dettalji tad-devjazzjoni u l-ġustifikazzjoni għall-użu tagħha lill-awtorità kompetenti;

(3) ma jużax id-devjazzjoni qabel ma tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

**ATM/ANS.OR.B.015 Attivitajiet kuntrattati**

(a) L-attivitajiet kuntrattati jinkludu l-attivitajiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-operazzjonijiet tal-fornitur ta' servizz, skont il-kundizzjonijiet taċ-ċertifikat, li jitwettqu minn organizzazzjonijiet oħrajn li jew jkunu ċċertifikati huma stess sabiex iwettqu t-tali attività jew jekk ma jkunux iċċertifikati huma stess, jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-fornitur ta' servizz. Fornitur ta' servizz għandu jiżgura li meta jikkuntratta jew jixtri xi sehem mill-attivitajiet tiegħu lil organizzazzjonijiet esterni, l-attività, is-sistema jew il-kostitwenti kuntrattati jew mixtrijin jirrispettaw ir-rekwiżiti applikabbli.

(b) Meta fornitur ta' servizz jikkuntratta xi parti mill-attivitajiet tiegħu lil organizzazzjoni li hija stess mhijiex iċċertifikata skont dan ir-Regolament sabiex twettaq tali attività, għandu jiżgura li l-organizzazzjoni kkuntrattata taħdem taħt is-superviżjoni tiegħu. Il-fornitur ta' servizz għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni kuntrattata, sabiex tara li tinżamm konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli skont dan ir-Regolament.

**ATM/ANS.OR.B.020 Ir-rekwiżiti tal-persunal**

(a) Il-fornitur ta' servizz għandu jaħtar manijer responsabbli, li jkollu l-awtorità li jiżgura li l-attivitajiet kollha jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati u eżegwiti skont ir-rekwiżiti applikabbli. Il-manijer responsabbli għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema effettiva ta' ġestjoni.

(b) Fornitur ta' servizz għandu jiddefinixxi l-awtorità, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tad-detenturi nominati għall-kariga, b'mod partikolari tal-persunal manijerjali inkarigat mill-funzjonijiet marbutin mas-sikurezza, il-kwalità, is-sigurtà, il-finanzi u r-riżorsi umani, skont kif ikun applikabbli.

**▼B****ATM/ANS.OR.B.025 Rekwiżiti tal-faċilitajiet**

Fornitur ta' servizz għandu jiżgura li jkun hemm faċilitajiet adegwati u xierqa sabiex jitwettqu u jiġu ġestiti l-kompiti u l-attivitajiet kollha skont ir-rekwiżiti applikabbli.

**ATM/ANS.OR.B.030 Żamma ta' rekords**

- (a) Fornitur ta' servizz għandu jistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti l-ħażna adegwata u t-traċċabbiltà affidabbli tal-attivitajiet kollha tiegħu, li tkun tkopri b'mod partikolari l-elementi kollha indikati fil-punt ATM/ANS.OR.B.005.
- (b) Il-format u l-perjodu ta' żamma tar-rekords imsemmijin fil-punt (a) għandhom ikunu speċifikati fil-proċeduri tas-sistema ta' ġestjoni tal-fornitur ta' servizz.
- (c) Ir-rekords għandhom jinħażnu b'mod li jiżgura l-protezzjoni mill-ħsara, mit-tbagħbis u mis-serq.

**ATM/ANS.OR.B.035 Manwali tal-operazzjonijiet**

- (a) Fornitur ta' servizz għandu jipprovdi manwali tal-operazzjonijiet dwar il-forniment ta' servizzi tiegħu u jżommhom aġġornati sabiex ikunu ta' gwida u jkunu jistgħu jintużaw mill-persunal tal-operazzjonijiet.
- (b) Għandu jiżgura li:
  - (1) il-manwali tal-operazzjonijiet ikun fihom l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa mill-persunal tal-operazzjonijiet sabiex iwettaq dmirijietu;
  - (2) il-partijiet rilevanti tal-manwali tal-operazzjonijiet ikunu aċċessibbli għall-persunal ikkonċernat;
  - (3) il-persunal tal-operazzjonijiet ikun informat dwar l-emendi fil-manwal tal-operazzjonijiet li japplikaw għal dmirijietu b'mod li jippermetti l-applikazzjoni tagħhom malli jidhru fis-seħħ.

**SUBPARTI Ċ — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI GĦAJR FORNITURI TAL-ATS  
(ATM/ANS.OR.C)**

**ATM/ANS.OR.C.001 Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li jrid jissodisfa l-fornitur ta' servizz għajr il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, minbarra r-rekwiżiti stipulati fis-Subpartijiet A u B.

**ATM/ANS.OR.C.005 Valutazzjoni tal-appoġġ għas-sikurezza u garanzija tal-bidliet fis-sistema funzjonali**

- (a) Għal kwalunkwe bidla notifikata skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045(a)(1), il-fornitur ta' servizz għajr il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu:
  - (1) jiżgura li titwettaq valutazzjoni ta' appoġġ ta-sikurezza li tkopri l-kamp ta' applikazzjoni tal-bidla li huwa:
    - (i) l-elementi tat-tagħmir, proċedurali u umani li qegħdin jinbidlu;
    - (ii) l-interfaċċji u l-interazzjonijiet bejn l-elementi li qegħdin jinbidlu u l-bqija tas-sistema funzjonali;
    - (iii) l-interfaċċji u l-interazzjonijiet bejn l-elementi li qegħdin jinbidlu u l-kuntest li fih huma ppjanati li jaħdmu;

**▼B**

- (iv) iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bidla mid-definizzjoni sal-operazzjonijiet inkluża t-tranżizzjoni fis-servizz;
- (v) il-modalitajiet degradati ppjanati;
- (2) jipprovdi garanzija, b'biżżejjed fiduċja, permezz ta' argument sħiħ, dokumentat u validu li s-servizz sejjer jaħdem u sejjer ikompli jaħdem kif speċifikat fil-kuntest speċifikat.
- (b) Fornitur ta' servizz għajr fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-valutazzjoni tal-appoġġ għas-sikurezza msemmija fil-punt (a) tinkludi:
  - (1) verifika li:
    - (i) il-valutazzjoni tikkorrispondi għall-ambitu tal-bidla kif definit fil-punt (a)(1);
    - (ii) is-servizz jaħdem biss kif speċifikat fil-kuntest speċifikat;
    - (iii) il-mod kif jaħdem is-servizz jikkofnoma ma' u ma jmurx kontra xi rekwiżit applikabbli ta' dan ir-Regolament imqiegħed fuq is-servizzi pprovduti mis-sistema funzjonali mibdula; u
  - (2) speċifikazzjoni tal-kriterji ta' monitoraġġ neċessarji sabiex jintwera li s-servizz fornit mis-sistema funzjonali mibdula sejjer jibqa' jaħdem biss kif speċifikat fil-kuntest speċifikat.

**SUBPARTI D — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI SPEĊIFIĊI GĦAL FORNITURI TA' ANS U ATFM U L-MANIĠER TAN-NETWERK (ATM/ANS.OR.D)**

**ATM/ANS.OR.D.001 Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS) u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ATFM) u l-Maniġer tan-Netwerk, minbarra r-rekwiżiti stipulati fis-Subpartijiet A, B u Ċ.

**ATM/ANS.OR.D.005 Pjanijiet ta' direzzjoni tan-negożju, annwali u tal-prestazzjoni**

**(a) Pjan ta' direzzjoni tan-negożju**

- (1) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom jipproduċu pjan ta' direzzjoni tan-negożju li jkopri tal-inqas perjodu ta' ħames snin. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negożju għandu:
  - (i) jistabbilixxi l-għanijiet u l-miri ġenerali tal-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, u l-istrateġija tagħhom għall-ilħuq tagħhom b'mod konsistenti ma' kwalunkwe pjan ġenerali fit-tul tal-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew tal-fornitur ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' infrastruttura jew teknoloġija oħra;
  - (ii) fih miri tal-prestazzjoni f'termini ta' sikurezza, kapaċità, ambjent u kosteffiċjenza, skont kif ikun applikabbli skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

**▼B**

(2) L-informazzjoni elenkata fil-punti (i) u (ii) għandha tkun allinjata mal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u, f'dak li għandu x'jaqsam mad-data dwar is-sikurezza, għandha tkun konsistenti mal-Programm ta' Sikurezza tal-Istat imsemmi fl-Istandard 3.1.1 tal-Anness 19 għall-Konvenzjoni ta' Chicago fl-ewwel edizzjoni ta' Lulju 2013.

(3) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom jipproduċu ġustifikazzjonijiet f'termini ta' sikurezza u ta' negozju għal proġetti kbar ta' investiment inkluż, fejn ikun rilevanti, l-impatt stmat fuq il-miri tal-prestazzjoni xierqa msemmija fil-punt (1)(ii) u għandhom jidentifikaw l-investimenti li jirriżultaw mir-rekwiżiti legali assoċjati mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru Uniku Ewropew (SESAR).

**(b) Pjan annwali**

(1) Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom jipproduċu pjan annwali li jkopri s-sena li jmiss li jrid jispjega wkoll il-karatteristiċi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u jiddeskrivi kwalunkwe bidla fih meta mqabbel mal-pjan ta' qablu.

(2) Il-pjan annwali jrid ikopri d-dispożizzjonijiet li ġejjin dwar il-livell u l-kwalità tas-servizz bħal-livell mistenni tal-kapaċità, tas-sikurezza, tal-ħarsien ambjentali u ta' kosteffiċjenza:

(i) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-infrastruttura l-ġdida jew żviluppi oħrajn, u dikjarazzjoni dwar kif se jkun jikkontribwixxu għat-titjib tal-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew tal-fornitur tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, inklużi l-livell u l-kwalità tas-servizz;

(ii) l-indikaturi tal-prestazzjoni, skont kif applikabbli, b'mod konsistenti mal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, li abbażi tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati b'mod raġonevoli kemm il-livell tal-prestazzjoni kif ukoll il-kwalità tas-servizz;

(iii) informazzjoni dwar il-miżuri previsti għall-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza identifikati mill-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, inklużi l-indikaturi tas-sikurezza għal monitoraġġ tar-riskju għas-sikurezza u, fejn ikun xieraq, l-ispiża stmata tal-miżuri ta' mitigazzjoni;

(iv) il-pożizzjoni finanzjarja fit-terminu qasir tal-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru kif ukoll kwalunkwe bidla fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew l-impatti fuqu.

**(c) Il-parti tal-prestazzjoni tal-pjanijiet**

Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom jwieġdu l-kontenut tal-parti tal-prestazzjoni tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom u tal-pjanijiet annwali tagħhom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni meta titlobhom, bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali.

**ATM/ANS.OR.D.010 Ġestjoni tas-sigurtà**

(a) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Netzwerk għandhom, bħala parti integrali mis-sistema ta' ġestjoni tagħhom kif meħtieġ fil-punt ATM/ANS.OR.B.005, jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà sabiex jiżguraw:

(1) is-sigurtà tal-faċilitajiet u tal-persunal tiegħu sabiex jimpedixxu interferenza illegali mal-forniment ta' servizzi;

**▼B**

- (2) is-sigurtà ta' data operazzjonali li jirċievu, jew jipproduċu, jew inkella jużaw, sabiex l-aċċess għaliha jkun ristrett biss għal dawk li huma awtorizzati.
- (b) Is-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà għandha tiddefinixxi:
- (1) il-proċeduri marbutin mal-valutazzjoni u mal-mitigazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, il-monitoraġġ u t-titjib tas-sigurtà, ir-reviżjonijiet tas-sigurtà u t-tixrid tal-għarfien miksub;
  - (2) il-mezzi mfasslin ta' detezzjoni ta' ksur tas-sigurtà u biex jiġbdu l-attenzjoni tal-persunal bi twissijiet xierqa dwar is-sigurtà;
  - (3) il-mezzi kif jiġu kkontrollati l-effetti tal-ksur tas-sigurtà u kif jiġu identifikati l-azzjoni ta' rkupru u l-proċeduri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi evitat milli jergħu jseħħu.
- (c) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Netwerk għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà tal-persunal tagħhom, jekk xieraq, u jikkordinaw mal-awtoritajiet ċivili u militari rilevanti sabiex jaraw li l-faċilitajiet, il-persunal u d-data tagħhom ikunu siguri.
- (d) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Netwerk għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipproteġu s-sistemi, il-kostitwenti fużi u d-data tagħhom u jevitaw milli jxekklu n-netwerk b'informazzjoni u theddidiet għaċ-ċibersigurtà li jistgħu joħlqu xkiel illegali għall-forniment tas-servizz tagħhom.

**ATM/ANS.OR.D.015 Saħħa finanzjarja -kapaċità ekonomika u finanzjarja**

Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu kapaċi jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom, bħal kostijiet fissi u varjabbli tal-operat jew il-kostijiet ta' investiment kapitali. Għandhom jużaw sistema xierqa ta' kontabbiltà tal-ispejjeż. Għandhom juru l-ħila tagħhom permezz tal-pjan annwali kif imsemmi fil-punt ATM/ANS.OR.D.005(b), kif ukoll permezz tal-karti bilanċjali u l-kontijiet, kif applikabbli skont l-istatut legali tagħhom, u jrid isir ilhom awditu finanzjarji indipendenti b'mod regolari.

**ATM/ANS.OR.D.020 Responsabbiltà u kopertura tal-assigurazzjoni**

- (a) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Netwerk għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti sabiex ikopru r-riskji marbutin mal-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom skont il-liġi applikabbli.
- (b) Il-metodu użat sabiex tingħata din il-kopertura għandu jkun adattat għat-telf u għad-dannu potenzjali inkwistjoni, filwaqt li jitqiesu l-istatus legali tal-fornituri kkonċernati u l-Maniġer tan-Netwerk u l-livell ta' kopertura tal-assigurazzjoni kummerċjali disponibbli.
- (c) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Netwerk li huma stess jużaw is-servizzi ta' forniture ta' servizz ieħor għandhom jaraw li l-ftehimiet li jikkonkludu għal dak il-għan jispeċifikaw l-allokazzjoni tar-responsabbiltà bejniethom.

**▼B****ATM/ANS.OR.D.025 Rekwiżiti ta' rapportar**

- (a) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom jipprovdu rapport annwali tal-attivitajiet tagħhom lill-awtorità kompetenti.
- (b) Għall-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, ir-rapport annwali jrid ikopri r-riżultati finanzjarji tagħhom, mingħajr ħsara għall-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, kif ukoll il-prestazzjoni operazzjonali tagħhom u kwalunkwe attività u żvilupp sinifikanti oħrajn b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza.

**▼M7**

- (c) Il-Maniġer tan-Network għandu jipprovdi rapport annwali tal-attivitajiet tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. Dan ir-rapport għandu jkopri l-prestazzjoni operazzjonali tiegħu, kif ukoll attivitajiet u żviluppi sinifikanti b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza.

**▼B**

- (d) Ir-rapporti annwali msemmijin fil-punti (a) u (c) għandhom jinkludu tal-inqas:
  - (1) valutazzjoni tal-livell ta' prestazzjoni tas-servizzi pprovduti;
  - (2) għal fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, il-prestazzjoni tagħhom imqabbla mal-miri tal-prestazzjoni stabbiliti fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmija fl-ATM/ANS.OR.D.005(a), filwaqt li titqabbel il-prestazzjoni attwali kontra l-prestazzjoni stabbilita fil-pjan annwali bl-użu tal-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-pjan annwali;

**▼M7**

- (3) għall-Maniġer tan-Network, il-prestazzjoni tiegħu mqabbla mal-oġettivi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-Pjan ta' Strateġija tan-Network, fejn il-prestazzjoni attwali titqabbel kontra l-prestazzjoni stipulata fil-Pjan Operazzjonali tan-Network billi jintużaw l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network;

**▼B**

- (4) spjegazzjoni għad-differenzi mill-miri u l-oġettivi rilevanti u identifikazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe diskrepanza bejn il-pjanijiet u l-prestazzjoni annwali, matul il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004;
- (5) l-iżviluppi fl-operazzjonijiet u fl-infrastruttura,
- (6) ir-riżultati finanzjarji, meta ma jkunux ippubblikati b'mod separat skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
- (7) informazzjoni dwar il-proċess formali ta' konsultazzjoni tal-utenti tas-servizzi tiegħu,
- (8) informazzjoni dwar il-politika tar-riżorsi umani.
- (e) Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Network għandhom jagħmlu r-rapporti annwali tagħhom disponibbli għall-Kummissjoni u l-Aġenzija meta dawn jitolbuhom jagħmlu dan. Dawn għandhom ukoll jagħmlu dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

▼ **M1***Appendiċi 1***KATALOGU TA' DATA AJRUNAWTIKA****Introduzzjoni**

(a) Il-katalogu ta' *data* ajrunawtika huwa referenza għas-suġġetti, għall-proprjetajiet u għas-subproprjetajiet tad-*data* ajrunawtika organizzati f':

- (1) *data* dwar l-ajrudrom;
- (2) *data* dwar l-ispazju tal-ajru;
- (3) *data* tal-ATS u *data* oħra dwar ir-rotot;
- (4) *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti;
- (5) *data* dwar l-ghajnuniet għan-navigazzjoni/is-sistemi bir-radju;
- (6) *data* dwar l-ostakoli;
- (7) *data* dwar il-pożizzjoni ġeografika.

(b) It-tabelli tal-katalogu ta' *data* ajrunawtika huma msawra mill-kolonni li ġejjin:

- (1) is-suġġett li għalih tista' tinġabar id-*data*;
- (2) il-proprjetà: karatteristika identifikabbli ta' suġġett li tista' tkompli tiġi ddefinita f'subproprjetajiet;
- (3) l-istess bħal fi 2;
- (4) tipi: id-*data* hija kklassifikata f'tipi differenti;
- (5) deskrizzjoni: deskrizzjoni tal-punt tad-*data*;
- (6) noti: li fihom informazzjoni addizzjonali jew kundizzjonijiet għall-provvista tad-*data*;
- (7) akkuratezza: ir-rekwiżiti għad-*data* ajrunawtika huma bbażati fuq livell ta' fiduċja ta' 95 %;
- (8) klassifikazzjoni tal-integrità;
- (9) tip ta' oriġinazzjoni: id-*data* hija identifikata kif mistħarrġa, ikkalkolata jew iddikjarata;
- (10) riżoluzzjoni tal-pubblikazzjoni;
- (11) riżoluzzjoni taċ-ċart.

*Nota għall-entrati 2 u 3 taħt il-punt (b): il-klassifikazzjoni ta' element tal-katalogu bħala suġġett, proprjetà jew subproprjetà ma timponix ċertu mudell tad-*data*.*

*Nota għall-entrata 7 taħt il-punt (b): għal dawk il-punti ta' referenza u l-punti li jservu skop doppju, eż. il-punt taż-żamma u l-punt tal-avviċinament bla suċċess, tapplika l-ogħla akkuratezza. Ir-rekwiżiti tal-akkuratezza għad-*data* dwar l-ostakoli u l-art huma bbażati fuq livell ta' fiduċja ta' 90 %.*

*Nota għall-entrata 10 taħt il-punt (b): ir-riżoluzzjonijiet tal-pubblikazzjoni għad-*data* dwar il-pożizzjoni ġeografika (latitudni u lonġitudni) huma applikabbli għall-koordinati fformattati fi gradi, f'minuti, f'sekondi. Meta jintuża format differenti (bħall-gradi b'deċimali għal settijiet ta' *data* diġitali) jew meta l-post ikun ferm aktar lejn it-Tramuntana/in-Nofsinhar, ir-riżoluzzjoni tal-pubblikazzjoni trid tkun proporzjonata għar-rekwiżiti dwar l-akkuratezza.*

## 1. Data dwar l-ajrudromi

| Suġġett               | Proprietà                 | Subproprietà                    | Tip  | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                             | Nota      | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Oriġ. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|-----------------------|---------------------------|---------------------------------|------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
| Ajrudrom/<br>Heliport |                           |                                 |      | Żona definita fuq l-art jew l-ilma (inkluż il-bini, l-installazzjonijiet u t-tagħmir) maħsuba għall-użu kollha kemm hi jew parzjalment għall-wasliet, għat-tluq u għall-moviment fuq is-superfiċje tal-inġenju tal-ajru. |           |             |           |               |           |               |
|                       | Deżinjatur                |                                 |      | Deżinjatur tal-ajrudrom/ heliport                                                                                                                                                                                        |           |             |           |               |           |               |
|                       |                           | Indikatur ta' lokament tal-ICAO | Test | L-indikatur ta' lokament tal-ICAO b'erba' ittri tal-ajrudrom/tal-heliport, kif elenkat fid-Dok 7910 tal-ICAO "Indikaturi ta' Lokament"                                                                                   | Jekk hemm |             |           |               |           |               |
|                       |                           | Deżinjatur tal-IATA             | Test | L-identifikatur li huwa assenjat għal lokament f'konformità mal-IATA (Riżoluzzjoni 767)                                                                                                                                  | Jekk hemm |             |           |               |           |               |
|                       |                           | Oħrajn                          | Test | Identifikatur definit lokalment tal-ajruport, jekk mhux indikatur ta' lokament tal-ICAO                                                                                                                                  |           |             |           |               |           |               |
|                       | Isem                      |                                 | Test | L-isem uffiċjali primarju ta' ajrudrom kif deżinjat mill-awtorità kompetenti                                                                                                                                             |           |             |           |               |           |               |
|                       | Belt moqdi                |                                 | Test | L-isem sħiħ (test ħieles) tal-belt jew tal-belt żgħira li l-ajrudrom/ il-heliport qed jaqdi                                                                                                                              |           |             |           |               |           |               |
|                       | Tip ta' traf-fiku permess |                                 |      |                                                                                                                                                                                                                          |           |             |           |               |           |               |

## ▼ M5

| Suġġett | Proprietà           | Subproprietà                                                                            | Tip                     | Deskrizzjoni                                                                                                                                              | Nota | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|---------|---------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
|         |                     | Internazzjo-<br>nali/<br>nazzjonali                                                     | Lista ta'<br>kodiċijiet | Indikazzjoni jekk humiex permessi<br>titjiriet internazzjonali u/jew nazzjonali<br>fl-ajrudrom/ heliport                                                  |      |             |           |               |           |               |
|         |                     | Regoli<br>tat-titjir<br>bl-istrumenti<br>(IFR)/Regoli<br>tat-titjir<br>viżwali<br>(VFR) | Lista ta'<br>kodiċijiet | Indikazzjoni jekk humiex permessi<br>titjiriet IFR u/jew VFR fl-ajrudrom/<br>heliport                                                                     |      |             |           |               |           |               |
|         |                     | Skedati/<br>mhux<br>skedati                                                             | Lista ta'<br>kodiċijiet | Indikazzjoni jekk humiex permessi<br>titjiriet skedati u/jew mhux skedati<br>fl-ajrudrom/ heliport                                                        |      |             |           |               |           |               |
|         |                     | Ċivili/<br>militari                                                                     | Lista ta'<br>kodiċijiet | Indikazzjoni jekk humiex permessi<br>titjiriet tal-avjazzjoni kummerċjali ċivili<br>u/jew tal-avjazzjoni ġenerali u/jew<br>militari fl-ajrudrom/ heliport |      |             |           |               |           |               |
|         |                     | Użu ristrett                                                                            | Test                    | Indikazzjoni jekk ajrudrom jew heliport<br>mhux miftuħ għall-pubbliku (għall-użu<br>mis-sidien biss)                                                      |      |             |           |               |           |               |
|         | Tip ta'<br>heliport |                                                                                         | Test                    | It-tip tal-heliport (il-livell tas-superfiċje,<br>elevat, abbord bastiment jew pjatta-<br>forma għall-ħelikopters)                                        |      |             |           |               |           |               |
|         | Tip ta'<br>kontroll |                                                                                         | Test                    | Indikazzjoni jekk ajrudrom huwiex taħt<br>kontroll ċivili, kontroll militari jew<br>kontroll konġunt                                                      |      |             |           |               |           |               |

## ▼ M5

| Suġġett | Proprietà                             | Subproprietà           | Tip         | Deskrizzjoni                                                                                                                                                         | Nota        | Akkuratezza | Integrità  | Tip ta' Orig. | Pub. Riż.              | Riż. taċ-Ċart          |
|---------|---------------------------------------|------------------------|-------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------|-------------|------------|---------------|------------------------|------------------------|
|         | Iċċertifikat                          |                        | Test        | Indikazzjoni jekk ajrudrom huwiex iċċertifikat skont ir-regoli tal-ICAO jew ir-Regolament (UE) Nru 139/2014                                                          |             |             |            |               |                        |                        |
|         | Data taċ-ċertifikazzjoni              |                        | Data        | Id-data meta nħarġet iċ-ċertifikazzjoni mill-awtorità kompetenti                                                                                                     |             |             |            |               |                        |                        |
|         | Data ta' skadenza taċ-ċertifikazzjoni |                        | Data        | Id-data meta ċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudrom issir invalida                                                                                                           |             |             |            |               |                        |                        |
|         | Elevazzjoni tal-kamp                  |                        |             |                                                                                                                                                                      |             |             |            |               |                        |                        |
|         |                                       | Elevazzjoni            | Elevazzjoni | Id-distanza vertikali ogħla mil-livell medju tal-baħar (MSL) mill-ogħla punt taż-żona tal-inżul                                                                      |             | 0,5 m       | Essenzjali | Mistħarreġ    | Metru (1) jew pied (1) | Metru (1) jew pied (1) |
|         |                                       | Undulazzjoni tal-ġeojd | Għoli       | L-undulazzjoni tal-ġeojd fil-pożizzjoni ta' elevazzjoni tal-ajrudrom/tal-heliport                                                                                    | Meta xieraq | 0,5 m       | Essenzjali | Mistħarreġ    | Metru (1) jew pied (1) | Metru (1) jew pied (1) |
|         | Temperatura ta' referenza             |                        | Valur       | Il-medja tax-xahar tat-temperaturi massimi ta' kuljum għall-aktar xahar sħun tas-sena f'ajrudrom; din it-temperatura trid tingħata bħala medja fuq perjodu ta' snin. |             |             |            |               |                        |                        |
|         | Temperatura baxxa medja               |                        | Valur       | L-anqas temperatura medja tal-aktar xahar kiesaħ tas-sena, għall-aħħar ħames snin ta' data fl-elevazzjoni tal-ajrudrom                                               |             | 5 gradi     |            |               |                        |                        |

## ▼ M5

| Suġġett                            | Proprietà             | Subproprietà   | Tip      | Deskrizzjoni                                                                                               | Nota | Akkuratezza | Integrità  | Tip ta' Orig.         | Pub. Riż.   | Riż. taċ-Ċart |
|------------------------------------|-----------------------|----------------|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|------------|-----------------------|-------------|---------------|
|                                    | Varjazzjoni manjetika |                |          | Id-differenza angolari bejn it-Tramuntana vera u dik manjetika                                             |      |             |            |                       |             |               |
|                                    |                       | Angolu         | Angolu   | Il-valur tal-angolu tal-varjazzjoni manjetika                                                              |      | Grad wieħed | Essenzjali | Mistħarreġ            | Grad wieħed | Grad wieħed   |
|                                    |                       | Data           | Data     | Id-data li fiha l-varjazzjoni manjetika kellha l-valur korrispondenti                                      |      |             |            |                       |             |               |
|                                    |                       | Tibdil annwali | Valur    | Ir-rata annwali ta' tibdil tal-varjazzjoni manjetika                                                       |      |             |            |                       |             |               |
|                                    | Punt ta' referenza    |                |          | Il-lokament ġeografiku deżinjat ta' ajrudrom                                                               |      |             |            |                       |             |               |
|                                    |                       | Pożizzjoni     | Punt     | Lokament ġeografiku tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom                                                    |      | 30 m        | Rutina     | Mistħarreġ/ikkalkulat | Sekonda (1) | Sekonda (1)   |
|                                    |                       | Sit            | Test     | Lokament tal-punt ta' referenza fuq l-ajrudrom                                                             |      |             |            |                       |             |               |
|                                    |                       | Direzzjoni     | Test     | Direzzjoni tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom miċ-ċentru tal-belt jew tal-belt żgħira li jaqdi l-ajrudrom |      |             |            |                       |             |               |
|                                    |                       | Distanza       | Distanza | Distanza tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom miċ-ċentru tal-belt jew tal-belt żgħira li jaqdi l-ajrudrom   |      |             |            |                       |             |               |
| Indikatur tad-direzzjoni tal-inżul |                       |                |          | Apparat għall-indikazzjoni viżwali tad-direzzjoni li bħalissa hija deżinjata għall-inżul u għat-tluġ       |      |             |            |                       |             |               |

## ▼ M5

| Suġġett                                                       | Proprietà                   | Subproprietà | Tip   | Deskrizzjoni                                                                                    | Nota      | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|---------------------------------------------------------------|-----------------------------|--------------|-------|-------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
|                                                               | Lokament                    |              | Test  | Lokament tal-indikatur tad-direzzjoni tal-inżul                                                 |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Tidwil                      |              | Test  | Tidwil tal-indikatur tad-direzzjoni tal-inżul                                                   | Jekk hemm |             |           |               |           |               |
| Provvista tal-enerġija sekondarja                             |                             |              |       |                                                                                                 |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Karatteristiċi              |              | Test  | Deskrizzjoni tal-provvista tal-enerġija sekondarja                                              |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Ħin għal bdil (switch-over) |              | Valur | Ħin għal bdil (switch-over) tal-provvista tal-enerġija sekondarja                               |           |             |           |               |           |               |
| Anemometru                                                    |                             |              |       | Apparat użat għall-kejl tal-veloċità tar-riħ                                                    |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Lokament                    |              | Test  | Lokament tal-anemometru                                                                         |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Tidwil                      |              | Test  | Dawl tal-anemometru                                                                             | Jekk hemm |             |           |               |           |               |
| Sinjal tal-ajrudrom (ABN) / sinjal ta' identifikazzjoni (IBN) |                             |              |       | Sinjal tal-ajrudrom/sinjal ta' identifikazzjoni użat biex jindika l-post ta' ajrudrom mill-arja |           |             |           |               |           |               |
|                                                               | Lokament                    |              | Test  | Lokament tas-sinjal tal-ajrudrom/tas-sinjal ta' identifikazzjoni                                | Jekk hemm |             |           |               |           |               |
|                                                               | Karatteristiċi              |              | Test  | Deskrizzjoni tas-sinjal tal-ajrudrom/tas-sinjal ta' identifikazzjoni                            |           |             |           |               |           |               |

▼ **M5**

| Suġġett                                                                   | Proprietà         | Subproprietà | Tip      | Deskrizzjoni                                                                                                                             | Nota | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|---------------------------------------------------------------------------|-------------------|--------------|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
|                                                                           | Sigħat ta' operat |              | Skeda    | Sigħat ta' operat tas-sinjal tal-ajrudrom/<br>tas-sinjal ta' identifikazzjoni                                                            |      |             |           |               |           |               |
| Indikatur<br>tad-direzzjoni<br>tar-riħ                                    |                   |              |          |                                                                                                                                          |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Lokament          |              | Test     | Lokament tal-indikatur tad-direzzjoni<br>tar-riħ                                                                                         |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Tidwil            |              | Test     | Tidwil tal-indikatur tad-direzzjoni<br>tar-riħ                                                                                           |      |             |           |               |           |               |
| Sit ta' osser-<br>vazzjoni<br>tal-medda<br>viżwali<br>tar-runway<br>(RVR) |                   |              |          | Is-sit ta' osservazzjoni tal-RFR                                                                                                         |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Pożizzjoni        |              | Punt     | Lokament ġeografiku tas-siti ta' osser-<br>vazzjoni tal-RVR                                                                              |      |             |           |               |           |               |
| Żona ta'<br>frekwenza                                                     |                   |              |          | Il-parti deżinjata ta' żona tal-moviment<br>fuq is-superfiċje li tehtiegħ frekwenza<br>speċifika minn ATC jew mill-kontroll<br>mill-art. |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Stazzjon          |              | Test     | Isem l-istazzjon li jipprovdi s-servizz                                                                                                  |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Frekwenza         |              | Valur    | Frekwenza tal-istazzjon li jipprovdi<br>s-servizz                                                                                        |      |             |           |               |           |               |
|                                                                           | Limitu            |              | Poligону | Limitu taż-żona taż-żona ta' frekwenza                                                                                                   |      |             |           |               |           |               |

▼ M5

| Suġġett     | Proprietà         | Subproprietà | Tip      | Deskrizzjoni                                                                                                                                                            | Nota | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|-------------|-------------------|--------------|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
| Post jaħraq |                   |              |          | Lokament f'żona ta' moviment tal-ajrudrom bi storja, jew b'riskju potenzjali, ta' kolliżjoni jew ta' inkursjoni RWY, u li jeħtieġ attenzjoni akbar mill-bdoti/sewwieqa. |      |             |           |               |           |               |
|             | Identifikatur     |              | Test     | L-identifikatur tal-hot spot                                                                                                                                            |      |             |           |               |           |               |
|             | Annota-<br>zzjoni |              | Test     | Informazzjoni addizzjonali dwar il-hot spot                                                                                                                             |      |             |           |               |           |               |
|             | Ġeometrija        |              | Poligону | Żona ġeografika tal-hotspot                                                                                                                                             |      |             |           |               |           |               |

| Suġġett | Proprietà      | Subproprietà | Tip      | Deskrizzjoni                                                                                                               | Nota | Akkuratezza | Integrità  | Tip ta' Orig. | Pub. Riż.                 | Riż. taċ-Ċart |
|---------|----------------|--------------|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|------------|---------------|---------------------------|---------------|
| Żona mhux adegwata għall-moviment ta' inġenji tal-ajru |                         |              |          | Żoni mhux adegwati għall-moviment ta' inġenji tal-ajru                                                                   |      |             |           |               |           |               |
|                                                        | Ġeometrija              |              | Poligону | Żona ta' moviment rappreżentata mhux adegwata b'mod permanenti għal inġenji tal-ajru u identifikata b'mod ċar bħala tali |      |             |           |               |           |               |
| Punt ta' kontroll ta' stħarriġ                         |                         |              |          | Punt ta' kontroll ta' stħarriġ monumentat                                                                                |      |             |           |               |           |               |
|                                                        | Numru tal-identifikatur |              | Test     | Identifikatur uniku speċjali assenjat b'mod permanenti għal istanza ta' karatteristika mill-fornitur tad- <i>data</i>    |      |             |           |               |           |               |
|                                                        | Post                    |              | Punt     | Il-post ġeografiku tal-punt ta' kontroll ta' stħarriġ                                                                    |      |             |           |               |           |               |

## ▼ M1

| Suġġett                                                 | Proprietà                 | Subproprietà | Tip         | Deskrizzjoni                                                                                                           | Nota | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|---------------------------------------------------------|---------------------------|--------------|-------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
|                                                         | Elevazzjoni               |              | Elevazzjoni | L-elevazzjoni tal-punt ta' kontroll ta' stħarriġ                                                                       |      |             |           |               |           |               |
| Nodu tan-netwerk tar-rotot tal-wiċċ tal-ajrudrom (ASRN) |                           |              |             | Vertiċi fi graff li tiddefinixxi l-ASRN                                                                                |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Netwerk tal-identifikatur |              | Test        | Isem loġiku kompost minn lista delimitata ta' ismijiet għal karatteristika jew aktar assoċjati mal-karatteristika ASRN |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Limitu tal-identifikatur  |              | Test        | Isem l-istanza tal-karatteristika                                                                                      |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Numru tal-identifikatur   |              | Test        | Identifikatur uniku speċjali assenjat b'mod permanenti għal istanza ta' karatteristika minn fornitur tad- <i>data</i>  |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Ref tat-term              |              | Test        | Il-bini tat-terminal assoċjat mal-istanza tal-karatteristika                                                           |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Tip ta' nodu              |              | Test        | It-tip ta' nodu                                                                                                        |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Kat tal-waqfien           |              | Test        | Il-kategorija ta' operazzjoni f'viżibilità baxxa tal-pożizzjoni ta' żamma                                              |      |             |           |               |           |               |
|                                                         | Pożizzjoni                |              | Punt        | Il-post ġeografiku tan-nodu ASRN                                                                                       |      |             |           |               |           |               |
| Tarf ASRN                                               |                           |              |             | Konnessjoni bejn in-nodi fi graff, li tiddefinixxi l-ASRN                                                              |      |             |           |               |           |               |

▼ **M1**

| Suġġett | Proprietà                 | Subproprietà | Tip   | Deskrizzjoni                                                                                                           | Nota | Akkuratezza | Integrità | Tip ta' Orig. | Pub. Riż. | Riż. taċ-Ċart |
|---------|---------------------------|--------------|-------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------|-------------|-----------|---------------|-----------|---------------|
|         | Netwerk tal-identifikatur |              | Test  | Isem loġiku kompost minn lista delimitata ta' ismijiet għal karatteristika jew aktar assoċjati mal-karatteristika ASRN |      |             |           |               |           |               |
|         | Direzzjoni                |              | Test  | Direzzjonalità unidirezzjonali jew bidirezzjonali tal-istanza tal-karatteristika korrispondenti                        |      |             |           |               |           |               |
|         | Ref tan-nodu1             |              | Test  | In-numru tal-identifikatur tan-nodu ASRN li jikkorrispondi għall-punt tat-tluq tal-ġeometrija tat-tarf                 |      |             |           |               |           |               |
|         | Ref tan-nodu2             |              | Test  | In-numru tal-identifikatur tan-nodu ASRN li jikkorrispondi għall-punt tat-tmiem tal-ġeometrija tat-tarf                |      |             |           |               |           |               |
|         | Tip ta' tarf              |              | Test  | It-tip ta' tarf                                                                                                        |      |             |           |               |           |               |
|         | Derv tat-tarf             |              | Test  | Il-metodu ta' derivazzjoni tal-ġeometrija tat-tarf                                                                     |      |             |           |               |           |               |
|         | Ġeometrija                |              | Linja | Il-post ġeografiku tat-tarf ASRN                                                                                       |      |             |           |               |           |               |

▼ **M1****It-tipi ta' data msemija fil-kolonna 4 "Tip"**

| Tip                  | Deskrizzjoni                                                                                                                                     | Elementi tad-data                                                                                                     |
|----------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Punt                 | Par ta' koordinati (latitudni u lonġitudni) referenzjat għall-ellipsojde matematika, li jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-punt fuq il-wiċċ tad-Dinja | Latitudni<br>Lonġitudni<br>Sistema ta' referenza orizzontali<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza orizzontali miksuba |
| Linja                | Sekwenza ta' punti li jiddefinixxu oġġett lineari                                                                                                | Sekwenza ta' punti                                                                                                    |
| Poligону             | Is-sekwenza ta' punti li jiffurmaw il-limitu tal-poligону; l-ewwel u l-aħħar punt huma identiċi                                                  | Sekwenza magħluqa ta' punti                                                                                           |
| Għoli                | Id-distanza vertikali ta' livell, ta' punt jew ta' oġġett, meqjus bħala punt, imkejjel minn datum speċifiku                                      | Valur numeriku<br>Sistema ta' referenza vertikali<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza vertikali miksuba              |
| Altitudni            | Id-distanza vertikali ta' livell, ta' punt jew ta' oġġett, meqjus bħala punt, imkejjel mill-MSL                                                  | Valur numeriku<br>Sistema ta' referenza vertikali<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza vertikali miksuba              |
| Elevazzjoni          | Id-distanza vertikali ta' punt jew ta' livell fuq il-wiċċ tad-Dinja, jew b'rabta ma' dan, imkejla mill-MSL                                       | Valur numeriku<br>Sistema ta' referenza vertikali<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza vertikali miksuba              |
| Distanza             | ► <b>C2</b> Valur lineari ◀                                                                                                                      | Valur numeriku<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza miksuba                                                           |
| Angolu/bering        | Valur angolari                                                                                                                                   | Valur numeriku<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza miksuba                                                           |
| Valur                | Kwalunkwe valur imkejjel, iddikjarat jew derivat mhux elenkat hawn fuq                                                                           | Valur numeriku<br>Unitajiet tal-kejl<br>Akkuratezza miksuba                                                           |
| Data                 | Data tal-kalendarju li tirreferi għal jum jew għal xahar partikolari                                                                             | Test                                                                                                                  |
| Skeda                | Perjodu ta' żmien ripetittiv, imsawwar minn intervall wieħed jew aktar jew minn data speċjali waħda jew aktar (eż. festi) li jsejtnu ċiklikament | Test                                                                                                                  |
| Lista ta' kodiċijiet | Sett ta' strings ta' test jew ta' valuri predefiniti                                                                                             | Test                                                                                                                  |
| Test                 | Test liberu                                                                                                                                      | String ta' karattri mingħajr restrizzjonijiet                                                                         |

**▼B***ANNEX IV***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****(Parti-ATS)**

SUBPARTI A — REKWIŻITI ADDIZZJONALI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATS.OR)

*TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI***ATS.OR.100 Sjieda**

(a) Fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar:

(1) l-istatus legali tiegħu, l-istruttura tas-sjieda tiegħu u kwalunkwe arranġament li jkollu impatt sinifikanti fuq il-kontroll tal-assi tiegħu,

(2) kwalunkwe rabta ma' organizzazzjonijiet mhux involuti fil-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, inklużi l-attivitajiet kummerċjali li fihom huwa involut direttament jew permezz ta' impriżi relatati, li jammontaw għal iżjed minn 1 % tad-dħul mistenni tiegħu; barra minn hekk, għandu jgħarraf b'kull bidla ta' kwalunkwe azzjonist uniku li jirrappreżenta 10 % jew iktar tat-total tal-parteeċipazzjoni azzjonarja tiegħu.

(b) Il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jipprevjeni kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi li tista' tikkomprometti l-forniment imparzjali u oġġettiv tas-servizzi tiegħu.

**ATS.OR.105 Forniment miftuħ u trasparenti ta' servizz**

Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.A.075 tal-Anness III, il-fornitur ta' servizz tat-traffiku tal-ajru la għandu jġib ruħu b'tali mod li jkollu bħala l-oġġett jew l-effett tiegħu l-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, u lanqas ma għandu jġib ruħu b'tali mod li jwassal għal abbuż minn pożizzjoni dominanti skont il-liġi nazzjonali u l-liġi tal-Unjoni applikabbli.

**▼M1****ATS.OR.110 Koordinazzjoni bejn l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi arranġamenti mal-operatur tal-ajrudrom fejn huwa jipprovdi servizzi tat-traffiku tal-ajru sabiex jiżgura l-koordinazzjoni adegwata tal-attivitajiet u tas-servizzi pprovduti kif ukoll l-iskambju tad-*data* u tal-informazzjoni rilevanti.

**ATS.OR.115 Koordinazzjoni bejn l-unitajiet militari u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2150/2005, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet tiegħu tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, bħala rutina jew fuq talba, skont proċedura miftiehma lokament, jipprovdu lill-unitajiet militari xierqa bi pjan tat-titjira pertinenti u b'*data* oħra li tikkonċerna t-titjiriet ta' inġenji tal-ajru ċivili sabiex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tagħhom.

**ATS.OR.120 Koordinazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

(a) Sabiex jiżgura li l-inġenji tal-ajru jirċievu l-aktar informazzjoni meteoroloġika aġġornata għall-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jagħmel arranġamenti mal-fornitur assoċjat ta' servizzi meteoroloġiċi sabiex il-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru:

▼ **M1**

- (1) minbarra li juża l-istrumenti indikaturi, jirrapporta, jekk dawn jiġu osservati mill-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew jiġu kkomunikati mill-inġenji tal-ajru, elementi meteoroloġiċi oħra bħal dawn li jkunu miftiehma;
  - (2) jirrapporta mill-aktar fis possibbli fenomeni meteoroloġiċi possibbli ta' sinifikat operazzjonali, jekk jiġu osservati mill-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew ikkomunikati mill-inġenji tal-ajru, li ma jkunux inklużi fir-rapport meteoroloġiku tal-ajrudrom;
  - (3) jirrapporta mill-aktar fis possibbli informazzjoni pertinenti possibbli dwar attività vulkanika ta' qabel l-iżbroff, iżbroffi vulkaniċi u informazzjoni rigward sħaba ta' rmied vulkaniku. Barra minn hekk, iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja u iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir għandhom jirrapportaw l-informazzjoni lill-uffiċċju assoċjat ta' sorveljanza meteoroloġika u liċ-ċentri konsultattivi assoċjati dwar l-irmied vulkaniku (VAACs).
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li tinżamm koordinazzjoni msaħħa bejn iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja, iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u l-uffiċċji assoċjati ta' sorveljanza meteoroloġika b'tali mod li l-informazzjoni dwar l-irmied vulkaniku inkluża f'messaġġi NOTAM u SIGMET tkun konsistenti.

**ATS.OR.125 Koordinazzjoni bejn is-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovdi lill-fornitur rilevanti ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika l-informazzjoni ajrunawtika li trid tiġi ppubblikata skont kif ikun il-bżonn sabiex ikunu jistgħu jintużaw it-tali servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (b) Sabiex jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika jiksibu informazzjoni li tippermettilhom jipprovdu informazzjoni aġġornata ta' qabel it-titjira u sabiex jissodisfaw il-ħtieġa għal informazzjoni waqt it-titjira, il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għandhom jagħmlu arranġamenti sabiex jirrapportaw lill-fornituri responsabbli ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, bl-anqas dewmien possibbli:
- (1) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ajrudrom;
  - (2) l-istatus operazzjonali tal-faċilitajiet, tas-servizzi u tal-ġhajnuniet għan-navigazzjoni assoċjati fi ħdan iż-żona ta' inkarigu tagħhom;
  - (3) l-okkorrenza ta' attività vulkanika osservata mill-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew irrapportata mill-inġenji tal-ajru;
  - (4) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala ta' importanza operazzjonali.
- (c) Qabel ma jintroduċi tibdiliet fis-sistemi għan-navigazzjoni bl-ajru taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu:
- (1) jiżgura koordinazzjoni msaħħa mal-fornitur(i) ikkonċernat(i) ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika;
  - (2) iqis kif xieraq iż-żmien meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għat-tħejjija, għall-produzzjoni u għall-ħruġ ta' materjal rilevanti għall-promulgazzjoni;
  - (3) jipprovdi l-informazzjoni b'mod puntwali lill-fornitur ikkonċernat ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika.
- (d) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu josserva d-dati effettivi predefiniti u miftiehma f'livell internazzjonali għar-regolamentazzjoni u għall-kontroll tal-informazzjoni (AIRAC) minbarra l-14-il jum ta' żmien tal-impustar meta jissottometti lill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika l-informazzjoni jew id-data mhux ipproċessata, jew it-tnejn, soġġetti għaċ-ċiklu AIRAC.

▼ **M3****ATS.OR.127 Koordinazzjoni mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space**

Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom:

- (a) jipprovdu fuq bażi mhux diskriminatorja l-informazzjoni rilevanti dwar it-traffiku fir-rigward ta' inġenji tal-ajru bi bdot abbord li hija meħtieġa bħala parti mis-servizzi ta' informazzjoni komuni msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 <sup>(1)</sup> għal spazju tal-ajru tal-U-space stabbilit fl-ispazju tal-ajru kkontrollat fejn il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jkun iddeżinjat biex jipprovdi s-servizzi tiegħu;
- (b) jistabbilixxi l-proċeduri ta' koordinazzjoni u l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni bejn l-unitajiet xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u, meta jkun applikabbli, il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi li jippermettu l-forniment ta' din id-data.

▼ **M1****ATS.OR.130 Ħin fis-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jkunu mġħammra b'arloġġi li jindikaw il-ħin f'sigħat, f'minuti u f'sekondi, li jkunu jidhru ċari minn kull pożizzjoni operazzjonali fl-unità kkonċernata.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-arloġġi tal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u apparati oħra li jirreġistraw il-ħin jiġu vverifikati skont il-bżonn sabiex jiġi żgurat il-ħin korrett sa 30 sekonda qabel jew wara l-UTC. Kull meta jintużaw komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-data minn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, l-arloġġi u apparati oħra li jirreġistraw il-ħin għandhom jiġu vverifikati skont il-bżonn sabiex jiġi żgurat il-ħin korrett sa sekonda (1) mill-UTC.
- (c) Il-ħin korrett għandu jinkiseb minn stazzjon standard tal-ħin jew, jekk dan ma jkunx possibbli, minn unità oħra li tkun kisbet il-ħin korrett minn stazzjon bħal din.

**ATS.OR.135 Arranġamenti ta' kontinġenza**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżviluppa pjanijiet ta' kontinġenza kif meħtieġ fil-punt ATM/ANS.OR.A.070 tal-Anness III f'koordinazzjoni msaħħa mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru responsabbli għall-provvista ta' servizzi f'partijiet adjaċenti tal-ispazju tal-ajru u, kif xieraq, mal-utenti tal-ispazju tal-ajru kkonċernati.

**ATS.OR.140 Ħsara u irregolarità fis-sistemi u fit-tagħmir**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru minnufih jirrapportaw kwalunkwe ħsara jew irregolarità fis-sistemi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza jew fi kwalunkwe sistema jew tagħmir sinifikanti għas-sikurezza oħrajn li jistgħu jaffettwaw b'mod avvers is-sikurezza jew l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ta' titjir jew il-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, jew it-tnejn li huma.

**ATS.OR.145 Tħaddim tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-informazzjoni dwar il-movimenti tal-inġenji tal-ajru, flimkien ma' rekord ta' awtorizzazzjonijiet tal-ATC maħruġa għat-tali inġenji tal-ajru, tkun tidher b'tali mod li tippermetti li ssir analiżi minnufiha sabiex jinżamm fluss effiċjenti tat-traffiku tal-ajru b'separazzjoni adegwata bejn l-inġenji tal-ajru.

**ATS.OR.150 Trasferiment tar-responsabbiltà għall-kontroll u għat-trasferiment tal-komunikazzjonijiet**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi l-proċeduri ta' koordinazzjoni applikabbli għat-trasferiment tar-responsabbiltà għall-kontroll tat-titjiriet, inkluż it-trasferiment ta' komunikazzjonijiet u t-trasferiment ta' punti ta' kontroll, f'ittri ta' ftehim u f'manwali tal-operazzjoni, kif ikun xieraq.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 tat-22 ta' April 2021 dwar qafas regolatorju għall-U-space (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 161).



## SEZZJONI 2 — SIKUREZZA TAS-SERVIZZI

### ATS.OR.200 Sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid ikollu fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza (SMS), li tista' tkun parti integrali mis-sistema ta' ġestjoni meħtieġa fil-punt ATM/ANS.OR.B.005, li tinkludi l-komponenti li ġejjin:

#### (1) *Politika u objettivi tas-sikurezza*

- (i) Impenn ta' ġestjoni u responsabbiltà dwar is-sikurezza li għandhom ikunu inklużi fil-politika dwar is-sikurezza;
- (ii) Ir-responsabbiltajiet tas-sikurezza rigward l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-SMS u l-awtorità sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar is-sikurezza;
- (iii) Il-ħatra ta' maniġer tas-sikurezza li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni u l-manutenzjoni ta' SMS effettiva;
- (iv) Il-koordinazzjoni ta' ppjanar ta' rispons f'emerġenzi ma' fornituri oħrajn ta' servizzi u impriżi oħrajn tal-avjazzjoni li jkunu f'interfaċċja mal-fornitur tal-ATS matul il-forniment tas-servizzi tiegħu;
- (v) Dokumentazzjoni dwar l-SMS li tiddekrivi l-elementi kollha tal-SMS, il-proċessi assoċjati tal-SMS u l-outputs tal-SMS.

#### (2) *Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza*

- (i) Proċess li jidentifika l-perikli assoċjati għas-servizzi tiegħu li jrid ikun ibbażat fuq taħlita ta' metodi reattivi, proattivi u ta' tbassir tal-ġbir ta' data dwar is-sikurezza;
- (ii) Proċess li jiżgura l-analiżi, il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji għas-sikurezza marbutin mal-perikli identifikati;
- (iii) Proċess li jiżgura li l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riskju ta' inċidenti tal-inġenji tal-ajru hija minimizzata safejn ikun raġonevolment prattikabbli.

#### (3) *Assigurazzjoni tas-sikurezza*

- (i) Mezzi għall-monitoraġġ u l-kejl tal-prestazzjoni tas-sikurezza sabiex tiġi verifikata l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjoni u tiġi vvalidata l-effettività tal-kontrolli tar-riskju għas-sikurezza;
- (ii) Proċess sabiex jiġu identifikati l-bidliet li jistgħu jaffettwaw il-livell ta' riskju għas-sikurezza marbut mas-servizz tiegħu u sabiex jiġu identifikati u ġestiti r-riskji għas-sikurezza li jistgħu jirriżultaw minn dawk il-bidliet;
- (iii) Proċess sabiex tiġi ssorveljata u vvalutata l-effettività tal-SMS sabiex ikun jista' jsir titjib kontinwu fil-prestazzjoni ġenerali tal-SMS.

#### (4) *Promozzjoni tas-sikurezza*

- (i) Programm ta' taħriġ li jiżgura li l-persunal huwa mħarreġ u kompetenti sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu marbutin mal-SMS;
- (ii) Komunikazzjoni dwar is-sikurezza li tiżgura li l-persunal ikun jaf bl-implimentazzjoni tal-SMS.

### ATS.OR.205 Valutazzjoni tas-sikurezza u garanzija tal-bidliet fis-sistema funzjonali

(a) Għal kwalunkwe bidla notifikata skont il-punt ATM/ANS.OR.A.045(a)(1), il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid:

- (1) jiżgura li titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza li tkopri l-kamp ta' applikazzjoni tal-bidla, li huwa:
  - (i) l-elementi tat-tagħmir, proċedurali u umani li qegħdin jinbidlu;

**▼B**

- (ii) l-interfaċċji u l-interazzjonijiet bejn l-elementi li qegħdin jinbidlu u l-bqija tas-sistema funzjonali;
  - (iii) l-interfaċċji u l-interazzjonijiet bejn l-elementi li qegħdin jinbidlu u l-kuntest li fih huma ppjanati li jaħdmu;
  - (iv) iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bidla mid-definizzjoni sal-operazzjonijiet inkluża t-tranżizzjoni fis-servizz;
  - (v) il-modalitajiet degradati ppjanati tal-operazzjoni tas-sistema funzjonali; u
- (2) jipprovdi garanzija, b'biżżejjed fiduċja, permezz ta' argument sħiħ, dokumentat u validu li l-kriterji tas-sikurezza identifikati bl-applikazzjoni tal-punt ATS.OR.210 huma validi, sejrini jiġu ssodisfati u jibqgħu ssodisfati.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jiżgura li l-valutazzjoni tas-sikurezza msemmija fil-punt (a) tinvolvi:
- (1) l-identifikazzjoni tal-perikli;
  - (2) id-determinazzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-kriterji tas-sikurezza applikabbli għall-bidla skont il-punt ATS.OR.210;
  - (3) l-analiżi tar-riskji tal-effetti marbutin mal-bidla;
  - (4) l-evalwazzjoni tar-riskji u, jekk ikun hemm bżonn, il-mitigazzjoni tar-riskji għall-bidla b'tali mod li tkun tista' tissodisfa l-kriterji applikabbli dwar is-sikurezza;
  - (5) il-verifika li:
    - (i) il-valutazzjoni tikkorrispondi għall-ambitu tal-bidla kif definit fil-punt (a)(1);
    - (ii) il-bidla tissodisfa l-kriterji dwar is-sikurezza;
  - (6) l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji tal-monitoraġġ neċessarji sabiex jintwera li s-servizz fornit mis-sistema funzjonali mibdula se jibqa' jissodisfa l-kriterji dwar is-sikurezza.

**ATS.OR.210 Kriterji dwar is-sikurezza**

- (a) Fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jiddetermina l-aċċettabbiltà tas-sikurezza ta' bidla għal sistema funzjonali, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskji mġarrba bl-introduzzjoni tal-bidla, b'distinzzjoni fuq il-bażi tat-tipi ta' operazzjonijiet u klassijiet ta' partijiet ikkonċernati, kif xieraq.
- (b) L-aċċettabbiltà tas-sikurezza ta' bidla għandha tiġi vvalutata bl-użu ta' kriterji speċifiċi u verifikabbli tas-sikurezza, f'liema każ kull kriterju jiġi espress f'termini ta' livell espliċitu u kwantitattiv ta' riskju għas-sikurezza jew kejl ieħor li huwa marbut mar-riskju għas-sikurezza.
- (c) Fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jiżgura li l-kriterji dwar is-sikurezza:
- (1) huma ġġustifikati għall-bidla speċifika, filwaqt li jqis it-tip ta' bidla;
  - (2) meta jkunu ssodisfati, ibassru li s-sistema funzjonali wara l-bidla sejra tkun sikura daqs kemm kienet qabel il-bidla jew il-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jipprovdi argument li jiġġustifika li:
    - (i) kwalunkwe tnaqqis temporanju fis-sikurezza sejjegħ jipatta għalih permezz ta' titjib fis-sikurezza fil-ġejjieni; jew
    - (ii) kwalunkwe tnaqqis permanenti fis-sikurezza għandu konsegwenzi benefiċjarji oħrajn;
  - (3) meta tittieħed b'mod kollettiv, jiżguraw li l-bidla ma toħloqx riskju mhux aċċettabbli għas-sikurezza tas-servizz;

**▼B**

- (4) tappoġġja t-titjib tas-sikurezza kull meta dan ikun raġonevolment prattikabbli.

**ATS.OR.215 Rekwiżiti tal-liċenzjar u taċ-ċertifikazzjoni medika għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

Fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jrid jiżgura li l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru huma lliċenzjati kif suppost u għandhom ċertifikat mediku validu, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340.

*SEZZJONI 3 — REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TAL-FATTURI UMANI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAL-KONTROLL TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU*

**ATS.OR.300 Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-sezzjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti li jrid jissodisfa l-fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fir-rigward tal-prestazzjoni umana sabiex:

- (a) jiġi evitat u mitigat ir-riskju li s-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru huwa pprovdut minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru b'użu problematiku ta' sustanzi psikoattivi;
- (b) jiġu evitati u mitigati l-effetti negattivi tal-istress fuq il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tat-traffiku tal-ajru;
- (c) jiġu evitati u mitigati l-effetti negattivi tal-għeja fuq il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tat-traffiku tal-ajru;

**ATS.OR.305 Responsabbiltajiet tal-fornituri ta' servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fir-rigward tal-użu problematiku ta' sustanzi psikoattivi minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jrid jiżviluppa u jimplimenta politika, bi proċeduri relatati, sabiex jiżgura li l-użu problematiku ta' sustanzi psikoattivi ma jaffettwax il-forniment ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.
- (b) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar l-ittestjar ta' individwi, il-fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jrid jiżviluppa u jimplimenta proċedura oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' użu problematiku ta' sustanzi psikoattivi minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Din il-proċedura għandha tqis id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt ATCO.A.015 tar-Regolament (UE) 2015/340.
- (c) Il-proċedura fil-punt (b) għandha tkun approvata mill-awtorità kompetenti.

**ATS.OR.310 Stress**

Skont il-punt ATS.OR.200, fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandu:

- (a) jiżviluppa u jżomm politika għall-ġestjoni tal-istress tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, inkluża l-implimentazzjoni ta' programm ta' ġestjoni tal-istress minn inċidenti kritiċi;
- (b) jipprovdi lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru bi programmi edukattivi u informativi dwar il-prevenzjoni ta' stress, inkluż l-istress minn inċidenti kritiċi, li jikkumplimentaw taħriġ fil-fatturi umani skont it-Taqsimiet 3 u 4 tas-Subpart I tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/340.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

**▼B****ATS.OR.315 Għeja**

Skont il-punt ATS.OR.200, fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandu:

- (a) jiżviluppa u jżomm politika għall-ġestjoni tal-għeja tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;
- (b) jipprovdi lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru bi programmi informattivi dwar il-prevenzjoni tal-għeja, li jikkomplimentaw tatriġ fil-fatturi umani skont it-Taqsimiet 3 u 4 tas-Subparti D tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/340.

**ATS.OR.320 Sistema/i tar-roster tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jrid jiżviluppa, jimplimenta u jissorvelja sistema tar-roster sabiex jikkontrolla r-riskji ta' għeja okkupazzjonali tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru permezz ta' alternazzjoni tal-perjodi ta' xogħol u mistrieħ. Fis-sistema tar-roster, il-fornitur ta' servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jrid jispeċifika l-elementi li ġejjin:

- (1) il-jiem tax-xogħol konsekuttivi massimi;
- (2) is-sigħat massimi għal kull perjodu ta' xogħol;
- (3) il-ħin massimu li fih wieħed jipprovdi servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru bla pawża;
- (4) il-proporzjon ta' perjodi ta' xogħol meta mqabblin ma' pawżi meta wieħed jipprovdi servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru;
- (5) il-perjodi minimi ta' mistrieħ;
- (6) il-perjodi ta' xogħol konsekuttivi massimi li jkunu jinkludu ħin ta' matul il-lejl, jekk applikabbli, skont is-sigħat operazzjonali tal-unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru kkonċernata;
- (7) il-perjodu minimu ta' mistrieħ wara perjodu tax-xogħol li jinvolvi ħin ta' matul il-lejl;
- (8) in-numru minimu ta' perjodi ta' mistrieħ fi ħdan ċiklu tar-roster.

- (b) Fornitur ta' servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jrid jikkonsulta lil dawk il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li se jkun soġġetti għas-sistema tar-roster jew, kif applikabbli skont il-każ, ir-rappreżentanti tagħhom, matul l-iżvilupp u l-applikazzjoni tagħha, sabiex jidentifika u jimmitiga r-riskji li jikkonċernaw l-għeja li jistgħu jkunu dovuti għas-sistema tar-roster stess.

**▼M1***SEZZJONI 4 — REKWIŻITI GĦALL-KOMUNIKAZZJONIJIET***▼M7****ATS.OR.400 Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art) – ġenerali**

- (a) Fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu juża kollegament tal-vuċi jew tad-*data*, jew it-tnejn li huma, f'komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għall-finijiet ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (b) Meta komunikazzjonijiet bil-vuċi mill-ajru għall-art ikunu bbażati fuq spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz, fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li:
  - (1) l-elementi kollha tat-tagħmir għall-komunikazzjonijiet bil-vuċi mill-ajru għall-art jinkludu l-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz u huma kapaċi jiġu ntunati għal kanali spazjati ta' 25 kHz;

▼ **M7**

- (2) l-assenjazzjonijiet kollha tal-frekwenza tal-vuċi għandhom il-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz;
  - (3) il-proċeduri applikabbli għal inġenju tal-ajru mgħammar b'radji li għandhom il-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz u għal inġenju tal-ajru li ma huwiex mgħammar b'tali tagħmir, soġġett għal trasferiment bejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, huma speċifikati fl-ittri ta' ftehim bejn dawk l-unitajiet tal-ATS;
  - (4) inġenju tal-ajru li ma jkunx mgħammar b'radji li jkollhom il-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz jista' jiġi akkomodat, diment li jkun jista' jiġi mmaniġġat b'mod sikur fil-limiti tal-kapaċità tas-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fuq UHF jew fuq assenjazzjonijiet ta' frekwenzi ta' 25 kHz; u
  - (5) jikkomunika, fuq bażi annwali, mal-Istat Membru li jkun innominat, il-pjanijiet tiegħu għall-immaniġġar ta' inġenji tal-ajru tal-Istat li ma humiex mgħammra b'radji li jkollhom il-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz, filwaqt li jitqiesu l-limiti tal-kapaċità assoċjati mal-proċeduri ppubblikati mill-Istati Membri fil-pubblikazzjonijiet nazzjonali tagħhom ta' informazzjoni ajrunawtika (AIPs).
- (c) Meta jintużaw komunikazzjonijiet bidirezzjonali diretti bejn il-bdot u l-kontrollur b'kollegament tal-vuċi jew tad-*data* għall-forniment ta' servizz tat-traffiku tal-ajru, il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovi faċilitajiet ta' reġistrazzjoni fit-tali kanali kollha ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art.
- (d) Meta jintużaw komunikazzjonijiet bidirezzjonali diretti bil-vuċi jew b'kollegament tad-*data* mill-ajru għall-art għall-forniment ta' servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir, inkluż is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-ajrudrom (AFIS), il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovi faċilitajiet ta' reġistrazzjoni fuq dawn il-kanali kollha ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art, sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

▼ **M1**▼ **C1****ATS.OR.405 Użu u disponibbiltà tal-kanal ta' frekwenza VHF**

- (a) Kif stabbilit fl-Artikolu 3d, il-kanal ta' frekwenza b'VHF (121,500 MHz) għandu jintuża għal skopijiet ta' emerġenza ġenwini li jinkludu kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

▼ **M1**

- (1) sabiex jiġi pprovdut kanal ċar bejn inġenju tal-ajru f'diffikultà jew f'emerġenza u stazzjon tal-art meta l-kanali normali jkunu qed jintużaw għal inġenju tal-ajru ieħor;
- (2) sabiex jiġi pprovdut kanal ta' komunikazzjoni b'VHF bejn inġenji tal-ajru u ajrudromi, mhux normalment użat minn servizzi internazzjonali tal-ajru, f'każ li tirriżulta kundizzjoni ta' emerġenza;
- (3) sabiex jiġi pprovdut kanal komuni ta' komunikazzjoni b'VHF bejn inġenji tal-ajru, ċivili jew inkella militari, u bejn it-tali inġenji tal-ajru u servizzi ta' fuq il-wiċċ, involuti f'operazzjonijiet komuni ta' tiftix u salvataġġ, qabel ma jsir tibdil fejn ikun neċessarju għall-frekwenza xierqa;
- (4) sabiex tiġi pprovduta komunikazzjoni bejn l-arja u l-art mal-inġenji tal-ajru meta ħsara fit-tagħmir li jinġarr fl-ajru tipprevjeni l-użu tal-kanali regolari;

▼ **M1**

- (5) sabiex jiġi pprovdut kanal għall-operazzjoni ta' trażmettituri lokalizzaturi tal-emerġenza (ELTs), u għall-komunikazzjoni bejn inġenji tas-sopravivenza u inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;
  - (6) sabiex jiġi pprovdut kanal komuni b'VHF għall-komunikazzjoni bejn inġenji tal-ajru ċivili u inġenji tal-ajru interċettaturi jew unitajiet ta' kontroll tal-interċettazzjoni u bejn inġenji tal-ajru ċivili jew tal-interċettazzjoni u unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-każ ta' interċettazzjoni tal-inġenji tal-ajru ċivili.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovdi l-frekwenza 121.500 MHz:
- (1) fiċ-ċentri ta' kontroll tal-erja u fiċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir kollha;
  - (2) fit-torrijiet ta' kontroll u fl-unitajiet ta' kontroll tal-avviċinament tal-ajrudrom li jaqdu ajrudromi internazzjonali u ajrudromi alternattivi internazzjonali;
  - (3) fi kwalunkwe post addizzjonali ddeżinjat mill-awtorità kompetenti, fejn il-provvista ta' dik il-frekwenza titqies neċessarja sabiex tiġi żgurata r-riċevuta immedjata ta' sejħiet ta' emerġenza jew għall-finijiet speċifiki fil-punt (a).

**ATS.OR.410 Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art) — servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura, sa fejn prattikabbli u kif approvat mill-awtorità kompetenti, li l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art jippermettu sabiex iseħħu komunikazzjonijiet bidirezzjonali bejn ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir u inġenji tal-ajru mgħammra kif xieraq kullimkien fi ħdan ir-reġjun ta' informazzjoni dwar titjir.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art jippremettu li jseħħu komunikazzjonijiet bidirezzjonali diretti, rapidi, kontinwi u ħielsa minn statika bejn unità tal-AFIS u inġenju tal-ajru mgħammra kif xieraq li jopera fi ħdan l-ispazju tal-ajru msemmi fil-punt ATS.TR.110(a)(3).

▼ **M7**

**ATS.OR.415 Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art) — servizz tal-kontroll tal-erja**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li:

- (a) il-faċilitajiet tal-komunikazzjoni mill-ajru għall-art jippermettu li jsiru komunikazzjonijiet vokali bidirezzjonali bejn unità li tipprovdi servizz tal-kontroll tal-erja u inġenji tal-ajru mgħammra kif xieraq li jtiru fi kwalunkwe post fiż-żona jew fiż-żoni ta' kontroll; u
- (b) faċilitajiet ta' komunikazzjoni bejn l-ajru u l-art jippermettu li jsiru komunikazzjonijiet tad-*data* f'żewġ direzzjonijiet bejn unità li tipprovdi servizz ta' kontroll taż-żona u inġenju tal-ajru mgħammra b'mod xieraq li jtir fl-ispazju tal-ajru msemmi fil-punt AUR.COM.2001 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1770 <sup>(1)</sup>, biex jopera s-servizzi ta' konnessjoni tad-*data* msemmija fil-punt (1) (a) tal-punt AUR.COM.2005 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1770 tat-12 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tal-inġenji tal-ajru meħtieġa għall-użu tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew u r-regoli operattivi relatati mal-użu tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1206/2011, (UE) Nru 1207/2011 u (UE) Nru 1079/2012 (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 39).;

▼ **M1****ATS.OR.420 Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art) — servizz ta' kontroll tal-avviċinament**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art jippremettu li jseħħu komunikazzjonijiet bidirezzjonali diretti, rapidi, kontinwi u ħielsa minn statika bejn unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament u inġenji tal-ajru mġhammra kif xieraq taħt il-kontroll tagħha.
- (b) Meta l-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament tkun taħdem bħala unità separata, il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom jitwettqu fuq kanali ta' komunikazzjoni pprovduti għall-użu esklużiv tagħha.

**ATS.OR.425 Servizz ajrunawtiku mobbli (komunikazzjoni mill-ajru għall-art) — servizz ta' kontroll tal-ajrudrom**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art jippremettu li jseħħu komunikazzjonijiet bidirezzjonali diretti, rapidi, kontinwi u ħielsa minn statika bejn torri ta' kontroll tal-ajrudrom u inġenji tal-ajru mġhammra kif xieraq li joperaw fi kwalunkwe distanza fi ħdan 45 km (25 NM) mill-ajrudrom ikkonċernat.
- (b) Meta l-kundizzjonijiet ikunu jiġġustifikaw dan, il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovdi kanali ta' komunikazzjoni separati għall-kontroll tat-traffiku li jopera fiż-żona tal-immanuvrar.

▼ **M7****ATS.OR.430 Servizz ajrunawtiku fiss (komunikazzjoni mill-art għall-art) – ġenerali**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-komunikazzjonijiet b'kollegament b'diskors dirett jew tad-*data*, jew it-tnejn li huma, jintużaw fil-komunikazzjonijiet mill-art għall-art għall-finijiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (b) Meta l-komunikazzjoni għall-finijiet ta' koordinazzjoni tal-ATC tkun appoġġata mill-awtomatizzazzjoni, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li:
  - (1) jiġu implimentati l-mezzi xierqa biex awtomatikament jirċievi, jaħżen, jipproċessa, jislet u juri, u jittrażmetti l-informazzjoni rilevanti dwar it-titjira;
  - (2) il-fallimenti jew l-anomaliji ta' tali koordinazzjoni awtomatizzata jiġu ppreżentati b'mod ċar lill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew lill-kontrolluri responsabbli għall-koordinazzjoni tat-titjiriet f'unità ta' trasferiment;
  - (3) it-twissijiet relatati mal-iskambju ta' informazzjoni tas-sistema jiġu ppreżentati lill-pożizzjonijiet tax-xogħol rilevanti;
  - (4) l-informazzjoni dwar il-proċessi ta' skambju ta' informazzjoni tas-sistema rilevanti tiġi pprovduta lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;
  - (5) il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jingħataw il-mezzi biex jimmodifikaw l-informazzjoni skambjata dwar it-titjira.

▼ **M1****ATS.OR.435 Servizz ajrunawtiku fiss (komunikazzjonijiet mill-art għall-art)  
— komunikazzjoni fi ħdan reġjun ta' informazzjoni dwar titjir**

- (a) Komunikazzjoni bejn unitajiet ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru
- (1) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir ikollu faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet mal-unitajiet li ġejjin li jipprovdu servizz fi ħdan iż-żona ta' inkarigu tiegħu:
    - (i) iċ-ċentru ta' kontroll tal-erja;
    - (ii) l-unitajiet ta' kontroll tal-avviċinament;
    - (iii) it-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom;
    - (iv) l-unitajiet tal-AFIS.
  - (2) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċentru ta' kontroll tal-erja, minbarra li jkun konness maċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir kif stipulat fil-punt (1), ikollu faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet mal-unitajiet li ġejjin li jipprovdu servizz fi ħdan iż-żona ta' inkarigu tiegħu:
    - (i) l-unitajiet ta' kontroll tal-avviċinament;
    - (ii) it-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom;
    - (iii) l-unitajiet tal-AFIS;
    - (iv) l-uffiċċji ta' rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, meta jkunu stabbiliti b'mod separat.
  - (3) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li unità ta' kontroll tal-avviċinament, minbarra li jkun konness maċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir u maċ-ċentru ta' kontroll tal-erja kif stipulat fil-punti (1) u (2), ikollha faċilitajiet għal komunikazzjonijiet:
    - (i) mat-torri jew mat-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom assoċjati(i);
    - (ii) mal-unità jew mal-unitajiet rilevanti tal-AFIS;
    - (iii) mal-uffiċċju jew mal-uffiċċji ta' rapportar tas-servizzi assoċjati tat-traffiku tal-ajru, meta jkunu stabbiliti b'mod separat.
  - (4) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew unità tal-AFIS, minbarra li jkunu konnessi maċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir, maċ-ċentru ta' kontroll tal-erja u mal-unità ta' kontroll tal-avviċinament kif stipulat fil-punti (1), (2) u (3), ikollhom faċilitajiet għal komunikazzjonijiet mal-uffiċċju assoċjat ta' rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, meta dan ikun stabbilit b'mod separat.
- (b) Komunikazzjoni bejn unitajiet ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru u unitajiet oħra
- (1) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċentru ta' kontroll tal-erja jkollhom faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet mal-unitajiet li ġejjin li jipprovdu servizz fi ħdan iż-żona ta' inkarigu rispettiva tagħhom:
    - (i) l-unitajiet militari xierqa;
    - (ii) il-fornitur jew il-fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi li jaqdu liċ-ċentru;

▼ **M1**

- (iii) l-istazzjon ta' telekomunikazzjoni ajrunawtika li taqdi liċ-ċentru;
  - (iv) l-uffiċċji xierqa tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru;
  - (v) iċ-ċentru ta' koordinazzjoni ta' salvataġġ jew, fin-nuqqas ta' ċentru bħal dan, kwalunkwe servizz xieraq ieħor ta' emerġenza;
  - (vi) l-uffiċċju internazzjonali ta' NOTAM li jaqdi liċ-ċentru.
- (2) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li unità ta' kontroll tal-avviċinament, torri ta' kontroll tal-ajrudrom u unità tal-AFIS ikollhom faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet mal-unitajiet li ġejjin li jipprovdu servizz fi ħdan iż-żona ta' inkarigu rispettiva tagħhom:
- (i) l-unitajiet militari xierqa;
  - (ii) is-servizzi ta' salvataġġ u ta' emerġenza (inklużi ambulanza, tifi tan-nar, eċċ.);
  - (iii) il-fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi li jaqdi lill-unità kkonċernata;
  - (iv) l-istazzjon ta' telekomunikazzjoni ajrunawtika li taqdi lill-unità kkonċernata;
  - (v) l-unità li tipprovdi servizz ta' ġestjoni tas-superfiċje asfaltata fl-ajrudrom, meta din tkun stabbilita b'mod separat.
- (3) Il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni meħtieġa skont il-punti (b)(1)(i) u (b)(2)(i) għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għal komunikazzjonijiet rapidi u affidabbli bejn l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernata u l-unità jew l-unitajiet militari responsabbli għall-kontroll tal-operazzjonijiet ta' interċettazzjoni fi ħdan iż-żona ta' inkarigu tal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi stabbiliti fis-Sezzjoni 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012.
- (c) Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' komunikazzjoni
- (1) Il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni meħtieġa skont il-punt (a), il-punt (b)(1)(i) u l-punti (b)(2)(i), (b)(2)(ii) u (b)(2)(iii) għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għal:
- (i) komunikazzjonijiet b'taħdit dirett biss, jew flimkien mal-komunikazzjonijiet b'kollegament tad-*data*, li fihom għall-fini ta' trasferiment tal-kontroll bl-użu tar-radar jew tal-ADS-B, il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti minnufih, u għal skopijiet oħra, il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda;
  - (ii) komunikazzjonijiet stampati, meta jkun meħtieġ rekord bil-miktub; il-ħin ta' trażmissjoni tal-messaġġ għat-tali komunikazzjonijiet ma jkunx itwal minn 5 minuti.
- (2) Fil-każijiet kollha mhux koperti mill-punt (c)(1), il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjoni għal:
- (i) komunikazzjonijiet b'taħdit dirett biss, jew flimkien mal-komunikazzjonijiet b'kollegament tad-*data*, li fihom il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda;
  - (ii) komunikazzjonijiet stampati, meta jkun meħtieġ rekord bil-miktub; il-ħin ta' trażmissjoni tal-messaġġ għat-tali komunikazzjonijiet ma jkunx itwal minn 5 minuti.

▼ **M1**

- (3) Fil-każijiet kollha li fihom ikun meħtieġ trasferiment awtomatiku tad-*data* lejn jew mill-kompjuters tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, jew it-tnejn li huma, għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet xierqa għar-reġistrazzjoni awtomatika.
- (4) Il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni meħtieġa skont il-punti (b)(2)(i);(ii);(iii) għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għal komunikazzjonijiet b'taħdit dirett organizzat għal komunikazzjonijiet konferenzjali li fihom il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda.
- (5) Il-faċilitajiet kollha għal komunikazzjonijiet b'kollegament b'taħdit dirett jew tad-*data* bejn unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u bejn unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u unitajiet oħra deskritti fil-punti (b)(1) u (b)(2) għandhom jiġu pprovduti b'reġistrazzjoni awtomatika.

**ATS.OR.440 Servizz ajrunawtiku fiss (komunikazzjonijiet mill-art għall-art) — komunikazzjoni bejn reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċ-ċentri ta' kontroll tal-erja jkollhom faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet maċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u maċ-ċentri ta' kontroll tal-erja biswithom kollha. Dawk il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni f'kull każ għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għal messaġġi f'forma xierqa għaż-żamma bħala rekord permanenti, u għall-konsenja skont il-ħinijiet ta' tranżitu speċifikati mill-ftehimiet dwar in-navigazzjoni bl-ajru reġjonali tal-ICAO.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet bejn iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja li jaqdu żoni ta' kontroll kontigwi, barra minn hekk, jinkludu mezzi għal komunikazzjonijiet ta' kollegament b'taħdit dirett u, fejn applikabbli, tad-*data*, b'reġistrazzjoni awtomatika, u li għall-fini ta' trasferiment ta' kontroll bl-użu ta' *data* ta' sorveljanza tal-ATS, il-komunikazzjonijiet ikunu stabbiliti minnufih, u għal skopijiet oħra, il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda.
- (c) Meta dan ikun meħtieġ mill-ftehim bejn l-Istati kkonċernati sabiex tiġi eliminata jew titnaqqas il-ħtieġa ta' interċettazzjonijiet fil-każ ta' devjazzjonijiet minn trajettorja assenjata, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-faċilitajiet għall-komunikazzjonijiet bejn ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir jew ċentri ta' kontroll tal-erja adjaċenti għajr dawk imsemmija fil-punt (b):
  - (1) jinkludu mezzi għal komunikazzjonijiet b'kollegament b'taħdit dirett biss, jew flimkien ma' dawk tad-*data*;
  - (2) jippermettu sabiex il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda;
  - (3) ikunu pprovduti b'reġistrazzjoni awtomatika.
- (d) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat għandu jiżgura li l-unitajiet adjaċenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jkunu konnessi fil-każijiet kollha fejn ikunu jeżistu ċirkustanzi speċjali.
- (e) Kull meta l-kundizzjonijiet lokali jkunu tali li jkun hemm bżonn li l-inġenji tal-ajru jiġu awtorizzati fi spazju tal-ajru kkontrollat qabel it-tluq, il-fornitur jew il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati għandhom jiżguraw li l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jagħtu l-awtorizzazzjoni lill-inġenji tal-ajru jkunu konnessi mal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li taqdi l-ispace tal-ajru kkontrollat adjaċenti.

▼ **M1**

- (f) Il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni li jappoġġjaw il-konnessjonijiet li jridu jiġu stabbiliti skont il-punti (d) u (e) għandhom jinkludu mezzi għal komunikazzjonijiet b'taħdit dirett biss, jew flimkien ma' komunikazzjonijiet b'kollegament tad-*data*, b'reġistrazzjoni awtomatika, u li għall-fini ta' trasferiment tal-kontroll bl-użu tas-sorveljanza tal-ATS, il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti minnufih, u għal skopijiet oħra, il-komunikazzjonijiet jiġu stabbiliti normalment f'temp ta' 15-il sekonda.
- (g) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għar-reġistrazzjoni awtomatika fil-każijiet kollha li fihom ikun meħtieġ skambju awtomatiku ta' *data* bejn kompjuters tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

**ATS.OR.445 Komunikazzjonijiet għall-kontroll jew għall-ġestjoni ta' veikoli għajr inġenji tal-ajru f'żoni ta' mmanuvrar fl-ajrudromi**

- (a) Ħlief meta l-komunikazzjoni b'sistema ta' sinjali viżwali titqies bħala adegwata, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura faċilitajiet ta' radjotelefonija bidirezzjonali għal wieħed mis-servizzi li ġejjin:
- (1) servizz ta' kontroll tal-ajrudrom għall-kontroll ta' vetturi fiż-żona ta' mmanuvrar;
  - (2) AFIS għall-ġestjoni ta' vetturi fiż-żona ta' mmanuvrar fejn it-tali servizz jiġi pprovdut skont il-punt ATS.TR.305(f).
- (b) Il-ħtieġa ta' kanali ta' komunikazzjoni separati għall-kontroll jew għall-ġestjoni tal-vetturi fiż-żona ta' mmanuvrar għandha tkun iddeterminata soġġett għal valutazzjoni tas-sikurezza.
- (c) Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet ta' reġistrazzjoni awtomatika fuq il-kanali kollha msemmija fil-punt (b).

▼ **M7**

**ATS.OR.446 *Data* ta' sorveljanza**

- (a) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma għandhomx jużaw *data* mill-interrogaturi tal-Mode S li joperaw taħt ir-responsabbiltà ta' pajjiż terz jekk l-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ma tkunx ġiet ikkoordinata.
- (b) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżguraw li jiġu implimentati l-kapaċitajiet meħtieġa biex jippermettu lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jstabbilixxu identifikazzjoni individwali tal-inġenji tal-ajru bl-użu tal-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti, kif spjegat fid-dettall fl-Appendiċi 1.
- (c) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżguraw operazzjonijiet bla xkiel fl-isparju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom u fil-konfini ma' spazji tal-ajru ta' hdeghom billi japplikaw rekwiżiti minimi xierqa għas-separazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

▼ **M1**

**ATS.OR.450 Reġistrazzjoni awtomatika ta' *data* ta' sorveljanza**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li d-*data* ta' sorveljanza minn tagħmir tar-radar primarju u sekondarju jew minn sistemi oħra (eż. ADS-B, ADS-C), użati bħala għajnuna għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, tiġi rreġistrata b'mod awtomatiku għall-użu f'investigazzjonijiet ta' aċċidenti u ta' inċidenti, fit-tiftix u s-salvataġġ, fis-servizzi tat-traffiku tal-ajru u fl-evalwazzjoni u fit-taħriġ tas-sistemi ta' sorveljanza.

▼ **M1****ATS.OR.455 Żamma tal-informazzjoni u tad-*data* rreġistrati**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jżomm għal perjodu ta' tal-anqas 30 jum dawn li ġejjin:
- (1) reġistrazzjonijiet ta' kanali ta' komunikazzjoni, kif speċifikat fil-punti ATS.OR.400(b) u (c);
  - (2) reġistrazzjonijiet ta' *data* u ta' komunikazzjonijiet, kif speċifikat fil-punti ATS.OR.435(c)(3) u (5);
  - (3) reġistrazzjonijiet awtomatiċi, kif speċifikat fil-punt ATS.OR.440;
  - (4) reġistrazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet, kif speċifikat fil-punt ATS.OR.445;
  - (5) reġistrazzjonijiet ta' *data*, kif speċifikat fil-punt ATS.OR.450;
  - (6) strixxi tal-progress tat-titjir fuq karta, *data* elettronika dwar il-progress tat-titjir u l-koordinazzjoni.
- (b) Meta r-reġistrazzjonijiet u l-logs elenkati fil-punt (a) ikunu pertinenti għal investigazzjonijiet ta' aċċidenti u ta' inċidenti, dawn għandhom jinżammu għal perjodi itwal sakemm ikun evidenti li mhux se jibqgħu meħtieġa.

**ATS.OR.460 Komunikazzjoni ta' sfond u reġistrazzjoni tal-ambjent tas-smigħ**

- (a) Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mill-awtorità kompetenti, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu mgħammra b'apparati li jirreġistraw il-komunikazzjoni ta' sfond u l-ambjent tas-smigħ fl-istazzjonijiet tax-xogħol tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru, jew tal-uffiċjal tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir, jew tal-uffiċjal tal-AFIS, skont kif ikun applikabbli, li kapaċi jżommu l-informazzjoni rreġistrata matul tal-anqas l-aħħar 24 siegħa tat-tħaddim.
- (b) Reġistrazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom jintużaw biss għall-investigazzjoni ta' aċċidenti u ta' inċidenti li huma soġġetti għal rapportar obbligatorju.

*SEZZJONI 5 — REKWIŻITI GĦALL-INFORMAZZJONI***ATS.OR.500 Informazzjoni meteoroloġika — Ġenerali**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li informazzjoni aġġornata dwar il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi eżistenti u mbassra titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-unitajiet rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru skont il-bżonn għat-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-informazzjoni dettaljata disponibbli dwar il-post, il-firxa vertikali, id-direzzjoni u r-rata ta' moviment tal-fenomeni meteoroloġiċi fil-viċinanzi tal-ajrudrom, u b'mod partikolari fiż-żoni tat-tluġh u tal-avviċinament, li jistgħu jkunu perikolużi għall-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, tiġi pprovduta lill-unitajiet rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (c) L-informazzjoni fil-punti (a) u (b) għandha tiġi fornita f'tali forma li tkun teħtieġ l-anqas interpretazzjoni possibbli min-naħa tal-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u bi frekwenza li tissodisfa r-rekwiżiti tal-unitajiet ikkonċernati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

**ATS.OR.505 Informazzjoni meteoroloġika għal ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċentri ta' kontroll tal-erja**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċ-ċentri ta' kontroll tal-erja jkunu furniti bl-informazzjoni meteoroloġika stipulata fil-punt MET.OR.245(f) tal-Anness V, b'enfasi partikolari fuq l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta' deteriorament f'element tat-temp malli din tkun tista' tiġi ddeterminata. Dawk ir-rapporti u t-tbassiriet għandhom ikopru r-reġjun ta' informazzjoni tat-titjir jew l-erja ta' kontroll u erjas oħra ta' dak it-tip, jekk dan ikun stipulat mill-awtorità kompetenti.

## ▼ M1

- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li ċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċ-ċentri ta' kontroll tal-erja jkunu pprovduti, f'intervalli xierqa, b'*data* kurrenti dwar il-pessjoni għall-issetjar tal-altimetri, għal postijiet speċifikati miċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir u miċ-ċentru ta' kontroll tal-erja kkonċernat.

**ATS.OR.510 Informazzjoni meteoroloġika għal unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament ikunu forniti b'informazzjoni meteoroloġika għall-isparju tal-ajru u għall-ajrudromi li huma kkonċernati bihom, kif stipulat fil-punt MET.OR.242(b) tal-Anness V.
- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li, meta jintużaw diversi anemometri, id-displejs li jkunu relatati magħhom ikunu mmarkati b'mod ċar sabiex jidentifikaw ir-runway u s-sezzjoni tar-runway issorveljata minn kull anemometru.
- (c) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament ikunu pprovduti b'*data* kurrenti dwar il-pessjoni għall-issetjar tal-altimetri, għal postijiet speċifikati mill-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament.
- (d) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament għall-avviċinament finali, għall-illandjar u għall-qtugħ ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs tar-riħ qrib l-art. Id-displej jew id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew fl-unità tal-AFIS, jew it-tnejn li huma, u fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din.
- (e) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament għall-avviċinament finali, għall-illandjar u għall-qtugħ fl-ajrudromi fejn il-valuri tal-medda viżwali tar-runway ikunu vvalutati b'mezzi strumentali, ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs li jippermettu l-qari tal-valuri tal-medda viżwali kurrenti tar-runway. Id-displej jew id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew fl-unità tal-AFIS, jew it-tnejn li huma, u fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din.
- (f) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament għall-avviċinament finali, għall-illandjar u għall-qtugħ fl-ajrudromi fejn l-għoli tal-bażi tas-sħab ikun iivalutati b'mezzi strumentali, ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs li jippermettu l-qari tal-valuri kurrenti tal-għoli tal-bażi tas-sħab. Id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew fl-unità tal-AFIS, jew it-tnejn li huma, u fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din.
- (g) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament għall-avviċinament finali, għall-illandjar u għall-qtugħ ikunu forniti b'informazzjoni disponibbli dwar il-gradjent tar-riħ li jista' jaffettwa b'mod avvers l-inġenji tal-ajru fir-rotot ta' avviċinament jew ta' qtugħ jew matul l-avviċinament ta' dawran.

**ATS.OR.515 Informazzjoni meteoroloġika għat-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u għall-unitajiet tal-AFIS**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mill-awtorità kompetenti, l-unitajiet tal-AFIS ikunu forniti b'informazzjoni meteoroloġika għall-ajrudrom li jkunu kkonċernati bih kif stipulat fil-punt MET.OR.242(a) tal-Anness V.

▼ **M1**

- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS ikunu pprovduti b'*data* kurrenti dwar il-pressjoni għall-issettjar tal-altimetri għall-ajrudrom ikkonċernat.
- (c) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs tar-riħ qrib l-art. Id-displej jew id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din. Meta jintużaw diversi sensuri, id-displejs li jkunu relatati magħhom għandhom ikunu mmarrati b'mod ċar sabiex jidentifikaw ir-runway u s-sezzjoni tar-runway issorveljata minn kull sensur.
- (d) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS fl-ajrudromi fejn il-valuri tal-medda viżwali tar-runway ikunu mkejla b'mezzi strumentali, ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs li jippermettu l-qari tal-valuri tal-medda viżwali kurrenti tar-runway. Id-displej jew id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din.
- (e) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS fl-ajrudromi fejn l-għoli tal-bażi tas-sħab ikun ivvalutat b'mezzi strumentali, ikunu mgħammra b'displej jew b'displejs li jippermettu l-qari tal-valuri kurrenti tal-għoli tal-bażi tas-sħab. Id-displejs għandhom ikunu relatati mal-istess post jew postijiet ta' osservazzjoni u jkunu forniti mill-istess sensur jew sensuri bħad-displej jew id-displejs korrispondenti fit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS u fl-istazzjon meteoroloġika ajrunawtika, fejn tkun teżisti stazzjon bħal din.
- (f) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torri ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS ikunu forniti b'informazzjoni disponibbli dwar il-gradjent tar-riħ li jista' jaffettwa b'mod avvers l-inġenji tal-ajru fit-trajettorji ta' avviċinament jew ta' qtugħ jew matul l-avviċinament ta' dawran, u l-inġenji tal-ajru fuq ir-runway matul it-tidwir għall-illandjar jew il-ġirja tat-tluġh.
- (g) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unitajiet tal-AFIS u/jew unitajiet xierqa oħra jkunu forniti bi twissijiet tal-ajrudrom, skont il-punt MET.OR.215(b) tal-Anness V.

**ATS.OR.520 Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ajrudrom u l-istatus operazzjonali tal-faċilitajiet assoċjati**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li t-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom, l-unitajiet tal-AFIS u l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament jinżammu informati b'mod kurrenti dwar il-kundizzjonijiet operazzjonalment sinifikanti taż-żona ta' moviment, inkluża l-eżistenza ta' perikli temporanji, u l-istatus operazzjonali ta' kwalunkwe faċilità assoċjata fl-ajrudrom jew fl-ajrudromi li huma kkonċernati bihom, kif irrapportat mill-operatur tal-ajrudrom.

**ATS.OR.525 Informazzjoni dwar l-istatus operazzjonali tas-servizzi tan-navigazzjoni**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiżgura li l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jinżammu informati b'mod kurrenti u puntwali dwar l-istatus operazzjonali tas-servizzi tan-navigazzjoni bir-radju u tal-għajnuniet viżwali essenzjali għall-proċeduri ta' qtugħ, ta' tluq, ta' avviċinament u ta' llandjar fi ħda iż-żona ta' inkarigu tagħhom, u ta' dawk is-servizzi tan-navigazzjoni bir-radju u l-għajnuniet viżwali essenzjali għall-moviment fuq il-wieċ.

**▼ M1**

- (b) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi arranġamenti xierqa skont il-punt ATM/ANS.OR.B.005(f) tal-Anness III sabiex jiżgura li tiġi pprovduta l-informazzjoni fil-punt (a) ta' dan il-punt fir-rigward tas-servizzi tal-GNSS.”;

**ATS.OR.530 Trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-azzjoni ta' bbrejkjar**

Jekk fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jirċievi ajrurapport speċjali permezz ta' komunikazzjoni bil-vuċi rigward azzjoni ta' bbrejkjar li ma tikkorrispondix ma' dik li tkun ġiet irrapportata, għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-operatur xieraq tal-ajrudrom.

**▼ B****SUBPARTI B — REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATS.TR)***TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI***▼ M1****ATS.TR.100 Obiettivi tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS)**

L-obiettivi tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu li:

- (a) jipprevjenu kolliżjonijiet bejn l-inġenji tal-ajru;
- (b) jipprevjenu kolliżjonijiet bejn l-inġenji tal-ajru fuq iż-żona ta' mmanuvrar u l-ostakoli f'dik iż-żona;
- (c) iħaffu u jżommu fluss ordnat tat-traffiku tal-ajru;
- (d) jipprovdu pariri u informazzjoni utli sabiex it-titjiriet jitwettqu b'mod sikur u effiċjenti;
- (e) jinnotifikaw lill-organizzazzjonijiet xierqa dwar inġenji tal-ajru li jkunu jeħtieġu għajnuna ta' tiftix u salvataġġ, u jassistu lil dawn l-organizzazzjonijiet kif ikun meħtieġ.

**ATS.TR.105 Diviżjonijiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Is-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jinkludu s-servizzi identifikati kif ġej:

- (a) is-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, sabiex jilħaq l-obiettivi bħal fil-punti (a), (b) u (c) tal-punt ATS.TR.100, b'dan is-servizz li jiġi pprovdut fi tliet partijiet kif ġej:
  - (1) servizz ta' kontroll tal-erja: il-provvista ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal titjiriet ikkontrollati, ħlief għal dawk il-partijiet tat-tali titjiriet deskritti fil-punti (2) u (3) ta' dan il-punt, sabiex jintlaħqu l-obiettivi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-punt ATS.TR.100;
  - (2) servizz ta' kontroll tal-avviċinament: il-provvista ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal dawk il-partijiet tat-titjiriet ikkontrollati assoċjati mal-wasla jew mat-tluq, sabiex jintlaħqu l-obiettivi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-punt ATS.TR.100; u
  - (3) servizz ta' kontroll tal-ajrudrom: il-provvista ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għat-traffiku tal-ajrudrom, ħlief għal dawk il-partijiet tat-titjiriet deskritti fil-punt (2) ta' dan il-punt, sabiex jintlaħqu l-obiettivi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-punt ATS.TR.100.
- (b) is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir jew is-servizz konsultattiv dwar it-traffiku tal-ajru, jew it-tnejn li huma, sabiex jilħaq l-objettiv stabbilit fil-punt (d) tal-punt ATS.TR.100;
- (c) is-servizz ta' twissija, sabiex jilħaq l-objettiv stabbilit fil-punt (e) tal-punt ATS.TR.100.

▼ **M1****ATS.TR.110 Stabbiliment tal-unitajiet li jipprovdu s-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Is-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jiġu pprovduti mill-unitajiet stabbiliti kif ġej:
- (1) iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir għandhom jiġu stabbiliti sabiex jipprovdu servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir u servizz ta' twissija fi ħdan ir-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir taħt ir-responsabbiltà tal-provvista tat-tali servizzi fi ħdan reġjun ta' informazzjoni dwar titjir ma tkunx assenjata għal unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru b'faċilitajiet adegwati għar-rilaxx tat-tali responsabbiltà;
  - (2) l-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu stabbiliti sabiex jipprovdu servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir u servizz ta' twissija fi ħdan iż-żoni ta' kontroll u fl-ajrudromi kkontrollati;
  - (3) L-unitajiet tal-AFIS għandhom jiġu stabbiliti sabiex jipprovdu servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir u servizz ta' twissija fl-ajrudromi tal-AFIS u fi ħdan l-ispace tal-ajru assoċjat mat-tali ajrudromi.
- (b) L-uffiċċju jew l-uffiċċji tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew arranġamenti oħra għandhom jiġu stabbiliti għall-fini ta' riċeviment ta' rapporti li jikkonċernaw is-servizzi tat-traffiku tal-ajru u pjanijiet tat-titjiriet sottomessi qabel it-tluq.

**ATS.TR.115 Identifikazzjoni tal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

- (a) L-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jingħataw isem mhux ambigwu kif ġej:
- (1) ċentru ta' kontroll tal-erja jew ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir normalment għandu jkun identifikat bl-isem ta' belt żgħira jew ta' belt fil-viċin jew ta' karatteristika ġeografika jew ta' żona fl-inħawi;
  - (2) torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew unità ta' kontroll tal-avviċinament normalment għandhom ikunu identifikati bl-isem tal-ajrudrom li fih ikunu qed jipprovdu servizzi jew bl-isem ta' belt żgħira jew ta' belt fil-viċin jew ta' karatteristika ġeografika jew ta' żona fl-inħawi;
  - (3) unità tal-AFIS normalment għandha tkun identifikata bl-isem tal-ajrudrom li fih tkun qed tipprovdi servizzi jew bl-isem ta' belt żgħira jew ta' belt fil-viċin jew ta' karatteristika ġeografika jew ta' żona fl-inħawi.
- (b) L-isem tal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi għandu jkun komplimentat minn wieħed mis-suffissi li ġejjin, skont kif ikun xieraq:
- (1) ċentru ta' kontroll tal-erja — CONTROL;
  - (2) kontroll tal-avviċinament — APPROACH;
  - (3) wasliet bir-radar ta' kontroll tal-avviċinament — ARRIVAL;
  - (4) tluq bir-radar ta' kontroll tal-avviċinament — DEPARTURE;
  - (5) unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (b'mod ġenerali) meta tipprovdi servizzi ta' sorveljanza tal-ATS — RADAR;
  - (6) kontroll tal-ajrudrom — TOWER;
  - (7) kontroll tal-moviment fuq l-art — GROUND;
  - (8) konsenja tal-awtorizzazzjoni — DELIVERY;
  - (9) ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir — INFORMATION;
  - (10) unità tal-AFIS — INFORMATION.

▼ **M1****ATS.TR.120 Lingwa għall-komunikazzjoni bejn unitajiet ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Ħlief meta l-komunikazzjonijiet bejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jsiru b'lingwa maqbula b'mod reċiproku, il-lingwa Ingliża għandha tintuża għat-tali komunikazzjonijiet.

**ATS.TR.125 Espressjoni tal-pożizzjoni vertikali tal-inġenji tal-ajru**

- (a) Għal titjiriet fiż-żoni fejn tiġi stabbilita alitudni tranżitorja, il-pożizzjoni vertikali tal-inġenji tal-ajru għandha, ħlief kif ipprovdut fil-punt (b), tkun espressa f'termini ta' alitudnijiet fl-altitudni tranżitorja jew taħtha u f'termini tal-livelli tat-titjira fil-livell tranżitorju jew fuqu. Waqt li tkun għaddejja mill-istrat ta' tranżizzjoni, il-pożizzjoni vertikali għandha tiġi espressa f'termini tal-livelli tat-titjira meta tkun fit-tluġ u f'termini ta' alitudnijiet meta tkun fl-inżul.
- (b) Meta inġenju tal-ajru li jkun inġenju awtorizzazzjoni sabiex jillandja, jew meta fl-ajrudromi tal-AFIS inġenju tal-ajru li jkun ġie informat li r-runway hija disponibbli għall-illandjar, ikun qiegħed jikkompleta l-avviċinament tiegħu bl-użu tal-pressjoni atmosferika fl-elevazzjoni tal-ajrudrom (QFE), il-pożizzjoni vertikali tal-inġenju tal-ajru għandha tiġi espressa f'termini tal-għoli 'l fuq mill-elevazzjoni tal-ajrudrom matul dik il-parti tat-titjira tiegħu li għalih qiegħda tintuża l-QFE, ħlief jekk din tkun espressa f'termini tal-għoli 'l fuq mill-livell limitu tal-elevazzjoni tar-runway:
- (1) għal runways bl-istrumenti jekk il-livell limitu huwa 2 m (7 piedi) jew iżjed taħt l-elevazzjoni tal-ajrudrom;
- (2) għal runways b'avviċinament ta' preċiżjoni.

**ATS.TR.130 Determinazzjoni tal-livell ta' tranżizzjoni**

- (a) L-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tistaibbilixxi l-livell ta' tranżizzjoni li jrid jintuża f'żoni fejn hija stabbilita alitudni ta' tranżizzjoni, għall-perjodu ta' żmien xieraq fuq il-bażi tar-rapporti tal-QNH (issettjar tas-subskala tal-altimetru sabiex tinkiseb elevazzjoni meta fuq l-art) u tal-pressjoni mbassra tal-livell medju tal-baħar, jekk dan ikun meħtieġ.
- (b) Il-livell ta' tranżizzjoni għandu jkun jinsab f'livell ogħla mill-altitudni ta' tranżizzjoni b'tali mod li tal-anqas jiġi żgurat minimu ta' separazzjoni vertikali nominali ta' 300 m (1 000 piedi) bejn l-inġenji tal-ajru li jtiru fl-istess ħin fl-altitudni ta' tranżizzjoni u fil-livell ta' tranżizzjoni.

**ATS.TR.135 Livell minimu tal-cruising għal titjiriet skont l-IFR**

- (a) L-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru m'għandhomx jassenjaw livelli tal-cruising anqas mill-altitudnijiet minimi tat-titjira stabbiliti mill-Istati Membri, ħlief meta jkunu awtorizzati b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti.
- (b) L-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom:
- (1) jiddeterminaw l-anqas livell jew livelli utilizzabbli tat-titjira għaż-żona ta' kontroll sħiħa jew għal partijiet minnha li huma responsabbli għaliha;
- (2) jassenjaw livelli tat-titjiriet fit-tali livell jew livelli jew ogħla;
- (3) jgħaddu l-anqas livell jew livelli tat-titjiriet utilizzabbli lill-bdoti fuq talba.

**ATS.TR.140 Provvista ta' informazzjoni dwar l-issettjar tal-altimetru**

- (a) L-unitajiet xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu f'kull ħin ikollhom disponibbli għat-trażmissjoni lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed itiru, fuq talba, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat l-anqas livell tat-titjira li jiżgura qtuġ adegwat mill-art f'rotot jew f'segment tar-rotot li għalihom tkun meħtieġa din l-informazzjoni.

▼ **M1**

- (b) Iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir u ċ-ċentri ta' kontroll tal-erja għandu jkollhom disponibbli għat-trażmissjoni lill-inġenji tal-ajru, fuq talba, numru xieraq ta' rapporti tal-QNH jew ta' pressjonijiet imbassra għar-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir u għall-erjas ta' kontroll li huma responsabbli għalihom, u għal dawk biswithom.
- (c) L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jkun ipprovdut bil-livell ta' tranżizzjoni fiż-żmien dovut qabel jilhqun matul l-inżul.
- (d) Ħlief meta jkun magħruf li l-inġenju tal-ajru jkun diġà rċieva l-informazzjoni fi trażmissjoni diretta, l-issettjar ta' altimetru tal-QNH għandu jiġi inkluż fi:
  - (1) fl-awtorizzazzjoni tal-inżul, meta tingħata l-ewwel awtorizzazzjoni għal altitudni anqas mil-livell ta' tranżizzjoni;
  - (2) fl-awtorizzazzjonijiet tal-avviċinament jew fl-awtorizzazzjonijiet għad-dħul fiċ-ċirkwit tat-traffiku;
  - (3) awtorizzazzjonijiet tat-taxiing għall-inġenji tal-ajru li jkunu se jtitilqu.
- (e) Issettjar tal-altimetru tal-QFE kif deskritt fil-punt ATS.TR.125(b) għandu jiġi pprovdut lill-inġenji tal-ajru fuq talba jew fuq bażi regolari skont l-arranġamenti lokali.
- (f) L-unitajiet xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jaġġustaw 'l isfel l-issettjar tal-altimetru pprovdut lill-inġenji tal-ajru għall-eqreb ettopaskal sħiħ inferjuri.

**ATS.TR.145 Sospensjoni tal-operazzjonijiet skont ir-regoli tat-titjir viżwali f'ajrudrom u fil-viċinanzi ta' ajrudrom**

- (a) Kwalunkwe operazzjoni tal-VFR jew kull operazzjoni tal-VFR f'ajrudrom u fil-viċinanzi tiegħu tista' tiġi sospiża kull meta s-sikurezza tkun teħtieġ tali azzjoni minn kwalunkwe waħda mill-unitajiet, mill-persuni jew mill-awtoritajiet li ġejjin:
  - (1) l-unità ta' kontroll tal-avviċinament jew iċ-ċentru xieraq ta' kontroll tal-erja;
  - (2) it-torri ta' kontroll tal-ajrudrom;
  - (3) l-awtorità kompetenti.
- (b) Meta tiġi sospiża kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet tal-VFR jew kollha kemm huma f'ajrudrom u fil-viċinanzi tiegħu, it-torri ta' kontroll tal-ajrudrom għandu josserva l-proċeduri li ġejjin:
  - (1) iwaqqaf kull tluq skont il-VFR;
  - (2) isejjaħ lura kull titjira lokali li tkun qed topera skont il-VFR jew jikseb approvazzjoni għal operazzjonijiet speċjali tal-VFR;
  - (3) jinnotifika lill-unità ta' kontroll tal-avviċinament jew liċ-ċentru ta' kontroll tal-erja kif xieraq dwar l-azzjoni meħuda;
  - (4) jinnotifika lill-operaturi kollha, jew lir-rappreżentanti ddeżinjati tagħhom, dwar ir-raġuni għat-teħid tat-tali azzjoni, jekk dan ikun meħtieġ jew mitlub.

**ATS.TR.150 Dawl ajrunawtiku fuq l-art**

Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi proċeduri għat-tħaddim ta' dawl ajrunawtiku fuq l-art, kemm jekk ikun f'ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu kif ukoll jekk ma jkunx.

**ATS.TR.155 Servizzi ta' sorveljanza tal-ATS**

- (a) Fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jista' juża sistemi ta' sorveljanza tal-ATS fil-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru. F'dan il-każ, il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jispeċifika l-funzjonijiet li għalihom tintuża l-informazzjoni dwar is-sorveljanza tal-ATS.

▼ **M1**

- (b) Meta jipprovdi servizzi ta' sorveljanza tal-ATS, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu:
- (1) jiżgura li s-sistema jew is-sistemi ta' sorveljanza tal-ATS użati jipprovdu għal preżentazzjoni aġġornata kontinwament tal-informazzjoni ta' sorveljanza, inklużi indikazzjonijiet dwar il-pożizzjoni;
  - (2) meta jiġi pprovdut servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru:
    - (i) jiddetermina n-numru ta' inġenji tal-ajru li huma pprovduti b'mod simultanju b'servizzi ta' sorveljanza tal-ATS li jistgħu jiġu mmaniġġjati b'mod sikur fiċ-ċirkustanzi prevalenti;
    - (ii) jipprovdi lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru f'kull ħin b'informazzjoni sħiħa u aġġornata rigward:
      - A. l-altitudnijiet minimi stabbiliti tat-titjir fi ħdan iż-żona ta' inkarigu;
      - B. l-anqas livell jew livelli tat-titjira ddeterminati skont il-punti ATS.TR.130 u ATS.TR.135;
      - C. l-altitudnijiet minimi stabbiliti applikabbli għal proċeduri fuq il-bażi ta' vetturar tattiku u ta' rotot diretti, inklużi l-korrezzjoni tat-temperatura neċessarja jew il-metodu għall-korrezzjoni tat-effett ta' temperaturi baxxi fuq l-altitudnijiet minimi.
- (c) Skont il-funzjonijiet li għalihom tintuża l-informazzjoni dwar is-sorveljanza tal-ATS fil-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi proċeduri:
- (1) għall-istabbiliment ta' identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru;
  - (2) għall-provvista ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni lill-inġenji tal-ajru;
  - (3) għall-vetturar tal-inġenji tal-ajru;
  - (4) għall-provvista ta' assistenza fin-navigazzjoni lill-inġenji tal-ajru;
  - (5) għall-provvista ta' informazzjoni rigward temp avvers, jekk applikabbli;
  - (6) għat-trasferiment ta' kontroll tal-inġenji tal-ajru;
  - (7) għal ħsarat fis-sistema jew fis-sistemi ta' sorveljanza tal-ATS;
  - (8) għal ħsara fit-transponder tal-SSR, skont id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 13 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012;
  - (9) għal avviżi u twissijiet relatati mas-sikurezza fuq il-bażi tas-sorveljanza tal-ATS, meta implimentati;
  - (10) għal interruzzjoni jew għal terminazzjoni ta' servizz ta' sorveljanza tal-ATS.
- (d) Qabel ma jiġi pprovdut servizz ta' sorveljanza tal-ATS lil inġenju tal-ajru, għandha tiġi stabbilita l-identifikazzjoni u l-bdot għandu jiġi informat. Wara, l-identifikazzjoni għandha tinżamm sat-terminazzjoni tas-servizz ta' sorveljanza tal-ATS. Jekk sussegwentement tintilef l-identifikazzjoni, il-bdot għandu jiġi informat kif xieraq u, meta applikabbli, għandhom jinħarġu struzzjonijiet xierqa.
- (e) Meta titjira kkontrollata identifikata tiġi osservata li tkun fuq rotta f'kunflitt ma' inġenju tal-ajru mhux magħruf, li huwa meqjus li jikkostitwixxi periklu ta' kollizzjoni, il-bdot tat-titjira kkontrollata għandu, meta jkun prattiku:
- (1) jinforma ruħu dwar l-inġenju tal-ajru mhux magħruf, u, jekk il-bdot jitlob dan, jew jekk is-sitwazzjoni teħtieġ dan fl-opinjoni tal-kontrollur, jiġi ssuġġerit li tiġi evitata l-azzjoni; u

▼ **M1**

- (2) jiġi notifikat meta l-kunflitt ma jibqax jeżisti.
- (f) Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mill-awtorità kompetenti, il-verifika tal-informazzjoni dwar il-livell derivat mill-altitudni skont il-pessjoni murija lill-kontrollur għandha tkun effettwata mill-anqas darba minn kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru mgħammra kif xieraq mal-ewwel kuntatt mal-inġenju tal-ajru kkonċernat jew, jekk dan mhuwiex fattibbli, malajr kemm jista' jkun possibbli minn dak iż-żmien 'il quddiem.
- (g) Għandha tintuża biss informazzjoni vverifikata tal-livell derivat mill-altitudni u l-pessjoni għad-determinazzjoni li l-inġenji tal-ajru wettqu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:
- (1) żammew livell;
  - (2) ħarġu minn livell;
  - (3) jgħaddu minn livell fit-tluġh jew fl-inżul;
  - (4) jilhqqu livell.

**ATS.TR.160 Il-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru għall-ittestjar tat-titjiriet**

Kundizzjonijiet u proċeduri addizzjonali jew alternattivi għal dawk li jinsabu f'din is-Subparti B, li jridu jiġu applikati mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għall-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru għall-ittestjar tat-titjiriet, jistgħu jkunu speċifikati mill-awtorità kompetenti.

*SEZZJONI 2 — SERVIZZ TA' KONTROLL TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU***ATS.TR.200 Applikazzjoni**

Is-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandu jiġi pprovdut:

- (a) lit-titjiriet IFR kollha fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru A, B, C, D u E;
- (b) lit-titjiriet VFR kollha fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru B, C u D;
- (c) lit-titjiriet VFR speċjali kollha;
- (d) lit-traffiku tal-ajrudom kollu f'ajrudromi kkontrollati.

**ATS.TR.205 Il-provvista tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru**

Il-partijiet tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru deskritti fil-punt ATS.TR.105(a) għandhom jiġu pprovduti mid-diversi unitajiet kif ġej:

- (a) servizz ta' kontroll tal-erja minn waħda mill-unitajiet li ġejjin:
  - (1) ċentru ta' kontroll tal-erja;
  - (2) l-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament f'żona ta' kontroll jew f'erja ta' kontroll b'firxa limitata li hija mfassla primarjament għall-provvista ta' servizz ta' kontroll tal-avviċinament u fejn ma jkun stabbilit l-ebda ċentru ta' kontroll tal-erja;
- (b) servizz ta' kontroll tal-avviċinament minn waħda mill-unitajiet li ġejjin:
  - (1) unità ta' kontroll tal-avviċinament meta jkun hemm bżonn jew meta jkun mixtieq li tiġi stabbilita unità separata;
  - (2) torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew ċentru ta' kontroll tal-erja meta jkun hemm bżonn jew meta jkun mixtieq li jiġu kkombinati taħt ir-responsabbiltà ta' unità waħda l-funzjonijiet tas-servizz ta' kontroll tal-avviċinament ma' dawk tas-servizz ta' kontroll tal-ajrudrom jew tas-servizz ta' kontroll tal-erja;
- (c) servizz ta' kontroll tal-ajrudrom: minn torri ta' kontroll tal-ajrudrom.

▼ **M1****ATS.TR.210 Tħaddim tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru**

(a) Sabiex tipprowdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha:

- (1) tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-moviment ippjanat ta' kull inġenju tal-ajru, jew varjazzjonijiet minnu, u informazzjoni kurrenti dwar il-progress reali ta' kull inġenju tal-ajru;
- (2) tiddetermina mill-informazzjoni riċevuta, il-pożizzjonijiet relattivi għal xulxin ta' inġenji tal-ajru magħrufa;
- (3) toħroġ awtorizzazzjonijiet, struzzjonijiet jew informazzjoni, jew kollha kemm huma, sabiex tiġi evitata kolliżjoni bejn inġenji tal-ajru taħt il-kontroll tagħha u sabiex tħaffef u żżomm fluss ordnat ta' traffiku;
- (4) tikkoordina l-awtorizzazzjonijiet kif ikun meħtieġ ma' unitajiet oħrajn:
  - (i) kull meta inġenju tal-ajru jista' inkella joħloq kunflitt mat-traffiku operat taħt il-kontroll ta' unitajiet oħrajn bħal dawn;
  - (ii) qabel ma tittrasferixxi l-kontroll ta' inġenju tal-ajru lil unitajiet oħrajn bħal dawn.

(b) L-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jipprovdu separazzjoni:

- (1) bejn it-titjiriet kollha fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru A u B;
- (2) bejn it-titjiriet IFR fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru C, D u E;
- (3) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR fil-Klassi tal-ispazju tal-ajru C;
- (4) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR speċjali;
- (5) bejn it-titjiriet VFR speċjali sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

Meta jkun mitlub mill-bdot ta' inġenju tal-ajru u bi qbil mill-bdot tal-inġenju tal-ajru l-ieħor u jekk preskritt b'dan il-mod mill-awtorità kompetenti għall-każijiet elenkati il-punt (2) tal-ewwel paragrafu fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru D u E, titjira tista' tiġi awtorizzata soġġett għall-kundizzjoni li żżomm is-separazzjoni tagħha fir-rigward ta' parti speċifika tat-titjira taħt it-3 050 m (10 000 pied) matul it-tluġh jew l-inżul, matul il-jum f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali.

(c) Ħlief għal każijiet ta' operazzjonijiet fuq runways paralleli jew kważi paralleli msemmija fil-punt ATS.TR.255 jew meta jkun jista' jiġi applikat tnaqqis fil-minimi tas-separazzjoni fil-viċinanza tal-ajrudromi, is-separazzjoni minn unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha tinkiseb b'tal-anqas waħda minn dawn li ġejjin:

- (1) separazzjoni vertikali, li tinkiseb billi jiġu assenjati livelli differenti magħżula mit-tabella tal-livelli ta' veloċità kostanti fl-Appendiċi 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, ħlief li l-korrelazzjoni tal-livelli mat-trajettorja kif ġie preskritt hemm-hekk, ma għandhiex tapplika kull meta jkun indikat mod ieħor f'pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika jew f'awtorizzazzjonijiet tal-ATC. Il-valur minimu tas-separazzjoni vertikali għandu jkun valur nominali ta' 300 m (1 000 pied) sa u inkluż l-FL 410 u valur nominali ta' 600 m (2 000 pied) 'il fuq minn dak il-livell. L-informazzjoni dwar l-għoli ġeometriku m'għandhiex tintuża sabiex tiġi stabbilita s-separazzjoni vertikali;

▼ **M1**

- (2) is-separazzjoni vertikali, miksuba billi tiġi pprovduta waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) is-separazzjoni lonġitudinali, billi jinżamm intervall bejn inġenji tal-ajru li qed joperaw tul l-istess trajettorji, daww konverġenti jew reċiproċi, espressa f'ħin jew f'distanza;
  - (ii) is-separazzjoni laterali, billi l-inġenji tal-ajru jinżammu fuq rotot differenti jew f'żoni ġeografiċi differenti.
- (d) Meta l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jsir jaf li t-tip ta' separazzjoni jew ta' valur minimu użat għas-separazzjoni ta' żewġ inġenji tal-ajru ma jkunx jista' jinżamm, il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi tip ieħor ta' separazzjoni jew valur minimu ieħor qabel iż-żmien meta l-valur minimu ta' separazzjoni kurrenti ma jkunx irrispettat.

**ATS.TR.215 Għażla u notifikazzjoni tal-valuri minimi ta' separazzjoni għall-applikazzjoni tal-punt ATS.TR.210(c)**

- (a) L-għażla tal-valuri minimi tas-separazzjoni għal applikazzjoni fi ħdan parti partikolari ta' spazju tal-ajru għandha ssir mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru responsabbli mill-provvista tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti kkonċernata.
- (b) Għat-traffiku li se jgħaddi minn spazju tal-ajru ġar għall-ieħor u għar-rotot li jkunu eqreb tal-fruntiera komuni tal-ispażji tal-ajru ġirien mill-valuri minimi tas-separazzjoni applikabbli fiċ-ċirkostanzi, l-għażla tal-valuri minimi tas-separazzjoni għandha ssir f'konsultazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru responsabbli mill-provvista tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-ispażju tal-ajru ġar.
- (c) Id-dettalji tal-valuri minimi tas-separazzjoni magħżula u taż-żoni ta' applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu nnotifikati:
  - (1) lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati;
  - (2) lill-bdoti u lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika, fejn is-separazzjoni tkun ibbażata fuq l-użu li jagħmel inġenju tal-ajru minn għajnuniet ta' navigazzjoni speċifikati jew minn tekniki ta' navigazzjoni speċifikati.

**ATS.TR.220 Applikazzjoni tas-separazzjoni tat-turbolenza tar-radda**

- (a) L-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom japplikaw minimi tas-separazzjoni tat-turbolenza tar-radda għall-inġenji tal-ajru fil-fażijiet tal-avviċinament u tat-tluq ta' titjira fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
  - (1) inġenju tal-ajru qiegħed jopera direttament wara inġenju tal-ajru ieħor fl-istess altitudni jew anqas minn 300 m (1 000 pied) taħtu;
  - (2) iż-żewġ inġenji tal-ajru qegħdin jużaw l-istess runway jew runways paralleli separati b'anqas minn 760 m (2 500 pied);
  - (3) inġenju tal-ajru qiegħed jaqsam wara inġenju tal-ajru ieħor fl-istess altitudni jew anqas minn 300 m (1 000 pied) taħtu.
- (b) Il-paragrafu (a) m'għandux japplika għal titjiriet VFP li jaslu u għal titjiriet IFR li jaslu li jeżegwixxu avviċinament viżwali meta l-inġenju tal-ajru jkun irrapporta li qed jara l-inġenju tal-ajru preċedenti u jkun ingħata struzzjoni sabiex isegwi jew iżomm is-separazzjoni proprja minn dak l-inġenju tal-ajru. F'dawk il-każijiet, l-unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha tkompli toħroġ avviż għat-turbolenza tar-radda.

**ATS.TR.225 Responsabbiltà għall-kontroll**

- (a) Titjira kkontrollata għandha tkun taħt il-kontroll ta' unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru waħda biss fi kwalunkwe ħin partikolari.

▼ **M1**

- (b) Ir-responsabbiltà għall-kontroll tal-inġenji tal-ajru kollha li joperaw fi ħdan blokka ta' spazju tal-ajru partikolari għandha tkun vestita f'unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru waħda. Madankollu, il-kontroll ta' inġenji tal-ajru jew ta' gruppi ta' inġenji tal-ajru jista' jiġi ddelegat lil unitajiet oħra ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru dment li tkun assicurata l-koordinazzjoni bejn l-unitajiet kollha ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru.

**ATS.TR.230 Trasferiment tar-responsabbiltà għall-kontroll**

- (a) Post jew ħin tat-trasferiment

Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru għandha tiġi ttrasferita minn unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal oħra kif ġej:

- (1) Bejn żewġ unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-erja

Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru għandha tiġi ttrasferita minn unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-erja f'żona ta' kontroll lill-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-erja f'żona ta' kontroll biswit fil-mument tal-qsim tal-fruntiera taż-żona ta' kontroll komuni kif smat miċ-ċentru ta' kontroll tal-erja li jkollu kontroll fuq l-inġenju tal-ajru jew f'tali punt jew waqt ieħor li jkun ġie maqbul bejn iż-żewġ unitajiet.

- (2) Bejn unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-erja u unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament jew bejn żewġ unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-avviċinament

Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru għandha tiġi ttrasferita minn unità għal oħra, u viċi versa, f'punt jew f'ħin miftiehem bejn iż-żewġ unitajiet.

- (3) Bejn unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament u torri ta' kontroll tal-ajrudrom

- (i) Inġenji tal-ajru li jkunu diġlin — Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru li jkun dieħel għandha tiġi ttrasferita, kif speċifikat fl-ittri ta' ftehim u fil-manwali operazzjonali, kif xieraq, mill-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament lit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom meta l-inġenju tal-ajru jkun f'wieħed mill-istati li ġejjin:

(A) ikun viċin l-ajrudrom, u:

- (a) jitqies li l-avviċinament u l-illandjar se jitwettqu f'referenza viżwali għall-art, jew

- (b) laħaq VMC mhux interrotti;

(B) huwa f'punt jew f'livell stipulat minn qabel;

(C) illandja.

- (ii) Inġenji tal-ajru li sejrini — Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru li jkun tielaq għandha tiġi ttrasferita, kif speċifikat fl-ittri ta' ftehim u fil-manwali operazzjonali, kif xieraq, mit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom lill-unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament:

(A) meta l-VMC ikunu prevalenti fil-viċinanzi tal-ajrudrom:

- (a) qabel il-ħin li fiha l-inġenju tal-ajru jitlaq mill-viċinanzi tal-ajrudrom, jew

- (b) qabel ma l-inġenju tal-ajru jidħol f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi bl-istrumenti (IMC), jew

- (c) f'punt jew f'livell stipulat minn qabel;

▼ **M1**

(B) meta l-IMC ikunu prevalenti fl-ajrudrom:

(a) minnufih wara li l-inġenju tal-ajru jkun fl-ajru, jew

(b) f'punt jew f'livell stipulat minn qabel.

- (4) Bejn setturi ta' kontroll jew pożizzjonijiet fi ħdan l-istess unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru għandha tiġi ttrasferita minn settur ta' kontroll wieħed jew minn pożizzjoni waħda lil settur ta' kontroll ieħor jew pożizzjoni oħra fi ħdan l-istess unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru f'punt, f'livell jew f'ħin, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(b) Koordinazzjoni tat-trasferiment

- (1) Ir-responsabbiltà għall-kontroll ta' inġenju tal-ajru m'għandhiex tiġi ttrasferita minn unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal oħra mingħajr il-kunsens tal-unità ta' kontroll li taċċetta, li għandu jinkiseb skont il-punti (2), (3), (4) u (5).

- (2) L-unità ta' kontroll li tittrasferixxi għandha tikkomunika lill-unità ta' kontroll li taċċetta l-partijiet xierqa tal-pjan tat-titjira kurrenti u kwalunkwe informazzjoni ta' kontroll pertinenti għat-trasferiment mitlub.

- (3) Meta t-trasferiment ta' kontroll ikun ser isir bl-użu ta' sistemi ta' sorveljanza tal-ATS, l-informazzjoni ta' kontroll pertinenti għat-trasferiment għandha tinkludi informazzjoni rigward il-pożizzjoni u, jekk meħtieġa, it-trajettorja u l-veloċità tal-inġenju tal-ajru, kif osservati mis-sistemi ta' sorveljanza tal-ATS eżatt qabel it-trasferiment.

- (4) Meta t-trasferiment ta' kontroll ikun ser iseħħ bl-użu ta' *data* tal-ADS-C, l-informazzjoni ta' kontroll pertinenti għat-trasferiment għandha tinkludi l-pożizzjoni b'erba' dimensjonijiet u informazzjoni oħra skont il-bżonn.

- (5) L-unità ta' kontroll li taċċetta għandha:

(i) tindika l-ħila tagħha li taċċetta kontroll tal-inġenju tal-ajru bit-termini speċifikati mill-unità ta' kontroll tat-trasferiment, sakemm skont ftehim preċedenti bejn iż-żewġ unitajiet ikkonċernati n-nuqqas ta' indikazzjoni bħal din ma jkunx mifhum li jfisser aċċettazzjoni tat-termini speċifikati, jew tindika xi tibdiliet neċessarji fih;

(ii) tindika kwalunkwe informazzjoni jew awtorizzazzjoni oħra għal parti sussegwenti tat-titjira, li hija teħtieġ li l-inġenju tal-ajru jkollu fil-mument tat-trasferiment.

- (6) Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bi ftehim bejn iż-żewġ unitajiet ta' kontroll ikkonċernati, l-unità ta' kontroll li taċċetta m'għandhiex tinnotifika lill-unità ta' kontroll tat-trasferiment meta hija tkun stabbilixxiet komunikazzjonijiet bil-vuċi jew b'kollegament tad-*data* bidirezzjonali, jew it-tnejn, mal-inġenju tal-ajru kkonċernat u assumiet kontroll ta' dan.

- (7) Għandhom jintużaw frażijiet standardizzata fil-koordinazzjoni bejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew is-setturi, jew it-tnejn li huma. Huwa biss meta l-frażijiet standardizzati ma jistgħux iservu għal trażmissjoni maħsuba, li jista' jintuża lingwaġġ sempliċi.

▼ **M7**

- (c) Il-koordinazzjoni tat-trasferiment ta' kontroll bejn l-unitajiet li jipprovdu servizz tal-kontroll tal-erja fir-reġjun EUR tal-ICAO, jew meta jkun hemm qbil dwar dan ma' jew bejn unitajiet oħra ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, għandha tkun appoġġata minn proċessi awtomatizzati kif definit fl-Appendiċi 2.

▼ **M1****ATS.TR.235 Awtorizzazzjonijiet tal-ATC**

(a) L-awtorizzazzjonijiet tal-ATC għandhom jkunu bbażati biss fuq ir-rekwiżiti għall-provvista tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru.

- (1) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu biss biex jgħaġġlu u jisseparaw it-traffiku tal-ajru u jkunu bbażati fuq kundizzjonijiet tat-traffiku magħrufin li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza fl-operat tal-inġenji tal-ajru. Kundizzjonijiet tat-traffiku bħal dawn jinkludu mhux biss l-inġenji tal-ajru fl-ajru u fuq iż-żona ta' mmanuvrar li fuqha huwa eżerċitat il-kontroll, iżda anke kull traffiku veikulari jew ostakli oħrajn mhux installati b'mod permanenti fuq iż-żona ta' mmanuvrar li qiegħda tintuża.
- (2) L-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jgħorġu tali awtorizzazzjonijiet tal-ATC meħtieġa biex jimpedixxu l-kolliżjonijiet u jgħaġġlu u jżommu fluss ordnat tat-traffiku tal-ajru.
- (3) L-awtorizzazzjonijiet tal-ATC għandhom jinħarġu kmieni biżżejjed sabiex jiżguraw li jiġu trażmessi lill-inġenju tal-ajru fil-ħin suffiċjenti sabiex dan ikun jista' jikkonforma magħhom.
- (4) Meta l-bdot fil-kmand ta' inġenju tal-ajru jinforma lil unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li awtorizzazzjoni tal-ATC mhijiex sodisfaċenti, l-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha toħroġ awtorizzazzjoni emendata, jekk prattikabbli.
- (5) Matul il-vetturar jew l-assenjar ta' rotot diretti mhux inklużi fil-pjan tat-titjira, li jieħu titjira IFR barra mir-rotta ATS jew il-proċedura bl-istrumenti ppubblikata, kontrollur tat-traffiku tal-ajru li jipprovdi servizz ta' sorveljenza tal-ATS għandu jgħorġ awtorizzazzjonijiet b'tali mod li l-qtugħ stipulat mill-ostakoli jkun jeżisti f'kull ħin sakemm l-inġenju tal-ajru jilħaq il-punt li fih il-bdot jerġa' jidħol fir-rotta tal-pjan tat-titjira jew jidħol f'rotta ATS jew fi proċedura bl-istrumenti ppubblikata.

(b) Kontenut tal-awtorizzazzjonijiet

Awtorizzazzjoni tal-ATC għandha tindika:

- (1) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru kif tintwera fil-pjan tat-titjira;
- (2) il-limitu ta' awtorizzazzjoni;
- (3) ir-rotta tat-titjira:
  - (i) għandhom jingħataw dettalji dwar ir-rotta tat-titjira f'kull awtorizzazzjoni meta dan ikun meqjus neċessarju;
  - (ii) il-frażi "cleared flight planned route" (awtorizzat permezz tar-rotta pplanata tat-titjira) ma għandhiex tintuża meta tingħata awtorizzazzjoni mill-ġdid;
- (4) il-livell jew il-livelli tat-titjira għar-rotta kollha jew għal parti minnha u l-bidliet fil-livelli jekk dan ikun meħtieġ;
- (5) kwalunkwe struzzjoni jew informazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet oħra, bħal slot tat-tluq tal-ATFM jekk applikabbli, manuvri ta' avviċinament jew ta' tluq, komunikazzjonijiet u l-ħin ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni.

▼ **M1**

- (c) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konsenja tal-elementi fil-punt (b), fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jivvaluta l-ħtieġa għall-istabbiliment tar-rotot standard tat-tluq u tal-wasla u l-proċeduri assoċjati sabiex jiffaċilita:

- (1) l-fluss sikur, ordnat u mgħaġġel tat-traffiku tal-ajru;
- (2) deskrizzjoni tar-rotta u tal-proċedura fl-awtorizzazzjonijiet tal-ATC.

- (d) Awtorizzazzjonijiet għal titjira transonika

- (1) L-awtorizzazzjoni tal-ATC relatata mal-fażi ta' aċċelerazzjoni transonika ta' titjira supersonika għandha testendi mill-anqas sa tmiem dik il-fażi.
- (2) L-awtorizzazzjoni tal-ATC relatata mad-deċelerazzjoni u mal-inżul ta' inġenju tal-ajru minn veloċità supersonika regolari għal titjir subsoniku għandha ttipprova ttipprova għal inżul mhux interrott għall-anqas matul il-fażi transonika.

- (e) Bidliet fl-awtorizzazzjoni rigward ir-rotta jew il-livell

- (1) Meta tinħareġ awtorizzazzjoni li tkopri bidla mitluba fir-rotta jew fil-livell, in-natura eżatta tal-bidla għandha tiġi inkluża fl-awtorizzazzjoni.
- (2) Meta l-kundizzjonijiet tat-traffiku ma jippermettux l-awtorizzazzjoni ta' bidla mitluba, għandha tintuża l-kelma "UNABLE" (MHUX POSSIBBLI). Meta meħtieġ miċ-ċirkostanzi, għandha tiġi offruta rotta jew livell alternattiv.

- (f) Awtorizzazzjonijiet kundizzjonali

Il-frażijiet kundizzjonali, bħal "behind landing aircraft" (wara inġenju tal-ajru li nieżel) jew "after departing aircraft" (wara inġenju tal-ajru li ser jitlaq), ma għandhomx jintużaw għal movimenti li jaffettwaw ir-runway jew ir-runways attivi, ħlief meta l-inġenju tal-ajru jew il-vetturi kkonċernati huma osservati mill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru xieraq u mill-bdot. L-inġenju tal-ajru jew il-vettura li jkun qed jikkawżaw il-kundizzjoni fl-awtorizzazzjoni maħruġa għandha tkun l-ewwel inġenju tal-ajru jew vettura li jgħaddu quddiem l-inġenju tal-ajru l-ieħor ikkonċernat. Fil-każijiet kollha, għandha tingħata awtorizzazzjoni kundizzjonali fl-ordni li ġej li tikkonsisti minn:

- (1) is-sinjali tas-sejha;
- (2) il-kundizzjoni;
- (3) l-awtorizzazzjoni;
- (4) tennija fil-qosor tal-kundizzjoni.

- (g) Il-qari lura tal-awtorizzazzjonijiet, tal-istruzzjonijiet u tal-informazzjoni relatata mas-sikurezza

- (1) Il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu jismal-qari lura rigward il-partijiet relatati mas-sikurezza tal-awtorizzazzjonijiet tal-ATC u tal-istruzzjonijiet kif speċifikati fil-punti SERA.8015(e)(1) u (2) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, sabiex jassigura li l-awtorizzazzjoni jew l-istruzzjoni, jew it-tnejn li huma, ikunu ġew rikonoxxuti kif suppost mill-ekwipaġġ tat-titjira u għandu jieu azzjoni immedjata sabiex jikkoreġi kwalunkwe diskrepanza identifikata mill-qari lura.

▼ **M1**

- (2) Il-qari lura ta' messaġġi CPDLC bil-vuċi ma għandux ikun meħtieġ, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

## (h) Koordinazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet

Awtorizzazzjoni tal-ATC għandha tiġi kkoordinata bejn l-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sabiex tkopri r-rotta kollha ta' inġenju tal-ajru jew parti speċifikata minnha kif ġej.

- (1) Inġenju tal-ajru għandu jingħata awtorizzazzjoni għar-rotta kollha lejn l-ajrudrom fejn kien maħsub li se jitwettaq l-ewwel inżul f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (i) meta kien possibbli, qabel it-tluq, li tiġi kkoordinata l-awtorizzazzjoni bejn l-unitajiet kollha li l-inġenju tal-ajru se jkun taħt il-kontroll tagħhom;
  - (ii) meta jkun hemm assigurazzjoni raġonevoli li se titwettaq koordinazzjoni minn qabel bejn dawk l-unitajiet li l-inġenju tal-ajru ser ikun sussegwentement taħt il-kontroll tagħhom.
- (2) Meta koordinazzjoni bħal fil-punt (1) ma tintlaħaqx jew ma tkunx antiċipata, l-inġenju tal-ajru għandu jingħata awtorizzazzjoni biss sa dak il-punt fejn il-koordinazzjoni tkun raġonevolment żgurata; qabel ma jasal f'tali punt, jew meta jkun f'tali punt, l-inġenju tal-ajru għandu jirċievi awtorizzazzjoni oħra, li tkun tinkludi l-istruzzjonijiet li jkunu qed jinħarġu, kif ikun xieraq.
- (3) Meta jkun preskritt mill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, l-inġenju tal-ajru għandu jikkuntattja lil unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sussegwenti, sabiex jirċievi awtorizzazzjoni sussegwenti qabel il-punt tat-trasferiment tal-kontroll.
- (i) L-inġenju tal-ajru għandu jżomm il-komunikazzjoni bidirezzjonali meħtieġa mal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru kurrenti filwaqt li jikseb awtorizzazzjoni sussegwenti.
  - (ii) Awtorizzazzjoni maħruġa bħala awtorizzazzjoni sussegwenti għandha tkun identifikabbli b'mod ċar bħala tali għall-bdot.
  - (iii) Sakemm ma jkunux ikkoordinati, l-awtorizzazzjonijiet sussegwenti ma għandhomx jaffettwaw il-profil oriġinali tat-titjira tal-inġenju tal-ajru fi kwalunkwe spazju tal-ajru, minbarra dak tal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru responsabbli mill-konsenja tal-awtorizzazzjoni sussegwenti.
- (4) Meta inġenju tal-ajru jkollu l-intenzjoni li jitlaq minn ajrudrom fi ħdan erja ta' kontroll sabiex jidħol f'erja ta' kontroll oħra f'perjodu ta' 30 minuta, jew tali perjodu ta' ħin speċifiku ieħor kif ġie miftiehem bejn iċ-ċentri ta' kontroll tal-erjas kkonċernati, il-koordinazzjoni maċ-ċentru ta' kontroll tal-erja sussegwenti għandha ssir qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni għat-tluq.
- (5) Meta inġenju tal-ajru jkollu l-intenzjoni li jħalli erja ta' kontroll għal titjira barra minn spazju tal-ajru kkontrollat, u sussegwentement se jerġa' jidħol fl-istess erja ta' kontroll jew f'erja ta' kontroll oħra, tista' tinħareġ awtorizzazzjoni mill-punt ta' tluq sal-ajrudrom ta' fejn kien maħsub li se jitwettaq l-ewwel inżul. Awtorizzazzjoni bħal din jew reviżjonijiet fiha għandha tapplika biss għal dawk il-partijiet tat-titjira mwettqa fi ħdan spazju tal-ajru kkontrollat.

▼ **M3****ATS.TR.237 Rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru tal-U-space**

L-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom:

- (a) jillimitaw temporanjament iż-żona fl-ispazju tal-ajru tal-U-space ddeżinjat fejn jistgħu jsiru operazzjonijiet tal-UAS sabiex jiġu akkomodati bidliet f'terminu qasir fid-domanda għat-traffiku bi bdot abbord, billi jiġu aġġustati l-limiti laterali u vertikali tal-ispazju tal-ajru tal-U-space;
- (b) jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-U-space rilevanti u, meta jkun applikabbli, il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi jiġu nnotifikati fil-ħin u b'mod effettiv dwar l-attivazzjoni, id-diżattivazzjoni u l-limitazzjonijiet temporanji tal-ispazju tal-ajru tal-U-space ddeżinjat.

▼ **M1****ATS.TR.240 Kontroll ta' persuni u ta' vetturi fl-ajrudromi kkontrollati**

- (a) Il-moviment ta' persuni jew ta' vetturi, inklużi l-inġenji tal-ajru rmunkati, fuq iż-żona ta' mmanuvrar ta' ajrudrom għandu jiġi kkontrollat mit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom, skont il-ħtieġa, sabiex jiġi evitat periklu għalihom jew għall-inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu nżul, li jkunu qed jinsaqu jew li jkunu qed iwettqu tluġh.
- (b) F'kundizzjonijiet fejn ikunu fis-seħħ proċeduri ta' viżibilità baxxa:
  - (1) il-persuni jew il-vetturi li joperaw fuq iż-żona ta' mmanuvrar ta' ajrudrom għandhom jiġu ristretti għall-minimu essenzjali, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reqwiziti sabiex tiġi/jiġu protetta/i iż-żona/i sensittiva/i tal-ghajjniet għan-navigazzjoni bir-radju;
  - (2) soġġett għad-dispożizzjonijiet fil-punt (c), il-metodu jew il-metodi għas-separazzjoni bejn il-vetturi u l-inġenji tal-ajru matul it-taxiing għandu/-għandhom ikun/ikunu kif speċifikat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u approvat(i) mill-awtorità kompetenti b'kunsiderazzjoni tal-ghajjniet disponibbli;
  - (3) meta operazzjonijiet bi strumenti ta' preċiżjoni imħallta tal-Kategorija II jew tal-Kategorija III ta' ILS u MLS ikunu qed isiru kontinwament fl-istess runway, iż-żoni kritiċi u sensittivi tal-ILS jew tal-MLS li jkunu aktar restrittivi għandhom jiġu protetti.
- (c) Vetturi ta' emerġenza li jkunu qed jipproċedu sabiex imorru jassistu inġenju tal-ajru li jkun f'periklu għandhom jingħataw prijorità fuq it-traffiku l-ieħor kollu ta' moviment fuq il-wiċċ.
- (d) Soġġett għad-dispożizzjonijiet fil-punt (c), jeħtieġ li l-vetturi li jkunu fuq iż-żona ta' mmanuvrar għandhom jikkonformaw mar-regoli li ġejjin:
  - (1) il-vetturi u l-vetturi li jkunu qed jirmunkaw inġenju tal-ajru għandhom jagħtu d-dritta lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu llandjar, tluġh jew taxiing;
  - (2) il-vetturi għandhom jagħtu d-dritta lil vetturi oħrajn li jkunu qed jirmunkaw inġenju tal-ajru;
  - (3) il-vetturi għandhom jagħtu d-dritta lil vetturi oħrajn skont l-istruzzjonijiet tal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;
  - (4) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-punti (1), (2) u (3), il-vetturi u l-vetturi li jkunu qed jirmunkaw inġenju tal-ajru għandhom jikkonformaw mal-istruzzjonijiet maħruġa mit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom.

**▼ M1****ATS.TR.245 Użu ta' tagħmir ta' sorveljanza tal-moviment fuq l-art fl-ajrudromi**

Meta jitqies neċessarju, fin-nuqqas ta' osservazzjoni viżwali taż-żona ta' mmanuvrar kollha jew ta' parti minnha jew sabiex tiġi ssupplimentata osservazzjoni viżwali, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tuża sistemi avvanzati ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq l-art (A-SMGCS) jew tagħmir ta' sorveljanza xieraq ieħor sabiex:

- (a) tissorvelja l-movimenti tal-inġenji tal-ajru u tal-vetturi fiż-żona ta' mmanuvrar;
- (b) tipprovdi informazzjoni direzzjonali lill-bdoti u lis-sewwieqa tal-vetturi skont il-bżonn;
- (c) tipprovdi pariri u assistenza għall-moviment sikur u effiċjenti tal-inġenji tal-ajru u tal-vetturi fiż-żona ta' mmanuvrar.

**ATS.TR.250 Informazzjoni essenzjali dwar it-traffiku u t-traffiku lokali**

- (a) Informazzjoni essenzjali dwar it-traffiku għandha tiġi pprovduta lil titjiriet ikkontrollati kkonċernati kull meta jkunu jikkostitwixxu traffiku essenzjali għal xulxin.
- (b) Informazzjoni essenzjali dwar it-traffiku lokali magħrufa għall-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandha tingħata mingħajr dewmien lil inġenji tal-ajru kkonċernati li jkunu se jtilqu u li jkunu qed jasl.

**ATS.TR.255 Operazzjonijiet f'runways paralleli jew kważi paralleli**

Meta jsiru operazzjonijiet indipendenti jew dipendenti ta' avviċinament bl-istrumenti lejn runways paralleli jew kważi paralleli jew ta' tluq minn dawn, il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi proċeduri u l-awtorità kompetenti għandha tapprovahom.

**ATS.TR.260 Għażla tar-runway fl-użu**

It-torri ta' kontroll tal-ajrudrom għandu jagħżel ir-runway fl-użu għall-qtugħ u għall-illandjar ta' inġenji tal-ajru b'kunsiderazzjoni tal-veloċità u tad-direzzjoni tar-riħ qrib l-art kif ukoll ta' fatturi rilevanti lokali oħra, bħal:

- (a) il-konfigurazzjoni tar-runway;
- (b) il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi;
- (c) il-proċeduri ta' avviċinament bl-istrumenti;
- (d) l-għajjuniet għall-avviċinament u għall-illandjar disponibbli;
- (e) iċ-ċirkwiti tat-traffiku tal-ajrudrom u l-kundizzjonijiet tat-traffiku tal-ajru;
- (f) it-tul tar-runway jew tar-runways;
- (g) fatturi oħra indikati fi struzzjonijiet lokali.

▼ **M1****ATS.TR.265 Kontroll ta' traffiku fuq l-art tal-ajrudrom f'kundizzjonijiet ta' viżibiltà baxxa**

- (a) Meta jkun hemm rekwiżit għat-traffiku sabiex jopera fiż-żona ta' mmanuvrar f'kundizzjonijiet ta' viżibiltà li jipprevjenu lit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom milli japplika separazzjoni viżwali bejn l-inġenji tal-ajru, u bejn l-inġenji tal-ajru u l-vetturi, għandhom ikunu japplikaw dawn li ġejjin:
- (1) fl-intersezzjoni tat-taxiways, inġenju tal-ajru jew vettura fuq taxiway m'għandhomx jitħallew iżommu aktar qrib it-taxiway l-oħra mil-limitu ta' pożizzjoni taż-żamma definit mill-markar tal-pożizzjonijiet ta' żamma intermedja, tal-iżbarra tal-waqfien jew tal-intersezzjoni tat-taxiway, skont l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli tad-disinn tal-ajrudrom;
  - (2) il-metodu ta' separazzjoni lonġitudinali fuq it-taxiways għandu jkun speċifikat għal kull ajrudrom partikolari mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u approvat mill-awtorità kompetenti, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tal-għajnuniet disponibbli għas-sorveljanza u għall-kontroll tat-traffiku fuq l-art, tal-kumplessità tat-tifsila tal-ajrudrom u tal-karatteristiċi tal-inġenji tal-ajru li jużaw l-ajrudrom.
- (b) Il-proċeduri applikabbli għall-bidu u għall-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' viżibiltà baxxa għandhom ikunu stabbiliti skont il-punt ATS.OR.110 u għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

**ATS.TR.270 Awtorizzazzjoni ta' VFR speċjali**

- (a) It-titjiriet VFR speċjali jistgħu jiġu awtorizzati li joperaw fi ħdan żona ta' kontroll, soġġett għal awtorizzazzjoni tal-ATC. Minbarra meta jingħata permess mill-awtorità kompetenti għall-ħelikopters f'każijiet speċjali bħal, iżda mingħajr ma jkunu limitati għal, operazzjonijiet tal-pulizija, mediċi, tat-tiftix u salvataġġ u titjiriet għat-tifi tan-nar, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:
- (1) titjiriet VFR speċjali bħal dawn jistgħu jitwettqu matul il-ġurnata biss, sakemm ma jkunx permess mod ieħor mill-awtorità kompetenti;
  - (2) mill-bdot:
    - (i) mingħajr sħab fl-ajru u bis-superfiċje tkun tidher;
    - (ii) il-viżibiltà ta' titjira ma tkunx anqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, mhux anqas minn 800 m;
    - (iii) titjir b'veloċità ta' 140 kts IAS jew anqas biex tingħata opportunità xierqa sabiex jiġi osservat traffiku ieħor u kwalunkwe ostakolu f'ħin biżżejjed bil-quddiem sabiex tiġi evitata kollizzjoni.
  - (3) L-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru ma għandhiex toħroġ awtorizzazzjoni VFR speċjali lil inġenji tal-ajru biex jidher jew jinżlu f'ajrudrom f'żona ta' kontroll, jew jidher fiż-żona tat-traffiku tal-ajrudrom jew iċ-ċirkwit tat-traffiku tal-ajrudrom meta l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi rapportati f'dak l-ajrudrom huma taħt il-livelli minimi li ġejjin:
    - (i) il-viżibiltà fuq l-art hija inqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, inqas minn 800 m;
    - (ii) il-limitu ma jkunx inqas minn 180 m (600 pied).
- (b) Unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha timmaniġġja talbiet għat-tali awtorizzazzjoni b'mod individwali.

▼ **M1***SEZZJONI 3 — SERVIZZ TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TITJIR***ATS.TR.300 Applikazzjoni**

- (a) Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jiġi pprovdut mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa lill-inġenji tal-ajru kollha li huwa probabbli li jkunu affettwati mill-informazzjoni u li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (1) ipprovduti servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru;
  - (2) ikunu magħrufa b'mod ieħor mal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti.
- (b) Fejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jipprovdu kemm servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir kif ukoll servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-provvista tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandu jkollha preċedenza fuq il-provvista tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir, kull meta l-provvista ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru teħtieġ dan.
- (c) Fornitur tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jistabbilixxi arranġamenti għal dawn li ġejjin:
- (1) ir-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar il-progress tat-titjiriet;
  - (2) il-koordinazzjoni u t-trasferiment tar-responsabbiltà għall-provvista ta' servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir.

**ATS.TR.305 Ambitu tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir**

- (a) Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jinkludi l-provvista tal-informazzjoni pertinenti li ġejja:
- (1) informazzjoni SIGMET u AIRMET;
  - (2) informazzjoni dwar l-attività vulkanika ta' qabel l-iżbroff, dwar l-iżbroffi tal-vulkani u dwar is-sħab ta' rmied vulkaniku;
  - (3) informazzjoni dwar ir-rilaxx fl-atmosfera ta' materjali radjuattivi jew ta' sustanzi kimiċi tossiċi;
  - (4) informazzjoni dwar bidliet fid-disponibbiltà tas-servizzi ta' navigazzjoni bir-radju;
  - (5) informazzjoni dwar bidliet fil-kundizzjoni tal-ajrudromi u tal-faċilitajiet assoċjati, inkluża informazzjoni dwar l-istat taż-żoni ta' moviment ta' ajrudrom meta ikunu affettwati minn borra, silġ jew ammonti sinifikanti ta' ilma;
  - (6) informazzjoni dwar blalen tal-arja ħielsa u mingħajr ekwipaġġ;
  - (7) informazzjoni dwar konfigurazzjoni u kundizzjoni anormali tal-inġenju tal-ajru;
  - (8) kwalunkwe informazzjoni oħra li huwa probabbli li taffettwa s-sikurezza.
- (b) Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiġi pprovdut lit-titjiriet għandu jinkludi, minbarra l-informazzjoni deskritta fil-qosor fil-punt (a), il-provvista tal-informazzjoni dwar:
- (1) il-kundizzjonijiet tat-temp irrapportati jew imbassra fl-ajrudromi tat-tluq, ta' destinazzjoni u alternattivi;
  - (2) il-perikli ta' kolliżjonijiet, għall-inġenji tal-ajru li joperaw fil-Klassijiet tal-ispazju tal-ajru C, D, E, F u G;
  - (3) għal titjir fuq żoni ta' ilma, sa fejn ikun prattikabbli u meta jkun mitlub minn bdot, kwalunkwe informazzjoni disponibbli bħal sinjal ta' sejħa bir-radju, pożizzjoni, trajettorja vera, veloċità, eċċ., ta' bastimenti ta' superfiċje fl-erja;

▼ **M1**

- (4) messaġġi, inklużi awtorizzazzjonijiet, riċevuti mingħand unitajiet oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għat-trażmissjoni lil inġenji tal-ajru.
- (c) AFIS li jiġi pprovdut lit-titjiriet għandu jinkludi, minbarra l-informazzjoni deskritta fil-qosor fil-punti (a) u (b), il-provvista tal-informazzjoni dwar:
  - (1) perikli ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru, ma' vetturi u ma' persuni li joperaw fiż-żona ta' immanuvrar;
  - (2) ir-runway fl-użu.
- (d) L-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jitttrażmettu, malli jkun prattikabbli, rapporti dwar l-ajru speċjali u mhux ta' rutina lil:
  - (1) inġenji tal-ajru oħrajn ikkonċernati;
  - (2) l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika assoċjat skont l-Appendiċi 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012;
  - (3) lil unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati oħrajn.

It-trażmissjonijiet lill-inġenji tal-ajru għandhom jiġu ripetuti b'ċerta frekwenza u għandhom jtkomplew għal perjodu ta' ħin li għandu jiġi ddeterminat mill-unità kkonċernata tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (e) Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiġi pprovdut lit-titjiriet VFR għandu jinkludi, minbarra dak deskritt fil-qosor fil-punt (a), il-provvista ta' informazzjoni disponibbli dwar il-kundizzjonijiet tat-traffiku u tat-temp tul ir-rotta tat-titjira li huwa probabbli li se jagħmlu l-operazzjoni imprattikabbli skont ir-regoli tat-titjir viżwali.
- (f) Meta jkun stipulat hekk mill-awtorità kompetenti, l-unità tal-AFIS għandha timmaniġġja l-moviment tal-vetturi u tal-persuni fiż-żona ta' mmanuvrar skont is-sett jew is-subsett ta' dispożizzjonijiet fil-punt ATS.TR.240.

**ATS.TR.310 Xandiriet tas-servizz ta' informazzjoni b'terminal awtomatiku bil-vuċi (ATIS Vuċi)**

- (a) Xandiriet tas-servizz ta' informazzjoni b'terminal awtomatiku bil-vuċi (ATIS Vuċi) għandhom jiġu pprovduti fl-ajrudromi fejn hemm rekwiżit li jitnaqqas il-volum ta' komunikazzjonijiet fuq il-kanali ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art VHF tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta pprovduti, dawn għandhom jinkludu waħda minn dawn li ġejjin:
  - (1) xandira waħda li taqdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jaslu;
  - (2) xandira waħda li taqdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu sejrin;
  - (3) xandira waħda li taqdi kemm lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jaslu kif ukoll dawk li jkunu sejrin;
  - (4) żewġ xandiriet li jaqdu lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jaslu kif ukoll dawk li jkunu sejrin f'dawk l-ajrudromi fejn ix-xandira li taqdi kemm lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jaslu kif ukoll dawk li jkunu sejrin tkun twila wisq.
- (b) Kull fejn possibbli għandha tintuża frekwenza VHF diskreta għal xandiriet ATIS Vuċi. Jekk ma jkunx hemm frekwenza diskreta għad-dispożizzjoni, it-trażmissjoni tista' ssir fuq il-kanal jew il-kanali tal-vuċi tal-aktar għajnuna jew għajnunit xierqa għan-navigazzjoni tat-terminali, idealment VOR, dment li l-medda u l-leggibiltà jkunu adegwati u l-identifikazzjoni tal-għajnuna għan-navigazzjoni tkun sekwenzjata max-xandira sabiex din tal-aħħar ma tinqeridx.
- (c) Xandiriet ATIS Vuċi m'għandhomx jiġu trażmessi fuq il-kanal tal-vuċi ta' ILS.
- (d) Kull meta jiġi pprovdut ATIS Vuċi, ix-xandira għandha tkun kontinwa u ripetittiva.

## ▼ M1

- (e) L-informazzjoni li tinsab fix-xandira kurrenti għandha tiġi notifikata minnufih lill-unità jew lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati bil-provvista ta' informazzjoni relatata mal-avviċinament, mal-illandjar u mal-qtagħ lill-inġenji tal-ajru, kull meta l-messaġġ ma jkunx tħejja minn dik l-unità jew dawk l-unitajiet.
- (f) Xandiriet ATIS Vuċi pprovduti fl-ajrudromi ddeżinjati għall-użu minn servizzi internazzjonali tal-ajru għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni bil-lingwa Ingliża bħala minimu.

**ATS.TR.315 Servizz ta' informazzjoni b'terminal awtomatiku b'kollegament tad-data (D-ATIS)**

- (a) Meta D-ATIS jissupplimenta d-disponibbiltà eżistenti tal-ATIS Vuċi, l-informazzjoni għandha tkun identika kemm fil-kontenut kif ukoll fil-format applikabbli għax-xandira applikabbli ta' ATIS Vuċi. Meta informazzjoni meteoroloġika f'ħin reali tkun inkluża iżda d-data tibqa' fi ħdan il-parametri tal-kriterji ta' bidla sinifikanti stabbiliti fil-punti MET.TR.200(e) u (f) tal-Anness V, il-kontenut, għall-fini ta' żamma tal-istess deżinjatur, għandu jitqies li huwa identiku.
- (b) Meta D-ATIS jissupplimenta d-disponibbiltà eżistenti ta' ATIS Vuċi u l-ATIS ikun jeħtieġ aġġornar, ATIS Vuċi u D-ATIS għandhom jiġu aġġornati fl-istess ħin.

**ATS.TR.320 Servizz ta' informazzjoni b'terminal awtomatiku (vuċi u/jew kollegament tad-data)**

- (a) Meta jiġu pprovduti ATIS Vuċi jew D-ATIS, jew it-tnejn li huma:
  - (1) l-informazzjoni kkomunikata għandha tkun relatata ma' ajrudrom wieħed;
  - (2) l-informazzjoni kkomunikata għandha tiġi aġġornata minnufih meta sseħħ bidla sinifikanti;
  - (3) it-tħejjija u t-tixrid tal-messaġġ ATIS għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;
  - (4) il-messaġġi individwali tal-ATIS għandhom ikunu identifikati minn deżinjatur fil-forma ta' ittra tal-alfabett tal-ispelling skont il-punt SERA.14020 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012. Id-deżinjaturi assenjati għal messaġġi konsekuttivi tal-ATIS għandhom ikunu f'ordni alfabetiku;
  - (5) l-inġenju tal-ajru għandu jikkonferma li rċieva l-informazzjoni meta jistabbilixxi komunikazzjoni mal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li tkun qed tipprovi servizz ta' kontroll tal-avviċinament, mat-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew mal-unità tal-AFIS, kif ikun xieraq;
  - (6) l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa għandha, meta tirrispondi għall-messaġġ fil-punt (5) jew, fil-każ ta' inġenju tal-ajru li jkun qed jasal, fi kwalunkwe ħin ieħor kif jista' jkun preskritt mill-awtorità kompetenti, tipprovi lill-inġenju tal-ajru bl-issettjar kurrenti tal-altimetru;
  - (7) l-informazzjoni meteoroloġika għandha tiġi estratta mir-rapport lokali ta' rutina jew ir-rapport speċjali lokali.
- (b) Meta minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jinbidlu rapidament ma jkunx rakkomandat li tiġi inkluża l-informazzjoni meteoroloġika bħal fil-punt (a)(7) fl-ATIS, il-messaġġi tal-ATIS għandhom jindikaw li l-informazzjoni meteoroloġika rilevanti tingħata mal-kuntatt inizjali mal-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (c) L-informazzjoni inkluża f'ATIS kurrenti, li r-riċevuta tiegħu tkun ġiet ikkonfermata mill-inġenju tal-ajru kkonċernat, ma għandhiex għalfejn tiġi inkluża fi trażmissjoni diretta lill-inġenju tal-ajru, ħlief għall-konfigurazzjoni tal-altimetru, li għandu jiġi pprovdut skont il-punt (a).

▼ **M1**

(d) Jekk inġenju tal-ajru jirrikonoxxi r-riċevuta ta' ATIS li ma jkunx għadu kurrenti, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin mingħajr dewmien:

- (1) tikkomunika lill-inġenju tal-ajru kwalunkwe element ta' informazzjoni li jrid jiġi aġġornat;
- (2) tordna lill-inġenju tal-ajru jikseb l-informazzjoni kurrenti tal-ATIS.

**ATS.TR.325 Xandiriet VOLMET u xandiriet D-VOLMET**

Meta jkun stipulat hekk mill-awtorità kompetenti, xandiriet VOLMET HF jew VHF, jew servizz D-VOLMET, jew daww kollha, għandhom jiġu pprovduti billi jintużaw il-frazzjonijiet tar-radjotelefonija standard.

*SEZZJONI 4 — SERVIZZ TA' TWISSIJA***ATS.TR.400 Applikazzjoni**

(a) Is-servizz ta' twissija għandu jiġi pprovdut mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru:

- (1) lill-inġenji tal-ajru kollha pprovduti servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru;
  - (2) sa fejn ikun prattikabbli, lill-inġenji tal-ajru l-oħra kollha li jkunu rreġistraw pjan tat-titjira jew inkella s-servizzi tat-traffiku tal-ajru jkunu jafu bihom;
  - (3) lil kwalunkwe inġenju tal-ajru li huwa magħruf jew maħsub li huwa soġġett għal interferenza illegali.
- (b) Iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir jew iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja għandhom iservu bħala l-punt ċentrali għall-għbir tal-informazzjoni kollha rilevanti għal stat ta' emerġenza ta' inġenju tal-ajru li jopera fi ħdan ir-reġjun ta' informazzjoni dwar titjir jew iż-żona ta' kontroll ikkonċernata u għat-trażmissjoni tat-tali informazzjoni liċ-ċentru xieraq ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ.
- (c) Fil-każ ta' stat ta' emerġenza li jirriżulta għal inġenju tal-ajru filwaqt li jkun taħt il-kontroll ta' torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew ta' unità ta' kontroll tal-avviċinament jew f'kontatt ma' unità tal-AFIS, it-tali unità għandha tinnotifika minnufih liċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir jew liċ-ċentru ta' kontroll tal-erja responsabbli li min-naħa tiegħu għandu jinnotifika liċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, ħliet li n-notifika taċ-ċentru ta' kontroll tal-erja, iċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir, jew iċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ m'għandhiex tkun meħtieġa jekk in-natura tal-emerġenza tkun tali li n-notifika tkun superfluwa.
- (d) Minkejja dan, it-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew l-unità ta' kontroll tal-avviċinament responsabbli jew l-unità tal-AFIS rilevanti għandha twissi għall-ewwel u tiegħi passi neċessarji oħra sabiex tixpruna l-organizzazzjonijiet lokali xierqa kollha ta' salvataġġ u ta' emerġenza li jistgħu jagħtu l-assistenza immedjata meħtieġa, skont l-istruzzjonijiet lokali, kull meta tinqala' waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (1) iseħħ aċċident ta' inġenju tal-ajru fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu;
  - (2) tiġi riċevuta informazzjoni li s-sikurezza ta' inġenju tal-ajru li huwa jew li ser ikun taħt il-ġurisdizzjoni tat-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew tal-unità tal-AFIS seta' ġie indebolit jew ġie indebolit;
  - (3) tintalab mill-ekwipaġġ tat-titjira;
  - (4) meta din titqies neċessarja jew mixtieqa għal xi raġuni oħra jew l-urġenza tas-sitwazzjoni tkun tesiġi hekk.

▼ **M1****ATS.TR.405 Notifika liċ-ċentri ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ**

(a) Mingħajr ħsara għal kwalunkwe ċirkustanza oħra li tista' trendi t-tali notifika rakkomandabbli, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom, ħlief kif stipulat fil-punt ATS.TR.420(a), jinnotifika liċ-ċentri ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ minnufih meta inġenju tal-ajru jitqies li jkun fi stat ta' emerġenza skont dawn li ġejjin:

(1) Fażi ta' inċertezza meta tkun tapplika waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (i) ma tkun ġiet riċevuta l-ebda komunikazzjoni minn inġenju tal-ajru fi ħdan perjodu ta' 30 minuta wara l-ħin li fih missha ġiet riċevuta komunikazzjoni, jew mill-ħin li fih sar l-ewwel tentattiv li ma rnexxiex sabiex tiġi stabbilita komunikazzjoni mat-tali inġenji tal-ajru, skont liema jseħħ l-ewwel;
- (ii) inġenju tal-ajru jonqos milli jasal f'temp ta' 30 minuta mill-ħin smat tal-wasla notifikat l-aħħar lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew smat minn dawn, skont liema jkun l-aktar tard.

Fażi ta' inċertezza ma tapplikax meta ma jkun jeżisti l-ebda dubju dwar is-sikurezza tal-inġenju tal-ajru u tal-okkupanti tiegħu.

(2) Fażi ta' twissija meta tkun tapplika waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (i) wara l-fażi ta' inċertezza, tentattivi sussegwenti sabiex tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-inġenji tal-ajru jew domandi lil sorsi rilevanti oħra naqsu milli joffru xi aħbar dwar l-inġenju tal-ajru;
- (ii) inġenju tal-ajru jkun ġie awtorizzat sabiex jillandja u jonqos milli jillandja f'temp ta' 5 minuti mill-ħin smat tal-illandjar u ma tkunx reġgħet ġiet stabbilita komunikazzjoni mal-inġenju tal-ajru;
- (iii) fl-ajrudromi tal-AFIS, fiċ-ċirkustanzi stipulati mill-awtorità kompetenti;
- (iv) ġiet riċevuta informazzjoni li tindika li l-effiċjenza operazzjonali tal-inġenju tal-ajru ġiet indebolita, iżda mhux tant li jkun probabbli li jseħħ inżul ta' emerġenza;
- (v) inġenju tal-ajru huwa magħruf jew maħsub li huwa soġġett għal interferenza illegali.

Il-punti (i) sa (iv) ma japplikawx meta tkun teżisti evidenza li telimina t-tħassib dwar is-sikurezza tal-inġenji tal-ajru u tal-okkupanti tiegħu.

(3) Fażi ta' diffikultà meta tkun tapplika waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (i) wara l-fażi ta' twissija, tentattivi ulterjuri mingħajr suċċess sabiex tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-inġenji tal-ajru u domandi aktar mifruxa li ma rnexxewx jindikaw il-probabbiltà li l-inġenju tal-ajru jinsab f'diffikultà;
- (ii) il-fjuwil abbord jitqies li nħela, jew li mhuwiex biżżejjed sabiex jippermetti lill-inġenju tal-ajru jasal b'mod sikur;
- (iii) tiġi riċevuta informazzjoni li tindika li l-effiċjenza operazzjonali tal-inġenju tal-ajru ġiet indebolita, tant li jkun probabbli li jseħħ inżul ta' emerġenza;
- (iv) tiġi riċevuta informazzjoni jew ikun hemm ċertezza raġonevoli li l-inġenju tal-ajru se jagħmel jew għamel inżul ta' emerġenza,

▼ **M1**

Fażi ta' diffikultà ma tapplikax meta jkun hemm ċertezza raġonevoli li l-inġenju tal-ajru u l-okkupanti tiegħu mhumiex mhedda minn periklu gravi u imminenti u ma jeħtiġux assistenza immedjata.

- (b) In-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja skont kif tkun disponibbli fl-ordni elenkat:
- (1) INCERFA, ALERFA jew DETRESFA, kif xieraq għall-fażi ta' emerġenza;
  - (2) l-aġenzija u l-persuna li tagħmel is-sejħa;
  - (3) in-natura tal-emerġenza;
  - (4) informazzjoni sinifikanti mill-pjan tat-titjira;
  - (5) l-unità li għamlet l-aħħar kuntatt, il-ħin u l-mezzi użati;
  - (6) ir-rapport dwar l-aħħar pożizzjoni u kif ġiet iddeterminata;
  - (7) il-kulur u l-marki distintivi tal-inġenji tal-ajru;
  - (8) oġġetti perikolużi li jinġarru bħala merkanzija;
  - (9) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-uffiċċju ta' rapportar;
  - (10) kummenti pertinenti oħra.
- (c) It-tali parti mill-informazzjoni speċifikata fil-punt (b), li ma tkunx disponibbli fil-ħin li fih issir in-notifika lil ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, għandha titfittex minn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru qabel id-dikjarazzjoni ta' fażi ta' diffikultà meta l-ħin jippermetti u meta jkun hemm ċertezza raġonevoli li din il-fażi ser isseħħ konsegwentement.
- (d) Wara n-notifika speċifikata fil-punt (a), l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom, mingħajr dewmien, jiprodu liċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ b'waħda minn dawn li ġejjin:
- (1) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali siewja, speċjalment dwar l-iżvilupp tal-istat ta' emerġenza matul il-fażijiet sussegwenti;
  - (2) informazzjoni li s-sitwazzjoni ta' emerġenza m'għadhiex teżisti.

**ATS.TR.410 Użu tal-faċilitajiet ta' komunikazzjoni**

Skont il-bżonn, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jużaw il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni disponibbli kollha sabiex jaraw li jistabbilixxu u jżommu komunikazzjoni ma' inġenju tal-ajru fi stat ta' emerġenza, u jitolbu aħbarijiet dwar l-inġenju tal-ajru.

**ATS.TR.415 Ippilotar ta' inġenju tal-ajru fi stat ta' emerġenza**

Meta jitqies li jeżisti stat ta' emerġenza, l-unità jew l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jafu bl-emerġenza għandhom jipplottjaw it-titjira tal-inġenju tal-ajru involut fuq ċart jew fuq għodda xierqa oħra sabiex jiddeterminaw il-pożizzjoni futura probabbli tal-inġenju tal-ajru u l-medda ta' azzjoni massima tiegħu mill-aħħar pożizzjoni magħrufa tiegħu.

**ATS.TR.420 Informazzjoni għall-operatur**

- (a) Meta ċentru ta' kontroll tal-erja jew ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir jiddeċiedi li inġenju tal-ajru jinsab fil-fażi ta' inċertezza jew ta' twissija, meta Prattikabbli dan għandu javża lill-operatur tal-inġenju tal-ajru qabel jinnotifika liċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ.
- (b) Kull meta dan ikun Prattikabbli, ċentru ta' kontroll tal-erja jew ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jikkomunika mingħajr dewmien lill-operatur tal-inġenju tal-ajru l-informazzjoni kollha nnotifikata liċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ.

**▼ M1****ATS.TR.425 Informazzjoni għal inġenju tal-ajru li qed jopera fil-viċinanzi ta' inġenju tal-ajru fi stat ta' emerġenza**

- (a) Meta jkun ġie stabbilit minn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li inġenju tal-ajru jkun fi stat ta' emerġenza, l-inġenji tal-ajru l-oħra li huwa magħruf li jinsabu fil-viċinanzi tal-inġenju tal-ajru involut għandhom, ħlief kif inhu previst fil-punt (b), jiġu informati bin-natura tal-emerġenza malli dan ikun prattikabbli.
- (b) Meta unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru tkun taf jew taħseb li inġenju tal-ajru qed ikun soġġett għal interferenza illegali, fil-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma għandha ssir l-ebda referenza għan-natura tal-emerġenza sakemm din ma tkunx issemmiet l-ewwel darba fil-komunikazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru involut u jkun hemm ċertezza li tali referenza mhijiex se taggrava s-sitwazzjoni.

▼ **M7***Appendiċi 1***Identifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru individwali bl-użu tal-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti kif meħtieġ mill-punt ATS.OR.446(b)**

Il-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti għandha tintuża kif ġej biex tiġi stabbilita l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru individwali:

- (a) Il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiddikjara lill-Maniġer tan-Network il-volumi tal-ispazju tal-ajru fejn tkun stabbilita l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru individwali bl-użu tal-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti.
- (b) Il-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000 għandu jiġi assenjat lill-inġenji tal-ajru fejn l-identifikazzjoni individwali tal-inġenju tal-ajru hija stabbilita bl-użu tal-karatteristika tal-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti.
- (c) Ħlief meta tapplika waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d), il-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000 għandu jiġi assenjat lil inġenju tal-ajru li jkun tielaq jew lil inġenju tal-ajru li għalih, f'konformità mal-punt (g), tkun meħtieġa bidla fil-kodiċi, fejn japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (1) l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru b'konnessjoni dixxendenti taqbel mal-entrata korrispondenti fil-pjan tat-titjira għal dak l-inġenju tal-ajru;
  - (2) il-Maniġer tan-Network ikkomunika li l-inġenju tal-ajru partikolari huwa eliġibbli għall-assenjazzjoni tal-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000.
- (d) Il-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000 ma għandux jiġi assenjat lill-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (c) jekk tapplika xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (1) ikunu ġew stabbiliti miżuri ta' kontinġenza li jirrikjedu l-assenjazzjoni ta' kodiċijiet SSR diskreti lill-inġenji tal-ajru minn fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jesperjenza qtugħ mhux ippjanat tas-sensuri tas-sorveljanza fuq l-art;
  - (2) miżuri ta' kontinġenza militari eċċezzjonali jeħtieġu lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jassenjaw kodiċijiet SSR diskreti lill-inġenji tal-ajru jew;
  - (3) inġenju tal-ajru li jkun eliġibbli għall-assenjazzjoni tal-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000 stabbilit f'konformità mal-punt (c) joħroġ jew inkella jiġi ddevjat barra l-volum tal-ispazju tal-ajru msemmi fil-punt (a).
- (e) Inġenji tal-ajru li ma jiġux assenjati l-kodiċi SSR ta' kospikwità A1000 stabbilit f'konformità mal-punt (c) għandhom jiġu assenjati kodiċi SSR li jikkonforma ma' lista ta' allokazżjonijiet ta' kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinati ma' pajjiżi terzi.
- (f) Meta kodiċi SSR ikun ġie assenjat lil inġenju tal-ajru, għandha ssir verifika mal-ewwel opportunità sabiex jiġi kkonfermat li l-kodiċi SSR stabbilit mill-pilota huwa identiku għal dak assenjat lit-titjira.
- (g) Il-kodiċijiet SSR assenjati lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jiġu ttrasferiti mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fi Stati ġirien għandhom jiġu kkontrollati awtomatikament biex jiġi vverifikat jekk l-assenjazzjonijiet jistgħux jinżammu f'konformità ma' lista ta' allokazżjonijiet tal-kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinati ma' pajjiżi terzi.

▼ **M7**

- (h) Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti formali bil-kontenut minimu li ġej ma' fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ġirien li jistabbilixxu identifikazzjoni individwali tal-inġenji tal-ajru bl-użu ta' kodiċijiet SSR diskreti:
- (1) obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ġirien biex jittrasferixxu inġenji tal-ajru b'kodiċijiet SSR diskreti vverifikati assenjati f'konformità ma' lista ta' allokazżjoni ta' kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinata ma' pajjiżi terzi;
  - (2) obbligu li l-unitajiet li jaċċettaw jiġu notifikati dwar kwalunkwe irregolarità osservata fl-operat ta' kostitwenti tas-sistemi ta' sorveljanza fl-ajru;
- (i) il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżguraw li l-assenjazzjoni ta' kodiċijiet SSR diskreti f'konformità ma' lista tal-allokazżjoni tal-kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinata ma' pajjiżi terzi biex tiġi stabbilita l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru individwali tikkonforma ma' dan li ġej:
- (1) il-kodiċijiet SSR jiġu assenjati awtomatikament lill-inġenji tal-ajru f'konformità ma' lista ta' allokazżjoni tal-kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinata ma' pajjiżi terzi;
  - (2) il-kodiċijiet SSR assenjati lill-inġenji tal-ajru li jkunu qed jiġu ttrasferiti mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi Stati ġirien jiġu vverifikati biex jiġi vverifikat jekk l-assenjazzjonijiet jistgħux jinżammu f'konformità ma' lista ta' allokazżjoni tal-kodiċijiet maqbula mill-Istati Membri u kkoordinata ma' pajjiżi terzi;
  - (3) il-kodiċijiet SSR huma kklassifikati f'kategoriji differenti biex tkun tista' ssir assenjazzjoni differenzjata tal-kodiċi;
  - (4) il-kodiċijiet SSR mill-kategoriji differenti msemmija fil-punt (3) jiġu assenjati skont id-direzzjonijiet tat-titjiriet;
  - (5) assenjazzjonijiet simultanji multipli tal-istess kodiċi tal-SSR isiru għal titjiriet li joperaw f'direzzjonijiet mingħajr kunflitt tal-kodiċi;
  - (6) il-kontrolluri jiġu infurmati awtomatikament meta l-assenjazzjonijiet tal-kodiċi tal-SSR jiġu dduplikati b'mod mhux intenzjonat.

▼ **M7***Appendiċi 2***Proċessi li għandhom jiġu implimentati għall-koordinazzjoni awtomatizzata kif meħtieġ mill-punt ATS.TR.230(c)**

A. Il-proċessi obbligatorji li għandhom jiġu implimentati bejn l-unitajiet li jipprovdu servizz ta' kontroll tal-erja, jew meta jkun hemm qbil dwar dan ma' jew bejn unitajiet oħra ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

## (a) Notifika

(1) L-informazzjoni dwar it-titjira soġġetta għall-proċess ta' notifika għandha tinkludi bħala minimu:

- (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru,
- (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR (jekk ikunu disponibbli),
- (iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni,
- (iv) id-*data* stmata,
- (v) l-ajrudrom tad-destinazzjoni,
- (vi) in-numru u t-tip ta' inġenju tal-ajru,
- (vii) it-tip ta' titjira,
- (viii) il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.

(2) Il-kontenut tal-informazzjoni dwar il-“kapaċità u l-istatus tat-tagħmir” għandu jinkludi minimi ta' separazzjoni vertikali ridotta (RVSM) u l-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz bħala minimu. Jistgħu jiġu inklużi elementi oħra f'konformità mal-ittri tal-ftehim.

(3) Il-proċess ta' notifika għandu jitwettagħ tal-anqas darba għal kull titjira ppjanata eliġibbli li taqsa il-konfini sakemm it-titjira ma tkunx soġġetta għall-proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq.

(4) Il-kriterji tal-eliġibbiltà għan-notifika transfruntiera ta' titjiriet għandhom ikunu f'konformità mal-ittri tal-ftehim.

(5) Fejn il-proċess ta' notifika ma jkunx jista' jitwettagħ fiż-żmien miftiehem bilateralment qabel il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali dan għandu jiġi inkluż fil-proċess ta' koordinazzjoni inizjali.

(6) Meta jitwettagħ, il-proċess ta' notifika għandu jsir qabel il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali.

(7) Il-proċess ta' notifika għandu jerġa' jitwettagħ kull darba li jkun hemm bidla f'xi *data* milli ġejja qabel il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali:

- (i) il-punt ta' koordinazzjoni (COP);
- (ii) il-kodiċi tal-SSR mistenni fil-punt tat-trasferiment tal-kontroll;
- (iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;
- (iv) it-tip ta' inġenju tal-ajru;
- (v) il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.

▼ **M7**

(8) Jekk tiġi identifikata xi diskrepanza bejn *id-data* trażmessa u *d-data* korrispondenti fis-sistema li tkun irċevietha, jew ma jkun hemm disponibbli l-ebda informazzjoni bħal din li twassal għall-bżonn ta' azzjoni korrettiva malli tidħol *id-data* ta' koordinazzjoni inizjali sussegwenti, id-diskrepanza għandha tiġi riferuta lill-pożizzjoni tax-xogħol xierqa ta' kontrollur għal riżoluzzjoni.

(9) Il-kriterji tal-*ħin* għall-bidu tal-proċess ta' notifika:

- (i) Il-proċess ta' notifika għandu jinbeda f'numru ta' parametri ta' minuti qabel il-*ħin* stmat fis-COP.
- (ii) Il-parametru/i tan-notifika għandhom jiġu inklużi fl-ittri tal-ftehim ta' bejn l-unitajiet tal-ATC ikkonċernati.
- (iii) Il-parametru/i tan-notifika jistgħu jiġu definiti separatament għal kull wieħed mill-punti ta' koordinazzjoni.

(b) Koordinazzjoni inizjali

(1) Għal titjira soġġetta għal koordinazzjoni inizjali, il-kundizzjonijiet tat-trasferiment miftiehma għandhom ikunu vinkolanti mil-lat operazzjonali għaż-żewġ unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sakemm il-koordinazzjoni ma tiġix abrogata jew riveduta.

(2) L-informazzjoni dwar it-titjira li hija soġġetta għall-proċess ta' koordinazzjoni inizjali għandha tinkludi bħala minimu:

- (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
- (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR;
- (iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;
- (iv) *id-data* stmata;
- (v) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;
- (vi) in-numru u t-tip ta' inġenju tal-ajru;
- (vii) it-tip ta' titjira;
- (viii) il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.

(3) Il-kontenut tal-informazzjoni dwar il-“kapaċità u l-istatus tat-tagħmir” għandu jinkludi, bħala minimu, RSVM u l-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz. Jistgħu jiġu inklużi elementi oħra kif miftiehem bilateralment permezz tal-ittri tal-ftehim.

(4) Il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali għandu jitwettagħ għat-titjiriet ipplanati eliġibbli kollha li jaqsmu l-konfini.

(5) Il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-koordinazzjoni inizjali transfruntiera tat-titjiriet għandhom ikunu f'konformità mal-ittri tal-ftehim.

(6) Sakemm ma jkunx diġà nbda manwalment, il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali għandu jinbeda awtomatikament, f'konformità mal-ittri tal-ftehim:

- (i) fit-temp ta' *ħin* parametru miftiehem bilateralment qabel il-*ħin* mistenni fil-punt ta' koordinazzjoni; jew jew
- (ii) fil-*ħin* li fih it-titjira tkun f'distanza miftiehma bilateralment mill-punt ta' koordinazzjoni.

▼ **M7**

- (9) Il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali għal titjira għandu jitwettaq darba biss sakemm ma tinbediex l-abrogazzjoni tal-proċess ta' koordinazzjoni.
  - (8) Wara l-abrogazzjoni tal-proċess ta' koordinazzjoni, il-proċess ta' koordinazzjoni inizjali jista' jerġa' jinbeda mal-istess unità.
  - (9) It-tlestija tal-proċess ta' koordinazzjoni inizjali, inkluża l-konferma mal-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità tat-trasferiment – it-titjira mbagħad titqies bħala “koordinata”.
  - (10) In-nuqqas tal-proċess ta' koordinazzjoni inizjali milli jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fi twissija fil-pożizzjoni tax-xogħol tal-kontrollur responsabbli għall-koordinazzjoni tat-titjira fi ħdan iċ-ċentru li jittrasferixxi.
  - (11) L-informazzjoni ta' koordinazzjoni inizjali għandha tkun magħmula disponibbli għall-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità ta' aċċettazzjoni.
- (c) Reviżjoni tal-koordinazzjoni
- (1) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jiżgura assoċjazzjoni mat-titjira kkoordinata qabel.
  - (2) Għal titjira soġġetta għall-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' trasferiment miftiehma ta' titjira għandhom ikunu operazzjonalment vinkolanti għaż-żewġ unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sakemm il-koordinazzjoni ma tiġix abrogata jew sakemm il-kundizzjonijiet ma jiġux riveduti ulterjorment.
  - (3) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar it-titjira, jekk din tkun inbidlet:
    - (i) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR;
    - (ii) il-ħin stmat u l-livell tat-titjira;
    - (iii) il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.
  - (4) Jekk ikun hemm qbil bilaterament, id-*data* tar-reviżjoni tal-koordinazzjoni għandha ttipprovdi l-informazzjoni li ġejja diment li tkun inbidlet:
    - (i) il-punt ta' koordinazzjoni;
    - (ii) ir-rota.
  - (5) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni jista' jsir darba jew aktar minn darba mal-unità li magħha, it-titjira tkun ikkoordinata kurrentament.
  - (6) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jitwettaq meta:
    - (i) il-ħin stmat fuq il-punt ta' koordinazzjoni jkun differenti minn dak ipprovdut qabel b'aktar minn valur miftiehem bilaterament;
    - (ii) il-livell(i) ta' trasferiment, il-kodiċi tal-SSR jew il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir huwa (huma) differenti minn dak (dawk) ipprovdut(i) qabel.

▼ **M7**

- (7) Fejn ikun miftiehem bilateralment, il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jseħħ meta jkun hemm xi bidla f'dan li ġej:
    - (i) il-punt ta' koordinazzjoni;
    - (ii) ir-rotta.
  - (8) It-tlestija tal-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni, inkluża l-konferma miċ-ċentru li jassumi l-kontroll, għandha tiġi mgħoddija lill-unità tat-trasferiment.
  - (9) In-nuqqas ta' proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fi twissija fil-pożizzjoni tax-xogħol tal-kontrollur responsabbli għall-koordinazzjoni tat-titjira fi ħdan l-unità tat-trasferiment.
  - (10) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jseħħ immedjatement wara l-input jew l-aġġornament rilevanti.
  - (11) Il-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni għandu jiġi impedut wara li t-titjira tkun f'ħin/distanza miftiehma bilateralment 'il bogħod mill-punt tal-kontroll tat-trasferiment f'konformità mal-ittri tal-ftehim.
  - (12) L-informazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-koordinazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli għall-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità riċevitriċi.
  - (13) Fejn it-tlestija tal-proċess ta' reviżjoni tal-koordinazzjoni ma tkunx ikkonfermata f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, l-unità tat-trasferiment għandha tibda koordinazzjoni verbali.
- (d) Abrogazzjoni tal-koordinazzjoni
- (1) Il-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni għandu jiżgura assoċjazzjoni mal-proċess ta' notifika jew tal-koordinazzjoni preċedenti li jkun qed jiġi kkanċellat.
  - (2) Il-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni għandu jsir ma' unità għal titjira kkoordinata meta:
    - (i) l-unità ma tkunx għadha l-unità li jmiss fis-sekwenza ta' koordinazzjoni;
    - (ii) il-pjan tat-titjira jiġi kkanċellat fl-unità mittenti u l-koordinazzjoni ma tibqax rilevanti;
    - (iii) tasal informazzjoni dwar l-abrogazzjoni tal-koordinazzjoni mill-unità preċedenti fir-rigward tat-titjira.
  - (3) Il-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni ma' ċentru għal titjira nnotifikata jista' jitwettaq meta:
    - (i) l-unità ma tkunx għadha l-unità li jmiss fis-sekwenza ta' koordinazzjoni;
    - (ii) il-pjan tat-titjira jiġi kkanċellat fl-unità mittenti u l-koordinazzjoni ma tibqax rilevanti;

▼ **M7**

- (iii) tasal informazzjoni dwar l-abrogazzjoni tal-koordinazzjoni mill-unità preċedenti fir-rigward tat-titjira;
  - (iv) it-titjira tiġi ttardjata matul ir-rotta, u stima riveduta ma tkunx tista' tiġi ddeterminata awtomatikament.
- (4) It-tlestija tal-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni, inkluża l-konferma mill-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità tat-trasferiment.
- (5) In-nuqqas tal-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni milli jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fi twissija fil-pożizzjoni tax-xogħol tal-kontrollur responsabbli għall-koordinazzjoni tat-titjira fi ħdan l-unità tat-trasferiment.
- (6) L-informazzjoni dwar l-abrogazzjoni tal-koordinazzjoni għandha tiġi magħmula disponibbli għall-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità nnotifikata jew fl-unità li magħha, il-koordinazzjoni tiġi kkanċellata.
- (7) Meta t-tlestija tal-proċess ta' abrogazzjoni tal-koordinazzjoni ma tkunx ikkonfermata f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, l-unità tat-trasferiment għandha tibda koordinazzjoni verbali.
- (e) *Data* bażika dwar it-titjiriet
- (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet għandha ttipprovdi bħala minimu:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
    - (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR.
  - (2) Kull informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet għandha tkun soġġetta għal ftehim bilaterali.
  - (3) Il-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet għandu jitwettaq awtomatikament għal kull titjira eliġibbli.
  - (4) Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal *data* bażika dwar it-titjiriet għandhom ikunu f'konformità mal-ittri tal-ftehim.
  - (5) It-tlestija tal-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet, inkluża l-konferma mill-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità ta' forniment.
  - (6) In-nuqqas tal-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet milli jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fi twissija fil-pożizzjoni operazzjonali xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità ta' forniment.
- (f) Bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet
- (1) Il-proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet għandu jiżgura assoċjazzjoni mat-titjira li qabel kienet soġġetta għal proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet.
  - (2) Kwalunkwe informazzjoni oħra soġġetta għall-proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet u l-kriterji assoċjati għall-forniment tagħha għandhom ikunu soġġetti għal ftehim bilaterali.
  - (3) Proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet għandu jsir biss għal titjira li tkun ġiet innotifikata minn qabel permezz ta' proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet.

▼ **M7**

- (4) Proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet għandu jinbeda awtomatikament f'konformità ma' kriterji miftiehma bilaterament.
- (5) It-tlestija tal-proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet, inkluża l-konferma mill-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità ta' forniment.
- (6) In-nuqqas ta' proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fi twissija fil-pożizzjoni operazzjonali xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità ta' forniment.
- (7) L-informazzjoni tal-proċess ta' bdil fid-*data* bażika dwar it-titjiriet għandha tkun disponibbli għall-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità riċevitriċi.

B. Meta jkun hemm qbil bejn l-unitajiet ikkonċernati biex titwettaq in-notifika ta' qabel it-tluq, il-proċessi ta' bdil tal-frekwenza jew ta' assunzjoni manwali tal-komunikazzjoni għandhom ikunu kif ġej:

- (a) Notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq
  - (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq għandha tinkludi bħala minimu:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
    - (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR (jekk ikunu disponibbli);
    - (iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;
    - (iv) il-ħin stmat tat-tluq jew id-*data* stmata, skont kif miftiehem bilaterament;
    - (v) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;
    - (vi) in-numru u t-tip ta' inġenju tal-ajru.
  - (2) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq mill-unità ta' kontroll taż-żona ta' kontroll tat-terminal (TMA) jew minn ACC għandha tinkludi dan li ġej:
    - (i) it-tip ta' titjira;
    - (ii) il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.
  - (3) Il-kontenut tal-informazzjoni dwar il-“kapaċità u l-istatus tat-tagħmir” għandu jinkludi, bħala minimu, RSVM u l-kapaċità ta' spazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz.
  - (4) L-informazzjoni dwar il-“kapaċità u l-istatus tat-tagħmir” tista' tinkludi informazzjoni oħra skont kif miftiehem bilaterament fl-ittri tal-ftehim.
  - (5) Il-proċess tan-notifika u l-koordinazzjoni ta' qabel it-tluq għandu jitwettaq darba jew aktar għal kull waħda mit-titjiriet eliġibbli ppjanata li taqsam il-konfini fejn il-ħin tat-titjira mit-tluq sal-punt ta' koordinazzjoni ma jippermettix ħin biżżejjed biex jitwettqu l-proċessi tal-koordinazzjoni inizjali jew tan-notifika.

▼ **M7**

- (6) Il-kriterji tal-eliġibilità għan-notifika u l-koordinazzjoni transfruntiera ta' qabel it-tluq tat-titjiriet għandhom ikunu f'konformità mal-ittri tal-ftehim.
- (7) Il-proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq għandu jerġa' jitwettaq kull darba li jkun hemm bidla f'xi punt tas-suġġett tad-*data* li qabel it-tluq kien soġġett għall-proċess preċedenti ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq.
- (8) It-tlestija tal-proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq, inkluża l-konferma mill-unità riċevitriċi għandha tiġi pprovduta fl-unità tat-trasferiment.
- (9) In-nuqqas ta' proċess ta' notifika u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol responsabbli għan-notifika/il-koordinazzjoni tat-titjira fl-unità tat-trasferiment.
- (10) L-informazzjoni dwar in-notifika u l-koordinazzjoni ta' qabel it-tluq għandha tkun magħmula disponibbli fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa fl-unità notifikata.

## (b) Bidla fil-frekwenza

- (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess tal-bidla fil-frekwenza għandha tinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru u kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, jekk disponibbli:
  - (i) indikazzjoni tar-rilaxx;
  - (ii) il-livell awtorizzat tat-titjira;
  - (iii) id-direzzjoni/rotta assenjata jew awtorizzazzjoni diretta;
  - (iv) il-veloċità assenjata;
  - (v) ir-rata ta' tluġh/inżul assenjata.
- (2) Jekk ikun miftiehem bilaterament, id-*data* dwar il-bidla fil-frekwenza għandha tinkludi dan li ġej:
  - (i) il-pożizzjoni kurrenti tar-rotta;
  - (ii) il-frekwenza ordnata.
- (3) Il-proċess tal-bidla fil-frekwenza għandu jinbeda manwalment mill-kontrollur tat-trasferiment.
- (4) It-tlestija tal-proċess tal-bidla fil-frekwenza inkluża l-konferma mill-unità tal-aċċettazzjoni, għandha tingħadda lill-unità tal-ATC tat-trasferiment.
- (5) In-nuqqas tal-proċess tal-bidla fil-frekwenza li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fil-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità tal-ATC tat-trasferiment.
- (6) L-informazzjoni ta' bdil tal-frekwenza għandha tkun magħmula disponibbli mingħajr dewmien għall-kontrollur li jaċċetta.

▼ **M7**

- (c) Assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet
- (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet għandha tinkludi bħala minimu l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru.
  - (2) Il-proċess ta' assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet għandu jinbeda mill-unità ta' aċċettazzjoni meta tiġi stabbilita l-komunikazzjoni.
  - (3) It-tlestija tal-proċess ta' assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet, inkluża l-konferma mill-unità tat-trasferiment, għandha tingħadda lill-unità tal-ATC ta' aċċettazzjoni.
  - (4) In-nuqqas tal-proċess ta' assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità tal-ATC.
  - (5) L-informazzjoni dwar l-assunzjoni manwali tal-komunikazzjonijiet għandha tiġi ppreżentata immedjatament lill-kontrollur fl-unità tat-trasferiment.
- (d) Notifika tal-intenzjoni ta' traversar
- (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' notifika ta' intenzjoni ta' traversar għandha tinkludi bħala minimu:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
    - (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR;
    - (iii) in-numru u t-tip ta' inġenju tal-ajru;
    - (iv) identifikatur tas-settur inkarigat;
    - (v) ir-rota tal-ittraversar li tinkludi l-ħinijiet stmati u l-livelli tat-titjira għal kull punt fuq ir-rota.
  - (2) Il-proċess ta' notifika tal-intenzjoni tal-ittraversar għandu jinbeda manwalment mill-kontrollur, jew awtomatikament kif deskritt fl-ittri tal-ftehim.
  - (3) It-tlestija tal-proċess ta' notifika tal-intenzjoni tal-ittraversar inkluża l-konferma miċ-ċentru nnotifikat għandha tiġi pprovduta liċ-ċentru notifikatur.
  - (4) In-nuqqas tal-proċess ta' notifika tal-intenzjoni tal-ittraversar li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fl-unità tan-notifika.
  - (5) L-informazzjoni dwar in-notifika tal-intenzjoni tal-ittraversar għandha tkun magħmula disponibbli fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità tan-notifika.
- (e) Talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar
- (1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar għandha tinkludi bħala minimu:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
    - (ii) il-modalità u l-kodiċi tal-SSR;
    - (iii) in-numru u t-tip ta' inġenju tal-ajru;

▼ **M7**

- (iv) identifikatur tas-settur inkarigat;
- (v) ir-rotta tal-ittraversar li tinkludi l-ħinijiet stmati u l-livelli tat-titjira għal kull punt fuq ir-rotta.
- (2) Jekk ikun miftiehem bilaterament, talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar għandha tinkludi l-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.
- (3) Il-kontenut tal-informazzjoni dwar il-“kapaċità u l-istatus tat-tagħmir” għandu jinkludi l-kapaċità tal-RVSM bħala minimu, u jista’ jkun fih elementi oħra kif miftiehem bilaterament.
- (4) It-talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar għandha tinbeda fid-diskrezzjoni tal-kontrollur, f’konformità mal-kundizzjonijiet speċifiki fl-ittri tal-ftehim.
- (5) It-tlestija tal-proċess ta’ talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar inkluża l-konferma mill-unità li tirċievi t-talba, għandha tiġi pprovduta lill-unità rikjedenti.
- (6) In-nuqqas ta’ proċess ta’ talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar li jikkonferma t-tlestija, f’konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità rikjedenti.
- (7) L-informazzjoni dwar talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar għandha ssir disponibbli fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità li tirċievi t-talba.
- (8) Għandu jkun hemm tveġiba għall-proċess ta’ talba għall-awtorizzazzjoni tal-ittraversar permezz ta’ kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) l-aċċettazzjoni tad-dettalji tal-ittraversar tar-rotta/tal-ispazju tal-ajru proposti;
  - (ii) kontroproposta li tinkludi d-dettalji tal-ittraversar tar-rotta/tal-ispazju tal-ajru differenti kif speċifikat fit-Taqsima 6 hawn taħt;
  - (iii) iċ-ċaħda tad-dettalji tal-ittraversar tar-rotta/tal-ispazju tal-ajru proposti.
- (9) Jekk ma tasalx tveġiba operazzjonali f’intervall ta’ ħin miftiehem bilaterament, għandha tinħareġ twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità rikjedenti.
- (f) Kontroproposta tal-ittrasversar
  - (1) Il-proċess ta’ kontroproposta tal-ittraversar għandu jiżgura l-assoċjazzjoni mat-titjira li preċedentement kienet soġġetta għall-koordinazzjoni.
  - (2) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta’ kontroproposta tal-ittraversar għandha tinkludi bħala minimu:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
    - (ii) ir-rotta tal-ittraversar li tinkludi l-ħinijiet stmati u l-livelli tat-titjira għal kull punt fuq ir-rotta.
  - (3) Il-kontroproposta għandha tinkludi livell u/jew rotta ġdida proposta għat-titjira.

▼ **M7**

- (4) It-tlestija tal-proċess ta' kontroproposta tal-ittraversar inkluża l-konferma mill-unità rikjendenti oriġinali għandha tiġi pprovduta lill-unità li tagħmel il-kontroproposta.
  - (5) In-nuqqas tal-proċess ta' kontroproposta tal-ittraversar li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità li tagħmel il-kontroproposta.
  - (6) L-informazzjoni dwar il-kontroproposta tal-ittraversar għandha tkun magħmula disponibbli fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità rikjendenti oriġinali.
  - (7) Il-konferma tal-ipproċessar b'suċċess tal-informazzjoni dwar kontroproposta tal-ittraversar fl-unità rikjendenti oriġinali għandha tiġi segwita bi tveġiba operazzjonali fl-unità rikjendenti oriġinali.
  - (8) It-tveġiba operazzjonali għal kontroproposta tal-ittraversar għandha tkun aċċettazzjoni jew rifjut, skont kif ikun xieraq.
  - (9) Jekk tveġiba operazzjonali ma tasalx f'intervall ta' ħin miftiehem bilateralment għandha tinħareġ twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol tal-kontrollur xierqa fl-unità li tagħmel il-kontroproposta.
- (g) Kanċellazzjoni tal-ittraversar
- (1) Il-proċess ta' kanċellazzjoni tal-ittraversar għandu jiżgura l-assoċjazzjoni mal-proċess ta' notifika preċedenti jew mal-proċess ta' koordinazzjoni li huwa kkanċellat.
  - (2) Il-proċess ta' kanċellazzjoni tal-ittraversar għandu jinbeda mill-unità responsabbli għat-titjira meta sseħħ xi waħda minn dawn li ġejjin:
    - (i) it-titjira nnotifikata preċedentement bil-proċess ta' *data* bażika dwar it-titjiriet issa ma tidħolx fl-ispazju tal-ajru tal-unità notifikata jew ma għadhiex aktar ta' interess għall-unità nnotifikata;
    - (ii) l-ittraversar ma jkunx se jsir fuq ir-rotta espressa fl-informazzjoni tan-notifika tal-ittraversar intenzjonata;
    - (iii) l-ittraversar ma jkunx se jsir skont il-kundizzjonijiet li jkunu qed jiġu nnegozjati jew skont il-kundizzjonijiet miftiehma wara d-djalogu dwar l-ittraversar tal-ispazju tal-ajru.
  - (3) Il-proċess ta' kanċellazzjoni tal-ittraversar għandu jiġi attivaw awtomatikament jew manwalment bl-input tal-kontrollur f'konformità mal-ittri tal-ftehim.
  - (4) It-tlestija tal-proċess ta' kanċellazzjoni tal-ittraversar, inkluża l-konferma mill-unità nnotifikata/rikjesta għandha tingħadda lill-unità ta' kanċellazzjoni.
  - (5) In-nuqqas tal-proċess ta' kanċellazzjoni tal-ittraversar li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jwassal għal twissija fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa fl-unità ta' kanċellazzjoni.
  - (6) L-informazzjoni dwar il-kanċellazzjoni tal-ittraversar għandha tkun magħmula disponibbli fuq il-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fl-unità nnotifikata/rikjesta.

▼ **M7**

C. Bejn l-unitajiet li jipprovdu servizzi ta' kontroll taż-żona meħtieġa biex joperaw is-servizzi ta' konnessjoni tad-*data* kif imsemmi fil-punt AUR.COM.2005(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1770, jew meta hekk miftiehem ma' unitajiet oħra jew bejniethom, il-proċessi li ġejjin għandhom jiġu appoġġati b'mod awtomatiku:

## (a) Logon forward

(1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess tal-logon forward għandha tinkludi, tal-anqas:

(i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

(ii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;

(iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;

(iv) it-tip tal-logon;

(v) il-parametri tal-logon.

(2) Għandu jitwettagħ proċess wieħed ta' logon-forward għal kull titjira b'kollegament tad-*data* logged-on, ippjanata li taqsam fruntieri.

(3) Il-proċess ta' logon-forward għandu jinbeda kemm jista' jkun malajr wara l-aktar ħinijiet bikrin stabbiliti, f'konformità mal-ittri tal-ftehim, minn dawn li ġejjin:

(i) numru ta' parametri ta' minuti qabel il-ħin stmat fil-punt ta' koordinazzjoni;

(ii) fil-ħin li fih it-titjira tkun f'distanza miftiehma bilateralment mill-punt ta' koordinazzjoni.

(4) Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-proċess ta' logon-forward għandhom ikunu f'konformità mal-ittri tal-ftehim.

(5) L-informazzjoni dwar il-logon-forward għandha tiġi inkluża mal-informazzjoni korrispondenti dwar it-titjira fl-unità riċevitriċi.

(6) L-istatus logged-on tat-titjira jista' jintwera fil-pożizzjoni tax-xogħol xierqa tal-kontrollur fi ħdan l-unità riċevitriċi.

(7) It-tlestija tal-proċess ta' logon-forward, inkluża l-konferma mill-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità ta' trasferiment.

(8) In-nuqqas ta' proċess ta' logon-forward biex tiġi kkonfermata t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fil-bidu ta' talba ta' kuntatt b'kollegament tad-*data* mill-ajru għall-art lill-inġenju tal-ajru.

## (b) Notifika tal-awtorità li jmiss

(1) L-informazzjoni soġġetta għall-proċess ta' notifika tal-awtorità li jmiss għandha tinkludi bħala minimu:

(i) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

(ii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni;

(iii) l-ajrudrom tad-destinazzjoni.

**▼ M7**

- (2) Għandu jitwettaq proċess wieħed ta' notifika tal-awtorità li jmiss għal kull tiġira eliġibbli li taqsam il-fruntiera.
- (3) Il-proċess ta' notifika tal-awtorità li jmiss għandu jinbeda wara li t-talba ta' notifika tal-awtorità li jmiss mal-inġenju tal-ajru tiġi rikonoxxuta mis-sistema fl-ajru.
- (4) Wara li l-proċess tal-informazzjoni tan-notifika tal-awtorità li jmiss isir b'mod xieraq, l-unità riċevitriċi għandha tagħti bidu għal talba għal komunikazzjonijiet b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot (CPDLC) mal-inġenju tal-ajru.
- (5) Jekk l-informazzjoni nnotifikata mill-awtorità li jmiss ma tkunx waslet f'konformità mal-ħin tal-parametru miftiehem bilaterament, għandhom jiġu applikati proċeduri lokali mill-unità riċevitriċi għall-bidu ta' komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-*data* mal-inġenju tal-ajru.
- (6) It-tlestija tal-proċess tal-awtorità notifikata li jmiss, inkluż konferma mill-unità riċevitriċi, għandha tiġi mgħoddija lill-unità ta' trasferiment.
- (7) In-nuqqas tal-proċess tal-awtorità notifikata li jmiss li jikkonferma t-tlestija, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-kwalità tas-servizz, għandu jirriżulta fil-bidu ta' proċeduri lokali fl-unità ta' trasferiment.



*ANNEX V*

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI METEOROLOĠIĊI**

**(Parti-MET)**

**SUBPARTI A — REKWIŻITI ADDIZZJONALI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI METEOROLOĠIĊI (MET.OR)**

*TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI*

**MET.OR.100 Data u informazzjoni meteoroloġiċi**

- (a) Fornitur tas-servizzi meteoroloġiċi jrid jipprovdi lil operaturi, membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, unitajiet tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ, operaturi ta' ajrudromi, korpi investigattivi ta' aċċidenti u inċidenti, u fornituri ta' servizzi oħrajn u entitajiet tal-avjazzjoni bl-informazzjoni meteoroloġika neċessarja sabiex iwettqu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom, kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti.
- (b) Fornitur tas-servizzi meteoroloġiċi għandu jikkonferma l-preċiżjoni mixtieqa għall-operazzjonijiet li tista' tinkiseb fir-rigward tal-informazzjoni mqassma għall-operazzjonijiet, inkluż is-sors ta' tali informazzjoni, filwaqt li jiżgura wkoll li tali informazzjoni titqassam fil-ħin, u tiġi aġġornata kif meħtieġ.

**MET.OR.105 Żamma ta' informazzjoni meteoroloġika**

- (a) Fornitur tas-servizzi meteoroloġiċi jrid iżomm l-informazzjoni meteoroloġika maħruġa għal perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ħruġ.
- (b) Din l-informazzjoni meteoroloġika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba, għal inkjesti u investigazzjonijiet u, għal dawn l-għanijiet, għandha tinżamm sakemm titlesta l-inkjesta jew l-investigazzjoni.

**MET.OR.110 Rekwiżiti dwar l-iskambju tal-informazzjoni meteoroloġika**

Fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi jrid jiżgura li għandu fis-seħħ sistemi u proċessi, kif ukoll aċċess għal faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni adattati sabiex:

- (a) ikun jista' jiskambja informazzjoni meteoroloġika operazzjonali ma' fornituri oħrajn ta' servizzi meteoroloġiċi;
- (b) jipprovdi l-informazzjoni meteoroloġika meħtieġa lill-utenti fiż-żmien opportun.



**MET.OR.115 Bullettini meteoroloġiċi**

Il-fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi responsabbli għaż-żona kkonċernata għandu jipprovdi bullettini meteoroloġiċi lill-utenti rilevanti.

**MET.OR.120 Notifika ta' diskrepanzi liċ-ċentri ta' tbassir taż-żoni madwar id-dinja (WAFC)**

Il-fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi li juża tbassir ta' SIGWX tad-WAFS għandu jinnotifika immedjatament lid-WAFC ikkonċernat jekk jinstabu jew jiġu rappurtati diskrepanzi sinifikanti fir-rigward tat-tbassir ta' SIGWX tad-WAFS dwar:

- (a) silġ, turbolenza, sħab kumulonimbu li jkun oskurat, frekwenti, inkorporat jew li jseħħ f'linja ta' tempesta ("squall line"), u maltempati tar-ramel jew maltempati tat-trab;

**▼ M4**

- (b) żbroffi ta' vulkani jew rilaxx ta' materjali radjuattivi fl-atmosfera ta' sinifikanza għall-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru.

**▼ B***SEZZJONI 2 — REKWIŻITI SPEĊIFIĊI**Kapitolu 1 — Rekwiżiti għal stazzjonijiet meteoroloġiċi ajrunawtiċi***▼ M4****MET.OR.200 Rapporti meteoroloġiċi u informazzjoni oħra**

- (a) Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu jorog:
  - (1) rapport ta' rutina lokali f'intervalli fissi, għad-disseminazzjoni biss fl-ajrudrom ta' oriġini;
  - (2) rapport speċjali lokali, għad-disseminazzjoni biss fl-ajrudrom ta' oriġini;
  - (3) METAR f'intervalli ta' kull nofs siegħa f'ajrudromi li jaqdu operazzjonijiet skedati internazzjonali ta' trasport kummerċjali bl-ajru għad-disseminazzjoni lil hinn mill-ajrudrom ta' oriġini;
- (b) Minkejja l-punt (a)(3), l-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku jista' jorog METAR u SPEĊI kull siegħa għal disseminazzjoni lil hinn mill-ajrudrom tal-oriġini, għal ajrudromi li ma jaqdux operazzjonijiet kummerċjali internazzjonali skedati tat-trasport bl-ajru, kif determinat mill-awtorità kompetenti;
- (c) Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu jinforma lill-unitajiet tas-servizz tat-traffiku tal-ajru u lis-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika ta' ajrudrom dwar il-bidliet fl-istatus ta' kapaċità ta' servizzabbiltà tat-tagħmir awtomatizzat użat għall-valutazzjoni tal-medda viżwali tar-runway;
- (d) Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu jirrapporta lill-unità assoċjata tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, lill-unità tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, u lill-uffiċju ta' osservazzjoni meteoroloġika, l-okkorrenza ta' attività vulkanika ta' qabel l-iżbroff, żbroffi ta' vulkani u sħaba ta' rmied vulkaniku;
- (e) Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu jistabbilixxi lista ta' kriterji biex jipprovi rapporti speċjali lokali f'konsultazzjoni mal-unitajiet u l-operaturi tal-ATS u oħrajn ikkonċernati xierqa.

**▼ B****MET.OR.205 Ir-rapportar ta' elementi meteoroloġiċi****▼ M1**

Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu jirrapporta:

**▼ B**

- (a) id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art;
- (b) il-viżibbiltà;
- (c) il-medda viżwali tar-runway, jekk applikabbli;
- (d) it-temp attwali fl-ajrudrom u fl-inħawi;
- (e) is-shab;
- (f) it-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida;

**▼B**

- (g) il-pressurejoni atmosferika;
- (h) informazzjoni supplimentari meta applikabbli.

Meta l-awtorità kompetenti tawtorizzah, f'ajrudromi li ma jaqdux operazzjonijiet skedati internazzjonali ta' trasport kummerċjali bl-ajru, stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku jista' jirrapporta biss subsett mill-elementi meteoroloġiċi, kif ikun rilevanti għat-tipi ta' titjiriet f'dak l-ajrudrom. Dan is-sett ta' data għandu jiġi ppubblikat fil-pubblikazzjoni bl-informazzjoni ajrunawtika.

**MET.OR.210 L-osservazzjoni tal-elementi meteoroloġiċi****▼M1**

Stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku għandu josserva u/jew ikejjel:

**▼B**

- (a) id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art;
- (b) il-viżibbiltà;
- (c) il-medda viżwali tar-runway, jekk applikabbli;
- (d) it-temp attwali fl-ajrudrom u fl-inħawi;
- (e) is-sħab;
- (f) it-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida;
- (g) il-pressurejoni atmosferika;
- (h) informazzjoni supplimentari, meta applikabbli:

Meta l-awtorità kompetenti tawtorizzah, f'ajrudromi li ma jaqdux operazzjonijiet skedati internazzjonali ta' trasport kummerċjali bl-ajru, stazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku jista' josserva u/jew ikejjel biss subsett mill-elementi meteoroloġiċi, kif ikun rilevanti għat-tipi ta' titjiriet f'dak l-ajrudrom. Dan is-sett ta' data għandu jiġi ppubblikat fil-pubblikazzjoni bl-informazzjoni ajrunawtika.

**Kapitolu 2 — Rekwiżiti għal uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi****MET.OR.215 Tbassiriet u informazzjoni oħra**

Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu:

- (a) iħejji u/jew jikseb tbassiriet u informazzjoni meteoroloġika rilevanti oħra neċessarja għat-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tiegħu għal titjiriet li huwa kkonċernat bihom, kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti;
- (b) jipprovdi tbassiriet u/jew twissijiet għal kundizzjonijiet meteoroloġiċi lokali fuq ajrudromi li huwa responsabbli għalihom;
- (c) iżomm it-tbassiriet u t-twissijiet taħt analiżi kontinwa u joħroġ emendi minnufih, meta jkun hemm bżonn, u jħassar kwalunkwe tbassir tal-istess tip li jkun inħareġ qabel għall-istess post u perjodu ta' validità jew parti minnu;
- (d) jipprovdi dokumentazzjoni ta' tgħarrif, konsultazzjoni u dwar it-titjira lil membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u/jew persunal ieħor tal-operazzjonijiet ta' titjir;

**▼B**

- (e) jipprovdi informazzjoni klimatoloġika;
- (f) jipprovdi lill-unità tiegħu ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru assoċjati, l-unità tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, u l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika b'informazzjoni riċevuta dwar attività vulkanika ta' qabel l-iżbroff, żbroffi ta' vulkani u sħaba ta' rmied volkaniku.
- (g) jipprovdi, jekk applikabbli, informazzjoni meteoroloġika lil unitajiet ta' servizzi ta' tiftix u salvataġġ u jżomm kollegament mal-unità(jiet) tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ matul operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ;
- (h) jipprovdi informazzjoni meteoroloġika lil unitajiet tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti, kif ikun hemm bżonn, sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;
- (i) iħejji u/jew jikseb tbassir u informazzjoni meteoroloġika rilevanti oħra neċessarja għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-unitajiet tal-ATS skont il-punt MET.OR.242;
- (j) jipprovdi lill-unità tiegħu ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru assoċjati, l-unità tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, u l-uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika b'informazzjoni riċevuta dwar il-ħlus ta' materjali radjuattivi fl-atmosfera.

**MET.OR.220 Tbassiriet tal-ajrudromi**

- (a) Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu jgħodh tbassiriet tal-ajrudromi bħala TAF fi żmien speċifikat.
- (b) Meta jgħodh TAF, l-uffiċċju meteoroloġiku ta' ajrudrom għandu jiżgura li ma jkunx hemm iktar minn TAF wiehded validu f'ajrudrom fi kwalunkwe mument partikolari.

**MET.OR.225 Tbassiriet għall-inżul**

- (a) Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu jħejji tbassiriet għall-inżul kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti.
- (b) Dan it-tbassir għall-inżul għandu jinħareġ fil-forma ta' tbassir TREND.
- (c) Il-perjodu ta' validità ta' tbassir TREND għandu jkun ta' sa għtejn (2) minn mindu jgħodh ir-rapport li jagħmel parti mit-tbassir għall-inżul.

**MET.OR.230 Tbassiriet għat-tluġ**

Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu:

- (a) iħejji tbassiriet għat-tluġ kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti;
- (b) iforni tbassiriet għat-tluġ lil operaturi u membri tal-ekwipaġġ tat-titjira fuq talba fi żmien 3 sigħat qabel il-ħin tat-tluq mistenni.

**MET.OR.235 Twissijiet tal-ajrudrom u twissijiet u avviżi dwar il-gradjent tar-riħ**

Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu:

- (a) jipprovdi informazzjoni ta' twissija tal-ajrudrom;

**▼B**

- (b) jipprovdi twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ għal ajrudromi meta l-gradjent tar-riħ jitqies bħala fattur, skont l-arranġamenti lokali mal-unità u l-operaturi tal-ATS xierqa konċernati;
- (c) joħroġ, fl-ajrudromi fejn il-gradjent tar-riħ jiġi identifikat minn tagħmir b'sensors jew detetturi remoti tal-gradjent tar-riħ awtomatizzati u bbażati fuq l-art, twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ iġġenerati minn dawn is-sistemi;
- (d) iħassar twissijiet meta l-kundizzjonijiet ma jibqgħux iseħħu u/jew ma jkunux mistennijin li jseħħu iktar fl-ajrudrom.

**▼M4****MET.OR.240 Informazzjoni għall-użu minn operatur jew ekwipaġġ tat-titjira**

Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu jipprovdi lill-operaturi u lill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira bl-iktar verżjoni aġġornata:

- (a) ta' tbassiriet, li joriġinaw mid-WAFS, tal-elementi elenkati fil-punti (1) u (2) tal-punt MET.OR.275(a);
- (b) ta' METAR jew SPEĊI, inkluż TREND, TAF jew TAF emendat għall-ajrudromi tat-tluq u tal-illandjar ippanat, u għall-ajrudromi alternattivi tal-qtugħ mill-art, tul ir-rotta u tad-destinazzjoni;
- (c) ta' tbassiriet tal-ajrudrom għall-qtugħ mill-art;
- (d) ta' SIGMET u rapporti tal-ajru speċjali rilevanti għar-rotta sħiħa;
- (e) ta' informazzjoni ta' notifika dwar irmied vulkaniku, ċikluni tropikali u temp spazjali rilevanti għar-rotta sħiħa;
- (f) ta' tbassiriet taż-żona għal titjiriet f'livell baxx imħejjija flimkien mal-ħruġ ta' AIRMET rilevanti għar-rotta sħiħa;
- (g) ta' twissijiet tal-ajrudromi għall-ajrudrom lokali;
- (h) ta' immaġnijiet satellitari meteoroloġiċi;
- (i) ta' informazzjoni bir-radar tat-temp ibbażat l-art.

**▼B****MET.OR.242 L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru****▼M1**

- (a) Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu jipprovdi, skont il-bżonn, it-torri ta' kontroll tal-ajrudrom u l-unità tal-AFIS assoċjati b' dawn li ġejjin:

**▼M4**

- (1) rapport ta' rutina lokali, rapport speċjali lokali, METAR, SPEĊI, TAF u TREND u l-emendi għalihom;

**▼M1**

- (2) SIGMET, AIRMET, twissijiet u avviżi dwar il-gradjent tar-riħ u twissijiet tal-ajrudromi;
- (3) kwalunkwe informazzjoni meteoroloġika addizzjonali miftiehma lokalment, bħal tbassiriet tal-wiċċ qrib l-art għad-determinazzjoni ta' bidliet tar-runway possibbli;

**▼ M1**

- (4) informazzjoni riċevuta dwar sħaba ta' rmied volkaniku, li għaliha ma tkunx għadha nħarġet SIGMET, kif miftiehem bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u t-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew l-unità tal-AFIS ikkonċernati;
- (5) informazzjoni riċevuta dwar attività volkanika ta' qabel l-iżbroff u/jew żbroff ta' vulkani kif miftiehem bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u t-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew l-unità tal-AFIS ikkonċernati.

**▼ B**

- (b) Uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom għandu jipprovdi lill-unità ta' kontroll tal-avviċinament assoċjata bi:

**▼ M4**

- (1) rapport ta' rutina lokali, rapport speċjali lokali, METAR, SPEĊI, TAF u TREND u l-emendi għalihom;

**▼ M1**

- (2) SIGMET, AIRMET, twissijiet u avviżi dwar il-gradjent tar-riħ, ajrurapporti speċjali xierqa u twissijiet tal-ajrudromi;

**▼ B**

- (3) kwalunkwe informazzjoni meteoroloġika addizzjonali miftiehna lokalment;
- (4) informazzjoni riċevuta dwar sħaba ta' rmied volkaniku, li għaliha ma tkunx għadha nħarġet SIGMET, kif miftiehem bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u l-unità tal-kontroll tal-avviċinament ikkonċernata;
- (5) informazzjoni riċevuta dwar attività volkanika ta' qabel l-iżbroff u/jew żbroff ta' vulkani kif miftiehem bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u l-unità tal-kontroll tal-avviċinament ikkonċernata.

***Kapitolu 3 — Rekwiżiti għal uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika*****MET.OR.245 Osservazzjoni meteoroloġika u informazzjoni oħra**

Fi ħdan l-erja ta' responsabbiltà tiegħu, l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika jrid:

- (a) iżomm osservazzjoni kontinwa fuq il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' titjir;

**▼ M1**

- (b) jikkoordina mal-organizzazzjoni responsabbli għall-forniment ta' NOTAM u/jew ASHTAM sabiex jiżgura li l-informazzjoni meteoroloġika dwar l-irmied volkaniku inkluża f'SIGMET u f'NOTAM u/jew f'ASHTAM hija konsistenti;

**▼ B**

- (c) jikkoordina mal-osservatorji tal-vulkani magħżulin sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-attività vulkanika tiġi riċevuta b'mod effiċjenti u fil-ħin opportun;
- (d) jipprovdi l-VAAC assoċjat bl-informazzjoni riċevuta dwar attività volkanika ta' qabel l-iżbroff, żbroff ta' vulkani u sħaba ta' rmied volkaniku li għaliha ma tkunx għadha nħarġet SIGMET;
- (e) jipprovdi lill-unitajiet tiegħu tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika b'informazzjoni riċevuta dwar ir-rilaxx ta' materjali radjuattivi fl-atmosfera fl-erja jew l-erjas kontigwi li għalihom iwettaq is-servizzi ta' osservazzjoni u li għalihom għadha ma nħarġitx SIGMET;

**▼ B**

- (f) jipprovdi liċ-ċentru ta' kontroll tal-erja assoċjata tiegħu u liċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-titjir (ACC/FIC), skont il-bżonn, bi:

**▼ M4**

- (1) METAR u SPEĊI rilevanti, inkluż data dwar il-pressure attwali għal ajrudromi u postijiet oħrajn, TAF, TREND u emendi għalihom;

**▼ M1**

- (2) tbassiriet rilevanti ta' rjieħ 'il fuq, temperaturi tal-ajru ta' fuq u fenomeni tat-temp sinifikanti fir-rotta u emendi għalihom, SIGMET, AIRMET u ajrurapporti speċjali xierqa;

**▼ B**

- (3) kwalunkwe informazzjoni meteoroloġika oħra meħtieġa mill-ACC/FIC sabiex jaqdi t-talbiet minn inġenju tal-ajru li jkun qiegħed f'titjira;

- (4) informazzjoni riċevuta dwar sħaba ta' rmied volkaniku, li għaliha ma tkunx għadha nħarġet SIGMET, kif miftiehem bejn l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika u l-ACC/FIC;

- (5) informazzjoni riċevuta dwar il-ħlus ta' materjal radjuattiv fl-atmosfera, kif miftiehem bejn l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika u l-ACC/FIC;

**▼ M1**

- (6) notifika dwar iċ-ċikluni tropikali maħruġa minn TCAC fl-erja ta' responsabbiltà tiegħu;

- (7) notifika dwar l-irmied volkaniku maħruġa minn VAAC fl-erja ta' responsabbiltà tiegħu;

- (8) informazzjoni riċevuta dwar attività volkanika ta' qabel l-iżbroff u/jew żbroff ta' vulkani kif miftiehem bejn l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika u l-ACC/FIC;

- (g) meta disponibbli, jipprovdi lill-unitajiet rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, skont il-ftehim lokali, b'informazzjoni rigwardi r-rilaxx fl-atmosfera ta' sustanzi kimiċi tossiċi li jista' jaffettwa l-isparju tal-ajru użat minn titjiriet fi ħdan iż-żona ta' inkarigu tiegħu.

**MET.OR.250 SIGMET**

Uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika għandu:

**▼ M4**

- (a) joħroġ SIGMET;

**▼ M1**

- (b) jiżgura li SIGMET huwa kkanċellat meta l-fenomeni ma jibqgħux iseħħu jew ma jibqgħux mistennijin li jseħħu fl-erja koperta minn SIGMET;

- (c) jiżgura li l-perjodu ta' validità ta' SIGMET mhuwiex aktar minn 4 sigħat, u fil-każ speċjali ta' SIGMET għal sħaba ta' rmied volkaniku u ċikluni tropikali, għandu jiġi estiż sa 6 sigħat;

- (d) jiżgura li SIGMET ma jinħarġux aktar minn 4 sigħat qabel il-bidu tal-perjodu ta' validità. Fil-każ speċjali ta' SIGMET għal sħaba ta' rmied volkaniku u għal ċikluni tropiċi, SIGMET għandu jinħareġ mill-aktar fis prattikabbli, iżda mhux aktar tard minn 12-il siegħa qabel il-bidu tal-perjodu ta' validità, u jiġi aġġornat tal-anqas kull 6 sigħat.

**▼ M1****MET.OR.255 AIRMET**

Uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika għandu:

**▼ M4**

- (a) jöħroġ AIRMET meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li d-densità tat-traffiku li jopera f'livell ta' titjir ta' inqas minn 100, jew sa livell ta' titjir ta' 150 f'żoni muntanjużi, jew ogħla, fejn ikun hemm bżonn, tiġġustifika l-ħruġ ta' AIRMET flimkien ma' tbassiriet taż-żona għal titjiriet f'livell baxx;

**▼ M1**

- (b) iħassar AIRMET meta l-fenomeni ma jibqgħux iseħħu jew ma jibqgħux mistennijin li jseħħu fl-erja;

- (c) jiżgura li l-perjodu ta' validità ta' AIRMET mhuwiex aktar minn 4 sigħat.

**▼ M4****MET.OR.260 Tbassiriet taż-żona għal titjiriet f'livell baxx**

Uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika għandu jiżgura li:

- (a) fil-każ ta' AIRMET li jinħareġ flimkien ma' tbassir taż-żona għal titjiriet f'livell baxx f'konformità mal-punt MET.OR.255(a), it-tbassir taż-żona għal titjiriet f'livell baxx jinħareġ kull sitt sigħat għal perjodu ta' validità ta' sitt sigħat u jintbagħat lill-uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika kkonċernati sa mhux iktar tard minn siegħa qabel ma jibda l-perjodu ta' validità tagħhom;
- (b) fil-każ fejn l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li d-densità tat-traffiku li jopera f'livell ta' titjir ta' inqas minn 100, jew sa livell ta' titjir ta' 150 f'żoni muntanjużi, jew ogħla, fejn ikun hemm bżonn, tiġġustifika l-ħruġ regolari ta' tbassiriet taż-żona għal titjiriet f'livell baxx mhux flimkien ma' AIRMET, il-frekwenza tal-ħruġ, il-forma, u ż-żmien fiss jew il-perjodu ta' validità tat-tbassir taż-żona għal titjiriet f'livell baxx u l-kriterji għall-emendi għalihom, huma kif determinati mill-awtorità kompetenti.

**Kapitolu 4 — Rekwiżiti għaċ-ċentri ta' notifika dwar l-irmied vulkaniku (VAACs)**

**▼ B****MET.OR.265 Responsabbiltajiet taċ-ċentru konsultattiv dwar l-irmied vulkaniku**

Fi ħdan l-erja ta' responsabbiltà tiegħu, il-VAAC għandu:

**▼ M4**

- (a) meta jkun żbroffa vulkan, jew ikun mistenni jiżbroffa, jew jiġi rrapportat irmied vulkaniku, jöħroġ informazzjoni ta' notifika rigward il-firxa u t-tbassir taċ-ċaqliq tas-sħaba ta' rmied vulkaniku:

**▼ B**

- (1) iċ-ċellola Ewropea tal-avjazzjoni għall-koordinazzjoni ta' kriżijiet;
- (2) l-uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika li jaqdu reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir fl-erja ta' responsabbiltà tiegħu li tista' tkun affettwata;
- (3) l-operaturi, iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja, u ċ-ċentri ta' informazzjoni dwar it-titjir li jaqdu reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir fl-erja ta' responsabbiltà tiegħu li tista' tkun affettwata;

**▼ M1**

- (4) WAFCs, banek ta' data OPMET internazzjonali, uffiċċji NOTAM internazzjonali u ċentri deżinjati bi ftehim dwar in-navigazzjoni bl-ajru reġjonali għall-operazzjoni tas-servizzi bbażati fuq l-Internet tas-servizzi ajrunawtiċi fissi;

**▼ B**

- (5) VAACs oħrajn li l-erjas ta' responsabbiltà tagħhom jistgħu jkunu affettwati.

**▼B**

- (b) jikkoordina mal-osservatorji tal-vulkani magħżulin sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-attività vulkanika tiġi riċevuta b'mod effiċjenti u fil-ħin opportun;
- (c) jipprovdli l-informazzjoni meteoroloġika ta' notifika msemija fil-punt (a) tal-inqas kull 6 sigħat sakemm is-sħaba ta' rmied volkaniku ma tibqax tidher fid-data satellitari, ma jasal ebda rapport meteoroloġiku ieħor dwar irmied volkaniku mill-erja u ma jiġi rrapportat ebda żbroff ieħor tal-vulkan; u
- (d) jibqa' josserva għal 24 siegħa.

**▼M4**

**Kapitolu 5 — Rekwiżiti għaċ-ċentri ta' notifika dwar iċ-ċikluni tropikali (TCACs)**

**▼B**

**MET.OR.270 Responsabbiltajiet taċ-ċentru konsultattiv dwar iċ-ċikluni tropikali**

**▼M4**

Fil-qasam ta' responsabbiltà tiegħu, il-TCAC għandu joħroġ:

- (a) informazzjoni ta' notifika rigward il-pożizzjoni taċ-ċentru taċ-ċiklun, il-bidliet fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni, id-direzzjoni u l-veloċità tal-moviment tiegħu, il-pessjoni ċentrali u r-riħ massimu qrib l-art viċin iċ-ċentru:

**▼B**

- (1) uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika fl-erja ta' responsabbiltà tiegħu;
- (2) TCACs oħrajn li l-erjas ta' responsabbiltà tagħhom jistgħu jkunu affettwati;

**▼M1**

- (3) WAFCS, banek ta' data OPMET internazzjonali u ċentri responsabbli għall-operazzjoni tas-servizzi bbażati fuq l-Internet tas-servizzi ajrunawtiċi fissi;

**▼B**

- (b) informazzjoni ta' notifika aġġornata lil uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika għal kull ċiklun tropikali, skont il-bżonn, iżda tal-inqas kull 6 sigħat.

**▼M4**

**Kapitolu 6 — Rekwiżiti għaċ-ċentri tat-tbassir taż-żoni madwar id-dinja (WAFCS)**

**▼B**

**MET.OR.275 Responsabbiltajiet taċ-ċentru tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja**

**▼M4**

- (a) Id-WAFC għandu joħroġ:

- (1) tbassiriet globali fi grilja:

- (i) tar-riħ 'il fuq;
- (ii) tat-temperatura u tal-umdità tal-ajru ta' fuq;
- (iii) tal-altitudni ġeopotenzjali tal-livelli tat-titjir;
- (iv) tal-livell tat-titjir u tat-temperatura tat-tropopawża;
- (v) tad-direzzjoni, tal-veloċità u tal-livell tat-titjir tar-riħ massimu;
- (vi) tas-sħab kumulonimbu;
- (vii) tas-silġ;
- (viii) tat-turbolenza;

▼ **M4**

- (2) tbassiriet globali ta' fenomeni sinifikanti tat-temp (SIGWX), inkluż attivit  vulkanika u r-rilaxx ta' materjali radjuattivi.

▼ **B**

- (b) Id-WAFC għandu jiżgura li l-prodotti f'forma diġitali tas-sistema ta' tbassir tal-erjas madwar id-dinja jintbagħtu bl-użu ta' tekniki tal-komunikazzjoni tad-data binari.

SUBPARTI B — REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZI  
METEOROLOĠIĊI (MET.TR)

*TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI*

▼ **M4**

**MET.TR.115 Bullettini meteoroloġiċi**

- (a) Il-bullettini meteoroloġiċi għandhom jiġu disseminati billi jintużaw it-tipi ta' data speċifikati u forum tal-kodiċi xierqa għall-informazzjoni li tkun qed tiġi pprovduta.
- (b) Il-bullettini meteoroloġiċi li jkun fihom informazzjoni meteoroloġika operazzjonali għandhom jiġu disseminati permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni xierqa għall-informazzjoni li tkun qed tiġi pprovduta u għall-utenti li għalihom tkun maħsuba.

▼ **B**

*TAQSIMA 2 — REKWIŻITI SPEĊIFIĊI*

*Kapitolu 1 — Rekwiżiti tekniċi għal stazzjonijiet meteoroloġiċi ajrunawtiċi*

▼ **M4**

**MET.TR.200 Rapporti meteoroloġiċi u informazzjoni oħra**

- (a) Ir-rapport ta' rutina lokali, ir-rapport speċjali lokali, il-METAR u l-SPEĊI għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin fl-ordni indikat:
- (1) l-identifikazzjoni tat-tip ta' rapport;
  - (2) l-indikatur tal-post;
  - (3) il-ħin tal-osservazzjoni;
  - (4) l-identifikazzjoni ta' rapport awtomatizzat jew nieqes, meta applikabbli;
  - (5) id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art;
  - (6) il-viżibbiltà;
  - (7) il-medda viżwali tar-runway, meta jiġu ssodisfati l-kriterji dwar ir-rapportar;
  - (8) it-temp attwali;
  - (9) l-ammont ta' sħab, it-tip ta' sħab biss għal sħab kumulonimbu u kumulu u l-għoli tal-baġi tas-sħab jew, meta mkejla, il-viżibbiltà vertikali;
  - (10) it-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida;
  - (11) il-QNH u, fejn applikabbli, f'rapporti ta' rutina u speċjali lokali, il-QFE;
  - (12) informazzjoni supplimentari, meta applikabbli.
- (b) Fir-rapport ta' rutina lokali u fir-rapport speċjali lokali:
- (1) jekk ir-riħ qrib l-art jiġi osservat minn iktar minn post wieħed tul ir-runway, għandhom jiġu indikati l-postijiet li għalihom dawn il-valuri huma rappreżentattivi;

▼ **M4**

- (2) meta jkun hemm iktar minn runway waħda li qed tintuża u jiġi osservat riħ qrib l-art marbut ma' dawn ir-runways, għandhom jingħataw il-valuri tar-riħ disponibbli għal kull runway, u għandhom jiġu rrapportati r-runways li għalihom jirreferu dawn il-valuri;
  - (3) meta l-varjazzjonijiet mid-direzzjoni medja tar-riħ jiġu rrapportati f'konformità mal-punt MET.TR.205(a)(3)(ii)(B), għandhom jiġu rrapportati ż-żewġ direzzjonijiet estremi li bejniethom ikun varja r-riħ qrib l-art;
  - (4) meta l-varjazzjonijiet mill-veloċità medja tar-riħ (buffuri) jiġu rrapportati f'konformità mal-punt MET.TR.205(a)(3)(iii), dawn għandhom jiġu rrapportati bħala l-valuri massimi u minimi tal-veloċità tar-riħ miksuba.
- (c) METAR u SPEĊI
- (1) Il-METAR u l-SPEĊI għandhom jinħarġu f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 1.
  - (2) Il-METAR għandu jiġi ppreżentat għat-trażmissjoni mhux iktar tard minn ħames minuti wara l-ħin proprju tal-osservazzjoni.
- (d) L-informazzjoni dwar il-viżibbiltà, il-medda viżwali tar-runway, it-temp attwali u l-ammont ta' sħab, it-tip ta' sħab u l-għoli tal-bażi tas-sħab għandha tiġi sostitwita fir-rapporti meteoroloġiċi kollha bit-terminu "CAVOK" meta l-kundizzjonijiet li ġejjin iseħħu fl-istess ħin bħall-osservazzjoni:
- (1) il-viżibbiltà, 10 km jew iktar, u l-inqas viżibbiltà ma tiġix irrapportata;
  - (2) l-ebda sħaba ta' importanza operazzjonali;
  - (3) l-ebda temp ta' importanza għall-avjazzjoni.
- (e) Il-lista ta' kriterji sabiex jiġi pprovdut ir-rapport speċjali lokali għandha tinkludi:
- (1) dawk il-valuri li jikkorrispondu l-iktar mill-qrib għall-minimi operazzjonali tal-operaturi li jużaw l-ajrudrom;
  - (2) dawk il-valuri li jissodisfaw rekwiżiti lokali oħra tal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS) u tal-operaturi;
  - (3) żieda fit-temperatura tal-arja ta' 2 °C jew iktar minn dik mogħtija fl-aħħar rapport lokali, jew livell limitu alternattiv kif miftiehem bejn il-fornituri tas-servizzi meteoroloġiċi, l-unità xierqa tal-ATS u l-operaturi kkonċernati;
  - (4) l-informazzjoni supplimentari disponibbli rigward l-okkorrenza ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi sinifikanti fiż-żoni ta' avviċinament u tlugħ;
  - (5) meta jiġu applikati proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju u l-varjazzjoni mill-veloċità medja tar-riħ qrib l-art tkun inbidlet b'5 kt jew iktar minn dik fil-ħin tal-aħħar rapport lokali, il-veloċità medja qabel u/jew wara l-bidla li tkun 15-il kt jew iktar;
  - (6) meta l-direzzjoni medja tar-riħ qrib l-art tkun inbidlet b'60° jew iktar minn dik mogħtija fl-aħħar rapport, il-veloċità medja qabel u/jew wara l-bidla li tkun 10 kt jew iktar;
  - (7) meta l-veloċità medja tar-riħ qrib l-art tkun inbidlet b'10 kt jew iktar minn dik mogħtija fl-aħħar rapport lokali;
  - (8) meta l-varjazzjoni mill-veloċità medja tar-riħ qrib l-art (buffuri) tkun inbidlet b'10 kt jew iktar minn dik fil-ħin tal-aħħar rapport lokali, il-veloċità medja qabel u/jew wara l-bidla li tkun 15-il kt jew iktar;

▼ **M4**

- (9) meta jseħħu l-bidu, il-waqfien jew il-bidla fl-intensità ta' kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin:
  - (i) preċipitazzjoni ffriżata;
  - (ii) preċipitazzjoni moderata jew kbira, inkluż preċipitazzjoni qliel; u
  - (iii) maltempata bir-ragħad, bi preċipitazzjoni;
- (10) meta jseħħu l-bidu jew il-waqfien ta' kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin:
  - (i) ċpar tal-friża;
  - (ii) maltempata bir-ragħad, mingħajr preċipitazzjoni;
- (11) meta l-ammont ta' saff tas-sħab inqas minn 1 500 pied (450 m) jinbidel:
  - (i) minn mifruż (SCT) jew inqas għal bix-xquq (BKN) għal mgħajjeb (OVC); jew
  - (ii) minn BKN jew OVC għal SCT jew inqas.
- (f) Meta jkun miftiehem hekk bejn il-fornitur tas-servizzi meteoroloġiċi u l-awtorità kompetenti, ir-rapporti speċjali lokali u SPEĊI, meta applikabbli, għandhom jinħarġu kull meta jseħħu l-bidliet li ġejjin:
  - (1) meta r-riħ jinbidel b'valuri ta' importanza operazzjonali; il-valuri limitu għandhom jiġu stabbiliti mill-fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi f'konsultazzjoni mal-unità tal-ATS xierqa u l-operaturi kkonċernati, filwaqt li jitqiesu l-bidliet fir-riħ li jkunu:
    - (i) jeħtieġu bidla fir-runway(s) li tkun/jkunu qed tintuża/jintużaw;
    - (ii) jindikaw li l-komponenti tar-riħ minn wara u trasversali tar-runway inbidlu permezz tal-valuri li jirrappreżentaw il-limiti operazzjonali ewlenin għal inġenji tal-ajru tipiċi li joperaw fl-ajrudrom;
  - (2) meta l-viżibbiltà tkun qed titjieb u tinbidel għal wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin jew tgħaddi minnu/hom, jew meta l-viżibbiltà tkun qed tonqos u tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin:
    - (i) 800, 1 500 jew 3 000 m;
    - (ii) 5 000 m, f'każijiet li fihom jiġi operat numru sinifikanti ta' titjiriet f'konformità mar-regoli tat-titjir viżwali;
  - (3) meta l-medda viżwali tar-runway tkun qed titjieb u tinbidel għal wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin jew tgħaddi minnu/hom, jew meta l-medda viżwali tar-runway tkun qed tonqos u tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin: 50, 175, 300, 550 jew 800 m;
  - (4) meta jseħħu l-bidu, il-waqfien jew il-bidla fl-intensità ta' kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin:
    - (i) maltempata tat-trab;
    - (ii) maltempata tar-ramel;
    - (iii) sħaba tromba (tromba jew tromba tal-ilma);
  - (5) meta jseħħu l-bidu jew il-waqfien ta' kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin:
    - (i) trab, ramel jew borra jiċċaqilqu fil-baxx;
    - (ii) buffuri ta' trab, ramel jew borra;
    - (iii) tempesta;

**▼M4**

- (6) meta l-għoli tal-bażi tal-iktar saff baxx tas-sħab li jasal sa BKN jew OVC ikun qed jiżdied u jinbidel għal valur wieħed jew iktar minn dawn il-valuri li ġejjin jew jgħaddi minnu/hom, jew meta l-għoli tal-bażi tal-iktar saff baxx tas-sħab li jasal sa BKN jew OVC ikun qed jonqos u jgħaddi minn wieħed jew iktar minn dawn il-valuri li ġejjin:
- (i) 100, 200, 500 jew 1 000 pied;
  - (ii) 1 500 pied, f'każijiet li fihom jiġi operat numru sinifikanti ta' titjiriet f'konformità mar-regoli tat-titjir viżwali;
- (7) meta s-sema jkun oskurat u l-viżibbiltà vertikali tkun qed titjeb u tinbidel għal wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin jew tgħaddi minnu/hom, jew meta l-viżibbiltà vertikali tkun qed tonqos u tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin: 100, 200, 500 jew 1 000 pied;
- (8) kwalunkwe kriterju ieħor ibbażat fuq valuri minimi operazzjonali lokali tal-ajrudrom, kif miftehmin bejn il-fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi u l-operaturi.

**▼B****MET.TR.205 Ir-rapportar ta' elementi meteoroloġiċi**

- (a) Id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art

**▼M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art għandhom jiġu rrapportati fi stadji ta' 10 gradi veri u 1 kt rispettivament.

**▼B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża jrid jitqarreb għall-iktar stadju viċin fl-iskala.

**▼M4**

- (3) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI:
- (i) għandhom jiġu indikati l-unitajiet tal-kejl użati għall-veloċità tar-riħ;
  - (ii) varjazzjonijiet mid-direzzjoni medja tar-riħ matul l-aħħar 10 minuti għandhom jiġu rrapportati kif ġej, jekk il-varjazzjoni totali tkun ta' 60° jew iktar, alternattivament:
    - (A) meta l-varjazzjoni totali tkun ta' 60° jew iktar u inqas minn 180° u l-veloċità tar-riħ tkun ta' 3 kt jew iktar, dawn il-varjazzjonijiet fid-direzzjoni għandhom jiġu rrapportati bħala ż-żewġ direzzjonijiet estremi li bejniethom ikun varja r-riħ qrib l-art;
    - (B) meta l-varjazzjoni totali tkun ta' 60° jew iktar u inqas minn 180° u l-veloċità tar-riħ tkun inqas minn 3 kt, id-direzzjoni tar-riħ għandha tiġi rrapportata bħala varjabbli b'ebda direzzjoni tar-riħ medja;
    - (C) meta l-varjazzjoni totali tkun ta' 180° jew iktar, id-direzzjoni tar-riħ għandha tiġi rrapportata bħala varjabbli b'ebda direzzjoni tar-riħ medja;
  - (iii) varjazzjonijiet mill-veloċità medja tar-riħ (buffuri), matul l-aħħar 10 minuti għandhom jiġu rrapportati meta l-veloċità massima tar-riħ taqbeż il-veloċità medja, alternattivament:
    - (A) b'5 kt jew iktar fir-rapport ta' rutina lokali u fir-rapport speċjali lokali meta jiġu applikati l-proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju;
    - (B) b'10 kt jew iktar inkella;

**▼ M4**

- (iv) meta tiġi rrapportata veloċità tar-riħ ta' inqas minn 1 kt, ir-riħ għandu jiġi indikat bħala kalm;
- (v) meta tiġi rrapportata veloċità tar-riħ ta' 100 kt jew iktar, din għandha tiġi indikata li hija iktar minn 99 kt;
- (vi) meta l-varjazzjonijiet mill-veloċità medja tar-riħ (buffuri) jiġu rrapportati f'konformità mal-punt MET.TR.205(a), għandu jiġi rrapportat il-valur massimu tal-veloċità tar-riħ miksuba;
- (vii) meta l-perjodu ta' 10 minuti jinkludi diskontinwità ċara fid-direzzjoni u/jew il-veloċità tar-riħ, għandhom jiġu rrapportati biss il-varjazzjonijiet mid-direzzjoni medja tar-riħ u l-veloċità medja tar-riħ li jseħħu minn mindu tkun seħħet id-diskontinwità.

**▼ B**

(b) Viżibbiltà

**▼ M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, il-viżibbiltà għandha tiġi rrapportata fi stadji ta' 50 m meta l-viżibbiltà tkun inqas minn 800 m; fi stadji ta' 100 m meta tkun 800 m jew iktar, iżda inqas minn 5 km; fi stadji ta' kilometru meta l-viżibbiltà tkun ta' 5 km jew iktar, iżda inqas minn 10 km; u għandha tingħata bħala 10 km meta l-viżibbiltà tkun ta' 10 km jew iktar, ħlief meta jkun japplikaw il-kundizzjonijiet għall-użu tas-CAVOK.

**▼ B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża għandu jitqarreb għall-eqreb stadju inferjuri fl-iskala.

**▼ M1**

- (3) Fir-rapport lokali ta' rutina u fir-rapport speċjali lokali, il-viżibbiltà tul ir-runway jew ir-runways għandha tiġi rrapportata flimkien mal-unitajiet ta' kejl użati sabiex tiġi indikata l-viżibbiltà.

**▼ B**

(c) Il-medda viżwali tar-runway (RVR)

**▼ M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, l-RVR għandha tiġi:
  - (i) irrapportata matul il-perjodi meta jew il-viżibbiltà jew il-medda viżwali tar-runway tkun inqas minn 1 500 m;
  - (ii) irrapportata fi stadji ta' 25 m meta tkun inqas minn 400 m, fi stadji ta' 50 m meta tkun bejn 400 u 800 m, u fi stadji ta' 100 m meta tkun iktar minn 800 m.

**▼ B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża għandu jitqarreb għall-eqreb stadju inferjuri fl-iskala.

**▼ M4**

- (3) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI:
  - (i) meta l-RVR tkun ogħla mill-valur massimu li jista' jiġi stabbilit mis-sistema użata, din għandha tiġi rrapportata bl-użu tal-abbrevjazzjoni "ABV" fir-rapport ta' rutina lokali u fir-rapport speċjali lokali, u l-abbrevjazzjoni "P" fil-METAR u fl-SPEĊI segwita mill-valur massimu li jista' jiġi stabbilit mis-sistema;

▼ **M4**

- (ii) meta l-RVR tkun inqas mill-valur minimu li jista' jiġi stabbilit mis-sistema użata, din għandha tiġi rrapportata bl-użu tal-abbrevjazzjoni "BLW" fir-rapport ta' rutina lokali u fir-rapport speċjali lokali, u l-abbrevjazzjoni "M" fil-METAR u fl-SPEĊI segwita mill-valur minimu li jista' jiġi stabbilit mis-sistema.

▼ **B**

- (4) ► **M1** Fir-rapport lokali ta' rutina u fir-rapport speċjali lokali: ◀

- (i) għandhom jiġu inklużi l-unitajiet tal-kejl użati;
- (ii) jekk l-RVR tiġi osservata minn post wieħed biss tul ir-runway, bħaż-żona tat-touchdown, għandha tkun inkluża mingħajr ebda indikazzjoni tal-post;
- (iii) jekk l-RVR tiġi osservata minn iktar minn post wieħed tul ir-runway, il-valur li jirrappreżenta ż-żona tat-touchdown għandu jiġi rrapportat l-ewwel, segwit mill-valuri li jirrappreżentaw il-punt tan-nofs u t-tarf tal-waqfien, u għandhom jiġu indikati l-postijiet li għalihom huma rrappreżentati dawn il-valuri;
- (iv) meta jkun hemm iktar minn runway waħda li qiegħda tintuża, għandhom jiġu rrapportati l-valuri tal-RPR disponibbli għal kull runway, u għandhom jiġu indikati r-runways li għalihom jirreferu l-valuri.

- (d) Fenomeni tat-temp attwali

▼ **M1**

- (1) Fir-rapport lokali ta' rutina u fir-rapport speċjali lokali, il-fenomeni tat-temp attwali osservati għandhom jiġu rrapportati f'termini tat-tip u l-karatteristiċi u jiġu kkwalifikati fir-rigward tal-intensità, kif xieraq.

▼ **M4**

- (2) Fil-METAR u fl-SPEĊI, il-fenomeni tat-temp attwali osservati għandhom jiġu rrapportati f'termini tat-tip u l-karatteristiċi u jiġu kkwalifikati fir-rigward tal-intensità jew il-qrubija għall-ajrudrom, kif xieraq.
- (3) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, il-karatteristiċi li għejjin tal-fenomeni tat-temp attwali, kif ikun hemm bżonn, għandhom jiġu rrapportati bl-użu tal-abbrevjazzjonijiet rispettivi u l-kriterji rilevanti tagħhom, kif xieraq:

- (i) Maltempata bir-ragħad (TS)

Użata sabiex tiġi rrapportata maltempata bir-ragħad bi preċipitazzjoni. Meta jinstema' ragħad jew jiġu osservati sajjetti fl-ajrudrom matul il-perjodu ta' 10 minuti qabel il-ħin ta' osservazzjoni iżda ma tiġi osservata ebda preċipitazzjoni fl-ajrudrom, l-abbrevjazzjoni "TS" għandha tintuża mingħajr kwalifika.

- (ii) Iffriżar (FZ)

Qatar tal-ilma jew preċipitazzjoni mkessħin ħafna, użati f'tipi ta' fenomeni tat-temp attwali f'konformità mal-Appendiċi 1.

- (4) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI:

- (i) għandha tintuża abbrevjazzjoni waħda jew iktar, sa massimu ta' tlieta, mill-abbrevjazzjonijiet tat-temp attwali, skont il-bżonn, flimkien ma' indikazzjoni, fejn ikun xieraq, tal-karatteristiċi u l-intensità jew il-qrubija għall-ajrudrom, sabiex tkun tista' tingħata deskrizzjoni sħiħa tat-temp attwali ta' importanza għall-operazzjonijiet ta' titjir;

**▼ M4**

- (ii) l-indikazzjoni tal-intensità jew il-qrubija, kif ikun xieraq, għandha tiġi rrapportata l-ewwel segwita rispettivament mill-karatteristiċi u t-tip ta' fenomeni tat-temp;
- (iii) meta jiġu osservati żewġ tipi differenti ta' temp, dawn għandhom jiġu rrapportati f'żewġ gruppi separati, li fihom l-indikatur tal-intensità jew il-qrubija jirreferi għall-fenomeni tat-temp li jsegwi l-indikatur. Madankollu, tipi differenti ta' preċipitazzjoni li jseħħu fil-ħin tal-osservazzjoni għandhom jiġu rrapportati bħala grupp wieħed bit-tip dominanti ta' preċipitazzjoni rrapportata l-ewwel u preċeduta minn kwalifikatur tal-intensità wieħed biss li jirreferi għall-intensità tal-preċipitazzjoni totali.

**▼ B**

(e) Sħab

**▼ M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, l-għoli tal-bażi tas-sħab għandu jiġi rrapportat fi stadji ta' 100 pied sa 10 000 pied u fi stadji ta' 1 000 pied 'il fuq minn 10 000 pied.

**▼ B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża għandu jitqarreb għall-eqreb stadju inferjuri fl-iskala.

- (3) ► **M1** Fir-rapport lokali ta' rutina u fir-rapport speċjali lokali: ◀

- (i) l-unitajiet ta' kejl użati għall-għoli tal-bażi ta' sħab u l-viżibbiltà vertikali għandhom jiġu indikati;
- (ii) meta jkun hemm iktar minn runway waħda li qiegħda tintuża u l-għoli tal-bażijiet ta' sħab jiġu osservati bi strumenti għal dawn ir-runways, għandu jiġi rrapportat l-għoli tal-bażijiet ta' sħab għal kull runway, u għandhom jiġu indikati r-runways li għalihom jirreferu l-valuri.

(f) It-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida

**▼ M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, it-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida għandhom jiġu rrapportati fi stadji ta' gradi Celcius sħaħ.

**▼ B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża jrid jitqarreb għall-eqreb grad Celcius sħiħ, b'valuri osservati li jinvolvu 0,5° imqarribin għall-grad Celcius superjuri sħiħ li jmiss.

**▼ M4**

- (3) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, għandha tiġi identifikata temperatura ta' inqas minn 0 °C.

**▼ B**

(g) Pressjoni atmosferika

**▼ M4**

- (1) Fir-rapport ta' rutina lokali, fir-rapport speċjali lokali, fil-METAR u fl-SPEĊI, il-QNH u l-QFE għandhom jiġu kkalkolati fi frazzjoni ta' għaxra ta' ettopaskals u jiġu rrapportati hemm fi stadji ta' ettopaskals sħaħ, bl-użu ta' erba' ċifri.

**▼ B**

- (2) Kwalunkwe valur osservat li ma joqgħodx fl-iskala ta' rapportar li tkun qiegħda tintuża jrid jitqarreb għall-eqreb hectopascal inferjuri sħiħ.

**▼B**

(3) ► **M1** Fir-rapport lokali ta' rutina u fir-rapport speċjali lokali: ◀

- (i) Il-QNH għandha tiġi inkluża;
- (ii) Il-QFE għandha tiġi inkluża jekk ikunu jehtigħu l-utenti jew, jekk dan ikun miftiehem lokalment bejn il-fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi, l-unità tal-ATS u l-operaturi kkonċernati, fuq bażi regolari;
- (iii) għandhom jiġu inklużi l-unitajiet tal-kejl użati għall-valuri tal-QNH u l-QFE;
- (iv) jekk il-valuri tal-QFE huma meħtieġa għal iktar minn runway waħda, għandhom jiġu rrapportati l-valuri tal-QFE meħtieġa għal kull runway, u għandha tiġi indikata r-runway(s) li għaliha jirreferu l-valuri.

**▼M4**

(4) Fil-METAR u fl-SPEĊI, għandhom jiġu inklużi biss il-valuri tal-QNH.

**▼B****MET.TR.210 L-osservazzjoni tal-elementi meteoroloġiċi**

L-elementi meteoroloġiċi li ġejjin għandhom jiġu osservati u/jew jitkejlu bi preċiżjoni speċifikata u jitqassmu b'sistema ta' osservazzjoni meteoroloġika awtomatika jew semiawtomatika.

(a) Id-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art

Għandhom jitkejlu d-direzzjoni medja u l-veloċità medja tar-riħ qrib l-art, kif ukoll il-varjazzjonijiet sinifikanti tad-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ (buffuri), u jiġu rrapportati fi gradi veri u knots, rispettivament.

(1) Għażla tas-sit

L-istrument meteoroloġiku użat sabiex jitkejlu d-direzzjoni u l-veloċità tar-riħ qrib l-art għandu jitqiegħed b'tali mod li jipprovdli data li tkun tirrappreżenta l-erja li għaliha huma meħtieġa l-kejl.

**▼M4**

(2) Skrin

L-iskrins tar-riħ qrib l-art relatati ma' kull sensur għandhom ikunu jinstabu fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku. L-iskrins fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku u fl-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu relatati mal-istess sensuri, u meta jkun hemm bżonn ta' sensuri separati, l-iskrins għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar sabiex jiġu identifikati r-runway u s-sezzjoni tar-runway issorveljata minn kull sensur.

**▼B**

(3) Medja

Il-perjodu li fih tittieħed il-medja għall-osservazzjonijiet tar-riħ qrib l-art għandu jkun:

**▼M1**

(i) 2 minuti għal rapport lokali ta' rutina u għal rapport speċjali lokali u għal displejs tar-riħ f'unitajiet tal-ATS;

**▼M4**

(ii) 10 minuti għall-METAR u għall-SPEĊI, ħlief li meta l-perjodu ta' 10 minuti jkun jinkludi diskontinwità ċara fid-direzzjoni u/jew fil-veloċità tar-riħ; għall-kisba tal-valuri medji għandha tintuża biss data li sseħħ wara id-diskontinwità; b'hekk, l-intervall tal-ħin f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jitnaqqas b'mod korrispondenti.

**▼B**

(b) Viżibbiltà

(1) Il-viżibbiltà għandha titkejjel jew tiġi osservata, u tiġi rrapportata f'metri jew kilometri.

**▼B**

## (2) Għażla tas-sit

L-istrument meteoroloġiku użat sabiex titkejjel il-viżibbiltà jrid jitqiegħed b'tali mod li jipprovdi data li tkun tirrappreżenta l-erja li għaliha huma meħtieġa l-kejl.

**▼M4**

## (3) Skrins

Meta jintużaw sistemi bi strumenti għall-kejl tal-viżibbiltà, l-iskrins tal-viżibbiltà relatati ma' kull sensur għandhom ikunu jinstabu fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku. L-iskrins fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku u fl-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu relatati mal-istess sensuri, u meta jkun hemm bżonn ta' sensuri separati, l-iskrins għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar sabiex tiġi identifikata ż-żona ssorveljata minn kull sensur.

**▼B**

## (4) Medja

Il-perjodu tal-medja jrid ikun ta' 10 minuti għall-METAR, ħlief li meta l-perjodu ta' 10 minuti li jiġi eżatt qabel l-osservazzjoni jkun jinkludi diskontinwità ċara fil-viżibbiltà, għandhom jintużaw biss dawk il-valuri li jseħħu wara d-diskontinwità għall-kisba tal-valuri medji.

**▼M4**

## (c) Medda viżwali tar-runway (RVR)

## (1) L-RVR għandha tiġi rrapportata f'metri.

## (2) Għażla tas-sit

L-istrument meteoroloġiku użat sabiex tiġi vvalutata l-RVR għandu jitqiegħed b'tali mod li jipprovdi data li tkun rappreżentattiva taż-żona li għaliha jkun meħtieġa l-osservazzjonijiet.

## (3) Sistemi bi strumenti

Għandhom jintużaw sistemi bi strumenti bbażati fuq trażmissometri jew apparati li jkejlu l-forward-scatter sabiex tiġi vvalutata l-RVR fuq runways maħsubin għal operazzjonijiet ta' llandjar u avviċinament bi strumenti tal-Kategorija II u III, u għal operazzjonijiet ta' avviċinament u llandjar bi strumenti tal-Kategorija I kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti.

## (4) Skrin

Meta l-RVR tiġi stabbilita b'sistemi bi strumenti, jekk ikun hemm bżonn, għandu jkun jinstab skrin wieħed jew iktar fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku. L-iskrins fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku u fl-unitajiet tal-ATS għandhom ikunu relatati mal-istess sensuri, u meta jkun hemm bżonn ta' sensuri separati, l-iskrins għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar sabiex jiġu identifikati r-runway u s-sezzjoni tar-runway issorveljata minn kull sensur.

## (5) Teħid tal-medja

(i) Meta jintużaw sistemi bi strumenti għall-valutazzjoni tal-RVR, l-output tagħhom għandu jiġi aġġornat tal-inqas kull 60 sekonda sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti valuri attwali rappreżentattivi.

(ii) Il-perjodu li fih tittieħed il-medja għall-valuri tal-RVR għandu jkun:

(A) minuta għar-rapport ta' rutina lokali u għar-rapport speċjali lokali u għall-iskrins tal-RVR fl-unitajiet tal-ATS;

(B) 10 minuti għall-METAR u għall-SPEĊI, ħlief li meta l-perjodu ta' 10 minuti li jiġi eżatt qabel l-osservazzjoni jkun jinkludi diskontinwità ċara fil-valuri tal-RVR; imbagħad, għall-kisba tal-valuri medji għandhom jintużaw biss dawk il-valuri li jseħħu wara id-diskontinwità.

**▼B**

## (d) Fenomeni tat-temp attwali

- (1) Bħala minimu, għandhom jiġu rrapportati l-fenomeni tat-temp attwali li ġejjin: xita, rxiex, silġ u preċipitazzjoni ffriżata, inkluża l-intensità tagħhom, ċpar, ċpar iffriżat u maltempati, inklużi maltempati fl-inħawi.

## (2) Għażla tas-sit

L-istrument meteoroloġiku użat sabiex jitkejjel it-temp attwali fl-ajrudrom u fl-inħawi jrid jitqiegħed b'tali mod li jipprovdi data li tkun tirrappreżenta l-erja li għaliha huma meħtieġa l-kejl.

## (e) Sħab

- (1) L-ammont ta' sħab, it-tip ta' sħab u l-għoli tal-bażi ta' sħab għandhom jiġu osservati u rrapportati skont il-bżonn sabiex jiġi deskritt is-sħab ta' importanza operazzjonali. Meta s-sema jkun oskurat, il-viżibbiltà vertikali għandha tiġi osservata u rrapportata, meta titkejjel, minflok l-ammont ta' sħab, it-tip ta' sħab u l-għoli tal-bażi ta' sħab. L-għoli tal-bażi ta' sħab u l-viżibbiltà vertikali għandhom jiġu rrapportati f'piedi.

## (2) Għażla tas-sit

L-istrument meteoroloġiku użat sabiex jitkejlu l-ammont u l-għoli tas-sħab għandu jitqiegħed b'tali mod li jipprovdi data li tkun tirrappreżenta l-erja li għaliha huma meħtieġa l-kejl.

**▼M4**

## (3) Skrin

Meta jintuża tagħmir awtomatizzat għall-kejl tal-għoli tal-bażi tas-sħab, tal-inqas skrin wieħed għandu jkun jinstab fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku. L-iskrins fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku u fl-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu relatati mal-istess sensuri, u meta jkun hemm bżonn ta' sensuri separati, l-iskrins għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar sabiex tiġi identifikata ż-żona ssorveljata minn kull sensur.

**▼B**

## (4) Livell ta' referenza

- (i) L-għoli tal-bażi ta' sħab għandu jiġi rrapportat flivell ogħla mill-elevazzjoni tal-ajrudrom.
- (ii) Meta runway ta' avviċinament ta' preċiżjoni li tkun qiegħda tintuża jkollha elevazzjoni limitu ta' 50 ft (15-il m) jew iktar inqas mill-elevazzjoni tal-ajrudrom, għandu jkun hemm arranġamenti lokali sabiex l-għoli tal-bażijiet ta' sħab irrapportat lill-inġenji tal-ajru li jaslu jirreferi għall-elevazzjoni limitu.
- (iii) Fil-każ ta' rapporti minn strutturi lil hinn mill-kosta, l-għoli tal-bażi ta' sħab għandu jingħata 'l fuq mil-livell medju tal-baħar.

## (f) It-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida

- (1) It-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida għandhom jitkejlu, jintwerew u jiġu rrapportati fi gradi Celcius.

**▼M4**

- (2) Meta jintuża tagħmir awtomatizzat għall-kejl tat-temperatura tal-arja u t-temperatura tal-punt tan-nida, l-iskrins għandhom ikunu jinstabu fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku. L-iskrins fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku u fl-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu relatati mal-istess sensuri.

**▼B**

## (g) Pressjoni atmosferika

- (1) Il-pressjoni atmosferika għandha titkejjel, u l-valuri tal-QNH u l-QFE għandhom jiġu kkalkolati u rrapportati f'hectopascals.

**▼B**

(2) Skrin

**▼M4**

- (i) Meta jintuża tagħmir awtomatizzat għall-kejl tal-pessjoni atmosferika, l-iskrins tal-QNH u, jekk ikun hemm bżonn f'konformità mal-punt MET.TR.205(g)(3)(ii), tal-QFE marbutin mal-barometru għandhom ikunu jinstabu fl-istazzjon meteoroloġiku ajrunawtiku bl-iskrins korrispondenti fl-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa.

**▼B**

- (ii) Meta l-valuri tal-QFE jintwerew għal iktar minn runway waħda, l-iskrins għandhom ikunu mmarkati ċari sabiex tiġi identifikata r-runway li għaliha jirreferi l-valur tal-QFE muri.

(3) Livell ta' referenza

Għandu jintuża livell ta' referenza għall-komputazzjoni tal-QFE.

***Kapitolu 2 — Rekwiżiti tekniċi għal uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi***

**▼M4**

**MET.TR.215 Tbassiriet u informazzjoni oħra**

**▼B**

- (a) L-informazzjoni meteoroloġika għall-operaturi u l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira għandha:

(1) tkun tkopri t-titjira fir-rigward tal-ħin, l-altitudni u l-firxa ġeografika;

(2) tkun marbuta ma' ħinijiet fissi xierqa jew perjodi ta' żmien;

(3) testendi għall-ajrudrom ta' nżul ippjanat, u tkopri wkoll il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennijin bejn l-ajrudrom tal-inżul ippjanat u l-ajrudromi alternattivi mfasslin mill-operatur;

(4) tkun aġġornata.

- (b) L-informazzjoni meteoroloġika pprovduta liċ-ċentri ta' koordinazzjoni ta' salvataġġ għandha tinkludi l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li kienu jeżistu fl-aħħar pożizzjoni magħrufa ta' inġenji tal-ajru niqsin u tul ir-rotta pplanata ta' dak l-inġenju tal-ajru b'referenza partikolari għall-elementi li mhumieq qegħdin jiġu distribwiti fir-rutina.

- (c) L-informazzjoni meteoroloġika pprovduta lill-unitajiet tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għandha tinkludi:

(1) informazzjoni dwar is-servizz meteoroloġiku pplanata sabiex tiddaħħal fil-pubblikazzjoni(jiet) tal-informazzjoni ajrunawtika kkonċernati;

(2) informazzjoni neċessarja għat-tħejija ta' NOTAM jew ASHTAM;

(3) informazzjoni neċessarja għat-tħejija ta' ċirkulari ta' informazzjoni ajrunawtika.

- (d) L-informazzjoni meteoroloġika inkluża fid-dokumentazzjoni dwar it-titjir għandha tkun rappreżentata kif ġej:

(1) l-irjieħ fuq iċ-ċarts għandhom jintwerew bi vleġeġ b'rix u pinnuri oskurati fuq grilja densa biżżejjed;

(2) it-temperaturi għandhom jintwerew b'ċifri fuq grilja densa biżżejjed;

**▼B**

- (3) id-data dwar ir-riħ u t-temperatura magħżulin mis-settijiet ta' data riċevuti minn ċentru ta' tbassir tal-erjas madwar id-dinja għandha tintwera fi grilja b'latitudni/lonġitudni densa biżżejjed;
  - (4) il-vleġeġ tar-riħ għandhom jieħdu preċedenza fuq it-temperaturi u l-isfond taċ-ċart;
  - (5) indikazzjonijiet tal-għoli li jirreferu għal kundizzjonijiet meteoroloġiċi fir-rotta għandhom jiġu espressi kif stabbilit li huwa xieraq għas-sitwazzjoni, pereżempju fil-livelli, fil-perssoni, fl-altitudni jew fl-għoli 'l fuq mil-livell tal-art tat-titjira, filwaqt li r-referenzi kollha li jirreferu għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi tal-ajrudrom għandhom ikunu espressi f'għoli fuq l-elevazzjoni tal-ajrudrom.
- (e) Id-dokumentazzjoni dwar it-titjira għandha tinkludi:
- (1) tbassiriet ta' temperaturi ta' riħ 'il fuq u ajru ta' fuq;
  - (2) Fenomeni ta' SIGWX;
  - (3) METAR jew, meta jinħareġ, SPEĊI għall-ajrudromi tat-tluq u tal-inżul ippjanat, u għall-ajrudromi tat-tluq, tar-rotta u dawk alternattivi ta' destinazzjoni;
  - (4) TAF jew TAF emendati għall-ajrudromi tat-tluq u tal-inżul ippjanat, u għall-ajrudromi tat-tluq, tar-rotta u dawk alternattivi ta' destinazzjoni;

**▼M1**

- (5) SIGMET u, meta jinħarġu, AIRMET u ajrurapporti speċjali rilevanti għar-rotta sħiħa;

**▼M4**

- (6) informazzjoni ta' notiffika aġġornata dwar irmied vulkaniku, ċikluni tropikali u temp spazjali rilevanti għar-rotta sħiħa.

**▼B**

Madankollu, meta tkun maqbula bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u l-operaturi kkonċernati, id-dokumentazzjoni dwar it-titjir għal titjiriet li jdumu sagħtejn jew inqas, wara waqfa qasira jew dawra lura, tista' tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni, iżda d-dokumentazzjoni dwar it-titjira dejjem għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni meteoroloġika elenkata fil-punti (3), (4), (5) u (6).

- (f) Iċ-ċarts iġġenerati minn tbassiriet diġitali għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, kif jeħtieġu l-operaturi, għal żoni fissi ta' kopertura kif murija fl-Appendiċi 2.

**▼M1**

- (g) Meta t-tbassiriet ta' temperaturi ta' riħ 'il fuq u ajru ta' fuq elenkati taħt il-punt MET.OR.275(a)(1) jiġu pprovduti bħala ċart, għandhom ikunu ċarts pronjożiċi bil-ħin fiss għal livelli ta' titjiriet kif speċifikati fil-punt MET.TR.275(b)(3). Meta t-tbassiriet ta' fenomeni SIGWX elenkati taħt il-punt MET.OR.275(a)(2) jiġu pprovduti bħala ċart, għandhom ikunu ċarts pronjożiċi bil-ħin fiss għal saff atmosferiku limitat minn livelli ta' titjiriet kif speċifikati fil-punti MET.TR.275(c) u MET.TR.275(d).

**▼B**

- (h) It-tbassiriet ta' temperaturi ta' riħ 'il fuq u ajru ta' fuq u ta' fenomeni SIGWX fl-livell ogħla mil-livell 100 ta' titjir għandhom ikunu pprovduti malli jkunu disponibbli, u qatt iktar tard minn 3 sigħat qabel it-tluq.

**▼B**

- (i) L-informazzjoni klimatoloġika ajrunawtika għandha titħejja fil-forma ta' tabelli klimatoloġiċi tal-ajrudrom u sommarji klimatoloġiċi tal-ajrudrom.

**MET.TR.220 Tbassiriet tal-ajrudromi**

- (a) It-tbassiriet tal-ajrudromi u l-emendi fihom għandhom jinħarġu bħala TAF u għandhom jinkludu, fl-ordni indikat:

- (1) l-identifikazzjoni tat-tip ta' tbassir;
- (2) indikatur tal-post;
- (3) il-ħin tal-ħruġ ta' tbassir;
- (4) l-identifikazzjoni ta' tbassir nieqes, meta applikabbli;
- (5) id-data u l-perjodu ta' validità tat-tbassir;
- (6) l-identifikazzjoni ta' tbassir imħassar, meta applikabbli;
- (7) ir-riħ qrib l-art;
- (8) il-viżibbiltà;
- (9) it-temp;
- (10) is-shab;
- (11) il-bidliet sinifikanti mistennijin f'wieħed jew iktar minn dawn l-elementi matul il-perjodu ta' validità.

**▼M4**

- (b) It-TAF għandu jinhareġ f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 3.
- (c) Il-perjodu ta' validità ta' TAF ta' rutina għandu jkun ta' disa' sigħat jew ta' 24 siegħa jew ta' 30 siegħa, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mill-awtorità kompetenti filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tat-traffiku għall-ajrudromi li joperaw għal inqas minn disa' sigħat.
- (d) It-TAF għandu jiġi ppreżentat għat-trażmissjoni mhux qabel siegħa mill-bidu tal-perjodu ta' validità tiegħu.

**▼B**

- (e) L-elementi meteoroloġiċi inklużi fit-TAF għandhom ikunu:
- (1) Ir-riħ qrib l-art
    - (i) Fit-tbassir tar-riħ qrib l-art, għandha tingħata d-direzzjoni prevalenti mistennija.
    - (ii) Meta ma jkunx possibbli li titbassar id-direzzjoni prevalenti tar-riħ qrib l-art minħabba li tkun mistennija tvarja, id-direzzjoni tar-riħ imbassra għandha tkun indikata bħala varjabbli bl-użu ta' "VRB".

**▼M4**

- (iii) Meta r-riħ jitbassar li se jkun inqas minn 1 kt, il-veloċità mbassra tar-riħ għandha tiġi indikata bħala kalma.
- (iv) Meta l-veloċità massima mbassra taqbeż il-veloċità medja mbassra tar-riħ b'10 kt jew iktar, għandha tiġi indikata l-veloċità massima mbassra tar-riħ.
- (v) Meta titbassar veloċità tar-riħ ta' 100 kt jew iktar, din għandha tiġi indikata li hija iktar minn 99 kt.

**▼B**

## (2) Viżibbiltà

- (i) Meta jitbassar li l-viżibbiltà sejra tkun inqas minn 800 m, għandha tiġi espressa fi stadji ta' 50 m; meta titbassar li sejra tkun 800 m jew iktar, iżda inqas minn 5 km, fi stadji ta' 100 m; meta titbassar li sejra tkun 5 km jew iktar, iżda inqas minn 10 km, fi stadji ta' kilometru; u meta titbassar li sejra tkun 10 km jew iktar, għandha tiġi espressa bħala 10 km, ħlief meta jitbassar li jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet ta' CAVOK. Il-viżibbiltà prevalenti għandha titbassar.
- (ii) Meta l-viżibbiltà titbassar bħala waħda li tvarja f'direzzjonijiet differenti u ma tkunx tista' titbassar il-viżibbiltà prevalenti, għandha tingħata l-inqas viżibbiltà mbassra.

## (3) Fenomeni tat-temp

- (i) Fenomeni tat-temp wieħed jew iktar, sa massimu ta' tlieta, minn dawn li ġejjin jew taħlitiet tagħhom, flimkien mal-karatteristiċi tagħhom u, fejn xieraq, l-intensità, għandhom jitbassru jekk ikunu mistennijin li jsejnhu fl-ajrudrom:

- (A) preċipitazzjoni ffriżata;
- (B) ċpar iffriżat;
- (C) preċipitazzjoni moderata jew qalila (inklużi rxiex ta' din);
- (D) trab, ramel jew borra fil-baxx;
- (E) buffuri ta' trab, ramel jew borra;
- (F) maltempata tat-trab;
- (G) maltempata tar-ramel;
- (H) maltempati (bi preċipitazzjoni jew mingħajr);
- (I) tempesta;
- (J) sħaba tromba (tromba jew tromba tal-ilma);
- (K) fenomeni tat-temp oħrajn, kif maqbulin mill-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom mal-unitajiet u l-operaturi tal-ATS ikkonċernati.
- (ii) It-tmiem mistenni tal-okkorrenza ta' dawk il-fenomeni jrid jiġi indikat bl-abbrevjazzjoni "NSW".

## (4) Sħab

- (i) L-ammont ta' sħab għandu jitbassar bl-użu tal-abbrevjazzjonijiet "FEW", "SCT", "BKN" jew "OVC" skont il-bżonn. Meta jkun mistenni li s-sema sejjer jibqa' jew isir oskurat u ma jkunx jista' jitbassar is-sħab u jkun hemm informazzjoni dwar il-viżibbiltà vertikali fl-ajrudrom, il-viżibbiltà vertikali għandha titbassar fil-forma "VV" segwita mill-valur imbassar tal-viżibbiltà vertikali.
- (ii) Meta jitbassru diversi saffi jew masen ta' sħab, l-ammont u l-ġholi tal-bażi tagħhom għandhom ikunu inklużi fl-ordni li ġejja:
  - (A) l-iktar saff jew massa baxxi, ikun xi jkun l-ammont, li jitbassru bħala FEW, SCT, BKN jew OVC kif xieraq;
  - (B) is-saff jew il-massa li jmiss li jgħattu iktar minn 2/8, li jitbassru bħala SCT, BKN jew OVC kif xieraq;

**▼B**

(C) l-ogħla saff jew massa li jmiss li jgħattu iktar minn 4/8, li jitbassru bħala BKN jew OVC kif xieraq;

(D) sħab kumulonimbu u/jew sħab kumulu, kull meta jitbassar u ma jkunx diġà inkluż taħt punti (A) sa (C).

(iii) L-informazzjoni dwar is-sħab għandha tkun limitata għal sħab ta' importanza operazzjonali; meta ma tkun imbassra ebda sħaba ta' importanza sinifikanti u "CAVOK" ma tkunx adattata, għandha tintuża l-abbrevjazzjoni "NSC".

(f) L-użu ta' gruppi ta' bidliet

(1) Il-kriterji użati għall-inklużjoni ta' gruppi ta' bidliet fit-TAF jew għall-emendar tat-TAF għandhom ikunu bbażati fuq kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin, jew taħlita tagħhom, li jkunu mbassrin li se jrid jibdwew jew jintemmu jew jinbidlu fl-intensità tagħhom:

(i) ċpar iffriżat;

(ii) preċipitazzjoni ffriżata;

(iii) preċipitazzjoni moderata jew qalila (inklużi rxiex ta' din);

(iv) maltempata;

(v) maltempata tat-trab;

(vi) maltempata tar-ramel.

(2) Meta jkun hemm bżonn li tiġi indikata bidla fi kwalunkwe wieħed mill-elementi pprovduti fil-punt (a), għandhom jintużaw l-indikaturi tal-bidla "BECMG" jew "TEMPO" segwiti mill-perjodu ta' żmien li matulu mistennija li sseħħ il-bidla. Il-perjodu ta' żmien għandu jiġi indikat bħala l-bidu u t-tmiem tal-perjodu f'UTC ta' sigħat sħaħ. Huma biss dawk l-elementi li fihom tkun mistennija bidla sinifikanti li għandhom jiġu inklużi wara indikatur ta' bidla. Madankollu, fil-każ ta' bidliet sinifikanti fir-rigward tas-sħab, għandhom jiġu inklużi l-gruppi kollha ta' sħab, inklużi saffi jew masen mhux mistennija li jinbidlu.

(3) L-indikatur ta' bidla "BECMG" u l-grupp ta' żmien assoċjat għandhom jintużaw sabiex jiddeskrivu bidliet meta l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi jkunu mistennijin li jilhqqu jew jgħaddu minn valuri limitu speċifikati b'rata regolari jew irregolari u f'ħin mhux speċifikat matul il-perjodu ta' żmien. Il-perjodu ta' żmien ma jistax jaqbeż l-4 sigħat.

(4) L-indikatur ta' bidla "TEMPO" u l-grupp ta' ħin assoċjat għandhom jintużaw sabiex jiddeskrivu flutwazzjonijiet temporanji spissi jew mhux spissi mistennijin fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jilhqqu jew jaqbzū valuri limitu speċifikati u jdumu għal perjodu ta' inqas minn siegħa (1) f'kull każ u, fl-aggregat, ikopru inqas minn nofs il-perjodu ta' tbassir li matulu jkunu mistennijin li se jrid iseħħu l-flutwazzjonijiet. Jekk ikun mistenni li flutwazzjoni temporanja sejra ddum siegħa (1) jew iktar, il-grupp ta' bidla "BECMG" għandu jintuża skont il-punt (3) jew il-perjodu ta' validità jrid jiġi soddiviż skont il-punt (5).

(5) Meta sett wieħed ta' kundizzjonijiet tat-temp prevalenti jkun mistenni li jinbidel b'mod sinifikanti u ftit jew wisq kompletament f'sett differenti ta' kundizzjonijiet, il-perjodu ta' validità jrid jiġi suddiviż f'perjodi awtonomi bl-użu tal-abbrevjazzjoni "FM" segwita minnufih minn grupp ta' ħin b'sitt ċifri f'jiem, sigħat u minuti UTC li jindikaw il-ħin li fih hija mistennija sseħħ il-bidla. Il-perjodu suddiviż wara l-abbrevjazzjoni "FM" għandu jkun awtonomu u l-kundizzjonijiet kollha mbassrin mogħtijin qabel l-abbrevjazzjoni għandhom jitqiesu inferjuri għal dawk li jiġu wara l-abbrevjazzjoni.

**▼B**

- (g) Il-probabbiltà li jseħħ valur alternattiv ta' element jew elementi ta' tbassir għandha tiġi inkluża meta:

**▼M1**

- (1) tkun teżisti probabbiltà ta' 30 % jew ta' 40 % ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi alternattivi matul perjodu ta' żmien tat-tbassir speċifiku; jew
- (2) tkun teżisti probabbiltà ta' 30 % jew ta' 40 % ta' flutwazzjonijiet temporarji fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi matul perjodu ta' żmien tat-tbassir speċifiku.

**▼B**

Dan għandu jkun indikat fit-TAF bl-użu tal-abbrevjazzjoni “PROB” segwita mill-probabbiltà f'għaxriet fil-mija u, fil-każ imsemmi fil-punt (1), il-perjodu ta' żmien li matulu l-valuri jkunu mistennjin japplikaw, jew fil-każ imsemmi fil-punt (2), bl-użu tal-abbrevjazzjoni “PROB” segwita mill-probabbiltà f'għaxriet fil-mija, l-indikatur ta' bidla “TEMPO” u l-grupp ta' ħin assoċjat.

**MET.TR.225 Tbassiriet għall-inżul**

- (a) It-tbassiriet TREND għandhom jinħarġu skont l-Appendiċi 1.
- (b) L-unitajiet u l-iskali użati fit-tbassir TREND għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati fir-rapport li jkun meħmuż miegħu.
- (c) It-tbassir TREND għandu jindika bidliet sinifikanti fir-rigward ta' wieħed jew iktar minn dawn l-elementi: ir-riħ qrib l-art, il-viżibbiltà, il-fenomeni tat-temp u s-sħab. Huma biss dawk l-elementi li tkun mistennija bidla sinifikanti fihom li għandhom jiġu inklużi. Madankollu, fil-każ ta' bidliet sinifikanti fir-rigward tas-sħab, għandhom jiġu inklużi l-gruppi kollha ta' sħab, inklużi saffi jew masen mhux mistennjin li jinbidlu. Fil-każ ta' bidla sinifikanti fil-viżibbiltà, il-fenomeni li jikkawgħu t-naqqis ta' viżibbiltà jrid ikun indikat ukoll. Meta ma tkun mistennija li sseħħ ebda bidla, dan għandu jiġi indikat bit-terminu “NOSIG”.

- (1) Ir-riħ qrib l-art

It-tbassir TREND għandu jindika bidliet fir-riħ qrib l-art li jinvolvu:

**▼M4**

- (i) bidla fid-direzzjoni medja tar-riħ qrib l-art ta' 60° jew iktar, il-veloċità medja qabel u/jew wara l-bidla tkun 10 kt jew iktar;
- (ii) bidla fil-veloċità medja tar-riħ ta' 10 kt jew iktar;

**▼B**

- (iii) bidliet fir-riħ permezz ta' valuri ta' importanza operazzjonali.

- (2) Viżibbiltà

**▼M4**

- (i) Meta l-viżibbiltà tkun mistennija titjeb u tinbidel għal wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin jew tgħaddi minnu/hom, jew meta jkun mistenni li l-viżibbiltà se tmur għall-agħar u tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin: 150, 350, 600, 800, 1 500 jew 3 000 m, it-tbassir TREND għandu jindika l-bidla.

**▼B**

- (ii) Meta jsir numru sinifikanti ta' titjiriet skont ir-regoli tat-titjir viżwali, it-tbassir għandu jindika wkoll il-bidliet għal jew li jgħaddu minn 5 000 m.

**▼M4**

- (iii) Fit-tbassiriet TREND meħmużin mal-METAR u mal-SPEĊI, il-viżibbiltà għandha tirreferi għall-viżibbiltà prevalenti tat-tbassir.

**▼B****(3) Fenomeni tat-temp**

- (i) It-tbassir TREND għandu jindika meta jkun mistenni li sejjer jibda, jieqaf jew jinbidel fl-intensità kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin jew taħlita minn dawn:

- (A) preċipitazzjoni ffriżata;
- (B) preċipitazzjoni moderata jew qawwija, inklużi rxiex tagħha;
- (C) maltempata bir-ragħad, bi preċipitazzjoni;
- (D) maltempata tat-trab;
- (E) maltempata tar-ramel;
- (F) fenomeni tat-temp oħrajn kif maqbulin mill-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom mal-unitajiet u l-operaturi tal-ATS ikkonċernati.

- (ii) It-tbassir TREND għandu jindika meta jkun mistenni li sejjer jibda jew jieqaf kwalunkwe wieħed mill-fenomeni tat-temp li ġejjin jew taħlita minn dawn:

- (A) ċpar iffriżat;
- (B) trab, ramel jew borra fil-baxx;
- (C) buffuri ta' trab, ramel jew borra;
- (D) maltempata bir-ragħad (bla preċipitazzjoni);
- (E) tempesta;
- (F) sħaba tromba (tromba jew tromba tal-ilma).

- (iii) In-numru totali ta' fenomeni rrapportati fil-punti (i) u (ii) ma jistax jaqbeż it-tlieta.

- (iv) It-tmien mistenni tal-okkorrenza tal-fenomeni tat-temp għandu jiġi indikat bl-abbrevjazzjoni “NSW”.

**(4) Sħab**

- (i) Meta l-għoli tal-bażi ta' saff ta' sħab ta' firxa ta' BKN jew OVC ikun mistenni li jiżdied u jinbidel għal jew jgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin, jew meta l-għoli ta' bażi ta' saff ta' sħab ta' firxa ta' BKN jew OVC ikun mistenni li jonqos u jgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin: 100, 200, 500, 1 000 u 1 500 ft (30, 60, 150, 300 u 450 m), it-tbassir TREND għandu jindika l-bidla.

- (ii) Meta l-għoli ta' bażi ta' saff ta' sħab ikun inqas jew ikun mistenni li sejjer jonqos taħt jew jitla' fuq l-1 500 ft (450 m), it-tbassir TREND għandu jindika wkoll il-bidliet fl-ammont ta' sħab mill-FEW, jew l-SCT li jiżdiedu għal BKN jew OVC, jew bidliet minn BKN jew OVC li jonqsu għal FEW jew SCT.

- (iii) Meta ma tkun imbassa ebda sħaba ta' importanza sinifikanti u “CAVOK” ma tkunx adattata, għandha tintuża l-abbrevjazzjoni “NSC”.

**(5) Viżibbiltà vertikali**

Meta jkun mistenni li s-sema sejjer jibqa' jew isir oskurat u jkun hemm osservazzjonijiet tal-viżibbiltà vertikali disponibbli fl-ajrudrom, u jkun imbassar li l-viżibbiltà vertikali sejra titjeb jew tinbidel għal jew tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin, jew meta jkun imbassar li l-viżibbiltà sejra tmur għall-agħar u tgħaddi minn wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin: 100, 200, 500 jew 1 000 ft (30, 60, 150 jew 300 m), it-tbassir TREND għandu jindika l-bidla.

**▼B**

## (6) Kriterji addizzjonali

L-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u l-utenti jistgħu jiftiehm fuq kriterji addizzjonali li se jrid jintużaw, fuq il-bażi ta' valuri minimi operazzjonali tal-ajrudrom lokali.

## (7) L-użu ta' gruppi ta' bidliet

(i) Meta tkun mistennija sseħħ bidla, it-tbassir TREND għandu jibda b'wieħed mill-indikaturi ta' bidla “BECMG” jew “TEMPO”.

(ii) L-indikatur ta' bidla “BECMG” għandu jintuża sabiex jiddeskrivi bidliet fit-tbassir meta l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi jkunu mistennijin li jilhq u jew jgħaddu minn valuri speċifikati b'rata regolari jew irregolari. Il-perjodu li matulu, jew fil-ħin li fih, ikun previst li se jrid sseħħ il-bidla jrid jiġi indikat bl-użu tal-abbrevjazzjonijiet “FM”, “TL” jew “AL”, kif xieraq, kull waħda segwita minn grupp ta' ħin f'sigħat u minuti.

(iii) L-indikatur ta' bidla “TEMPO” jrid jintuża sabiex jiddeskrivi flutwazzjonijiet temporanji tat-tbassir mistennijin fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li jilhq u jew jaqbżu valuri speċifikati u jidmu għal perjodu ta' inqas minn siegħa (1) f'kull każ u, fl-aggregat, ikopru inqas minn nofs il-perjodu li matulu jkunu mistennijin li se jrid iseħħu l-flutwazzjonijiet. Il-perjodu li matulu jkun imbassar li se jrid iseħħu l-flutwazzjonijiet temporanji jrid jiġi indikat bl-użu tal-abbrevjazzjonijiet “FM” u/jew “TL”, skont il-każ, kull waħda segwita minn grupp ta' ħin f'sigħat u minuti.

## (8) L-użu tal-indikatur tal-probabilità

L-indikatur “PROB” ma jistax jintuża fi tbassiriet TREND.

**MET.TR.230 Tbassiriet għat-tluġh**

(a) Tbassir għat-tluġh għandha tirreferi għal perjodu speċifikat ta' żmien u jrid ikun fih informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet mistennijin fuq il-kumpless tar-runways fir-rigward tad-direzzjoni tar-riħ qrib l-art u l-veloċità tar-riħ u kwalunkwe varjazzjoni fih, it-temperatura, il-pessjoni u kwalunkwe element ieħor miftiehem lokalment bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom u l-operaturi.

(b) L-ordni tal-elementi u t-terminoloġija, l-unitajiet u l-iskali użati fit-tbassiriet għat-tluġh għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati fir-rapporti għall-istess ajrudrom.

**MET.TR.235 Twissijiet tal-ajrudrom u twissijiet u avviżi dwar il-gradjent tar-riħ**

(a) It-twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ għandhom jinħarġu skont il-mudell fl-Appendiċi 4.

(b) In-numru sekwenzjali msemmi fil-mudell fl-Appendiċi 4 għandu jikkorrispondi għan-numru ta' twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ maħruġin għall-ajrudrom minn 00.01 UTC tal-ġurnata kkonċernata.

**▼M4**

(c) It-twissijiet dwar il-gradjent tar-riħ għandhom jagħtu informazzjoni konċiża u aġġornata marbuta mal-eżistenza osservata ta' gradient tar-riħ li jinvolvi bidla fir-riħ minn quddiem/wara ta' 15-il kt jew iktar li jista' jaffettwa b'mod ħażin lill-inġenju tal-ajru matul il-passaġġ tal-avviċinament finali jew il-passaġġ tat-tluġh inizjali u l-inġenji tal-ajru fuq ir-runway matul it-tidwir għall-illandjar jew il-ġirja tat-tluġh.

**▼ B**

- (d) Jekk dan ikun prattikabbli, it-twissija dwar il-gradjent tar-riġ għandha tkun marbuta ma' sezzjonijiet speċifiċi tar-runway u d-distanzi tul il-passaġġ tal-avviċinament jew il-passaġġ tat-tluġh kif miftiehem bejn l-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom, l-unitajiet u l-operaturi xierqa kkonċernati tal-ATS.

***Kapitolu 3 — Rekwiżiti tekniċi għal uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika*****▼ M1****MET.TR.250 SIGMET****▼ M4**

- (a) Is-SIGMET għandu jinhareġ f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 5.

**▼ M1**

- (b) SIGMET għandhom ikunu jikkonsistu fi tliet tipi:
- (1) SIGMET għal fenomeni tat-temp fir-rotta għajr irmied volkaniku jew ċikluni tropikali;
  - (2) SIGMET għal irmied volkaniku;
  - (3) SIGMET għal ċikluni tropikali.
- (c) In-numru sekwenzjali ta' SIGMET għandu jkun jikkonsisti fi tliet karattri li jinkludu ittra waħda u żewġ numri.

**▼ M4**

- (d) F'SIGMET għandu jkun hemm inkluż fenomen u wiehied biss minn daww elenkati fl-Appendiċi 5, filwaqt li jintużaw l-abbrevjazzjonijiet xierqa u l-valuri limitu li ġejjin tal-veloċità tar-riġ qrib l-art ta' 34 kt jew iktar għal ċikluni tropikali.

**▼ M1**

- (e) SIGMET rigward maltempati jew ċiklun tropikali ma jistax ikun jinkludi referenzi għal turbulenza u silġ assoċjati.

**▼ M4****▼ M1****MET.TR.255 AIRMET****▼ M4**

- (a) AIRMET għandu jinħareġ f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 5.

**▼ M1**

- (b) In-numru sekwenzjali msemmi fil-mudell fl-Appendiċi 5 għandu jikkorrispondi għan-numru ta' AIRMET maħruġin għar-reġjun ta' informazzjoni dwar titjir minn 00.01 UTC tal-ġurnata kkonċernata.

**▼ M4**

- (c) F'AIRMET għandu jkun hemm inkluż fenomen u wiehied biss minn daww elenkati fl-Appendiċi 5, filwaqt li jintużaw l-abbrevjazzjonijiet xierqa u l-valuri limitu li ġejjin, meta l-fenomen u jkun f'livell ta' titjir ta' inqas minn 100, jew f'livell ta' titjir inqas minn 150 f'żoni muntanjużi, jew oġhla, fejn ikun hemm bżonn:
- (1) veloċità tar-riġ qrib l-art mifruż oġhla minn 30 kt bid-direzzjoni u bl-unitajiet rilevanti;
  - (2) żoni mifrużin affettwati minn tnaqqis tal-viżibbiltà għal inqas minn 5 000 m, inkluż il-fenomen u tat-temp li jikkaġuna t-tnaqqis tal-viżibbiltà;
  - (3) żoni vasti ta' sħab mifruż jew b'temp mgħajjed bis-sħab b'għoli tal-bażi ta' inqas minn 1 000 pied mil-livell tal-art.

**▼ M1**

- (d) AIRMET rigward maltempati jew sħab kumulonimbu m'għandhomx jinkludu referenzi għal turbulenza u silġ assoċjati.

**▼ M4****▼ B****MET.TR.260 Tbassiriet tal-erja għal titjiriet f'livell baxx**

- (a) Meta tintuża l-forma ta' ċart għal tbassiriet tal-erja għal titjiriet f'livell baxx, it-tbassir tat-temperatura ta' riħ 'il fuq u ajru ta' fuq għandu jinħareġ għal punti separati minn mhux iktar minn 300 NM u, tal-inqas, għall-altitudnijiet li ġejjin: 2 000, 5 000 u 10 000 ft (600, 1 500 u 3 000 m) u 15 000 ft (4 500 m) f'żoni muntanjużi. Il-ħruġ ta' tbassiriet ta' temperatura ta' riħ 'il fuq u ajru ta' fuq f'altitudni ta' 2 000 ft (600m) jista' jkun soġġett għal kunsiderazzjonijiet orgografiċi lokali kif tistabbilixxi l-awtorità kompetenti.
- (b) Meta tintuża l-forma ta' ċart għal tbassiriet tal-erja għal titjiriet f'livell baxx, it-tbassir ta' fenomeni SIGWX għandu jinħareġ bħala tbassir SIGWX ta' livell baxx għal titjiriet f'livell sa 100, jew titjiriet sa livell 150 f'żoni muntanjużi, jew ogħla, fejn ikun hemm bżonn. Tbassiriet SIGWX ta' livell baxx għandhom jinkludu:

**▼ M4**

- (1) il-fenomeni li ġejjin li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' SIGMET: silġ sever, turbolenza severa, sħab kumulonimbu u maltempati bir-ragħad li jkunu oskurati, frekwenti, inkorporati jew li jseħħu f'linja ta' tempesta ("squall line"), maltempati tar-ramel/maltempati tat-trab u żbroffi ta' vulkani jew ir-rilaxx ta' materjali radjuattivi fl-atmosfera, u li jkunu mistennija li jaffettwaw titjiriet f'livell baxx;

**▼ B**

- (2) l-elementi li ġejjin fit-tbassiriet tal-erja għal titjiriet ta' livell baxx: riħ qrib l-art, viżibbiltà tas-superfiċje, fenomeni sinifikanti tat-temp, oskurazzjoni tal-muntanji, sħab, iiformar ta' silġ, turbulenza, mewġ tal-muntanji u għoli ta' iżoterm ta' żero gradi.

**▼ M4**

- (c) Meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li d-densità tat-traffiku li jopera taħt il-livell 100 ta' titjir, jew sal-livell 150 ta' titjir f'żoni muntanjużi, jew ogħla, fejn ikun hemm bżonn, tiġġustifika l-ħruġ ta' AIRMET flimkien ma' tbassiriet taż-żona għal titjiriet f'livell baxx, it-tbassiriet taż-żona għandhom jinħarġu sabiex ikopru s-saff ta' bejn l-art u l-livell 100 ta' titjir, jew sal-livell 150 ta' titjir f'żoni muntanjużi, jew ogħla, fejn ikun hemm bżonn, u għandu jkun fihom informazzjoni dwar fenomeni tat-temp fir-rotta li jkunu ta' periklu għal titjiriet f'livell baxx.

**Kapitolu 4 — Rekwiżiti tekniċi għaċ-ċentri ta' notifika dwar l-irmied vulkaniku (VAACs)****MET.TR.265 Responsabbiltajiet taċ-ċentru ta' notifika dwar l-irmied vulkaniku**

L-informazzjoni ta' notifika dwar l-irmied vulkaniku għandha tinħareġ f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 6. Meta ma jkun hemm ebda abbrevjazzjoni disponibbli, għandu jintuża kliem b'lingwaġġ ċar bl-Ingliż, li għandu jinżamm għall-minimu possibbli.

**Kapitolu 5 — Rekwiżiti tekniċi għaċ-ċentri ta' notifika dwar iċ-ċikluni tropikali (TCACs)****MET.TR.270 Responsabbiltajiet taċ-ċentru ta' notifika dwar iċ-ċikluni tropikali**

L-informazzjoni ta' notifika dwar iċ-ċikluni tropikali għandha tinħareġ f'konformità mal-mudell muri fl-Appendiċi 7 għal ċikluni tropikali meta l-massimu tal-veloċità medja fuq 10 minuti tar-riħ qrib l-art ikun mistenni li jilħaq jew jaqbeż 34 kt matul il-perjodu kopert min-notifika.

**▼B****Kapitolu 6 — Rekwiżiti tekniċi għal ċentri tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja (WAFCs)****MET.TR.275 Responsabbiltajiet taċ-ċentri tat-tbassir tal-erjas madwar id-dinja****▼M4**

- (a) Id-WAFCs għandhom jużaw data meteoroloġika pproċessata fil-forma ta' valuri tal-punt tal-grilja sabiex jipprovdut tbassiriet globali fi grilja u tbassir ta' fenomeni tat-temp sinifikanti.

**▼B**

- (b) Għal tbassiriet globali fi grilja, id-WAFCs għandhom:

- (1) iħejju tbassiriet ta':

- (i) ir-riħ 'il fuq;
- (ii) it-temperatura tal-ajru ta' fuq;
- (iii) l-umdità;
- (iv) id-direzzjoni, il-veloċità u l-livell tat-titjir tar-riħ massimu;
- (v) il-livell tat-titjir u t-temperatura tat-tropopawża;
- (vi) żoni ta' sħab kumulonimbu;
- (vii) is-silġ;

**▼M4**

- (viii) turbolenza;

**▼B**

- (ix) l-altitudni ġeopotenzjali tal-livelli tat-titjir,

erba' darbiet kuljum u jkunu validi għal ħinijiet fissi validi ta' 6, 9, 12, 15, 18, 21, 24, 27, 30, 33 u 36 siegħa wara l-ħin (00.00, 06.00, 12.00 u 18.00 UTC) tad-data sinottika li fuqha kienu bbażati t-tbassiriet;

**▼M4**

- (2) joħroġu t-tbassiriet imsemmija fil-punt (1) u jlestu d-disseminazzjoni tagħhom mill-iktar fis li jkun teknikament fattibbli, iżda mhux iktar tard minn ħames sigħat wara l-ħin standard ta' osservazzjoni;

- (3) jipprovdut tbassiriet f'punti tal-grilja fi grilja regolari li jinkludu:

- (i) data dwar ir-riħ għal titjiriet f'livelli 50 (850 hPa), 80 (750 hPa), 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa), 210 (450 hPa), 240 (400 hPa), 270 (350 hPa), 300 (300 hPa), 320 (275 hPa), 340 (250 hPa), 360 (225 hPa), 390 (200 hPa), 410 (175 hPa), 450 (150 hPa), 480 (125 hPa) u 530 (100 hPa) b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
- (ii) data dwar it-temperatura għal titjiriet f'livelli 50 (850 hPa), 80 (750 hPa), 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa), 210 (450 hPa), 240 (400 hPa), 270 (350 hPa), 300 (300 hPa), 320 (275 hPa), 340 (250 hPa), 360 (225 hPa), 390 (200 hPa), 410 (175 hPa), 450 (150 hPa), 480 (125 hPa) and 530 (100 hPa) b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
- (iii) data dwar l-umdità għal titjiriet f'livelli 50 (850 hPa), 80 (750 hPa), 100 (700 hPa), 140 (600 hPa) u 180 (500 hPa) b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;

**▼M4**

- (iv) data dwar l-altitudni ġeopotenzjali għal titjiriet f'livelli 50 (850 hPa), 80 (750 hPa), 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa), 210 (450 hPa), 240 (400 hPa), 270 (350 hPa), 300 (300 hPa), 320 (275 hPa), 340 (250 hPa), 360 (225 hPa), 390 (200 hPa), 410 (175 hPa), 450 (150 hPa) 480 (125 hPa) u 530 (100 hPa) b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
- (v) id-direzzjoni, il-veloċità u l-livell tat-titjira tar-riħ massimu b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
- (vi) il-livell tat-titjira u t-temperatura tat-tropopawża b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 1,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
- (vii) l-ifformar ta' silġ għal saffi ċċentrati f'livelli tat-titjira ta' 60 (800 hPa), 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa), 240 (400 hPa) u 300 (300 hPa) b'riżoluzzjoni orizzontali ta' 0,25° ta' latitudni u ta' lonġitudni;
| 1                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ (M) | Tip ta' messaġġ                                                                         | TC ADVISORY                  |
| 2                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |
| 3                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Indikatur tal-istatus (C) <sup>(1)</sup> | Indikatur ta' test jew ta' eżerċizzju                                                   | STATUS: TEST jew EXER        |
| 4                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |
| 5                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Ħin ta' oriġini (M)                      | Sena, xahar, jum u ħin tal-ħruġ f'UTC                                                   | DTG: nnnnnnnn/nnnnZ          |
| 6                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |
| 7                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Isem tal-TCAC (M)                        | Isem tal-TCAC (indikatur tal-post jew l-isem sħiħ)                                      | TCAC: nnnn jew nnnnnnnnnn    |
| 8                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |
| 9                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Isem iċ-ċiklun tropikali (M)             | Isem iċ-ċiklun tropikali jew "NN" għal ċiklun tropikali mingħajr isem                   | TC: nnnnnnnnnnnn jew NN      |
| 10                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |
| 11                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Numru tan-notifika (M)                   | Notifika: Sena sħiħa u numru tal-messaġġ (sekwenza separata għal kull ċiklun tropikali) | ADVISORY NR: nnnn/[n][n][n]n |
| 12                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Linja ġdida                              |                                                                                         |                              |

## ▼M4

| Ref. | Element                                | Kontenut dettaljat                                                                                                               | Mudell(i)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|------|----------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 13   | Pożizzjoni taċ-ċentru osservata (M)    | Il-jum u l-ħin (f'UTC) u l-pożizzjoni taċ-ċentru taċ-ċiklun tropikali (fi gradi u minuti)                                        | OBS PSN:      nn/nnnnZ    Nnn[nn]    jew    Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn]                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| 14   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 15   | Sħab CB osservat (O) <sup>(2)</sup>    | Pożizzjoni tas-sħab CB (b'referenza għal-lati-tudni u l-lonġitudni (fi gradi u minuti)) u l-firxa vertikali (livell tat-titjira) | CB:      WI nnnKM (jew nnnNM) OF TC<br>CENTRE<br><i>jew</i><br>WI <sup>(3)</sup> Nnn[nn]    jew    Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn] –<br>Nnn[nn] jew Snn[nn] Wnnn[nn] jew<br>Ennn[nn] –<br>Nnn[nn] jew Snn[nn] Wnnn[nn] jew<br>Ennn[nn] –<br>[Nnn[nn]    jew    Snn[nn]    Wnnn[nn]<br>jew Ennn[nn] –<br>Nnn[nn] jew Snn[nn] Wnnn[nn] jew<br>Ennn[nn]]<br>TOP [ABV or BLW] FLnnn<br>NIL                                            |
| 16   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 17   | Direzzjoni u veloċità tal-moviment (M) | Direzzjoni u veloċità tal-moviment mogħtija f'16-il punt tal-kumpass u km/h (jew kt) rispettivament jew wieqaf (< 2 km/h (1 kt)) | MOV:      N nnKMH (jew KT) jew<br>NNE nnKMH (jew KT) jew<br>NE nnKMH (jew KT) jew<br>ENE nnKMH (jew KT) jew<br>E nnKMH (jew KT) jew<br>ESE nnKMH (jew KT) jew<br>SE nnKMH (jew KT) jew<br>SSE nnKMH (jew KT) jew<br>S nnKMH (jew KT) jew<br>SSW nnKMH (jew KT) jew<br>SW nnKMH (jew KT) jew<br>WSW nnKMH (jew KT) jew<br>W nnKMH (jew KT) jew<br>WNW nnKMH (jew KT) jew<br>NW nnKMH (jew KT) jew<br>NNW nnKMH (jew KT) jew<br>STNR |
| 18   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 19   | Bidliet fl-intensità (M)               | Bidliet fil-veloċità massima tar-riħ qrib l-art fil-ħin tal-osservazzjoni                                                        | INTST CHANGE:    INTSF jew WKN jew NC                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| 20   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 21   | Pressjoni ċentrali (M)                 | Pressjoni ċentrali (f'hPa)                                                                                                       | C:      nnnHPA                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| 22   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 23   | Riħ massimu qrib l-art (M)             | Riħ massimu qrib l-art ħdejn iċ-ċentru (riħ qrib l-art medju fuq 10 minuti, f'kt)                                                | MAX WIND:      nn[n]KT                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| 24   | Linja ġdida                            |                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |

## ▼ M4

| Ref. | Element                                          | Kontenut dettaljat                                                                                                                  | Mudell(i)                                                                 |
|------|--------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------|
| 25   | Tbassir tal-pożizzjoni taċ-ċentru (+ 6 HR) (M)   | Jum u ħin (fUTC) (sitt sigħat mid-DTG mogħti fl-Attribut 5); Pożizzjoni mbassra (fi gradi u minuti) taċ-ċentru taċ-ċiklun tropikali | FCST PSN +6<br>HR: nn/nnnnZ Nnn[nn] jew Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn]  |
| 26   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 27   | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (+ 6 HR) (M)  | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (6 sigħat wara d-DTG mogħti fl-Attribut 5)                                                       | FCST MAX<br>WIND +6 HR: nn[n]KT                                           |
| 28   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 29   | Tbassir tal-pożizzjoni taċ-ċentru (+ 12 HR) (M)  | Jum u ħin (fUTC) (12-il siegħa mid-DTG mogħti fl-Attribut 5) Pożizzjoni mbassra (fi gradi u minuti) taċ-ċentru taċ-ċiklun tropikali | FCST PSN +12<br>HR: nn/nnnnZ Nnn[nn] jew Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn] |
| 30   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 31   | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (+ 12 HR) (M) | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (12-il siegħa wara d-DTG mogħti fl-Attribut 5)                                                   | FCST MAX<br>WIND +12 HR: nn[n]KT                                          |
| 32   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 33   | Tbassir tal-pożizzjoni taċ-ċentru (+ 18 HR) (M)  | Jum u ħin (fUTC) (18-il siegħa mid-DTG mogħti fl-Attribut 5) Pożizzjoni mbassra (fi gradi u minuti) taċ-ċentru taċ-ċiklun tropikali | FCST PSN +18<br>HR: nn/nnnnZ Nnn[nn] jew Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn] |
| 34   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 35   | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (+ 18 HR) (M) | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (18-il siegħa wara d-DTG mogħti fl-Attribut 5)                                                   | FCST MAX<br>WIND +18 HR: nn[n]KT                                          |
| 36   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |
| 37   | Tbassir tal-pożizzjoni taċ-ċentru (+ 24 HR) (M)  | Jum u ħin (fUTC) (24 siegħa mid-DTG mogħti fl-Attribut 5) Pożizzjoni mbassra (fi gradi u minuti) taċ-ċentru taċ-ċiklun tropikali    | FCST PSN +24<br>HR: nn/nnnnZ Nnn[nn] jew Snn[nn]<br>Wnnn[nn] jew Ennn[nn] |
| 38   | Linja ġdida                                      |                                                                                                                                     |                                                                           |

▼ **M4**

| Ref.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | Element                                          | Kontenut dettaljat                                                                | Mudell(i)                                              |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------|
| 39                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (+ 24 HR) (M) | Tbassir tar-riħ massimu qrib l-art (24-il siegħa wara d-DTG mogħti fl-Attribut 5) | FCST MAX      nn[n]KT<br>WIND +24 HR:                  |
| 40                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | Linja ġdida                                      |                                                                                   |                                                        |
| 41                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | Kummenti (M)                                     | Kummenti, jekk ikun hemm bżonn                                                    | RMK:              Kitba libera sa 256 karattru jew NIL |
| 42                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | Linja ġdida                                      |                                                                                   |                                                        |
| 43                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | Ħin mistenni tal-ħruġ tan-notifika li jmiss (M)  | Sena, xahar, jum u ħin (f'UTC) mistennija tal-ħruġ tan-notifika li jmiss          | NXT MSG:        [BFR] nnnnnnnn/nnnnZ<br>jew NO MSG EXP |
| <p>(<sup>1</sup>) Jintuża biss meta l-messaġġ jinħareġ biex jindika li jkun qed isir test jew eżerċizzju. Meta tiġi inkluża l-kelma “TEST” jew l-abbrevjazzjoni “EXER”, il-messaġġ jista’ jkun fih informazzjoni li ma għandhiex tintuża b’mod operazzjonali jew inkella tispiċċa immedjatament wara l-kelma “TEST”.</p> <p>(<sup>2</sup>) Fil-każ ta’ sħab CB assoċjat ma’ éiklun tropikali li jkopri iktar minn żona waħda f’ ħdan iż-żona ta’ responsabbiltà, dan l-element jista’ jiġi ripetut, kif meħtieġ.</p> <p>(<sup>3</sup>) L-għadd ta’ koordinati għandu jinżamm għall-minimu u normalment ma għandux ikun iktar minn sebgħa.</p> |                                                  |                                                                                   |                                                        |

▼ **M4**

## Appendiċi 8

| <p>Il-meded u r-risoluzzjonijiet għall-elementi numeriċi inklużi f'notifika dwar irmied vulkaniku, f'notifika dwar ċikluni tropikali, f'SIGMET, f'AIRMET, fi twissija tal-ajrudromi u fi twissija dwar il-gradjent tar-riħ</p> <p><i>Nota:</i> In-numri tar-ringieli fil-kolonna "Ref." huma inklużi biss għaċ-ċarezza u għall-faċilità ta' referenza, u mhumiex parti mill-mudell.</p> |                                                     |               |              |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------|---------------|--------------|
| Ref.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | Elementi                                            | Medda         | Risoluzzjoni |
| 1                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Elevazzjoni tal-quċċata: FT                         | 000-27 000    | 1            |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | M                                                   | 000-8 100     | 1            |
| 2                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Numru tan-notifika: għal VA (indiċi) <sup>(1)</sup> | 000-2 000     | 1            |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | għal TC (indiċi) <sup>(1)</sup>                     | 00-99         | 1            |
| 3                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Riħ massimu qrib l-art: KT                          | 00-99         | 1            |
| 4                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Pressjoni ċentrali: hPa                             | 850-1 050     | 1            |
| 5                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Veloċità tar-riħ qrib l-art: KT                     | 30-99         | 1            |
| 6                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Viżibbiltà tal-art: M                               | 0000-0750     | 50           |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | M                                                   | 0800-5 000    | 100          |
| 7                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Sħab: għoli tal-bażi: FT                            | 000-1 000     | 100          |
| 8                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Sħab: għoli tal-quċċata: FT                         | 000-9 900     | 100          |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | FT                                                  | 10 000-60 000 | 1 000        |
| 9                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Latitudnijiet: ° (gradi)                            | 00-90         | 1            |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | (minuti)                                            | 00-60         | 1            |
| 10                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Lonġitudnijiet: ° (gradi)                           | 000-180       | 1            |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | (minuti)                                            | 00-60         | 1            |
| 11                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Livelli ta' titjir:                                 | 000-650       | 10           |
| 12                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Moviment: KMH                                       | 0-300         | 10           |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | KT                                                  | 0-150         | 5            |
| <sup>(1)</sup> Mhux dimensjonali.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                                                     |               |              |

▼ **M1***ANNEX VI***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA****(Parti-AIS)**

SUBPARTI A — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIS.OR)

*SEZZJONI 1 — REKWIŻITI ĠENERALI***AIS.OR.100 Ġestjoni ta' informazzjoni ajrunawtika**

Fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika (AIS) għandu jistabbilixxi riżorsi u proċessi ta' ġestjoni ta' informazzjoni li jkunu adegwati għall-iżgurar tal-ġbir, tal-ipproċessar, tal-ħżin, tal-integrazzjoni, tal-iskambju u tal-konsenja puntwali ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika bi kwalità ggarantita fi ħdan is-sistema tal-ATM.

**AIS.OR.105 Responsabbiltajiet tal-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura l-provvista ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika neċessarji għas-sikurezza, għar-regolarità u għall-effiċjenza tan-navigazzjoni bl-ajru.

Fornitur tal-AIS għandu jirċievi, jgħaqqad jew jikkompila, jimmodifika, jifformattja, jippubblika, jaħżen u jqassam *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika rigward it-territorju sħiħ ta' Stat Membru kif ukoll dawk iż-żoni kollha fuq l-ibħra internazzjonali li fihom l-Istat Membru huwa responsabbli għall-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru.

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika jkunu disponibbli għal:

- (1) persunal involut fl-operazzjonijiet tat-titjir, inklużi l-ekwipaġġ tat-titjiriet, l-ippjanar tat-titjiriet, u s-simulaturi tat-titjiriet;
- (2) il-fornituri tal-ATS responsabbli għas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir, u
- (3) is-servizzi responsabbli għall-informazzjoni ta' qabel titjira.

Fornitur tal-AIS għandu jipprovdi servizzi ta' 24 siegħa għall-oriġinazzjoni u għall-ħruġ ta' NOTAM fiż-żona ta' inkarigu tiegħu u għall-informazzjoni ta' qabel titjira meħtieġa b'rabta mal-istadji tar-rotot li joriġinaw fl-ajrudrom/fil-heliport fiż-żona ta' inkarigu tiegħu.

Fornitur tal-AIS għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' fornituri oħra tal-AIS *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika meħtieġa minnhom.

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li jkun hemm proċeduri fis-seħħ għall-valutazzjoni u għall-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza għall-avjazzjoni minn żbalji fid-*data* u fl-informazzjoni.

Fornitur tal-AIS għandu jindika b'mod ċar li d-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika pprovduti għal u f'isem Stat Membru jiġu pprovduti taħt l-awtorità ta' dak l-Istat Membru, indipendentement mill-format li fih jiġu pprovduti.

▼ **M1***SEZZJONI 2 — ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAD-DATA***AIS.OR.200 Ġenerali**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li:

- (a) id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika huma pprovduti skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-katalogu ta' *data* ajrunawtika, speċifikat fl-Appendiċi 1 tal-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR);
- (b) il-kwalità tad-*data* tinżamm; u
- (c) tiġi applikata awtomatizzazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru l-ipproċessar u l-iskambju ta' *data* ajrunawtika diġitali.

**AIS.OR.205 Arranġamenti formali**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li jiġu stabbiliti arranġamenti formali ma':

- (a) kull parti li tittrażmettilu *data*; u
- (b) fornituri oħra tal-AIS, meta jiskambja *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika magħhom.

**AIS.OR.210 Skambju ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li:

- (a) il-format tad-*data* ajrunawtika huwa bbażat fuq mudell ta' skambju ta' informazzjoni ajrunawtika mfassal sabiex ikun interoperabbli globalment; u
- (b) id-*data* ajrunawtika tiġi skambjata b'mezzi elettroniċi.

**AIS.OR.215 Għodod u softwer**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li l-għodod u s-softwer użati għall-appoġġjar jew għall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tad-*data* ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika jwettqu l-funzjonijiet tagħhom mingħajr ma jaffettwaw b'mod avvers il-kwalità tad-*data* ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika.

**AIS.OR.220 Validazzjoni u verifika**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li jintużaw tekniki ta' verifika u ta' validazzjoni sabiex id-*data* ajrunawtika tissodisfa r-rekwiżiti assoċjati dwar il-kwalità tad-*data* (DQRs) speċifikati fil-punt AIS.TR.200.

**AIS.OR.225 Metadata**

Fornitur tal-AIS għandu jiġbor u jippreserva l-metadata.

**AIS.OR.230 Detezzjoni u awtentikazzjoni tal-iżbalji tad-*data***

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li:

- (a) jintużaw tekniki diġitali ta' detezzjoni tal-iżbalji tad-*data* matul it-trażmissjoni u/jew il-ħżin tad-*data* ajrunawtika, sabiex jiġu appoġġjati l-livelli applikabbli ta' integrità tad-*data* speċifikati fil-punt AIS.TR.200(c); u
- (b) it-trasferiment ta' *data* ajrunawtika jkun soġġett għal proċess xieraq ta' awtentikazzjoni b'tali mod li r-riċevituri jkunu jistgħu jikkonfermaw li d-*data* jew l-informazzjoni tkun ġiet trażmessa minn sors awtorizzat.

▼ **M1****AIS.OR.235 Rapportar tal-iżbalji, kejl tal-iżbalji, u azzjonijiet korrettivi**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li jiġu stabbiliti u mantnuti l-mekkaniżmi ta' rapportar tal-iżbalji, ta' kejl tal-iżbalji u ta' azzjonijiet korrettivi.

**AIS.OR.240 Limitazzjonijiet tad-data**

Fornitur tal-AIS għandu jidentifika, fil-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika, ħlief għal NOTAM, id-data ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika li ma jissodisfawx id-DQRs.

**AIS.OR.250 Rekwiżit ta' konsistenza**

Fejn id-data ajrunawtika jew l-informazzjoni ajrunawtika tkun duplikata fl-AIP ta' aktar minn Stat Membru wieħed, il-fornituri tal-AIS responsabbli għal daww l-AIPs għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi sabiex jiżguraw il-konsistenza bejn l-informazzjoni duplikata.

*SEZZJONI 3 — PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA***AIS.OR.300 Ġenerali — Prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika**

Meta jipprovdi data ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika f'diversi formats, fornitur tal-AIS għandu jiżgura li l-proċessi jiġu implimentati għal konsistenza fid-data u fl-informazzjoni bejn daww il-formats.

**Kapitolu 1 — Informazzjoni ajrunawtika fi preżentazzjoni standardizzata****AIS.OR.305 Pubblikazzjoni ta' informazzjoni ajrunawtika (AIP)**

Fornitur tal-AIS għandu jorog AIP.

**AIS.OR.310 Emendi għall-AIP**

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) jorog bidliet permanenti fl-AIP bħala emendi fl-AIP; u
- (b) jiżgura li l-AIP tiġi emendata jew terġa' tinħareġ f'intervalli regolari tali skont kif ikun neċessarju sabiex jiżgura li l-informazzjoni tkun kompluta u aġġornata.

**AIS.OR.315 Supplimenti għall-AIP**

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) jorog, bħala supplimenti għall-AIP, bidliet temporanji ta' durata twila — tliet xhur jew aktar — u informazzjoni dwar durata qasira li jkun fiha test u/jew grafika estensivi;
- (b) jipprovdi b'mod regolari lista ta' kontroll tas-supplimenti validi tal-AIP; u
- (c) jippubblika supplement ġdid għall-AIP bħala sostitut meta jseħħ żball f'supplement għall-AIP jew meta jinbidel il-perjodu ta' validità ta' supplement għall-AIP.

**AIS.OR.320 Ċirkulari ta' informazzjoni ajrunawtika (AIC)**

Fornitur tal-AIS għandu jorog bħala AIC kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin:

- (a) tbassir fit-tul ta' kwalunkwe bidla importanti fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti, fil-proċeduri jew fil-faċilitajiet;

**▼ M1**

- (b) informazzjoni ta' natura purament spjegattiva jew konsultattiva li taffettwa s-sikurezza tat-titjira;
- (c) informazzjoni jew notifiċa ta' natura spjegattiva jew konsultattiva, rigward kwistjonijiet tekniċi, leġiżlattivi jew purament amministrattivi.

Fornitur tal-AIS għandu jirrieżamina darba fis-sena l-validità ta' AIC fis-seħħ.

**AIS.OR.325 Ċarts ajrunawtiċi**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li ċ-ċarts ajrunawtiċi li ġejjin, fejn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni:

- (a) ikunu jagħmlu parti mill-AIP jew ikunu pprovduti b'mod separat lir-riċevituri tal-AIP:

- (1) ċart dwar l-ostakoli fl-ajrudrom — Tip A;
- (2) ċart dwar l-ajrudrom/il-heliport;
- (3) ċart dwar il-moviment fuq l-art fl-ajrudrom;
- (4) ċart dwar il-parkeġġ/it-trakkar tal-inġenji tal-ajru;
- (5) ċart dwar l-art ta' avviċinament ta' preċiżjoni;
- (6) ċart dwar l-altitudni minima ta' sorveljanza tal-ATC;
- (7) ċart tal-erja;
- (8) ċart dwar il-wasla standard — strument (STAR);
- (9) ċart dwar it-tluq standard — strument (SID);
- (10) ċart dwar l-avviċinament bl-istrumenti;
- (11) ċart dwar l-avviċinament viżwali; u
- (12) ċart en route; u

- (b) huma pprovduti bħala parti mill-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika:

- (1) ċart dwar l-ostakoli fl-ajrudrom — Tip B;
- (2) ċart ajrunawtika dinjija 1:1 000 000;
- (3) ċart ajrunawtika dinjija 1:500 000;
- (4) ċart dwar in-navigazzjoni ajrunawtika — skala żgħira; u
- (5) ċart tal-ipplottjar.

**AIS.OR.330 NOTAM**

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) joħroġ NOTAM minnufih kull meta l-informazzjoni li trid titqassam tkun ta' natura temporanja jew ta' durata qasira jew meta jsiru bidliet permanenti sinifikanti, jew bidliet temporanji ta' durata twila, f'qasir żmien, ħlief għal test u/jew grafika estensivi; u

▼ **M1**

- (b) joħroġ, bħala NOTAM, informazzjoni dwar l-istabbiliment, il-kundizzjoni, jew it-tibdil ta' kwalunkwe faċilità, servizz, proċedura jew periklu ajrunaw-tiċi, li l-għarfien dwaru fiż-żmien opportun huwa essenzjali għall-persunal involut fl-operazzjonijiet ta' titjir;

Il-konformità mal-punt AIS.OR.200 m'għandhiex tinibixxi d-distribuzzjoni urġenti tal-informazzjoni ajrunawtika neċessarja sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tat-titjira.

## ***Kapitolu 2 — Settijiet ta' data diġitali***

### **AIS.OR.335 Ġenerali — Settijiet ta' data diġitali**

Jekk disponibbli, fornitur tal-AIS għandu jiżgura li d-data diġitali tkun fil-forma tas-settijiet ta' data li ġejjin:

- (1) sett ta' data tal-AIP;
- (2) sett ta' data dwar l-art;
- (3) settijiet ta' data dwar l-ostakoli;
- (4) settijiet ta' data dwar l-immappjar tal-ajrudrom; u
- (5) settijiet ta' data dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti.

Meta titqiegħed għad-dispożizzjoni, id-data dwar l-art għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' settijiet ta' data dwar l-art.

Lista ta' kontroll tas-settijiet ta' data validi għandha tiġi pprovduta b'mod regolari.

### **AIS.OR.340 Rekwiżiti tal-metadata**

Kull sett ta' data għandu jinkludi sett minimu ta' metadata li jrid jiġi pprovdut lill-utent li jmiss.

### **AIS.OR.345 Sett ta' data tal-AIP**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li s-sett ta' data tal-AIP, jekk ikun disponibbli, ikun fih ir-rappreżentazzjoni diġitali tal-informazzjoni ajrunawtika ta' karattru dejjiemi, inklużi informazzjoni permanenti u bidliet temporanji b'durata twila.

### **AIS.OR.350 Data dwar l-art u l-ostakoli — Rekwiżiti ġenerali**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li data dwar l-art u l-ostakoli, jekk disponibbli, tiġi pprovduta skont il-punt AIS.TR.350.

### **AIS.OR.355 Settijiet ta' data dwar l-art**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li d-data dwar l-art, jekk disponibbli, tiġi pprovduta:

- (a) għaż-Żona 1, kif stipulata fil-punt AIS.TR.350; u
- (b) għall-ajrudromi sabiex jiġu koperti:
  - (1) iż-Żona 2a jew partijiet minnha, kif stipulati fil-punt AIS.TR.350(b)(1);
  - (2) uż-Żoni 2b, 2c u 2d jew partijiet minnhom, kif stipulati fil-punti AIS.TR.350(b)(2), (3) u (4) għall-art:
    - (i) fi ħdan 10 km mill-punt ta' referenza tal-ajrudrom (ARP); u

▼ **M1**

- (ii) aktar minn 10 km mill-ARP jekk l-art tippenetra l-pjan orizzontali 120 m ogħla mill-anqas elevazzjoni tar-runway;
- (3) l-erja tat-trajettorja tat-tluġh jew partijiet minnha;
- (4) erja, jew partijiet minnha, ristretta bil-limitu laterali tas-superfċji ta' limitazzjoni tal-ostakoli fl-ajrudrom;
- (5) iż-Żona 3 jew partijiet minnha, kif stipulati fil-punt AIS.TR.350(c), għal art li testendi 0.5 m ogħla mill-pjan orizzontali, li tgħaddi mill-eqreb punt fiż-żona ta' moviment tal-ajrudrom; u
- (6) iż-Żona 4 jew partijiet minnha, kif stipulati fil-punt AIS.TR.350(d), għar-runways kollha fejn ġew stabbiliti operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III ta' avvċinament ta' preċiżjoni u fejn hija meħtieġa informazzjoni dettaljata dwar l-art mill-operaturi sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-effett tal-art fuq id-determinazzjoni tal-ġholi tad-deċiżjoni bl-użu ta' altimetri tar-radju.

**AIS.OR.360 Settijiet ta' data dwar l-ostakoli**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li d-data dwar l-ostakoli, jekk disponibbli, tiġi pprovduta:

- (a) għal ostakoli fiż-Żona 1 li l-ġholi tagħhom tkun ta' 100 m jew ogħla mill-art;
- (b) għal ajrudromi, għall-ostakoli kollha fi ħdan iż-Żona 2 li huma vvalutati bħala periklu għan-navigazzjoni bl-ajru; u
- (c) għall-ajrudromi, sabiex jiġu koperti:
  - (1) iż-Żona 2a jew partijiet minnha, għal daww l-ostakoli li jippenetraw is-superfċje tal-ġbir tad-data dwar l-ostakoli rilevanti;
  - (2) oġġetti fl-erja tat-trajettorja tat-tluġh jew f'partijiet minnha, li jipproġettaw ogħla minn superfċje ċatta b'pendil ta' 1.2 % u b'oriġini komuni mal-erja tat-trajettorja tat-tluġh;
  - (3) penetrazzjonijiet tas-superfċji ta' limitazzjoni tal-ostakoli fl-ajrudrom jew ta' partijiet minnhom;
  - (4) iż-Żoni 2b, 2c u 2d għal ostakoli li jippenetraw is-superfċji tal-ġbir tad-data dwar l-ostakoli rilevanti;
  - (5) iż-Żona 3 jew partijiet minnha, għall-ostakoli li jippenetraw is-superfċje tal-ġbir tad-data dwar l-ostakoli rilevanti; u
  - (6) l-Erba 4 jew partijiet minnha, għar-runways kollha fejn ġew stabbiliti operazzjonijiet tal-Kategorija II jew III ta' avvċinament ta' preċiżjoni.

**AIS.OR.365 Settijiet ta' data dwar l-immappjar tal-ajrudrom**

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li settijiet ta' data dwar l-immappjar tal-ajrudrom, jekk disponibbli, jiġu pprovduti skont il-punt AIS.TR.365.

▼ **M1****AIS.OR.370** Settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti, jekk disponibbli, jiġu pprovduti skont il-punt AIS.TR.370.

*SEZZJONI 4 — SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI U TA' INFORMAZZJONI TA' QABEL IT-TITJIRA***AIS.OR.400** Servizi ta' distribuzzjoni

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) iqassam il-prodotti disponibbli ta' informazzjoni ajrunawtika lil dawk l-utenti li jitolbuhom;
- (b) jagħmel disponibbli l-AIP, l-emendi għall-AIP, is-supplimenti għall-AIP, NOTAM u AIC bl-aktar mezzi veloċi;
- (c) jiżgura li NOTAM jitqassmu permezz tas-servizz ajrunawtiku fiss (AFS), kull meta dan ikun prattikabbli;
- (d) jiżgura li l-iskambju internazzjonali ta' NOTAM iseħħ biss kif miftiehem b'mod reċiproku bejn l-uffiċċji internazzjonali ta' NOTAM u l-unitajiet ta' pproċessar multinazzjonali ta' NOTAM ikkonċernati; u
- (e) jorganizza, skont il-bżonn, il-ħruġ u r-riċevuta ta' NOTAM distribwiti bit-telekomunikazzjoni sabiex jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali.

**AIS.OR.405** Servizi ta' informazzjoni qabel titjira

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li:

- (a) għal kwalunkwe ajrudrom/heliport, l-informazzjoni ajrunawtika relatata mal-istadji tar-rotta li joriġinaw fl-ajrudrom/fil-heliport titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persunal tal-operazzjonijiet tat-titjir, inkluż tal-ekwipaġġ tat-titjira u tas-servizzi responsabbli għall-informazzjoni ta' qabel titjira; u
- (b) l-informazzjoni ajrunawtika pprovdta għall-finijiet ta' ppjanar ta' qabel titjira tinkludi informazzjoni ta' sinifikat operazzjonali mill-elementi tal-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika.

*SEZZJONI 5 — AĠĠORNAMENTI TA' PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA***AIS.OR.500** Ġenerali — Aġġornamenti tal-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li *data* ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika jiġu emendati u jerġġu jinħarġu sabiex jinżammu aġġornati.

**AIS.OR.505** Regolamentazzjoni u kontroll ta' informazzjoni ajrunawtika (AIRAC)

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li l-informazzjoni rigward iċ-ċirkustanzi elenkati fil-punt AIS.TR.505(a) tiġi ddistribwita taħt is-sistema AIRAC.

Fornitur tal-AIS għandu jiżgura li:

- (1) l-informazzjoni notifikata fis-sistema AIRAC ma terġax tinbdel għal tal-anqas 28 jum wara d-*data* effettiva tal-AIRAC sakemm iċ-ċirkustanza nnotifikata ma tkunx ta' natura temporanja u ma tkunx persistenti għall-perjodu sħiħ;

**▼ M1**

- (2) l-informazzjoni pprovduta fis-sistema AIRAC tiġi ddistribwita/titqiegħed għad-dispożizzjoni sabiex ir-riċevituri jintlaħqu tal-anqas 28 jum minn qabel id-data effettiva tal-AIRAC; u
- (3) ma jintużawx dati ta' implimentazzjoni oħra għajr id-dati effettivi tal-AIRAC għal bidliet operazzjonalment sinifikanti ppjanati minn qabel li jeħtieġu ħidma kartografika u/jew għall-aġġornar ta' bażijiet ta' *data* tan-navigazzjoni.

**AIS.OR.510 NOTAM**

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) jiżgura li NOTAM jiġu pprovduti skont il-punt AIS.TR.510; u
- (b) jipprovdi “NOTAM skattatur”, kif stipulat fil-punt AIS.TR.510(f), meta emenda għall-AIP jew suppliment għall-AIP jiġu ppubblikati skont il-proċeduri tal-AIRAC.

**AIS.OR.515 Aġġornamenti tas-settijiet ta' *data***

Fornitur tal-AIS għandu:

- (a) jemenda jew jerġa' joħroġ settijiet ta' *data* f'intervalli regolari tali skont kif ikun neċessarju sabiex jinżammu aġġornati; u
- (b) joħroġ bidliet permanenti u bidliet temporanji b'durata twila — tliet xhur jew itwal — imqiegħda għad-dispożizzjoni bħala *data* diġitali fil-forma ta' sett ta' *data* komplut u/jew subsett li jinkludi biss id-differenzi mis-sett ta' *data* komplut maħruġ qabel.

**SEZZJONI 6 — REKWIŻITI TAL-PERSUNAL****AIS.OR.600 Rekwiżiti ġenerali**

Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.005(a)(6) tal-Anness III, il-fornitur tal-AIS għandu jiżgura li l-persunal responsabbli għall-provista ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika:

- (a) jiġi mgħarraf dwar u japplika dawn li ġejjin:
  - (1) ir-rekwiżiti dwar il-prodotti u s-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, kif speċifikat fis-Sezzjonijiet 2 sa 5;
  - (2) iċ-ċikli ta' aġġornar applikabbli għall-ħruġ ta' emendi għall-AIP u ta' supplimenti għall-AIP għall-erja li għalihom jipprovdi *data* ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika;
- (b) ikun imħarreġ b'mod adegwat, kompetenti u awtorizzat għall-inkarigu li jkun meħtieġ jeżegwixxi.

**SUBPARTI B — REKWIŻITI TEKNIĊI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIS.TR)****SEZZJONI 2 — ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAD-DATA****AIS.TR.200 Ġenerali**

- (a) L-akkuratezza tad-*data* ajrunawtika għandha tkun speċifikata fil-katalogu ta' *data* ajrunawtika (“katalogu ta' *dat a*”), speċifikat fl-Appendiċi 1 tal-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR).
- (b) Ir-riżoluzzjoni tad-*data* ajrunawtika għandha tkun proporzjonata għall-akku-ratezza propja tad-*data*.

▼ **M1**

(c) Għandha tiġi ppreservata l-integrità tad-*data* ajrunawtika. Fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni tal-integrità speċifikata fil-katalogu ta' *data*, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ proċeduri sabiex:

- (1) għal *data* ta' rutina, tiġi evitata korruzzjoni matul l-ipproċessar tad-*data*;
  - (2) għal *data* essenzjali, ma sseħħx korruzzjoni f'xi stadju mill-proċess sħiħ u li jkunu inklużi proċessi addizzjonali ta' garanzija tal-integrità sabiex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali fl-arkitettura tas-sistema ġenerali sabiex tiġi żgurata ulterjorment l-integrità tad-*data* f'dan il-livell;
  - (3) għal *data* kritika, ma sseħħx korruzzjoni f'xi stadju mill-proċess sħiħ u li jkunu inklużi proċessi addizzjonali ta' garanzija tal-integrità sabiex jiġu mmitigati bis-sħiħ l-effetti tal-ħsarat identifikati permezz ta' analiżi dettaljata tal-arkitettura kumplessiva tas-sistema bħala riskji potenzjali għall-integrità tad-*data*.
- (d) Għandha tiġi żgurata t-traċċabbiltà tad-*data* ajrunawtika.
- (e) Għandha tiġi żgurata l-puntwalità tad-*data* ajrunawtika, inkluż kwalunkwe limitu fuq il-perjodu effettiv tad-*data*.
- (f) Għandha tiġi żgurata l-kompletezza tad-*data* ajrunawtika.
- (g) Il-format tad-*data* fornita għandu jkun adegwat sabiex jiġi żgurat li d-*data* tiġi interpretata b'mod li jkun konsistenti mal-użu maħsub tagħha.

**AIS.TR.210 Skambju ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika**

Ħlief għal *data* dwar l-art, il-format ta' skambju ta' *data* ajrunawtika għandu:

- (a) jippermetti l-iskambju ta' *data* kemm għal karatteristiċi individwali kif ukoll għal kollezzjonijiet ta' karatteristiċi;
- (b) jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bażi bħala riżultat ta' bidliet permanenti;
- (c) ikun strutturat skont is-suġġetti u l-proprietajiet tal-katalogu ta' *data* ajrunawtika, u jkun dokumentat permezz ta' mmappjar bejn il-format ta' skambju u l-katalogu ta' *data* ajrunawtika.

**AIS.TR.220 Verifika**

(a) Il-verifika għandha tiżgura li:

- (1) id-*data* ajrunawtika ġiet riċevuta mingħajr korruzzjoni;
  - (2) il-proċess ta' *data* ajrunawtika ma jintroduċix korruzzjoni.
- (b) Id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika mdaħħla manwalment għandhom ikunu soġġetti għal verifika indipendenti għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe żball li seta' ġie introdott.

**AIS.TR.225 Metadata**

Il-metadata li trid tinġabar għandha tinkludi, bħala minimu:

- (a) l-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet jew tal-entitajiet li jwettqu kwalunkwe azzjoni ta' oriġinazzjoni, ta' trażmissjoni jew ta' manipolazzjoni tad-*data* ajrunawtika;

▼ **M1**

- (b) l-azzjoni mwettqa;
- (c) id-data u l-ħin li fihom twettqet l-azzjoni.

**AIS.TR.235 Rapportar tal-iżbalji, kejl tal-iżbalji u azzjonijiet korrettivi**

Il-mekkaniżmi ta' rapportar tal-iżbalji, ta' kejl tal-iżbalji u tal-azzjonijiet korrettivi għandhom jiżguraw li:

- (a) jiġu rreġistrati l-problemi identifikati matul l-oriġinazzjoni, il-produzzjoni, il-ħżin, l-immaniġġjar u l-ipproċessar, jew dawk irrapportati mill-utenti wara l-pubblikazzjoni;
- (b) il-problemi kollha rrapportati b'rabta mad-*data* ajrunawtika u mal-informazzjoni ajrunawtika jiġu analizzati mill-fornitur tal-AIS u jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi neċessarji;
- (c) tingħata prijorità lir-riżoluzzjoni ta' kull żball, inkonsistenza u anomalità identifikati f'*data* ajrunawtika kritika u essenzjali;
- (d) l-utenti affettwati jitwissew dwar l-iżbalji bl-aktar mezz effettiv, filwaqt li jqisu l-livell ta' integrità tad-*data* ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika;
- (e) il-feedback dwar l-iżbalji jiġi ffaċilitat u mħeġġeġ.

**AIS.TR.240 Limitazzjonijiet tad-*data***

L-identifikazzjoni ta' *data* li ma tissodisfax id-DQRs għandha ssir b'annotazzjoni jew billi jiġi pprovdut b'mod espliċitu l-valur tal-kwalità.

*SEZZJONI 3 — PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA***AIS.TR.300 Ġenerali — Prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika**

- (a) Prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika maħsuba għad-distribuzzjoni għandhom jinkludu test bl-Ingliż għal dawk il-partijiet espressi f'lingwa sempliċi, ħlief għal dawk il-prodotti maħsuba sabiex jiġu ddistribwiti biss fi ħdan Stat Membru.
- (b) L-ismijiet tal-postijiet għandhom ikunu spelluti skont l-użu lokali u jiġu transliterati, fejn ikun hemm bżonn, fl-alfabett Latin bażiku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).
- (c) L-abbrevjazzjonijiet tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għandhom jintużaw fil-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika kull fejn ikunu adattati.

**Kapitolu 1 — Informazzjoni ajrunawtika fi preżentazzjoni standardizzata****AIS.TR.305 Pubblikazzjoni ta' informazzjoni ajrunawtika (AIP)**

- (a) L-AIP, l-emendi għall-AIP u s-supplimenti għall-AIP għandhom jiġu pprovduti bħala "AIP elettronika" (eAIP). L-eAIP għandha tippermetti l-wiri fuq skrin tal-kompjuter u l-istampar fuq karti. Barra minn hekk, l-AIP, l-emendi għall-AIP u s-supplimenti għall-AIP jistgħu jiġu pprovduti fuq karti wkoll.
- (b) L-AIP għandha tinkludi:

- (1) dikjarazzjoni tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-faċilitajiet, għas-servizzi jew għall-proċeduri ta' navigazzjoni bl-ajru koperti mill-AIP;

**▼ M1**

- (2) il-kundizzjonijiet ġenerali li fihom is-servizzi jew il-faċilitajiet ikunu disponibbli għall-użu;
- (3) lista tad-differenzi sinifikanti bejn ir-regolamenti u l-prattiki tal-Istat Membru u l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) u l-Proċeduri relatati tal-ICAO;
- (4) l-għażla magħmula minn Stat Membru f'kull każ sinifikanti fejn tkun prevista azzjoni alternattiva fl-SARPs u fil-proċeduri tal-ICAO.
- (c) L-AIP għandu jkun fiha informazzjoni relatata mal-intestaturi tas-suġġetti elenkati fl-Appendiċi 1, jew tkun organizzata skont dawn.
- (d) L-Istat Membru mittenti u l-fornitur tal-AIS għandhom ikunu indikati b'mod ċar.
- (e) Fejn ikun hemm żewġ Stati Membri jew aktar li jipprovdu AIP, dawn għandhom ikunu indikati b'mod ċar.
- (f) Kull AIP għandha tkun kompluta u awtonoma u tinkludi werrej.
- (g) AIP għandha tkun organizzata fi tliet partijiet (GEN, ENR u AD), sezzjonijiet u subsezzjonijiet, ħlief meta l-AIP, jew volum tal-AIP, ikunu mfassla sabiex jiffaċilitaw l-użu operazzjonali matul it-titjira, f'liema każ il-format u l-arranġament preċiż jistgħu jitħallew għad-diskrezzjoni tal-Istat Membru dment li jkun inkluż werrej adegwat.
- (h) Kull AIP għandha tkun datata.
- (i) Id-data, li tikkonsisti fil-jum, fix-xahar (bl-isem) u fis-sena għandha tkun id-data ta' pubblikazzjoni u/jew id-data effettiva (AIRAC) tal-informazzjoni.
- (j) Meta jkunu deskritti perjodi ta' attività, ta' disponibbiltà, jew ta' operar, il-jiem u l-ħinijiet applikabbli għandhom ikunu speċifikati.
- (k) Kull AIP maħruġa bħala volum stampat u kull paġna ta' AIP maħruġa f'forma ta' karti f'wahdjet għandhom ikunu annotati sabiex jindikaw b'mod ċar:
  - (1) l-identità tal-AIP;
  - (2) it-territorju kopert u s-subdiviżjonijiet tiegħu, fejn ikun hemm bżonn;
  - (3) l-identifikazzjoni tal-Istat Membru mittenti u tal-organizzazzjoni produttriċi (awtorità); u
  - (4) in-numri tal-paġna/it-titli taċ-ċart.
- (l) Kwalunkwe emenda għall-volum stampat tal-AIP għandha ssir billi jintużaw folji ta' sostituzzjoni.

**AIS.TR.310 Emendi għall-AIP**

- (a) Kwalunkwe bidla operazzjonalment sinifikanti għall-AIP, skont il-punt AIS.OR.505, għandha tinħareġ skont l-AIRAC u tkun identifikata b'mod ċar bħala tali.
- (b) Kull emenda għall-AIP għandha tkun alllokata numru tas-serje, li għandu jkun konsekuttiv.

**▼ M1**

- (c) Meta tinħareġ AIP, din għandha tinkludi referenzi għan-numru tas-serje tal-NOTAM li jkunu ġew inkorporati fl-emenda.
- (d) L-aktar ċikli ta' aġġornar riċenti applikabbli għall-emendi għall-AIP għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblikament.
- (e) Ir-rikors għal emendi/annotazzjonijiet bl-idejn għandu jinżamm għall-minimu; il-metodu normali ta' emendar għandu jkun billi jerġgħu jinħarġu jew billi jiġu sostitwiti l-paġni.
- (f) Kull emenda għall-AIP għandha:
  - (1) tinkludi lista ta' kontroll bid-dati kurrenti u bin-numri ta' kull paġna fuq karti f'wahdjet fl-AIP; u
  - (2) tippovdi tennija ta' kwalunkwe emenda pendenti li saret bl-idejn.
- (g) Informazzjoni ġdida jew riveduta għandha tkun identifikata b'annotazzjoni hdeġha fil-marġni.
- (h) Kull paġna ta' emenda għall-AIP, inkluża l-qoxra, għandu jkun fiha data ta' pubblikazzjoni u, fejn applikabbli, data effettiva.
- (i) L-intervalli regolari bejn l-emendi għall-AIP għandhom ikunu speċifikati fil-Parti 1 — Ġenerali (GEN) tal-AIP.

**AIS.TR.315 Supplimenti għall-AIP**

- (a) Is-suppliment għall-AIP maħruġ f'forma stampata għandu jkun ipprovdut permezz ta' paġni distintivi.
- (b) L-aktar ċikli ta' aġġornar riċenti applikabbli għas-supplimenti għall-AIP għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblikament.
- (c) Kull supplement għall-AIP għandu jkun allokat numru tas-serje, li għandu jkun konsekuttiv u bbażat fuq is-sena kalendarja.
- (d) Kull meta jinħareġ supplement għall-AIP bħala sostitut ta' NOTAM, għandhom ikunu inklużi referenza għas-serje u n-numru tal-NOTAM.
- (e) Lista ta' kontroll ta' supplimenti validi għall-AIP għandha tinħareġ f'intervalli ta' mhux aktar minn xahar, bħala parti mil-lista ta' kontroll tal-NOTAM kif ukoll mad-distribuzzjoni bħalma jsir għas-supplimenti għall-AIP.
- (f) Kull paġna tas-suppliment għall-AIP għandu jkollha data ta' pubblikazzjoni. Kull paġna tas-suppliment għall-AIP tal-AIRAC għandu jkollha kemm data ta' pubblikazzjoni kif ukoll data effettiva.

**AIS.TR.320 Ċirkulari ta' informazzjoni ajrunawtika (AIC)**

- (a) L-AIC għandha tkun ipprovduta bħala dokument elettroniku.
- (b) L-AIC għandha tiġi pprovduta kull meta jkun mixtieq li jiġu promulgati:
  - (1) tbassiriet ta' bidliet importanti fil-proċeduri, fis-servizzi u fil-faċilitajiet ta' navigazzjoni bl-ajru;
  - (2) tbassiriet ta' implimentazzjoni ta' sistemi navigazzjonali ġodda;

▼ **M1**

- (3) informazzjoni sinifikanti derivata minn investigazzjoni ta' aċċidenti/inċidenti ta' inġenji tal-ajru li jkollha impatt fuq is-sikurezza tat-titjira;
  - (4) informazzjoni dwar regolamenti relatati mas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali li jixħtu f'riskju s-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili;
  - (5) pariri dwar kwistjonijiet mediċi ta' interess speċjali għall-bdoti;
  - (6) twissijiet lil bdoti rigward l-evitar ta' perikli fiżiċi;
  - (7) informazzjoni dwar l-effett ta' ċerti fenomeni tat-temp fuq l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru;
  - (8) informazzjoni dwar perikli ġodda li jaffettwaw tekniki ta' mmaniġġjar tal-inġenji tal-ajru;
  - (9) informazzjoni dwar regolamenti relatati mal-ġarr ta' oġġetti ristretti bl-ajru;
  - (10) referenzi għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE u għall-pubblikazzjoni ta' bidliet fihom;
  - (11) informazzjoni dwar arranġamenti tal-liċenzjar tal-ekwipaġġ tal-ajru;
  - (12) informazzjoni dwar it-taħriġ ta' persunal tal-avjazzjoni;
  - (13) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, jew l-eżenzjoni minn dawn;
  - (14) pariri dwar l-użu u l-manutenzjoni ta' tipi speċifiċi ta' tagħmir;
  - (15) id-disponibbiltà propja jew ippjanata ta' edizzjonijiet ġodda jew riveduti ta' ċarts ajrunawtiċi;
  - (16) informazzjoni dwar il-ġarr ta' tagħmir tal-komunikazzjoni;
  - (17) informazzjoni spjegattiva relatata mat-tnaqqis tal-istorbju;
  - (18) direttivi partikolari dwar l-ajrunavigabbiltà;
  - (19) informazzjoni dwar bidliet fis-serje ta' NOTAM jew fid-distribuzzjoni, edizzjonijiet ġodda ta' AIP jew bidliet importanti fil-kontenut, fil-kopertura jew fil-format tagħhom;
  - (20) informazzjoni minn qabel dwar il-pjan għall-borra; u
  - (21) informazzjoni oħra ta' natura simili.
- (c) L-AIC m'għandhiex tintuża għal informazzjoni li tikkwalifika għal inklużjoni fl-AIP jew f'NOTAM.
- (d) Il-pjan għall-borra maħruġ skont il-punt AD 1.2.2 tal-AIP għandu jkun supplimentat b'informazzjoni dwar l-istaġuni li trid tinħareġ bħala AIC ferm qabel ma tibda kull xitwa — mhux anqas minn xahar qabel il-bidu normali tal-kundizzjonijiet xitwin.

**▼ M1**

- (e) Meta l-AIC tingħażel mill-Istat Membru ta' oriġinazzjoni għad-distribuzzjoni lil hinn mit-territorju tiegħu, din għandu jkollha l-istess distribuzzjoni bħall-AIP.
- (f) Kull AIC għandha tkun allokata numru tas-serje, li għandu jkun konsekuttiv u bbażat fuq is-sena kalendarja.
- (g) F'każ li AIC tiġi pprovduta f'aktar minn serje waħda, kull serje għandha tkun identifikata b'mod separat b'ittra.
- (h) Lista ta' kontroll tal-AIC bħalissa fis-seħħ għandha tinħareġ tal-anqas darba fis-sena, b'distribuzzjoni bħal dik għall-AIC.
- (i) Lista ta' kontroll tal-AIC ipprovduta lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru għandha tkun inkluża fil-lista ta' kontroll tal-NOTAM.

**AIS.TR.330 NOTAM**

- (a) NOTAM għandu jinħareġ meta jkun hemm bżonn sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:
  - (1) l-istabbiliment jew l-għeluq ta' ajrudromi jew ta' ħeliports jew ta' runways jew tibdiliet sinifikanti fl-operat ta' dawn;
  - (2) l-istabbiliment jew l-irtirar ta' servizzi ajrunawtiċi u bidliet sinifikanti fl-operat ta' dawn;
  - (3) l-istabbiliment jew l-irtirar ta' servizzi tan-navigazzjoni bir-radju u ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art u bidliet sinifikanti fil-kapaċità operazzjonali ta' dawn;
  - (4) l-indisponibbiltà ta' sistemi ta' riżerva u sekondarji, b'impatt operazzjonali dirett;
  - (5) l-istabbiliment jew l-irtirar ta' għajnuniet viżwali jew bidliet sinifikanti fihom;
  - (6) l-interruzzjoni jew ir-ritorn lura għall-operat ta' komponenti importanti tas-sistemi tad-dawl tal-ajrudrom;
  - (7) l-istabbiliment jew l-irtirar ta' proċeduri għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew bidliet sinifikanti f'dawn;
  - (8) l-okkorrenza jew il-korrezzjoni ta' difetti jew ta' impedimenti importanti fiż-żona ta' mmanuvrar;
  - (9) bidliet u limitazzjonijiet fid-disponibbiltà ta' fjuwil, ta' żejt u ta' ossiġenu;
  - (10) bidliet kbar fil-faċilitajiet u fis-servizzi ta' tiftix u ta' salvataġġ (SAR) disponibbli;
  - (11) l-istabbiliment jew l-irtirar ta' sinjali ta' periklu li jimmarkaw ostakoli għan-navigazzjoni bl-ajru jew ir-ritorn tat-tħaddim ta' dawn;
  - (12) bidliet fir-regolamenti applikabbli fl-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) li jeħtieġu azzjoni immedjata minn perspettiva operazzjonali;
  - (13) direttivi operazzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata jew bidliet fihom;
  - (14) il-preżenza ta' perikli li jaffettwaw in-navigazzjoni bl-ajru;

▼ **M1**

- (15) l-emissjonijiet ipplanati ta' laser, displejs ta' laser u dawl tat-tiftix jekk huwa probabbli li l-vista tal-bdot billejl se tkun indebolita;
  - (16) it-twaħħil jew it-tneħħija ta' ostakoli għan-navigazzjoni bl-ajru fiż-żoni ta' qtugħ/tlugħ, ta' avviċinament bla suċċess u ta' avviċinament kif ukoll fl-istrixxa tar-runway jew bidliet fihom;
  - (17) l-istabbiliment jew it-twaqqif, inkluża l-attivazzjoni jew id-diżattivazzjoni, kif applikabbli, tal-istatus ta' żoni pprojbiti, ristretti jew fil-periklu, jew bidliet fih;
  - (18) l-istabbiliment jew it-twaqqif ta' żoni jew ta' rotot, jew ta' partijiet minnhom, fejn teżisti l-possibbiltà ta' interċettazzjoni u fejn tkun meħtieġa l-manutenzjoni ta' għassa fuq frekwenza ta' emerġenza 121.500 MHz bi frekwenza għolja ħafna (VHF);
  - (19) l-allokazzjoni, it-tħassir jew it-tibdil ta' indikaturi tal-post;
  - (20) bidliet fil-kategorija ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar tal-ajrudrom/tal-heliport (RFF);
  - (21) il-preżenza jew it-tneħħija ta' kundizzjonijiet perikolużi minħabba borra, silġ maħlul, silġ, materjal radjuattiv, sustanzi kimiċi tossiċi, depożitu ta' rmied volkaniku jew ilma fiż-żona ta' moviment jew bidliet sinifikanti fihom;
  - (22) tifqigħat ta' epidemiji li jeħtieġu bidliet fir-rekwiżiti nnotifikati għal inokulazzjonijiet u għal miżuri ta' kwarantina;
  - (23) tħassir ta' radjazzjoni kożmika solari, fejn tkun ipprovduta;
  - (24) bidla operazzjonalment sinifikanti fl-attività volkanika, fil-post, fid-data u l-ħin ta' żbroffi vulkaniċi u/jew fil-firxa orizzontali u vertikali ta' sħaba ta' rmied volkaniku, inkluża d-direzzjoni tal-moviment, il-livelli tat-titjiriet u r-rotot jew il-partijiet tar-rotot li jistgħu jkunu affettwati;
  - (25) (rilaxx fl-atmosfera ta' materjali radjuattivi jew sustanzi kimiċi tossiċi wara inċident nukleari jew kimiku, il-post, id-data u l-ħin tal-inċident, il-livelli u r-rotot tat-titjiriet, jew il-partijiet minnhom, li jistgħu jkunu affettwati, kif ukoll id-direzzjoni tal-moviment;
  - (26) l-istabbiliment ta' operazzjonijiet ta' missjonijiet ta' għajjnuna umani-tarja, flimkien ma' proċeduri u/jew ma' limitazzjonijiet li jaffettwaw in-navigazzjoni bl-ajru;
  - (27) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontinġenza b'terminu qasir f'każijiet ta' interruzzjoni, jew interruzzjoni parzjali, tal-ATS u tas-servizzi ta' sostenn relatati;
  - (28) telf speċifiku ta' integrità tas-sistemi ta' navigazzjoni bbażati fuq is-satelliti.
  - (29) nuqqas ta' disponibbiltà ta' runway minħabba xogħlijiet ta' mmarkar tar-runway jew, jekk it-tagħmir użat għal dawg ix-xogħlijiet ikun jista' jitneħħa, perjodu ta' żmien meħtieġ biex ir-runway issir disponibbli."
- (b) NOTAM m'għandux jinħareġ sabiex jipprovidi kwalunkwe parti mill-informazzjoni li ġejja:
- (1) xogħol ta' manutenzjoni ta' rutina fuq is-superfiċje asfaltata fl-ajrudrom u fit-taxiways li ma jaffettwax il-moviment sikur tal-inġenji tal-ajru;

▼ **M1**

- (2) ostruzzjonijiet temporanji fil-viċinanzi tal-ajrudromi/tal-ħeliports li ma jaffettwawx l-operat sikur tal-inġenji tal-ajru;
- (3) ħsara parzjali fil-faċilitajiet tad-dawl tal-ajrudrom/tal-heliport fejn it-tali ħsara ma tkunx taffettwa b'mod dirett l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru;
- (4) ħsara temporanja parzjali tal-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art meta jkun hemm frekwenzi alternattivi xierqa disponibbli u operattivi;
- (5) nuqqas ta' servizzi ta' marshalling fuq is-superfiċje asfaltata fl-ajrudrom, għeluq tat-traffiku tat-triq, limitazzjonijiet u kontrolli;
- (6) in-nuqqas ta' servizzjabbiltà tal-post, tad-destinazzjoni jew sinjali ta' struzzjoni oħrajn fiż-żona ta' moviment tal-ajrudrom;

▼ **C2**

- (7) użu tal-paraxut meta fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat skont ir-regoli tat-titjir viżwali (VFR), jew fi spazju tal-ajru f'siti promulgati jew fi ħdan żoni ta' periklu jew ipprojbiti;

▼ **M1**

- (8) attivitajiet ta' taħriġ imwettaq mill-unitajiet fuq l-art;
  - (9) l-indisponibbiltà ta' sistemi ta' riżerva u sekondarji, jekk dawn ma jkollhomx impatt operazzjonali;
  - (10) limitazzjonijiet għall-faċilitajiet tal-ajruport jew għas-servizzi ġenerali, b'ebda impatt operazzjonali;
  - (11) regolamenti nazzjonali li ma jaffettwawx l-avjazzjoni ġenerali;
  - (12) tħabbiriet jew twissijiet dwar limitazzjonijiet possibbli/potenzjali, b'ebda impatt operazzjonali;
  - (13) tfakkiriet ġenerali fuq informazzjoni diġà ppubblikata;
  - (14) id-disponibbiltà ta' tagħmir għall-unitajiet fuq l-art, mingħajr informazzjoni dwar l-impatt operazzjonali fuq l-ispazju tal-ajru u l-utenti tal-faċilità;
  - (15) informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' laser b'ebda impatt operazzjonali u dwar il-logħob tan-nar taħt l-għoli minimu tat-titjir;
  - (16) għeluq ta' partijiet miż-żona ta' moviment b'rabta ma' xogħol lokalment ikkoordinat u ppjanat b'durata ta' anqas minn siegħa;
  - (17) għeluq, bidliet, indisponibbiltà fl-operat tal-ajrudrom(i)/tal-heliport(s) għajr fil-ħinijiet tal-operat tal-ajrudrom(i)/tal-heliport(s); u
  - (18) informazzjoni mhux operazzjonali oħra ta' natura temporanja simili.
- (c) Ħlief kif previst fil-punti AIS.TR.330(f) u AIS.TR.330(g), kull NOTAM għandu jkun fih l-informazzjoni fl-ordni muri fil-format tal-NOTAM tal-Appendiċi 2.
- (d) It-test tal-NOTAM għandu jkun imsawwar mis-sinifikati/mill-frazzjonijiet imqassra uniformi assenjati għall-Kodiċi tal-NOTAM tal-ICAO, komplimentat minn abbrevjazzjonijiet tal-ICAO, minn indikaturi, minn identifikaturi, minn deżinjaturi, minn sinjali tas-sejħa, minn frekwenzi, minn figuri u minn lingwa sempliċi.

▼ **M1**

- (e) Kull NOTAM għandu jinħareġ bil-lingwa Ingliża. Jekk ikun hemm bżonn għal utenti domestiċi, NOTAM jista' jinħareġ ukoll bil-lingwa nazzjonali.
- (f) Informazzjoni rigward borra, silġ maħlul, silġ, ġlata, ilma qiegħed jew ilma assoċjat ma' borra, ma' silġ maħlul, ma' silġ jew ma' ġlata fiż-żona ta' moviment għandha tkun disseminata permezz ta' SNOTAM u għandu jkun fiha l-informazzjoni fl-ordni muri fil-format tal-SNOTAM tal-Appendiċi 3a.
- (g) Meta tkun irrapportat permezz ta' ASHTAM, informazzjoni rigward bidla operazzjonalment sinifikanti fl-attività volkanika, żbroff volkaniku u/jew sħaba ta' rmied volkaniku għandu jkun fiha l-informazzjoni fl-ordni muri fil-format tal-ASHTAM tal-Appendiċi 4.
- (h) Meta jseħħ żball f'NOTAM, għandu jinħareġ NOTAM b'numru ġdid sabiex jieħu post l-NOTAM żbaljat jew l-NOTAM żbaljat għandu jitħassar u jinħareġ NOTAM ġdid.
- (i) Meta jinħareġ NOTAM li jħassar jew jieħu post NOTAM preċedenti:
  - (1) is-serje u n-numru/is-sena tal-NOTAM preċedenti għandhom ikunu indikaturi;
  - (2) is-serje, l-indikatur tal-post u s-suġġett taż-żewġ NOTAM għandhom ikunu l-istess.
- (j) NOTAM wieħed biss għandu jiġi kkanċellat jew jiġi sostitwit minn NOTAM.
- (k) Kull NOTAM għandu jindirizza suġġett wieħed biss u kundizzjoni waħda biss tas-suġġett.
- (l) Kull NOTAM għandu jkun l-iqsar possibbli u jiġi kkompilat b'tali mod li t-tifsira tiegħu tkun ċara mingħajr il-bżonn li jsir riferiment għal dokument ieħor.
- (m) NOTAM li jkun fih informazzjoni permanenti jew temporanja ta' durata twila għandu jinkludi referenzi xierqa għall-AIP jew għas-suppliment għall-AIP.
- (n) L-indikaturi tal-post inklużi fit-test ta' NOTAM għandhom ikunu dawk li jinsabu fid-Dok 7910 tal-ICAO "Indikaturi tal-Post". M'għandhiex tintuża forma mqassra tat-tali indikaturi. Meta ma jiġi assenjat l-ebda indikatur tal-post tal-ICAO għall-post, l-isem tal-post tiegħu għandu jiddaħħal f'lingwa sempliċi.
- (o) Sensiela identifikata b'ittra u b'numru b'erba' figuri segwiti minn linja djagonali u numru b'żewġ figuri għas-sena għandha tiġi alllokata għal kull NOTAM. In-numru b'erba' figuri għandu jkun konsekuttiv u bbażat fuq is-sena kalendarja.
- (p) Kull NOTAM għandu janqasam f'serje fuq il-bażi tas-suġġett, tat-traffiku jew tal-post jew ta' taħlita ta' dawn, skont il-ħtiġijiet tal-utent finali. NOTAM għall-ajrudromi li jippermettu t-traffiku internazzjonali tal-ajru għandu jinħareġ f'serje internazzjonali tal-NOTAM.
- (q) Jekk NOTAM jinħarġu bl-Ingliż kif ukoll bil-lingwa nazzjonali, is-serje tal-NOTAM għandha tkun organizzata sabiex is-serje bil-lingwa nazzjonali tkun ekwivalenti għas-serje bil-lingwa Ingliża f'termini ta' kontenut u ta' enumerazzjoni.
- (r) Il-kontenut u l-kopertura ġeografika ta' kull serje tal-NOTAM għandhom jiġu ddikjarati f'dettall fl-AIP, fil-punt GEN 3.
- (s) Lista ta' kontroll tal-NOTAM validi għandha tiġi pprovduta b'mod regolari.

▼ **M1**

- (t) Għal kull serje għandu jinħareġ NOTAM wieħed b'lista ta' kontroll.
- (u) NOTAM b'lista ta' kontroll għandu jirreferi għall-aħħar emendi għall-AIP, għas-supplimenti għall-AIP, għas-settijiet ta' *data* u, tal-anqas, għall-AIC distribwita.
- (v) NOTAM b'lista ta' kontroll għandu jkollu l-istess distribuzzjoni bħas-serje ta' messaġġi attwali li għaliha jirreferi u għandu jkoun identifikat b'mod ċar bħala lista ta' kontroll.
- (w) L-allokazzjoni tas-serje għandha tkun issorveljata u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġi żgurat li l-ebda serje ma tilħaq in-numru massimu possibbli ta' NOTAM maħruġa qabel tmiem sena tal-kalendarju.

**Kapitolu 2 — Settijiet ta' data diġitali****AIS.TR.335 Ġenerali — Settijiet ta' data diġitali**

- (a) Għandu jintuża standard għall-informazzjoni ġeografika bħala qafas ta' referenza.
- (b) Deskrizzjoni ta' kull sett ta' *data* disponibbli għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' speċifikazzjoni tal-prodott tad-*data*.
- (c) Lista ta' kontroll tas-settijiet ta' *data* disponibbli, inklużi d-dati effettivi u ta' pubblikazzjoni tagħhom, għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti sabiex jiġi żgurat li tkun qed tintuża *data* kurrenti.
- (d) Il-lista ta' kontroll tas-settijiet ta' *data* għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz tal-istess mekkaniżmu ta' distribuzzjoni bħal dak użat għas-settijiet ta' *data*.

**AIS.TR.340 Rekwiżiti tal-metadata**

Il-metadata minima għal kull sett ta' *data* għandha tinkludi:

- (a) l-isem tal-organizzazzjonijiet jew tal-entitajiet li jipprovdu s-sett ta' *data*;
- (b) id-*data* u l-ħin meta ġie pprovdut is-sett ta' *data*;
- (c) il-validità tas-sett ta' *data*; u
- (d) kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tas-sett ta' *data*.

**AIS.TR.345 Sett ta' data tal-AIP**

- (a) Id-*data* tal-AIP għandha tinkludi *data* dwar is-suġġetti li ġejjin, inklużi l-proprietajiet indikati, jekk applikabbli:

| Suġġetti tad- <i>data</i>                 | Proprietà assoċjati bħala minimu                                          |
|-------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------|
| Spazju tal-ajru tal-ATS                   | Tip, isem, limiti laterali, limiti vertikali, klassi tal-ispazju tal-ajru |
| Spazju tal-ajru ta' attivitajiet speċjali | Tip, isem, limiti laterali, limiti vertikali, restrizzjoni, attivazzjoni  |
| Rotta                                     | Prefiss tal-identifikatur, regoli tat-titjir, deżinjatur                  |

▼ **M1**

| Suġġetti tad- <i>data</i>                      | Proprietà assoċjati bħala minimu                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Segment tar-rotta                              | Speċifikazzjoni tan-navigazzjoni, punt tat-tluq, punt tat-tmiem, trajettorja, distanza, limitu superjuri, limitu inferjuri, altitudni minima matul ir-rotta (MEA), altitudni minima ta' qtugħ mill-ostakolu (MOCA), direzzjoni tal-livell tal-cruising, direzzjoni b'lura tal-livell tal-cruising, prestazzjoni tan-navigazzjoni meħtieġa |
| Waypoint — matul ir-rotta                      | Obbligu ta' rapportar, identifikazzjoni, post, formazzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Ajrudrom/heliport                              | Indikatur tal-post, isem, deżinjatur tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA), belt moqdi, data taċ-ċertifikazzjoni, data ta' skadenza taċ-ċertifikazzjoni, jekk applikabbli, tip ta' kontroll, elevazzjoni tal-kamp, temperatura ta' referenza, varjazzjoni manjetika, punt ta' referenza tal-ajruport              |
| Runway                                         | Deżinjatur, tul nominali, wisa' nominali, tip ta' superfiċje, saħħa                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Direzzjoni tar-runway                          | Deżinjatur, orjentazzjoni vera, livell limitu, ġirja tat-tluq disponibbli (TORA), distanza disponibbli għat-tluq (TODA), distanza disponibbli għall-aċċellerazzjoni u l-waqfien (ASDA), distanza tal-inżul disponibbli (LDA), TODA rifjutata (għall-ħelikopters)                                                                          |
| Żona ta' tluq u ta' avviċinament finali (FATO) | Deżinjazzjoni, tul, wisa', punt ta' limitu                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Żona ta' touch down u ta' lift off (TLOF)      | Deżinjatur, punt taċ-ċentru, tul, wisa', tip ta' superfiċje                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| Għajnuna għan-navigazzjoni bir-radju           | Identifikazzjoni tat-tip, isem, ajrudrom moqdi, ħinijiet tat-tħaddim, varjazzjoni manjetika, frekwenza/kanal, pożizzjoni, elevazzjoni, orjentazzjoni manjetika, orjentazzjoni vera, direzzjoni b'orjentazzjoni zero;                                                                                                                      |

- (b) Meta proprietà ma tkunx definita għal okkorrenza partikolari tas-suġġetti elenkati f'(a), is-subsett ta' *data* tal-AIP għandu jinkludi indikazzjoni espliċita: "mhux applikabbli".

**AIS.TR.350 Data dwar l-art u l-ostakoli — Rekwiżiti ġenerali**

Iż-żoni ta' kopertura għas-settijiet ta' *data* dwar l-art u l-ostakoli għandhom ikunu speċifikati bħala:

- (a) Żona 1: it-territorju sħiħ ta' Stat Membru;
- (b) Żona 2: fi ħdan il-viċinanzi ta' ajrudrom, subdiviżi kif ġej:
- (1) Żona 2a: żona rettangolari madwar runway li tinkludi l-istrixxa tar-runway flimkien ma' kwalunkwe mogħdija tal-ikklerjar li teżisti;
  - (2) Żona 2b: żona li testendi mit-truf taż-Żona 2a fid-direzzjoni tat-tluq, b'tul ta' 10 km u b'dispersjoni tat-trajettorja ta' 15 % ma' kull naħa;

▼ **M1**

- (3) Żona 2c: żona li testendi barra ż-Żoni 2a u 2b f'distanza ta' mhux aktar minn 10 km mil-limitu taż-Żona 2a; u
- (4) Żona 2d: żona barra ż-Żoni 2a, 2b u 2c sa distanza ta' 45 km mill-punt ta' referenza tal-ajrudrom, jew sa limitu eżistenti taż-żona ta' mmanuvrar tat-terminal (TMA), skont liema jkun l-eqreb;
- (c) Żona 3: iż-żona li tmiss ma' żona ta' moviment ta' ajrudrom li testendi orizzontalmment mit-tarf ta' runway sa 90 m mil-linja taċ-ċentru tar-runway u 50 m mit-tarf tal-partijiet l-oħra kollha taż-żona ta' moviment tal-ajrudrom; u
- (d) Żona 4: iż-żona li testendi 900 m qabel il-limitu tar-runway u 60 m ma' kull naħa tal-linja taċ-ċentru tar-runway estiża fid-direzzjoni tal-avvičinement fuq runway ta' avvičinement ta' preċiżjoni, Kategorija II jew III.


**AIS.TR.355 Settijiet ta' data dwar l-art**

Meta s-settijiet ta' data dwar l-art jiġu pprovduti skont il-punt AIS.OR.355:

- (a) is-settijiet ta' data dwar l-art għandu jkun fihom ir-rappreżentazzjoni diġitali tas-superfiċje tal-art fil-forma ta' valuri ta' elevazzjoni kontinwa f'kull inter-sezzjoni ta' grilja definita, b'referenza għal datum komuni;
- (b) grilja tal-art għandha tkun angolari jew lineari u għandha tkun ta' forma regolari jew irregolari;
- (c) settijiet ta' data dwar l-art għandhom jinkludu aspetti spazjali (tal-pożizzjoni u tal-elevazzjoni), tematiċi u temporali tas-superfiċje tad-Dinja, li jkun fihom karatteristiċi li jseħħu naturalment, esklużi l-ostakoli;
- (d) tip ta' karatteristika wieħed biss, jiġifieri l-art, għandu jiġi pprovdut;
- (e) l-attributi li ġejjin tal-karatteristiċi tal-art għandhom jiġu rreġistrati fis-sett ta' data dwar l-art:
  - (1) l-erja tal-kopertura;
  - (2) identifikazzjoni tal-oriġinatur tad-data er;
  - (3) l-identifikatur tas-sors tad-data;
  - (4) il-metodu ta' akkwiziżzjoni;
  - (5) l-ispazjar tal-istazzjon;
  - (6) is-sistema ta' referenza orizzontali;
  - (7) ir-riżoluzzjoni orizzontali;
  - (8) l-akkuratezza orizzontali;
  - (9) il-livell ta' fiduċja orizzontali;
  - (10) il-pożizzjoni orizzontali;
  - (11) l-elevazzjoni;
  - (12) ir-referenza tal-elevazzjoni;

▼ **M1**

- (13) is-sistema ta' referenza vertikali;
  - (14) ir-riżoluzzjoni vertikali;
  - (15) l-akkuratezza vertikali;
  - (16) il-livell ta' fiduċja vertikali;
  - (17) is-superfiċje rreġistrata;
  - (18) l-integrità;
  - (19) id-data u l-kronogramma; u
  - (20) l-unità ta' kejl użata;
- (f) Fi ħdan l-erja koperta b'radius ta' 10 km mill-ART, id-data dwar l-art għandha tikkonforma mar-rekwiżiti numeriċi taż-Żona 2;
- (g) fiż-żona bejn 10 km u l-limitu tat-TMA jew radius ta' 45 km, skont liema jkun l-iżgħar, id-data dwar l-art li tippenetra l-pjan orizzontali 120 m 'il fuq mill-anqas elevazzjoni tar-runway għandha tikkonforma mar-rekwiżiti numeriċi taż-Żona 2;
- (h) fiż-żona bejn 10 km u l-limitu tat-TMA jew radius ta' 45 km, skont liema jkun l-iżgħar, id-data dwar l-art li ma tippenetrax il-pjan orizzontali 120 m 'il fuq mill-anqas elevazzjoni tar-runway għandha tikkonforma mar-rekwiżiti numeriċi taż-Żona 1; u
- (i) f'dawk il-partijiet taż-Żona 2 fejn l-operazzjonijiet ta' titjir huma pprojbti minħabba art għolja jew restrizzjonijiet u/jew regolamenti lokali oħra, id-data dwar l-art għandha tikkonforma mar-rekwiżiti numeriċi taż-Żona 1.

**Superfiċji għall-ġbir tad-data dwar l-art — Żona 1 u Żona 2**


**▼ M1****AIS.TR.360 Settijiet ta' *data* dwar l-ostakoli**

Meta s-settijiet ta' *data* dwar l-ostakoli jiġu pprovduti skont il-punt AIS.OR.360:

- (a) l-attributi tad-*data* dwar l-ostakoli huma karatteristiċi li għandhom jiġu rappreżentati fis-settijiet ta' *data* b'punti, b'linji jew b'poligoni;
- (b) kull tip ta' karatteristika ta' ostakolu ddefinit għandu jiġi pprovdut u kull wieħed għandu jkun deskritt skont il-lista ta' attributi li ġejja:
  - (1) l-erja tal-kopertura;
  - (2) identifikazzjoni tal-oriġinatur tad-*data*;
  - (3) l-identifikatur tas-sors tad-*data*;
  - (4) l-identifikatur tal-ostakolu;
  - (5) l-akkuratezza orizzontali;
  - (6) il-livell ta' fiduċja orizzontali;
  - (7) il-pożizzjoni orizzontali;
  - (8) ir-riżoluzzjoni orizzontali;
  - (9) il-kobor orizzontali;
  - (10) is-sistema ta' referenza orizzontali;
  - (11) l-elevazzjoni;
  - (12) l-akkuratezza vertikali;
  - (13) il-livell ta' fiduċja vertikali;
  - (14) ir-riżoluzzjoni vertikali;
  - (15) is-sistema ta' referenza vertikali;
  - (16) it-tip ta' ostakolu;
  - (17) it-tip ta' ġeometrija;
  - (18) l-integrità;
  - (19) id-*data* u l-kronogramma;
  - (20) l-unità ta' kejl użata;
  - (21) id-dawl; u
  - (22) l-immarkar;
- (c) id-*data* dwar l-ostakoli għaż-Żoni 2 u 3 għandha tinġabar skont is-superfiċji li ġejjin għall-ġbir tal-ostakoli:
  - (1) is-superfiċje għall-ġbir tal-ostakoli taż-Żona 2a għandha għoli ta' 3 m "il fuq mill-eqreb elevazzjoni tar-runway imkejla tul il-linja taċ-ċentru tar-runway, u għal dawk il-partijiet relatati ma" mogħdija tal-ikklerjar, jekk teżisti waħda, fl-elevazzjoni tal-eqreb tmiem tar-runway;

▼ **M1**

- (2) is-superfiċje għall-ġbir tal-ostakoli taż-Żona 2b għandha pendil ta' 1.2 % li jestendi mit-truf taż-Żona 2a fl-elevazzjoni tat-tmiem tar-runway fid-direzzjoni tat-tluq, b'tul ta' 10 km u b'dispersjoni tat-trajettorja ta' 15 % ma' kull naħa; ostakoli f'anqas minn 3 m għoli 'l fuq mill-art m'għandhomx bżonn jinġabru;
- (3) is-superfiċje għall-ġbir tal-ostakoli taż-Żona 2c għandha pendil ta' 1.2 % li jestendi barra ż-Żoni 2a u 2b f'distanza ta' mhux aktar minn 10 km mil-limitu taż-Żona 2a; l-elevazzjoni inizjali taż-Żona 2c għandha tkun l-elevazzjoni tal-punt taż-Żona 2a li tibda fiha; ostakoli f'anqas minn 15 m għoli 'l fuq mill-art m'għandhomx bżonn jinġabru;
- (4) is-superfiċje tal-ġbir tal-ostakoli taż-Żona 2d għandha għoli ta' 100 m mill-art; u
- (5) is-superfiċje tal-ġbir tal-ostakoli taż-Żona 3 testendi 0.5m ogħla mill-pjan orizzontali li jgħaddi mill-eqreb punt fiż-żona ta' moviment tal-ajrudrom;
- (d) f'dawk il-partijiet taż-Żona 2 fejn l-operazzjonijiet ta' titjir huma pprojbti minħabba art għolja ħafna jew restrizzjonijiet u/jew regolamenti lokali oħra, id-data dwar l-ostakoli għandha tinġabar u tiġi rreġistrata skont ir-rekwiżiti numeriċi taż-Żona 1;
- (e) l-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tad-data dwar l-ostakoli, sostnuta mill-koordinati ġeografiċi għal kull ajrudrom inkluż fi ħdan is-sett ta' data, għandha tiddeskrivi ż-żoni li ġejjin:
- (1) iż-Żoni 2a, 2b, 2c u 2d;
  - (2) l-erja tat-trajettorja tat-tluq; u
  - (3) is-superfiċji ta' limitazzjoni tal-ostakoli;
- (f) is-settijiet ta' data dwar l-ostakoli għandu jkun fihom ir-rappreżentazzjoni diġitali tal-firxa vertikali u orizzontali tal-ostakoli; u
- (g) l-ostakoli m'għandhomx ikunu inklużi fis-settijiet ta' data dwar l-art.

**Superfiċji għall-ġbir tad-data dwar l-ostakoli — Żona 1 u Żona 2**

▼ **M1****AIS.TR.365 Settijiet ta' *data* dwar l-immappjar tal-ajrudrom**

- (a) Is-settijiet ta' *data* dwar l-immappjar tal-ajrudrom għandu jkun fihom ir-rappreżentazzjoni diġitali tal-karatteristiċi tal-ajrudrom.
- (b) Għandhom jintużaw standards tal-ISO għall-informazzjoni ġeografika bħala qafas ta' referenza.
- (c) Il-prodotti tad-*data* dwar l-immappjar tal-ajrudrom għandhom ikunu deskritti billi jiġi segwit l-istandard tal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tad-*data* rilevanti.
- (d) Il-kontenut u l-istruttura tas-settijiet ta' *data* dwar l-immappjar tal-ajrudrom għandhom ikunu definiti f'termini ta' skemi ta' applikazzjoni u ta' katalogu ta' karatteristiċi.

**AIS.TR.370 Settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti**

- (a) Is-settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti għandu jkun fihom ir-rappreżentazzjoni diġitali tal-proċeduri tat-titjira bl-istrumenti.
- (b) Is-settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjira bl-istrumenti għandhom jinkludu *data* dwar is-suġġetti li ġejjin, inklużi l-proprietajiet kollha tagħhom:
  - (1) il-proċedura;
  - (2) is-segment tal-proċedura;
  - (3) is-segment tal-avviċinament finali;
  - (4) il-punt tal-proċedura;
  - (5) il-proċedura ta' żamma;
  - (6) l-ispeċifikażjoni tal-proċedura tal-elikopter.

**SEZZJONI 4 — SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI U TA' INFORMAZZJONI TA' QABEL IT-TITJIRA****AIS.TR.400 Servizzi ta' distribuzzjoni**

- (a) Sistema ta' distribuzzjoni predeterminata għal NOTAM trażmessi fuq l-AFS għandha tintuża kull meta jkun possibbli.
- (b) Id-distribuzzjoni ta' serje NOTAM għajr dawk distribwiti internazzjonalment għandha tingħata fuq talba.
- (c) NOTAM għandhom jitħejjew f'konformità mal-proċeduri ta' komunikazzjoni tal-ICAO stabbiliti fl-Anness 10, Volum II tal-ICAO.
- (d) Kull NOTAM għandu jiġi trażmess bħala messaġġ ta' telekomunikazzjoni wieħed.
- (e) L-iskambju ta' ASHTAM lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru, u NOTAM fejn l-Istati Membri jużaw NOTAM għad-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar l-attività volkanika, għandhom jinkludu ċentri konsultattivi dwar l-irmied volkaniku u ċ-ċentri ta' tbassir tal-erjas madwar id-dinja, u jqisu r-rekwiżiti tal-operazzjonijiet fuq medda twila.

**AIS.TR.405 Servizzi ta' informazzjoni qabel titjira**

- (a) Sistemi awtomatizzati ta' informazzjoni ta' qabel titjira għandhom jintużaw sabiex jagħmlu d-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika disponibbli għall-persunal tal-operazzjonijiet, inklużi membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, għall-finijiet ta' self-briefing, ta' ppjanar tat-titjira u tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjira.

▼ **M1**

- (b) L-interfaċċja bniedem-magna tal-faċilitajiet tas-servizzi ta' informazzjoni qabel titjira għandha tiżgura aċċess faċli għall-informazzjoni/għad-*data* rilevanti kollha b'mod iggwidat.
- (c) Il-faċilitajiet ta' self-briefing ta' sistema awtomatizzata ta' informazzjoni ta' qabel titjira għandhom jipprovdu aċċess, fejn ikun hemm bżonn, għas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għal konsultazzjoni bit-telefown jew b'mezzi tat-telekomunikazzjoni xierqa oħra.
- (d) Sistemi awtomatizzati ta' informazzjoni ta' qabel titjira għall-provvista ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika għas-self-briefing, għall-ippjanar tat-titjira u għas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandhom:
  - (1) jipprovdu għal aġġornar kontinwu u puntwali tal-bażi ta' *data* tas-sistema u għall-monitoraġġ tal-validità u tal-kwalità tad-*data* ajrunawtika maħżuna;
  - (2) jippermtu aċċess għas-sistema minn persunal tal-operazzjonijiet, inklużi membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, persunal ajrunawtiku kkonċernat u utenti ajrunawtiċi oħra, permezz ta' mezzi tat-telekomunikazzjoni xierqa;
  - (3) jiżguraw il-provvista tad-*data* ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika aċċessati, f'forma fuq karti, kif ikun meħtieġ;
  - (4) jużaw proċeduri ta' aċċess u ta' interrogazzjoni bbażati fuq lingwaġġ sempliċi mqassar u indikaturi tal-post tal-ICAO stabbiliti fid-Dok 7910 tal-ICAO, kif xieraq, jew fuq il-bażi ta' interfaċċa tal-utenti xprunata minn menu jew mekkaniżmu xieraq ieħor;
  - (5) jipprovdu rispons puntwali għal talba mill-utent għal informazzjoni.
- (e) Kull NOTAM għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-briefing b'mod predefinit, u t-tnaqqis tal-kontenut għandu jsir bid-diskrezzjoni tal-utent.

*SEZZJONI 5 — AĠĠORNAMENTI TA' PRODOTTI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA*

**AIS.TR.500 Ġenerali — Aġġornamenti tal-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika**

L-istess aġġornament taċ-ċiklu tal-AIRAC għandu jiġi applikat għall-emendi għall-AIP, għas-supplimenti għall-AIP, għas-sett ta' *data* tal-AIP u għas-settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjir bl-istrumenti sabiex tiġi żgurata konsistenza tal-attributi tad-*data* li jidhru f'diversi prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika.

**AIS.TR.505 AIRAC**

- (a) Informazzjoni rigward iċ-ċirkustanzi li ġejjin għandha tiġi ddistribwita taħt is-sistema tal-AIRAC:
  - (1) limiti orizzontali u vertikali, regolamenti u proċeduri applikabbli għal:
    - (i) reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir (FIRs);
    - (ii) erjas ta' kontroll (CTAs);
    - (iii) żoni ta' kontroll;

**▼ M1**

- (iv) erjas ta' notifika;
- (v) rotot tal-ATS;
- (vi) periklu permanenti, erjas ipprojbiti u ristretti (inklużi t-tip u l-perjodi ta' attività, meta magħrufa) u żoni ta' identifikazzjoni għad-difiża tal-ajru (ADIZs);
- (vii) erjas jew rotot permanenti, jew partijiet minnhom, fejn teżisti l-possibbiltà ta' interċettazzjoni;
- (viii) RMZ u/jew TMZ;
- (2) pożizzjonijiet, frekwenzi, sinjali ta' sejħa, identifikaturi, irregolaritajiet magħrufa u perjodi ta' manutenzjoni tal-għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju, u faċilitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sorveljanza;
- (3) proċeduri ta' żamma u ta' avviċinament, proċeduri ta' wasla u ta' tluq, proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju u kwalunkwe proċedura pertinenti oħra tal-ATS;
- (4) livelli ta' tranżizzjoni, altitudnijiet tat-tranżizzjoni u altitudnijiet minimi tas-setturi;
- (5) faċilitajiet meteoroloġiċi (inklużi xandiriet) u proċeduri;
- (6) runways u stopways;
- (7) taxiways u superfiċċi asfaltati fl-ajrudrom;
- (8) proċeduri operazzjonali fuq l-art tal-ajrudrom (inklużi proċeduri f'viżibiltà baxxa);
- (9) dawl tal-avviċinament u tar-runway; u
- (10) valuri minimi operazzjonali tal-ajrudrom, jekk ippubblikati minn Stat Membru.
- (b) Għandhom isiru arranġamenti speċjali kull meta jkunu ppjanati bidliet kbar u meta tkun mixtieqa u prattikabbli notifika minn qabel.
- (c) Meta ma tkunx ġiet sottomessa informazzjoni sad-data tal-AIRAC, għandha titqassam notifika NIL permezz ta' NOTAM jew b'mezzi xierqa oħra, mhux aktar tard minn ċiklu wiehded qabel id-data effettiva kkonċernata tal-AIRAC.

**AIS.TR.510 NOTAM**

- (a) NOTAM għandu jiġi ppubblikat b'biżżejjed żmien minn qabel sabiex il-partijiet affettwati jkunu jistgħu jieħdu kwalunkwe azzjoni, ħliel fil-każ ta' nuqqas ta' servizzjabbiltà, ta' attività volkanika, ta' rilaxx ta' materjal radjuattiv, ta' sustanzi kimiċi tossiċi u ta' avvenimenti oħra li ma jistgħux ikunu previsti.
- (b) NOTAM li jinnotifikaw nuqqas ta' servizzjabbiltà tal-għajnuniet għan-navigazzjoni bl-ajru, ta' faċilitajiet jew ta' servizzi ta' komunikazzjoni għandhom jipprovdu stima tal-perjodu ta' nuqqas ta' servizzjabbiltà jew taż-żmien li fih huwa mistenni li jerġa' lura s-servizz.

▼ **M1**

- (c) Fi żmien tliet xhur mill-ħruġ ta' NOTAM permanenti, l-informazzjoni li tinsab fin-NOTAM għandha tkun inkluża fil-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika affettwati.
- (d) Fi żmien tliet xhur mill-ħruġ ta' NOTAM temporanji b'durata twila, l-informazzjoni li tinsab fin-NOTAM għandha tkun inkluża fis-supplimenti għall-AIP.
- (e) Meta NOTAM bi tmiem mistenni tal-validità jaqbeż il-perjodu ta' tliet xhur mingħajr dan ma jkun mistenni, għandu jinħareġ NOTAM sostitut sakemm il-kundizzjoni ma tkunx mistennija ddum għal perjodu itwal ta' aktar minn tliet xhur; f'dak il-każ, għandu jinħareġ suppliment għall-AIP.
- (f) "NOTAM skattatur" għandu jiddeskrivi fil-qosor il-kontenut, id-data u l-ħin effettivi, kif ukoll in-numru ta' referenza tal-emenda, jew tas-suppliment.
- (g) "NOTAM skattatur" għandu jidħol fis-seħħ fl-istess data u ħin effettivi bħall-emenda jew is-suppliment għall-AIP.
- (h) F'każ ta' emenda għall-AIP, "NOTAM skattatur" għandu jibqa' validu għal perjodu ta' 14-il jum.
- (i) F'każ ta' suppliment għall-AIP li jkun validu għal anqas minn 14-il jum, in-"NOTAM skattatur" għandu jibqa' validu għall-perjodu ta' validità sħiħ tas-suppliment għall-AIP.
- (j) F'każ ta' suppliment għall-AIP li jkun validu għal 14-il jum jew aktar, in-"NOTAM skattatur" għandu jibqa' validu għal tal-anqas 14-il jum.

**AIS.TR.515 Aġġornamenti tas-settijiet ta' data**

- (a) L-intervall ta' aġġornament għas-sett ta' *data* dwar l-AIP u għas-settijiet ta' *data* dwar il-proċedura tat-titjir bl-istrumenti għandu jkun speċifikat fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-*data*.
- (b) Is-settijiet ta' *data* li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minn qabel, skont iċ-ċiklu tal-AIRAC, għandhom jiġu aġġornati bil-bidliet mhux tal-AIRAC li jseħħu bejn id-data tal-pubblikazzjoni u d-data effettiva.

**▼ M1***Appendiċi 1***KONTENUT TAL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI AJRUNAWTIKA (AIP)****PARTI 1 — ĠENERALI (GEN)**

Meta l-AIP tiġi prodotta bħala volum wieħed, il-prefazzjoni, ir-rekord ta' Emendi għall-AIP, ir-rekord ta' Supplimenti għall-AIP, il-lista ta' kontroll tal-paġni għall-AIP u l-lista ta' emendi kurrenti bl-idejn għandhom jidhru biss fil-Parti 1 — GEN, u l-annotazzjoni "mhux applikabbli" għandha tiddaħħal għal kull waħda minn dawk is-subsezzjonijiet fil-Partijiet 2 u 3.

Jekk AIP tiġi prodotta u titqiegħed għad-dispożizzjoni f'aktar minn volum wieħed b'kull wieħed li jkollu servizz ta' emenda u ta' suppliment separat, prefazzjoni separata, rekord tal-Emendi għall-AIP, rekord tas-Supplimenti għall-AIP, lista ta' kontroll tal-paġni tal-AIP u lista ta' emendi kurrenti bl-idejn għandhom ikunu inklużi f'kull volum.

**GEN 0.1 Prefazzjoni**

Deskrizzjoni qasira tal-AIP, li tinkludi:

1. l-isem tal-organizzazzjoni li tippubblikaha;
2. id-dokumenti applikabbli tal-ICAO;
3. il-midja tal-pubblikazzjoni (jiġifieri stampata, online jew midja elettronika oħra);
4. l-istruttura tal-AIP u l-intervall stabbilit ta' emendar regolari;
5. il-politika dwar id-dritt tal-awtur, jekk applikabbli;
6. is-servizz li jrid jiġi kkuntattjat f'każ ta' żbalji jew ta' ommissjonijiet individwali tal-AIP.

**GEN 0.2 Rekord ta' Emendi għall-AIP**

Rekord ta' Emendi għall-AIP u ta' Emendi għall-AIP tal-AIRAC (ippubblikati skont is-sistema tal-AIRAC) li jkun fih:

1. in-numru tal-emenda;
2. id-data tal-pubblikazzjoni;
3. id-data tat-tidħil (għall-Emendi għall-AIP tal-AIRAC, id-data effettiva);
4. l-inizjali tal-uffiċjal li daħħal l-emenda.

**GEN 0.3 Rekord ta' Supplimenti għall-AIP**

Rekord tas-Supplimenti għall-AIP maħruġa li jkun fih:

1. in-numru tas-Suppliment;
2. is-suġġett tas-Suppliment;
3. is-sezzjoni/sezzjonijiet affettwata/i tal-AIP;
4. il-perjodu ta' validità;
5. rekord tat-tħassir.

**▼ M1****GEN 0.4 Lista ta' kontroll tal-paġni tal-AIP**

Lista ta' kontroll ta' paġni tal-AIP li fiha:

1. in-numru tal-paġna/it-titlu taċ-ċart;
2. id-data tal-pubblikazzjoni jew effettiva (jum, xahar bl-isem u sena) tal-informazzjoni ajrunawtika.

**GEN 0.5 Lista ta' emendi bl-idejn għall-AIP**

Lista ta' emendi kurrenti bl-idejn għall-AIP li fiha:

1. il-paġna/i affettwata/i;
2. it-test tal-emendi; u
3. in-numru tal-Emenda għall-AIP li biha ġiet introdotta emenda bl-idejn.

**GEN 0.6 Werrej għall-Parti 1**

Lista ta' sezzjonijiet u ta' subsezzjonijiet li jinsabu fil-Parti 1 — Ġenerali (GEN).

**GEN 1. REGOLAMENTI U REKWIŻITI NAZZJONALI****GEN 1.1 Awtoritajiet deżinjati**

L-indirizzi tal-awtoritajiet deżinjati kkonċernati mill-faċilitazzjoni tan-navigazzjoni bl-ajru internazzjonali (avjazzjoni ċivili, meteoroloġija, dwana, immigrazzjoni, saħħa, imposti tar-rotta u tal-ajrudrom/tal-heliport, kwarantina agrikola u investigazzjoni tal-aċċidenti tal-inġenji tal-ajru) li, għal kull awtorità, ikun fihom:

1. l-awtorità deżinjata;
2. isem l-awtorità;
3. l-indirizz postali;
4. in-numru tat-telefown;
5. in-numru tat-telefax;
6. l-indirizz tal-posta elettronika;
7. l-indirizz tas-servizz ajrunawtiku fiss (AFS); u
8. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli.

**GEN 1.2 Dħul, tranżitu u tluq tal-inġenji tal-ajru**

Ir-regolamenti u r-rekwiżiti għan-notifika minn qabel u l-applikazzjonijiet għal permess rigward id-dħul, it-tranżitu u t-tluq ta' inġenji tal-ajru f'titjiriet internazzjonali.

**GEN 1.3 Dħul, tranżitu u tluq ta' passiġġieri u ta' ekwipaġġ**

Ir-regolamenti (inklużi d-dwana, l-immigrazzjoni u l-kwarantina, u r-rekwiżiti għan-notifika minn qabel u l-applikazzjonijiet għal permess) rigward id-dħul, it-tranżitu u t-tluq ta' passiġġieri mhux immigranti u ta' ekwipaġġ.

**▼ M1****GEN 1.4 Dħul, tranżitu u tluq tal-merkanzija**

Ir-regolamenti (inklużi d-dwana, u r-rekwiżiti għan-notifika minn qabel u l-applikazzjonijiet għal permess) rigward id-dħul, it-tranżitu u t-tluq ta' merkanzija.

**GEN 1.5 Strumenti, tagħmir u dokumenti tat-titjir tal-inġenji tal-ajru**

Deskrizzjoni qasira tal-istrumenti, tat-tagħmir u tad-dokumenti tat-titjir tal-inġenji tal-ajru, inklużi:

1. l-istrumenti, it-tagħmir (inkluż tagħmir ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza tal-inġenji tal-ajru) u d-dokumenti tat-titjir li jridu jinġarru fuq l-inġenji tal-ajru, inkluż kwalunkwe rekwiżit speċjali minbarra d-dispożizzjonijiet speċifikati fis-Subparti D tal-Anness IV (Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012; u
2. trażmettitur lokalizzatur tal-emerġenza (ELT), apparati tas-sinjalar u tagħmir għas-salvataġġ tal-ħajja kif ippreżentati fil-punt CAT.IDE.A.280 tal-Anness IV (Parti-CAT) u fil-punt NCC.IDE.A.215 tal-Anness VI (Parti-NCC) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, fejn ikun iddeterminat hekk mil-laqgħat dwar in-navigazzjoni bl-ajru reġjonali, għal titjiriet fuq erjas ta' art deżinjati.

**GEN 1.6 Sommarju tar-regolamenti nazzjonali u tal-ftehimiet/konvenzjonijiet Internazzjonali**

Lista ta' titli u ta' referenzi u, fejn applikabbli, ta' sommarji ta' regolamenti nazzjonali li jaffettwaw in-navigazzjoni bl-ajru, flimkien ma' lista ta' ftehimiet/-konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati mill-Istat Membru.

**GEN 1.7 Differenzi mill-Istandards, mill-Prattiki Rakkomandati u mill-Proċeduri tal-ICAO**

Lista tad-differenzi sinifikanti bejn ir-regolamenti u l-prattiki nazzjonali tal-Istat Membru u d-dispożizzjonijiet relatati tal-ICAO, inklużi:

1. id-dispożizzjoni affettwata (l-Anness u n-numru tal-edizzjoni, il-paragrafu); u
2. id-differenza f'test sħiħ.

Id-differenzi sinifikanti kollha għandhom jiġu elenkati f'din is-subsezzjoni. L-Annessi kollha għandhom ikunu elenkati f'ordni numeriku anki jekk ma jkun hemm l-ebda differenza għal Anness tal-ICAO, f'liema każ għandha tiġi pprovduta notifika NIL. Differenzi nazzjonali jew il-grad ta' nuqqas ta' applikazzjoni tal-proċeduri supplimentari reġjonali (SUPPs) għandhom jiġu nnotifikati minnufih wara l-Anness li miegħu tkun relatata l-proċedura supplimentari.

**GEN 2. TABELLI U KODIĊIJIET****GEN 2.1 Sistema ta' kejl, markar tal-inġenji tal-ajru, festi****GEN 2.1.1 Unitajiet ta' kejl**

Deskrizzjoni tal-unitajiet ta' kejl użati inkluża tabella tal-unitajiet ta' kejl.

**GEN 2.1.2 Sistema ta' referenza temporali**

Deskrizzjoni tas-sistema ta' referenza temporali (sistema ta' kalendarju u ta' ħin) użata, flimkien ma' indikazzjoni ta' jekk tintużax is-sistema ta' tmexxija tas-siegħa lura jew 'il quddiem u kif inhi ppreżentata s-sistema ta' referenza temporali fi ħdan l-AIP.

**▼ M1****GEN 2.1.3 Sistema ta' referenza orizzontali**

Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' referenza (ġeodetika) orizzontali użata, inklużi:

1. l-isem/id-deżinjazzjoni tas-sistema ta' referenza;
2. l-identifikazzjoni u l-parametri tal-projezzjoni;
3. l-identifikazzjoni tal-ellipsojde użata;
4. l-identifikazzjoni tad-datum użat;
5. l-erja(s) ta' applikazzjoni; u
6. spjegazzjoni, jekk applikabbli, tal-asterisk użata sabiex jiġu identifikati dawk il-koordinati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti dwar l-akkuratezza tal-Annessi 11 u 14 tal-ICAO.

**GEN 2.1.4 Sistema ta' referenza vertikali**

Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' referenza vertikali użata, inklużi:

1. l-isem/id-deżinjazzjoni tas-sistema ta' referenza;
2. deskrizzjoni tal-mudell ġeojd użat inklużi l-parametri meħtieġa għat-trasformazzjoni tal-għoli bejn il-mudell użat u EGM-96;
3. spjegazzjoni, jekk applikabbli, tal-asterisk użata sabiex jiġu identifikati dawk l-elevazzjonijiet/l-undulazzjonijiet tal-ġeojd li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti dwar l-akkuratezza tal-Anness 14 tal-ICAO.

**GEN 2.1.5 Nazżjonalità u marki ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru**

Indikazzjoni tan-nazżjonalità u tal-marki ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru adottati mill-Istat Membru.

**GEN 2.1.6 Festi pubbliċi**

Lista ta' festi pubbliċi b'indikazzjoni tas-servizzi affettwati.

**GEN 2.2 Abbrevjazzjonijiet użati fil-pubblikazzjonijiet tal-AIS**

Lista ta' abbrevjazzjonijiet organizzati alfabetikament u tas-sinifikati rispettivi tagħhom użati mill-Istat Membru fl-AIP tiegħu u fid-distribuzzjoni ta' *data* ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika b'annotazzjoni xierqa għal dawk l-abbrevjazzjonijiet nazżjonali li huma differenti minn dawk li jinsabu fid-Dokument 8400 tal-ICAO "Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — Abbrevjazzjonijiet u Kodiċijiet tal-ICAO (PANS-ABC)".

**GEN 2.3 Simboli taċ-ċart**

Lista ta' simboli taċ-ċart organizzata skont is-serje taċ-ċart fejn jiġu applikati s-simboli.

**GEN 2.4 Indikaturi tal-post**

Lista ta' indikaturi tal-post tal-ICAO organizzati alfabetikament assenjati għall-postijiet ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi fissi li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' kodifikazzjoni u ta' dekodifikazzjoni. Għandha tiġi pprovduta annotazzjoni għall-postijiet mhux konnessi mas-servizz ajrunawtiku fiss (AFS).

**▼ M1****GEN 2.5 Lista ta' għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju**

Lista ta' għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju organizzata alfabetikament, li jkun fiha:

1. identifikatur;
2. isem l-istazzjon;
3. it-tip ta' faċilità/għajnuna;
4. indikazzjoni jekk l-għajnuna taqdim skopijiet ta' matul ir-rotta (E), tal-ajrudrom (A) jew doppji (AE).

**GEN 2.6 Konverżjoni tal-unitajiet ta' kejl**

It-tabelli għall-konverżjoni jew, inkella, il-formuli tal-konverżjoni bejn:

1. mili nawtiċi u kilometri u viċi versa;
2. piedi u metri u viċi versa;
3. minuti deċimali ta' ark u sekondi ta' ark u viċi versa;
4. konverżjonijiet oħra kif xieraq.

**GEN 2.7 Tluġh/inżul ix-xemx**

Informazzjoni dwar il-ħin ta' tluġh u ta' nżul ix-xemx inkluża deskrizzjoni qasira tal-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-ħinijiet mogħtija u formula sempliċi jew tabella li minnha jistgħu jiġu kkalkolati l-ħinijiet għal kwalunkwe post fi ħdan it-territorju/iż-żona ta' inkarigu tiegħu, jew inkella lista alfabetika ta' postijiet li għalihom il-ħinijiet jingħataw f'tabella b'referenza għall-paġna relatata fit-tabella u t-tabelli dwar tluġh/inżul ix-xemx għall-istazzjonijiet/postijiet magħżula, inklużi:

1. isem l-istazzjon;
2. indikatur tal-post tal-ICAO;
3. il-koordinati ġeografiċi fi gradi u f'minuti;
4. id-data/i li għalihom jingħataw il-ħinijiet;
5. il-ħin għall-bidu tal-għabex ċivili ta' filgħodu;
6. il-ħin għal tluġh ix-xemx;
7. il-ħin għal inżul ix-xemx; u
8. il-ħin għat-tmiem tal-għabex ċivili ta' filgħaxija.

**GEN 3. SERVIZZI****GEN 3.1 Servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika****GEN 3.1.1 Servizz responsabbli**

Deskrizzjoni tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika (AIS) ipprovdut u tal-komponenti ewlenin tiegħu, inklużi:

1. l-isem tas-servizz/tal-unità;
2. l-indirizz postali;

▼ **M1**

3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli;
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi, jekk ikun hemm.

## GEN 3.1.2 Żona ta' inkarigu

Iż-żona ta' inkarigu għall-AIS.

## GEN 3.1.3 Pubblikazzjonijiet ajrunawtiċi

Deskrizzjoni tal-elementi tal-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika, inklużi:

1. is-servizz ta' emenda għall-AIP u dak relatat;
2. Supplimenti għall-AIP;
3. AIC;
4. NOTAM u bullettini ta' informazzjoni ta' qabel titjira (PIB);
5. listi ta' kontroll u listi ta' NOTAM validi;
6. kif jistgħu jinkisbu.

Meta tintuża AIC għall-promulgazzjoni tal-prezzijiet tal-pubblikazzjoni, din għandha tkun indikata f'din is-sezzjoni tal-AIP.

## GEN 3.1.4 Sistema tal-AIRAC

Deskrizzjoni qasira tas-sistema tal-AIRAC ipprovduta inkluża tabella tad-dati preżenti u fil-futur qarib tal-AIRAC.

## GEN 3.1.5 Servizzi ta' informazzjoni qabel titjira fl-ajrudromi/fil-ħeliports

Lista ta' ajrudromi/ta' ħeliports li fihom l-informazzjoni ta' qabel titjira tkun disponibbli bħala rutina, inkluża indikazzjoni ta':

1. elementi rilevanti tal-prodotti ta' informazzjoni ajrunawtika miżmuma;
2. mapep u ċarts rilevanti miżmuma;
3. erja ta' kopertura ġenerali rilevanti tat-tali *data*.

GEN 3.1.6 Settijiet ta' *data* diġitali

1. Deskrizzjoni tas-settijiet ta' *data* disponibbli, inklużi:

- (a) titlu tas-sett ta' *data*;
- (b) deskrizzjoni qasira;
- (c) is-sugġetti tad-*data* inklużi;

**▼M1**

- (d) l-ambitu ġeografiku;
  - (e) jekk applikabbli, il-limitazzjonijiet relatati mal-użu tagħhom.
2. Id-dettalji ta' kuntatt ta' kif jistgħu jinkisbu s-settijiet ta' *data*, li jkun fihom:
- (a) isem l-individwu, is-servizz jew l-organizzazzjoni responsabbli;
  - (b) l-indirizz u l-indirizz tal-posta elettronika tal-individwu, tas-servizz jew tal-organizzazzjoni responsabbli;
  - (c) in-numru tat-telefax tal-individwu, tas-servizz jew tal-organizzazzjoni responsabbli;
  - (d) in-numru tat-telefown għall-kuntatt tal-individwu, tas-servizz jew tal-organizzazzjoni responsabbli;
  - (e) il-ħinijiet tas-servizz (il-perjodu ta' ħin inkluża ż-żona tal-ħin meta jista' jsir kuntatt);
  - (f) informazzjoni online li tista' tintuża sabiex jiġu kkuntattjati l-individwu, is-servizz jew l-organizzazzjoni; u
  - (g) informazzjoni supplimentari, jekk meħtieġa, dwar kif u meta jistgħu jiġu kkuntattjati l-individwu, is-servizz jew l-organizzazzjoni.

**GEN 3.2 Ċarts ajrunawtiċi****GEN 3.2.1 Servizz(i) responsabbli**

Deskrizzjoni tas-servizz(i) responsabbli għall-produzzjoni ta' ċarts ajrunawtiċi, inklużi:

1. isem is-servizz;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli; u
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi mill-ICAO, jekk ikun hemm.

**GEN 3.2.2 Manutenzjoni taċ-ċarts**

Deskrizzjoni qasira ta' kif iċ-ċarts ajrunawtiċi jiġu riveduti u emendati.

**GEN 3.2.3 Arranġamenti ta' xiri**

Id-dettalji ta' kuntatt ta' kif jistgħu jinkisbu iċ-ċarts, li jkun fihom:

1. is-servizz/l-aġenzija (jew aġenziji) tal-bejgħ;
2. l-indirizz postali;

▼ **M1**

3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli.

## GEN 3.2.4 Serje taċ-ċarts ajrunawtiċi disponibbli

lista ta' serje taċ-ċarts ajrunawtiċi disponibbli segwita minn deskrizzjoni ġenerali ta' kull serje u indikazzjoni tal-użu maħsub.

## GEN 3.2.5 Lista ta' ċarts ajrunawtiċi disponibbli

Lista ta' ċarts ajrunawtiċi disponibbli, inklużi:

1. it-titlu tas-serje;
2. l-iskala tas-serje;
3. l-isem u/jew in-numru ta' kull ċart jew kull folja f'serje;
4. il-prezz għal kull folja;
5. id-data tal-aħħar reviżjoni.

## GEN 3.2.6 Indiċi għaċ-Ċart Ajrunawtika Dinjija (WAC) — ICAO 1:1 000 000

Ċart ta' indiċi li turi l-kopertura u t-tifsila tal-folji għad-WAC 1:1 000 000 prodotta minn Stat Membru. Jekk Ċart Ajrunawtika — ICAO 1:500 000 tkun prodotta minflok WAC 1:1 000 000, iċ-ċarts tal-indiċi għandhom jintużaw sabiex jindikaw il-kopertura u t-tifsila tal-folji għaċ-Ċart Ajrunawtika — ICAO 1:500 000.

## GEN 3.2.7 Ċarts topografiċi

Id-dettalji ta' kuntatt ta' kif jistgħu jinkisbu ċ-ċarts topografiċi, li jkun fihom:

1. isem is-servizz/l-aġenzija (jew aġenziji);
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli.

## GEN 3.2.8 Korrezzjonijiet għaċ-ċarts li ma jinsabux fl-AIP

Lista ta' korrezzjonijiet għaċ-ċarts ajrunawtiċi li ma jinsabux fl-AIP, jew indikazzjoni ta' fejn tista' tinkiseb it-tali informazzjoni.

**▼ M1****GEN 3.3 Servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS)****GEN 3.3.1 Servizz responsabbli**

Deskrizzjoni tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tal-komponenti ewlenin tiegħu, inklużi:

1. isem is-servizz;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli;
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi mill-ICAO, jekk ikun hemm;
9. indikazzjoni jekk is-servizz ma jkunx disponibbli għal 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

**GEN 3.3.2 Żona ta' inkarigu**

Deskrizzjoni qasira taż-żona ta' inkarigu li għaliha huma pprovduti ATS.

**GEN 3.3.3 Tipi ta' servizzi**

Deskrizzjoni qasira tat-tipi ewlenin ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru pprovduti.

**GEN 3.3.4 Koordinazzjoni bejn l-operatur u l-ATS**

Il-kundizzjonijiet ġenerali li fihom tkun affettwata l-koordinazzjoni bejn l-operatur u s-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

**GEN 3.3.5 Altitudni minima tat-titjir**

Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-altitudnijiet minimi tat-titjir.

**GEN 3.3.6 Lista ta' indirizz tal-unitajiet tal-ATS**

Lista ta' unitajiet tal-ATS u tal-indirizzi tagħhom organizzati b'mod alfabetiku, li jkun fiha:

1. isem l-unità;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;

**▼ M1**

6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli.

**▼ C2****GEN 3.4 Servizzi ta' komunikazzjoni u ta' navigazzjoni****▼ M1****GEN 3.4.1 Servizz responsabbli**

Deskrizzjoni tas-servizz responsabbli għall-provvista ta' faċilitajiet ta' telekomunikazzjoni u ta' navigazzjoni, inklużi:

1. isem is-servizz;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli;
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi mill-ICAO, jekk ikun hemm;
9. indikazzjoni jekk is-servizz ma jkunx disponibbli għal 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

**GEN 3.4.2 Żona ta' inkarigu**

Deskrizzjoni qasira taż-żona ta' inkarigu li għaliha huwa pprovdut servizz ta' telekomunikazzjoni.

**GEN 3.4.3 Tipi ta' servizz**

Deskrizzjoni qasira tat-tipi ewlenin ta' servizz u tal-faċilitajiet ipprovduti, inklużi:

1. servizzi tan-navigazzjoni bir-radju;
2. servizzi ta' kollegament bil-vuċi u/jew tad-data;
3. is-servizz tax-xandir;
4. il-lingwa/i użata/i; u
5. indikazzjoni ta' fejn tista' tinkiseb informazzjoni dettaljata.

**GEN 3.4.4 Rekwiżiti u kundizzjonijiet**

Deskrizzjoni qasira rigward ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li fihom ikun disponibbli s-servizz ta' komunikazzjoni.

**GEN 3.4.5 Mixxelanji**

Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali (eż. stazzjonijiet partikolari tax-xandir bir-radju, dijagramma tat-telekomunikazzjoni).

▼ **M1****GEN 3.5 Servizzi meteoroloġiċi****GEN 3.5.1 Servizz responsabbli**

Deskrizzjoni qasira tas-servizz meteoroloġiku responsabbli għall-provvista ta' informazzjoni meteoroloġika, inklużi:

1. isem is-servizz;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli;
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi, jekk ikun hemm;
9. indikazzjoni jekk is-servizz ma jkunx disponibbli għal 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

**GEN 3.5.2 Żona ta' inkarigu**

Deskrizzjoni qasira taż-żona u/jew tar-rotot tal-ajru li għalihom huwa pprovdut servizz meteoroloġiku.

**GEN 3.5.3 Osservazzjonijiet u rapporti meteoroloġiċi**

Deskrizzjoni dettaljata tal-osservazzjonijiet u tar-rapporti meteoroloġiċi pprovduti għan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru, inklużi:

1. isem l-istazzjon u l-indikatur tal-post tal-ICAO;
2. it-tip u l-frekwenza tal-osservazzjoni inkluża indikazzjoni tat-tagħmir awtomatiku ta' osservazzjoni;
3. it-tipi ta' rapporti meteoroloġiċi u d-disponibbiltà ta' tbassir TREND;
4. it-tip speċifiku ta' sistema ta' osservazzjoni u n-numru ta' siti ta' osservazzjoni użati għall-osservar u għar-rapportar tar-riħ qrib l-art, tal-viżibbiltà, tal-medda viżwali tar-runway, tal-bażi tas-sħab, tat-temperatura u, fejn applikabbli, tal-gradjent tar-riħ (eż. anemometru f'intersezzjoni ta' runways, transmissometri qrib iż-żona tat-touch down, eċċ.);
5. il-ħinijiet tal-operat;
6. indikazzjoni tal-informazzjoni ajrunawtika klimatoloġika ajrunawtika disponibbli.

**GEN 3.5.4 Tipi ta' servizzi**

Deskrizzjoni qasira tat-tipi ewlenin ta' servizz ipprovduti, inklużi dettalji tal-briefing, konsultazzjoni, wiri ta' informazzjoni meteoroloġika, dokumentazzjoni tat-titjira disponibbli għall-operaturi u għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, u tal-metodi u tal-mezzi użati għall-provvista tal-informazzjoni meteoroloġika.

▼ **M1**

## GEN 3.5.5 Notifika meħtieġa mill-operaturi

L-ammont minimu ta' notifika minn qabel meħtieġa mill-fornitur tas-servizz meteoroloġiku minn operaturi fir-rigward tal-briefing, tal-konsultazzjoni u tad-dokumentazzjoni tat-titjira u ta' informazzjoni meteoroloġika oħra li jeħtieġ jew ibiddel.

## GEN 3.5.6 Rapporti tal-inġenji tal-ajru

Skont kif ikun hemm bżonn, ir-rekwiżiti tal-fornitur tas-servizz meteoroloġiku għat-tiswir u għat-trażmissjoni ta' rapporti tal-inġenji tal-ajru.

## GEN 3.5.7 Servizz VOLMET

Deskrizzjoni tas-servizz VOLMET u/jew D-VOLMET, inklużi:

1. isem l-istazzjon tat-trażmissjoni;
2. is-sinjali tas-sejħa jew l-identifikazzjoni u l-abbrevjazzjoni għall-emissjoni tal-komunikazzjoni bir-radju;
3. il-frekwenza jew il-frekwenzi użati għax-xandira;
4. il-perjodu tax-xandir;
5. il-ħinijiet tas-servizz;
6. il-lista ta' ajrudromi/ħeliports li għalihom huma inklużi rapporti u/jew tbassiriet; u
7. rapporti, tbassiriet u informazzjoni SIGMET inklużi u rimarki.

## GEN 3.5.8 Servizz SIGMET u AIRMET

Deskrizzjoni tal-osservazzjoni meteoroloġika pprovduta fi ħdan reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir jew erjas ta' kontroll li għalihom huma pprovduti servizzi tat-traffiku tal-ajru, inkluża lista tal-uffiċċji ta' osservazzjoni meteoroloġika flimkien ma':

1. isem l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika, l-indikatur tal-post tal-ICAO;
2. il-ħinijiet tas-servizz;
3. ir-reġjun(i) ta' informazzjoni dwar titjir jew l-erja(s) ta' kontroll moqdiya;
4. il-perjodi ta' validità tas-SIGMET;
5. il-proċeduri speċifiċi applikati għall-informazzjoni SIGMET (eż. irmied volkaniku u ċikluni tropikali);
6. il-proċeduri applikati għall-informazzjoni AIRMET (skont il-ftehimiet dwar in-navigazzjoni bl-ajru reġjonali rilevanti);
7. l-unità(jiet) tal-ATS ipprovduti b'informazzjoni SIGMET u AIRMET;
8. informazzjoni addizzjonali, bħal kwalunkwe limitazzjoni tas-servizz, eċċ.

**▼ M1****GEN 3.5.9 Servizzi meteoroloġiċi awtomatizzati oħra**

Deskrizzjoni tas-servizzi awtomatizzati disponibbli għall-provvista ta' informazzjoni meteoroloġika (eż. servizz awtomatizzat ta' informazzjoni qabel titjira aċċessibbli bit-telefown u/jew b'modem tal-kompjuter) inklużi:

1. isem is-servizz;
2. l-informazzjoni disponibbli;
3. l-erjas, ir-rotot u l-ajrudromi koperti;
4. it-telefown u n-numru/i tat-telefax, l-indirizz tal-posta elettronika, u, jekk disponibbli, l-indirizz tas-sit web.

**GEN 3.6 Tiftix u salvataġġ (SAR)****GEN 3.6.1 Servizz(i) responsabbli**

Deskrizzjoni qasira tas-servizz(i) responsabbli għall-provvista ta' tiftix u salvataġġ (SAR), inklużi:

1. l-isem tas-servizz/tal-unità;
2. l-indirizz postali;
3. in-numru tat-telefown;
4. in-numru tat-telefax;
5. l-indirizz tal-posta elettronika;
6. l-indirizz tal-AFS;
7. l-indirizz tas-sit web, jekk disponibbli; u
8. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-servizz u referenza għall-post tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi mill-ICAO, jekk ikun hemm.

**GEN 3.6.2 Żona ta' inkarigu**

Deskrizzjoni qasira taż-żona ta' inkarigu li fiha huma pprovduti s-servizzi tal-SAR.

**GEN 3.6.3 Tipi ta' servizz**

Deskrizzjoni qasira u tifsila ġeografika, fejn xieraq, tat-tip ta' servizz u ta' faċilitajiet ipprovduti inklużi indikazzjonijiet fejn il-kopertura fl-ajru tal-SAR tkun dipendenti fuq skjerament sinifikanti tal-inġenji tal-ajru.

**GEN 3.6.4 Ftehimiet tal-SAR**

Deskrizzjoni qasira tal-ftehimiet tal-SAR fis-seħħ, inklużi dispożizzjonijiet għall-faċilitazzjoni tad-dħul u tat-tluq tal-inġenji tal-ajru ta' Stati Membri oħrajn għat-tiftix, għas-salvataġġ jew għat-tiswija b'rabta ma' inġenji tal-ajru mitlufa jew li jgħarrbu l-ħsara, b'notifika mill-ajru biss jew inkella wara notifika tal-pjan tat-titjira.

▼ **M1****GEN 3.6.5 Kundizzjonijiet tad-disponibbiltà**

Deskrizzjoni qasira tad-dispożizzjonijiet għall-SAR, inklużi l-kundizzjonijiet ġenerali li fihom is-servizz u l-faċilitajiet huma disponibbli għal użu internazzjonali, inkluża indikazzjoni ta' jekk faċilità disponibbli għall-SAR tkunx speċjalizzata f'tekniki u f'funzjonijiet tal-SAR, jew tkunx użata b'mod partikolari għal skopijiet oħra iżda adattata għal skopijiet tal-SAR b'taħriġ u b'taġħmir, jew tkunx disponibbli okkażjonalment biss u ma jkollha l-ebda taħriġ jew thejġija partikolari għall-ħidma ta' SAR.

**GEN 3.6.6 Proċeduri u sinjali użati**

Deskrizzjoni qasira tal-proċeduri u tas-sinjali użati mill-inġenji tal-ajru ta' salva-tagħ u tabella li turi s-sinjali li jridu jintużaw mis-sopravissuti.

**GEN 4. IMPOSTI GĦAL AJRUDROMI/ĦELIPORTS U GĦAS-SERVIZZI TAN-NAVIGAZZJONI BL-AJRU (ANS)**

Tista' ssir referenza għal fejn jistgħu jinkisbu dettalji dwar l-imposti propji, jekk dawn ma jkunux spjegati f'dan il-kapitolu.

**GEN 4.1 Imposti tal-ajrudromi/ħeliports**

Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' imposti li jistgħu jkunu applikabbli fl-ajrudromi/fil-ħeliports disponibbli għal użu internazzjonali, inklużi:

1. l-illandjar tal-inġenji tal-ajru;
2. l-ipparkjar, iż-żamma f'hangar u l-ħżin fit-tul tal-inġenji tal-ajru;
3. is-servizz tal-passiġġieri;
4. is-sigurtà;
5. elementi relatati mal-istorbju;
6. oħrajn (dwana, saħħa, immigrazzjoni, eċċ.);
7. eżenzjonijiet/tnaqqisiet; u
8. il-metodi ta' ħlas.

**GEN 4.2 Imposti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru**

Deskrizzjoni qasira tal-imposti li jistgħu jkunu applikabbli għall-ANS ipprovduti għal użu internazzjonali, inklużi:

1. il-kontroll tal-avviċinament;
2. ir-rotta tal-ATS;
3. il-bażi tal-kost għall-ANS u l-eżenzjonijiet/it-tnaqqisiet;
4. il-metodi ta' ħlas.

**PARTI 2 — MATUL IR-ROTTA (ENR)**

Jekk AIP tiġi prodotta u titqiegħed għad-dispożizzjoni f'aktar minn volum wieħed b'kull wieħed li jkollu servizz ta' emenda u ta' suppliment separat, prefazzjoni separata, rekord tal-Emendi għall-AIP, rekord tas-Supplimenti għall-AIP, lista ta' kontroll tal-paġni tal-AIP u lista ta' emendi kurrenti bl-idejn għandhom ikunu inklużi f'kull volum. Fil-każ ta' AIP li tiġi ppubblikata b'ħala volum wieħed, l-annotazzjoni "mhux applikabbli" għandha tiddaħħal f'kull waħda mis-subsezzjonijiet ta' hawn fuq.

**▼ M1****ENR 0.6 Werrej għall-Parti 2**

Lista ta' sezzjonijiet u ta' subsezzjonijiet li jinsabu fil-Parti 2 — Matul ir-rotta.

**ENR 1. REGOLI U PROĊEDURI ĠENERALI****ENR 1.1 Regoli ġenerali**

Ir-regoli ġenerali għandhom jiġu ppubblikati kif applikati fi ħdan l-Istat Membru.

**ENR 1.2 Regoli tat-titjir viżwali**

Ir-regoli tat-titjir viżwali għandhom jiġu ppubblikati kif applikati fi ħdan l-Istat Membru.

**ENR 1.3 Regoli tat-titjir bl-istrumenti**

Ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti għandhom jiġu ppubblikati kif applikati fi ħdan l-Istat Membru.

ENR 1.3.1 Regoli applikabbli għat-titjiriet IFR kollha

ENR 1.3.2 Regoli applikabbli għat-titjiriet IFR fi ħdan spazju tal-ajru kkontrollat

ENR 1.3.3 Regoli applikabbli għat-titjiriet IFR barra spazju tal-ajru kkontrollat

ENR 1.3.4 Proċeduri ġenerali ta' spazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA)

Proċeduri relatati mal-ispace tal-ajru b'rotot liberi, inklużi spjegazzjonijiet u definizzjonijiet tal-punti rilevanti applikati tal-FRA. Fil-każ ta' implimentazzjoni transfruntiera tal-FRA, l-FIRs/UIRs jew is-CTAs/il-UTAs involuti għandhom ikunu indikati fil-punt ENR 1.3.

**ENR 1.4 Klassifikazzjoni u deskrizzjoni tal-ispace tal-ajru tal-ATS**

ENR 1.4.1 Klassifikazzjoni tal-ispace tal-ajru tal-ATS

Id-deskrizzjoni tal-klassijiet ta' spazju tal-ajru tal-ATS fil-forma ta' tabella ta' klassifikazzjoni tal-ispace tal-ajru tal-ATS fl-Appendiċi 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, annotata kif xieraq sabiex tindika dawk il-klassijiet tal-ispace tal-ajru li ma jintużawx mill-Istat Membru.

ENR 1.4.2 Deskrizzjoni tal-ispace tal-ajru tal-ATS

Deskrizzjonijiet oħra tal-ispace tal-ajru tal-ATS, kif applikabbli, inklużi deskrizzjonijiet testwali ġenerali.

**ENR 1.5 Proċeduri ta' żamma, ta' avviċinament u ta' fluq**

ENR 1.5.1 Ġenerali

Ir-rekwiżit huwa għal dikjarazzjoni li tikkonċerna l-kriterji li fuqhum huma stabiliti l-proċeduri ta' żamma, ta' avviċinament u ta' fluq.

ENR 1.5.2 Titjiriet li jaslu

Għandhom jiġu ppreżentati l-proċeduri (navigazzjoni konvenzjonali jew tal-erja jew it-tnejn li huma) għal titjiriet li jaslu li huma komuni għal titjiriet fl-istess tip ta' spazju tal-ajru jew fi ħdanu. Jekk japplikaw proċeduri differenti fi ħdan spazju tal-ajru tat-terminal, għandha tingħata nota dwar dan flimkien ma' referenza għal fejn jistgħu jinstabu l-proċeduri speċifiċi.

**▼ M1****ENR 1.5.3 Titjiriet li jitolqu**

Għandhom jiġu ppreżentati l-proċeduri (navigazzjoni konvenzjonali jew tal-erja jew it-tnejn li huma) għal titjiriet li jitolqu li huma komuni għal titjiriet li jitolqu minn kwalunkwe ajrudrom/heliport.

**ENR 1.5.4 Informazzjoni u proċeduri rilevanti oħra**

Deskrizzjoni qasira ta' informazzjoni addizzjonali, eż. proċeduri tad-dħul, allinjament tal-avviċinament finali, proċeduri ta' żamma u xejriet.

**ENR 1.6 Servizzi u proċeduri ta' sorveljanza tal-ATS****ENR 1.6.1 Radar primarju**

Deskrizzjoni tas-servizzi u tal-proċeduri tar-radar primarju, inklużi:

1. servizzi supplimentari;
2. l-applikazzjoni ta' servizz ta' kontroll bir-radar;
3. proċeduri ta' ħsara fil-komunikazzjoni bir-radar u mill-ajru għall-art;
4. rekwiżiti ta' rapportar tal-pożizzjoni tal-komunikazzjonijiet b'kollegament bil-vuċi u tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot (CPDLC); u
5. turija grafika tal-erja tal-kopertura tar-radar.

**ENR 1.6.2 Radar ta' sorveljanza sekondarja (SSR)**

Deskrizzjoni tal-proċeduri operazzjonali tar-radar ta' sorveljanza sekondarja (SSR), inklużi:

1. il-proċeduri f'emerġenza;
2. il-proċeduri fil-każ ta' ħsara fil-komunikazzjoni mill-ajru għall-art u fil-każ ta' interferenza illegali;
3. is-sistema ta' assenjament ta' kodiċi tal-SSR;
4. ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-pożizzjoni bil-vuċi u bis-CPDLC; u
5. turija grafika tal-erja tal-kopertura tal-SSR.

**ENR 1.6.3 Sorveljanza dipendenti awtomatika — xandira (ADS-B)**

Deskrizzjoni tal-proċeduri operazzjonali tas-sorveljanza dipendenti awtomatika — xandira (ADS-B), inklużi:

1. il-proċeduri f'emerġenza;
2. il-proċeduri fil-każ ta' ħsara fil-komunikazzjoni mill-ajru għall-art u fil-każ ta' interferenza illegali;
3. ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
4. ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-pożizzjoni bil-vuċi u bis-CPDLC; u
5. turija grafika tal-erja tal-kopertura tal-ADS-B.

**ENR 1.6.4 Informazzjoni u proċeduri rilevanti oħra**

Deskrizzjoni qasira tal-informazzjoni u tal-proċeduri addizzjonali, eż. proċeduri f'każ ta' ħsara fir-radar u proċeduri f'każ ta' ħsara fit-transponder.

▼ **M1****ENR 1.7 Proċeduri ta' ssettjar tal-altimetru**

Għandha tiġi ppubblikata dikjarazzjoni tal-proċeduri ta' ssettjar tal-altimetru użati, inklużi:

1. introduzzjoni qasira b'dikjarazzjoni dwar id-dokumenti tal-ICAO li fuqhom huma bbażati l-proċeduri b'differenzi mid-dispożizzjonijiet tal-ICAO, jekk ikun hemm;
2. il-proċeduri bażiċi ta' ssettjar tal-altimetru;
3. deskrizzjoni tar-reġjun(i) ta' ssettjar tal-altimetru;
4. il-proċeduri applikabbli għall-operaturi (inklużi l-bdoti); u
5. tabella tal-livelli tal-cruising.

**ENR 1.8 Proċeduri supplimentari reġjonali tal-ICAO**

Għandhom jiġu ppreżentati l-proċeduri supplimentari reġjonali (SUPPs) li jaffettwaw iż-żona ta' inkarigu sħiħa.

**ENR 1.9 Ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ATFM) u tal-ispazju tal-ajru**

Deskrizzjoni qasira tas-sistema tal-ATFM u tal-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, inklużi:

1. l-istruttura tal-ATFM, l-erja tas-servizz, is-servizz ipprovdut, il-post tal-unità(jiet) u l-ħinijiet tal-operat;
2. it-tipi ta' messaġġi ta' flux u d-deskrizzjonijiet tal-formats; u
3. il-proċeduri applikabbli għat-titjiriet li sejin, li jkun fihom:
  - (a) is-servizz responsabbli għall-provvista ta' informazzjoni dwar il-miżuri applikati tal-ATFM;
  - (b) ir-rekwiżiti tal-pjan tat-titjira; u
  - (c) l-allokazzjonijiet tal-slotts.
4. informazzjoni dwar ir-responsabbiltà ġenerali rigward il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru fi ħdan l-FIR(s), dettalji tal-allokazzjoni tal-ispazju tal-ajru ċivili/militari u koordinazzjoni tal-ġestjoni, l-istruttura tal-ispazju tal-ajru manigġjabbli (allokazzjoni u bidliet fl-allokazzjoni) u proċeduri operazzjonali ġenerali.

**ENR 1.10 Ippjanar tat-titjiriet**

Għandha tkun indikata kwalunkwe restrizzjoni, limitazzjoni jew informazzjoni konsultattiva relatata mal-istadju ta' pplanar tat-titjira li tista' tassisti lill-utent fil-preżentazzjoni tal-operazzjoni maħsuba tat-titjir, inklużi:

1. il-proċeduri għas-sottomissjoni ta' pjan tat-titjira;
2. is-sistema ripetittiva tal-pjan tat-titjira; u
3. il-bidliet fil-pjan tat-titjira sottomess.

▼ **M1****ENR 1.11 Indirizzar tal-messaġġi tal-pjan tat-titjira**

Għandha tkun inkluża indikazzjoni, f'forma tabulari, tal-indirizzi allokatati għall-pjanijiet tat-titjiriet, li turi:

1. il-kategorija tat-titjira (IFR, VFR jew it-tnejn li huma);
2. ir-rotta (fl-FIR u/jew fit-TMA jew permezz tagħhom); u
3. l-indirizz tal-messaġġ.

**ENR 1.12 Interċettazzjoni tal-inġenji tal-ajru ċivili**

Dikjarazzjoni kompluta tal-proċeduri ta' interċettazzjoni u tas-sinjali viżwali li għandhom jintużaw għandha tkun indikata b'indikazzjoni ċara ta' jekk id-dispożizzjonijiet tal-ICAO humiex applikati u, jekk le, li jeżistu differenzi.

**ENR 1.13 Interferenza illegali**

Għandhom jiġu ppreżentati l-proċeduri xierqa li jridu jiġu applikati f'każ ta' interferenza illegali.

**ENR 1.14 Inċidenti tat-traffiku tal-ajru**

Deskrizzjoni tas-sistema ta' rapportar tal-inċidenti tat-traffiku tal-ajru, inklużi:

1. definizzjoni ta' inċidenti tat-traffiku tal-ajru;
2. użu tal-“Formola ta' Rapportar ta' Inċidenti tat-Traffiku tal-Ajru”;
3. il-proċeduri ta' rapportar (inklużi proċeduri matul it-titjira); u
4. l-iskop tar-rapportar u tal-immaniġġjar tal-formola.

**ENR 2. SPAZZJU TAL-AJRU TAS-SERVIZZI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****ENR 2.1 FIR, UIR, TMA u CTA**

Deskrizzjoni dettaljata tar-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir (FIRs), tar-reġjuni superjuri ta' informazzjoni dwar titjir (UIRs), u tal-erjas ta' kontroll (CTAs) (inklużi CTAs speċifiċi bħal TMAs), inklużi:

1. l-isem, il-koordinati ġeografiċi fi gradi u f'minuti tal-limiti laterali tal-FIR/UIR u fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-limiti laterali, tal-limiti vertikali u tal-klassi tal-ispażju tal-ajru tas-CTA;
2. identifikazzjoni tal-unità li tipprovdi s-servizz;
3. is-sinjali tas-sejħa tal-istazzjon ajrunawtika li taqdi l-unità u l-lingwa/i użata/i, filwaqt li jiġu speċifikati l-erja u l-kundizzjonijiet, meta u fejn għandu jintuża, jekk applikabbli;
4. il-frekwenzi, u jekk applikabbli n-numru SATVOICE, supplimentati b'indikazzjonijiet għal skopijiet speċifiċi; u
5. rimarki.

Iż-żoni ta' kontroll madwar il-bażijiet tal-ajru militari li mhumix deskritti b'xi mod ieħor fl-AIP għandhom jiġu inklużi f'din is-subsezzjoni. Meta r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 li jikkonċernaw pjanijiet tat-titjiriet, komunikazzjonijiet bidirezzjonali u rapportar tal-pożizzjoni jkunu japplikaw għat-titjiriet kollha sabiex tiġi eliminata jew titnaqqas il-ħtieġa għal interċettazzjonijiet u/jew fejn tkun teżisti l-possibbiltà ta' interċettazzjoni u tkun meħtieġa l-manutenzjoni ta' għassa fuq il-kanal ta' emerġenza b'VHF 121.500 MHz, dikjarazzjoni f'dan ir-rigward għandha tkun inkluża għall-erja(s) rilevanti jew għall-parti(jiet) rilevanti tagħha.

**▼ M1**

Deskrizzjoni tal-erjas deżinjati li fuqhom huwa meħtieġ il-ġarr ta' trażmettitur lokalizzatur tal-emerġenza (ELT) u fejn l-inġenji tal-ajru għandhom jgħassu kontinwament il-frekwenza ta' emerġenza b'VHF 121.500 MHz, ħlief għal dawk il-perjodi meta l-inġenji tal-ajru jwettqu komunikazzjonijiet fuq kanali oħrajn b'VHF jew meta l-limitazzjonijiet tat-tagħmir fl-ajru jew id-doveri tal-kabina tal-bdot ma jippermettux tgħassis simultanju ta' żewġ kanali.

**ENR 2.2 Spazju tal-ajru rregolat ieħor**

Deskrizzjoni dettaljata taż-żoni obbligatorju tar-radju (RMZs) u taż-żoni obbligatorji tat-transponder (TMZs), inklużi:

1. l-isem, il-koordinati ġeografiċi fi gradi u f'minuti tal-limiti laterali tal-RMZ/TMZ;
2. il-limiti vertikali fil-livelli tat-titjiriet, jew f'piedi;
3. ħin tal-attività; u
4. rimarki.

Meta stabbiliti, deskrizzjoni dettaljata ta' tipi oħra ta' spazju tal-ajru rregolati u ta' klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru.

**▼ M5****ENR 3. ROTOT TAL-ATS****ENR 3.1 Rotot tan-navigazzjoni konvenzjonali**

Deskrizzjoni dettaljata tar-rotot tan-navigazzjoni konvenzjonali, inkluż:

1. id-deżinjatur tar-rotta, id-deżinjazzjoni tal-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-prestazzjoni tal-komunikazzjoni meħtieġa (RCP), l-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-prestazzjoni ta' sorveljanza meħtieġa (RSP) applikabbli għal segment(i) speċifikati, ismijiet, deżinjaturi kodifikati jew kodiċijiet bl-isem u l-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-punti sinifikanti kollha li jiddefinixxu r-rotta inkluż punti ta' rapportar "obbligatorji" jew "fuq talba";
2. it-trajettorji jew ir-radjali tal-VOR sal-eqreb grad, id-distanza ġeodesika sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' kilometru jew wieħed minn għaxra ta' mil nawtiku bejn kull punt sinifikanti deżinjat suċċessiv u, fil-każ tar-radjali tal-VOR, il-punti ta' bidla;
3. il-limiti superjuri u inferjuri jew l-altitudnijiet minimi tul ir-rotta, sal-eqreb l-oġġla 50 m jew 100 pied, u l-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru;
4. il-limiti laterali u l-altitudnijiet minimi tal-ikklerjar tal-ostakli;
5. id-direzzjoni tal-livelli tal-cruising;
6. rimark, inkluż indikazzjoni tal-unità li tikkontrolla, il-kanal operazzjonali tagħha u, jekk applikabbli, l-indirizz tal-illoggjar tagħha, in-numru SATVOICE, u kull limitazzjoni għall-ispeċifikazzjoni(jiet) tan-navigazzjoni tal-RCP u tal-RSP.

## ▼M5

**ENR 3.2 Rotot tan-navigazzjoni taż-żona**

Deskrizzjoni dettaljata tar-rotot tal-PBN (RNAV u RNP), inkluż:

1. id-deżinjatur tar-rotta, id-deżinjazzjoni tal-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-prestazzjoni tal-komunikazzjoni meħtieġa (RCP), l-ispeċifikazzjoni(jiet) tan-navigazzjoni u/jew speċifikazzjoni(jiet) tal-prestazzjoni ta' sorveljanza meħtieġa (RSP) applikabbli għal segment(i) speċifikati, ismijiet, deżinjaturi kodifikati jew kodifikazzjoni bl-isem u l-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-punti sinifikanti kollha li jiddefinixxu r-rotta inkluż punti ta' rapportar "obbligatorji" jew "fuq talba";
2. fir-rigward tal-waypoints li jiddefinixxu rotta tan-navigazzjoni taż-żona, addizzjonalment skont kif ikun applikabbli:
  - (a) l-identifikazzjoni tal-istazzjon tal-VOR/tad-DME ta' referenza;
  - (b) il-bering sal-eqreb grad u d-distanza sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' kilometru jew wieħed minn għaxra ta' mil nawtiku mill-VOR/mid-DME ta' referenza jekk il-waypoint ma jiġix kollokati magħha;
  - (c) l-elevazzjoni tal-antenna trażmittenti tad-DME sal-eqreb 30 m (100 pied);
3. il-bering manjetiku sal-eqreb grad, id-distanza ġeodesika sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' kilometru jew wieħed minn għaxra ta' mil nawtiku bejn il-punti tat-tmiem definiti u d-distanza bejn kull punt sinifikanti deżinjat suċċessiv;
4. il-limiti superjuri u inferjuri u l-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru;
5. id-direzzjoni tal-livelli tal-cruising;
6. ir-rekwiżit ta' akkuratizza tan-navigazzjoni għal kull segment tar-rotta tal-PBN (RNAV jew RNP);
7. rimarki, inkluż indikazzjoni tal-unità li tikkontrolla, il-kanal operazzjonali tagħha u, jekk applikabbli, l-indirizz tal-illoggjar tagħha, in-numru tas-SATVOICE, u kwalunkwe limitazzjoni għan-navigazzjoni, l-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-RCP u tal-RSP.

**ENR 3.3 Rotot oħra**

Ir-rekwiżit hu deskrizzjoni ta' rotot oħra deżinjati b'mod speċifiku li huma obbligatorji fiż-żona/i speċifikata/i.

Deskrizzjoni tal-ispazju tal-ajru (FRA), bħala l-ispazju tal-ajru speċifikat li fih l-utenti jistgħu jippjanaw liberament rotot diretti bejn punt tad-dħul definit u punt tal-ħruġ definit, inkluż informazzjoni dwar ir-rotot diretti, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-waypoints għar-rotot diretti u l-indikazzjoni fil-pjan tat-titjira (attribut 15). Għandhom jiġu deskritti l-prerekwiżiti għall-ħruġ tal-ikklerjar tal-ATC.

**ENR 3.4 Żamma tul ir-rotta**

Ir-rekwiżit hu deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri taż-żamma tul ir-rotta, li tinkludi:

1. l-identifikazzjoni taż-żamma (jekk teżisti) u l-punt ta' referenza taż-żamma (għajjnuna għan-navigazzjoni) jew il-waypoint b'koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi;
2. it-trajettorja f'direzzjoni 'l ġewwa;
3. id-direzzjoni tad-dawra tal-proċedura;
4. il-veloċità ajrudinamika massima indikata;

**▼ M5**

5. il-livell minimu u massimu taż-żamma;
6. il-ħin/distanza f'direzzjoni 'l barra;
7. indikazzjoni tal-unità tal-kontroll u l-frekwenza operazzjonali tagħha.

**▼ M1****ENR 4. GĦAJNUNIET/SISTEMI TAN-NAVIGAZZJONI BIR-RADJU****ENR 4.1 Għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju — matul ir-rotta**

Lista ta' stazzjonijiet li jipprovdu servizzi tan-navigazzjoni bir-radju stabbiliti għal skopijiet matul ir-rotta u mqassma b'mod alfabetiku skont l-isem tal-istazzjon, inklużi:

1. isem l-istazzjon u l-varjazzjoni manjetika sal-eqreb grad u għall-VOR, id-deklinazzjoni tal-istazzjon sal-eqreb grad, użata għal allinjar tekniku tal-għajnuna;
2. l-identifikazzjoni;
3. il-frekwenza/il-kanal għal kull element;
4. il-ħinijiet tal-operat;
5. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-pożizzjoni tal-antenna tat-trażmissjoni;
6. l-elevazzjoni tal-antenna trażmittenti tad-DME sal-eqreb 30 m (100 pied); u
7. rimarki.

Jekk l-awtorità operazzjonali tal-faċilità ma tkunx l-awtorità ddeżinjata, l-isem tal-awtorità operazzjonali għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki. Il-kopertura tal-faċilità għandha tkun indikata fil-kolonna tar-rimarki.

**ENR 4.2 Sistemi speċjali tan-navigazzjoni**

Deskrizzjoni tal-istazzjonijiet assoċjati mas-sistemi speċjali tan-navigazzjoni, inklużi:

1. isem l-istazzjon jew il-katina;
2. it-tip ta' servizz disponibbli (sinjal prinċipali, sinjal subordinat, kulur);
3. il-frekwenza (numru tal-kanal, ir-rata tal-pulsazzjoni bażika, ir-rata ta' rikorrentza, kif applikabbli);
4. il-ħinijiet tal-operat;
5. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-pożizzjoni tal-istazzjon tat-trażmissjoni; u
6. rimarki.

Jekk l-awtorità operazzjonali tal-faċilità ma tkunx l-awtorità ddeżinjata, l-isem tal-awtorità operazzjonali għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki. Il-kopertura tal-faċilità għandha tkun indikata fil-kolonna tar-rimarki.

**ENR 4.3 Sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS)**

Lista u deskrizzjoni tal-elementi tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) li jipprovdu s-servizz tan-navigazzjoni stabbilit għal skopijiet ta' matul ir-rotta u mqassma b'mod alfabetiku skont l-isem tal-element, inklużi:

**▼ M1**

1. l-isem tal-element tal-GNSS (GPS, GLONASS, EGNOS, MSAS, WAAS, eċċ.);
2. il-ferkwenzja/i, kif ikun xieraq;
3. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-erja tas-servizz nominali u tal-erja tal-kopertura; u
4. rimarki.

Jekk l-awtorità operazzjonali tal-faċilità ma tkunx l-awtorità ddeżinjata, l-isem tal-awtorità operazzjonali għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki.

**ENR 4.4 Deżinjaturi tal-kodiċi tal-isem għal punti sinifikanti**

Lista mqasma alfabetikament ta' deżinjaturi tal-kodiċi tal-isem ("kodiċi bl-isem" pronunzjabbli b'ħames ittri) stabbiliti għal punti sinifikanti f'pożizzjonijiet mhux immarkati mis-sit ta' għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju, inklużi:

1. deżinjatur tal-kodiċi bl-isem;
2. il-koordinati ġeografiċi tal-pożizzjoni fi gradi, f'minuti u f'sekondi;
3. referenza għall-ATS u għal rotot oħra fejn jinsab il-punt; u
4. rimarki, inkluża definizzjoni supplimentari tal-pożizzjonijiet, fejn meħtieġa.

**ENR 4.5 Dawl ajrunawtiku fuq l-art — matul ir-rotta**

Lista ta' dawl ajrunawtiku fuq l-art u ta' sinjali oħra tad-dawl li jiddeżinjaw pożizzjonijiet ġeografiċi li jintgħażlu mill-Istat Membru bħala sinifikanti, inklużi:

1. isem il-belt jew il-belt żgħira jew identifikazzjoni oħra tas-sinjal;
2. it-tip ta' sinjal u l-intensità tad-dawl f'eluf ta' kandel;
3. il-karatteristiċi tas-sinjal;
4. il-ħinijiet operazzjonali; u
5. rimarki.

**ENR 5. TWISSIJIET DWAR IN-NAVIGAZZJONI****ENR 5.1 Erjas ipprojbiti, ristretti u ta' periklu**

Deskrizzjoni, supplimentata minn turija grafika, fejn xieraq, ta' erjas ipprojbiti, ristretti u ta' periklu flimkien ma' informazzjoni rigward l-istabbiliment u l-attivazzjoni tagħhom, inklużi:

1. l-identifikazzjoni, l-isem u l-koordinati ġeografiċi tal-limiti laterali fi gradi, f'minuti u f'sekondi, jekk ġewwa, u fi gradi u f'minuti, jekk barra mil-limiti tal-erjas ta' kontroll/taż-żoni ta' kontroll;
2. il-limiti superjuri u inferjuri; u
3. rimarki, inkluż il-ħin tal-attività.

It-tip ta' restrizzjoni jew in-natura tal-periklu u r-riskju ta' interċettazzjoni fil-każ ta' penetrazzjoni għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki.

▼ **M1****ENR 5.2 Żoni ta' eżerċizzju u ta' taħriġ militari u żona ta' identifikazzjoni għad-difiża tal-ajru (ADIZ)**

Deskrizzjoni, supplimentata b'turiġa grafika, fejn xieraq, tal-erjas ta' taħriġ militari u ta' eżerċizzji militari stabbiliti li jsejtnu f'intervalli regolari, u żona ta' identifikazzjoni għad-difiża tal-ajru (ADIZ) stabbilita, inklużi:

1. il-koordinati ġeografiċi tal-limiti laterali fi gradi, f'minuti u f'sekondi, jekk għad, u fi gradi u f'minuti, jekk barra mil-limiti tal-erjas ta' kontroll/taż-żoni ta' kontroll;
2. il-limiti superjuri u inferjuri, u s-sistema u l-mezzi ta' attivazzjoni flimkien ma' informazzjoni pertinenti għal titjiriet ċivili u applikabbli għal proċeduri ta' ADIZ; u
3. rimarki, inklużi l-ħin ta' attività u r-riskju ta' interċettazzjoni fil-każ ta' penetrazzjoni tal-ADIZ.

**ENR 5.3 Attivitàjiet oħra ta' natura perikoluża u perikli potenzjali oħra****ENR 5.3.1 Attivitàjiet oħra ta' natura perikoluża**

Deskrizzjoni, supplimentata minn ċarts fejn xieraq, ta' attivitàjiet li jikkostitwixxu periklu speċifiku jew oħra għall-operat ta' inġenji tal-ajru u li jistgħu jaffettwaw it-titjiriet, inklużi:

1. il-koordinati ġeografiċi fi gradi u f'minuti taċ-ċentru tal-erja u l-medda ta' influwenza;
2. il-limiti vertikali;
3. miżuri ta' notifika;
4. l-awtorità responsabbli għall-provvista ta' informazzjoni; u
5. rimarki, inkluż il-ħin tal-attività.

**ENR 5.3.2 Perikli potenzjali oħra**

Deskrizzjoni, supplimentata minn ċarts fejn xieraq, ta' perikli potenzjali oħra li jistgħu jaffettwaw it-titjiriet (eż. vulkani attivi, impjanti tal-enerġija nukleari, eċċ.), inklużi:

1. il-koordinati ġeografiċi fi gradi u f'minuti tal-post ta' periklu potenzjali;
2. il-limiti vertikali;
3. miżuri ta' notifika;
4. l-awtorità responsabbli għall-provvista ta' informazzjoni; u
5. rimarki.

**ENR 5.4 Ostakoli għan-navigazzjoni bl-ajru**

Il-lista ta' ostakoli li jaffettwaw in-navigazzjoni bl-ajru fiż-Żona 1 (it-territorju sħiħ tal-Istat Membru), inklużi:

1. identifikazzjoni jew deżinjazzjoni tal-ostakoli;
2. it-tip ta' ostakolu;

**▼ M1**

3. il-pożizzjoni tal-ostakolu, rappreżentata minn koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi;
4. l-elevazzjoni u l-għoli tal-ostakolu sal-eqreb metru jew pied;
5. it-tip u l-kulur ta' dawl tal-ostakolu (jekk hemm); u
6. jekk xieraq, indikazzjoni li l-lista ta' ostakoli hija disponibbli f'forma elettronika, u referenza għall-punt GEN 3.1.6.

**ENR 5.5 Attivitàjiet sportivi u rikreazzjonali fl-ajru**

Deskrizzjoni qasira, supplimentata b'turija grafika fejn xieraq, ta' attivitàjiet sportivi u rikreazzjonali intensivi fl-ajru flimkien mal-kundizzjonijiet li jitwettqu fihom, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni u l-koordinati ġeografiċi tal-limiti laterali fi gradi, f'minuti u f'sekondi, jekk ġewwa, u fi gradi u f'minuti, jekk barra mil-limiti tal-erjas ta' kontroll/taż-żoni ta' kontroll;
2. il-limiti vertikali;
3. numru tat-telefown tal-operatur/tal-utent; u
4. rimarki, inkluż il-ħin tal-attività.

**ENR 5.6 Migrazzjoni tal-għasafar u erjas b'fawna sensittiva**

Deskrizzjoni, supplimentata minn ċarts fejn prattikabbli, ta' movimenti ta' għasafar assoċjati mal-migrazzjoni, inklużi rotot migratorji u erjas permanenti ta' mistrieħ u erjas b'fawna sensittiva.

**ENR 6. ĊARTS TAR-ROTTA**

Iċ-Ċart tar-Rotta tal-ICAO u ċ-ċarts ta' indiċi għandhom ikunu inklużi f'din is-sezzjoni.

**PARTI 3 — AJRUDROMI (AD)**

Jekk AIP tiġi prodotta u titqiegħed għad-dispożizzjoni f'aktar minn volum wieħed b'kull wieħed li jkollu servizz ta' emenda u ta' suppliment separat, prefazzjoni separata, rekord tal-Emendi għall-AIP, rekord tas-Supplimenti għall-AIP, lista ta' kontroll tal-paġni tal-AIP u lista ta' emendi kurrenti bl-idejn għandhom ikunu inklużi f'kull volum. F'każ li AIP tiġi ppubblikata bħala volum wieħed, l-annotazzjoni "mhux applikabbli" għandha tiddaħħal għal kull waħda mis-subsezzjonijiet ta' hawn fuq.

**AD 0.6 Werrej għall-Parti 3**

Lista ta' sezzjonijiet u ta' subsezzjonijiet li jinsabu fil-Parti 3 — Ajrudromi (AD).

**▼ M5****AD 1. AJRUDROMI/ĦELIPORTS — INTRODUZZJONI****AD 1.1 Disponibbiltà u kundizzjonijiet tal-użu tal-ajrudromi/ħeliports****AD 1.1.1 Kundizzjonijiet ġenerali**

Deskrizzjoni qasira tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ajrudromi u għall-ħeliports, inkluż:

1. il-kundizzjonijiet ġenerali li fihom l-ajrudromi/ħeliports u l-faċilitajiet assoċjati jkunu disponibbli għall-użu; kif ukoll

## ▼M5

2. dikjarazzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati s-servizzi u referenza għal-lokament tal-AIP fejn huma elenkati d-differenzi mill-ICAO, jekk ikun hemm.

## AD 1.1.2 Użu ta' bażijiet militari tal-ajru

Regolamenti u proċeduri, jekk ikun hemm, li jikkonċernaw l-użu ċivili ta' bażijiet militari tal-ajru.

## AD 1.1.3 Proċeduri ta' Viżibilità Baxxa (LVP).

Il-kundizzjonijiet ġenerali li fihom jiġu applikati l-LVP applikabbli għall-operazzjonijiet tal-Kategorija II/III fl-ajrudromi, jekk ikun hemm.

## AD 1.1.4 Valuri minimi operattivi tal-ajrudrom

Dettalji tal-valuri minimi operazzjonali tal-ajrudrom applikati mill-Istat Membru.

## AD 1.1.5 Informazzjoni oħra

Jekk applikabbli, informazzjoni oħra ta' natura simili.

## **AD 1.2 Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar (RFFSs), valutazzjoni u rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway, u pjan għall-borra**

## AD 1.2.1 Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar

Deskrizzjoni qasira tar-regoli li jirregolaw l-istabbiliment ta' RFFSs fl-ajrudromi/ħeliports disponibbli għal użu pubbliku flimkien ma' indikazzjoni tal-kategoriji ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar stabbiliti minn Stat Membru.

## AD 1.2.2 Valutazzjoni u rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway, u pjan għall-borra

Deskrizzjoni tal-valutazzjoni u r-rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway; Deskrizzjoni qasira ta' kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-pjan għall-borra għall-ajrudromi/ħeliports disponibbli għall-użu pubbliku li fihom normalment ikun possibbli li jseħħu kundizzjonijiet ta' borra, inkluż:

1. l-organizzazzjoni tar-rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway u tas-servizz tax-xitwa;
2. is-sorveljanza taż-żoni ta' moviment;
3. il-metodi użati għal valutazzjoni tal-kundizzjoni tas-superfiċje; operazzjonijiet fuq runways tax-xitwa ppreparati apposta;
4. l-azzjonijiet meħuda għaż-żamma tal-utilizzabbiltà taż-żoni tal-moviment;
5. is-sistema u l-mezzi ta' rapportar;
6. il-każijiet ta' għeluq tar-runway;
7. id-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runway.

## **AD 1.3 Indiċi ta' ajrudromi u ta' ħeliports**

Lista, supplimentata b'rappreżentazzjoni grafika, tal-ajrudromi/ħeliports fi ħdan Stat Membru, inkluż:

1. isem l-ajrudrom/heliport u l-indikatur tal-lokament tal-ICAO;
2. it-tip ta' traffiku permess għall-użu tal-ajrudrom/heliport (internazzjonali/nazzjonali, IFR/VFR, skedat/mhux skedat, avjazzjoni ġenerali, militari u oħrajn);

▼ **M5**

3. referenza għall-AIP, Parti 3, is-subtaqsima li tagħti d-dettalji dwar l-ajrudrom/heliport.

**AD 1.4 Raggruppament ta' ajrudromi/ħeliports**

Deskrizzjoni qasira tal-kriterji applikati mill-Istat Membru waqt ir-raggruppar tal-ajrudromi/ħeliports għall-finijiet ta' produzzjoni/distribuzzjoni/għoti tal-informazzjoni.

**AD 1.5 Status taċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudromi**

Lista tal-ajrudromi fl-Istat Membru, li tindika l-istatus taċ-ċertifikazzjoni, inkluż:

1. isem l-ajrudrom u l-indikatur tal-lokament tal-ICAO;
2. id-data u, jekk applikabbli, il-validità taċ-ċertifikazzjoni;
3. rimarki, jekk ikun hemm.

▼ **M1****AD 2. AJRUDROMI**

*Nota.* — \*\*\*\* għandhom jiġu sostitwiti mill-indikatur tal-post rilevanti tal-ICAO.

**\*\*\*\* AD 2.1 Indikatur tal-post u isem tal-ajrudrom**

L-indikatur tal-post tal-ICAO allokat għall-ajrudrom u l-isem tal-ajrudrom għandhom ikunu indikati. Indikatur tal-post tal-ICAO għandu jkun parti integrali mis-sistema ta' referenzjar applikabbli għas-subsezzjonijiet kollha fis-sezzjoni AD 2.

**\*\*\*\* AD 2.2 Data ġeografika u amministrattiva tal-ajrudrom**

Id-data ġeografika u amministrattiva tal-ajrudrom għandha tiġi ppubblikata, inklużi:

1. il-punt ta' referenza tal-ajrudrom (il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi) u s-sit tiegħu;
2. id-direzzjoni u d-distanza tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom miċ-ċentru tal-belt jew tal-belt żgħira li jaqdi l-ajrudrom;
3. l-elevazzjoni tal-ajrudrom sal-eqreb metru jew pied, u t-temperatura ta' referenza;
4. fejn xieraq, undulazzjoni tal-ġeojd fil-pożizzjoni ta' elevazzjoni tal-ajrudrom sal-eqreb metru jew pied;
5. il-varjazzjoni manjetika sal-eqreb grad, id-data ta' informazzjoni u l-bidla annwali;
6. isem l-operatur tal-ajrudrom, l-indirizz, in-numri tat-telefown u tat-telefax, l-indirizz tal-posta elettronika, l-indirizz tal-AFS u, jekk disponibbli, l-indirizz tas-sit web;
7. it-tipi ta' traffiku awtorizzati sabiex jużaw l-ajrudrom (IFR/VFR); u
8. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 2.3 Ħinijiet operazzjonali**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ħinijiet tal-operat tas-servizzi fl-ajrudrom, inklużi:

1. l-operatur tal-ajrudrom;
2. id-dwana u l-immigrazzjoni;
3. is-saħħa u s-sanità;
4. l-uffiċċju tal-briefing tal-AIS;
5. l-uffiċċju ta' rapportar tal-ATS (ARO);
6. l-uffiċċju tal-briefing tal-MET;
7. ATS;
8. il-forniment tal-fjuwil;
9. l-immaniġġjar;
10. is-sigurtà;
11. it-tneħħija tas-silġ; u
12. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.4 Servizzi u faċilitajiet ta' mmaniġġjar**

Deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi u tal-faċilitajiet ta' mmaniġġjar disponibbli fl-ajrudrom, inklużi:

1. il-faċilitajiet ta' mmaniġġjar tal-merkanzija;
2. it-tipi ta' fjuwil u ta' żejt;
3. il-faċilitajiet u l-kapaċità ta' forniment tal-fjuwil;
4. il-faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ;
5. l-ispazju tal-hangar għal żjarat tal-inġenji tal-ajru;
6. il-faċilitajiet ta' tiswija għal żjarat tal-inġenji tal-ajru;
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.5 Faċilitajiet tal-passiġġieri**

Il-faċilitajiet tal-passiġġieri disponibbli fl-ajrudrom, ipprovduti bħala deskrizzjoni qasira jew referenza għal sorsi ta' informazzjoni oħra bħal sit web, inklużi:

1. lukanda/i fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu;
2. ristoranti(i) fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu;
3. il-possibbiltajiet ta' trasport;
4. faċilitajiet mediċi;
5. bank u uffċċju tal-posta fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu;

**▼ M1**

6. ufficiċju turistiku;
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.6 Servizzi ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar**

Deskrizzjoni dettaljata tal-RFFSs u tat-tagħmir disponibbli fl-ajrudrom, inklużi:

1. il-kategorija tal-ajrudrom għat-tifi tan-nar;
2. it-tagħmir ta' salvataġġ;
3. il-kapaċità ta' tneħħija ta' ingeni tal-ajru immobilizzati; u
4. rimarki.

**▼ M5****\*\*\*\* AD 2.7 Valutazzjoni u rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway, u pjan għall-borra**

Deskrizzjoni tal-valutazzjoni u r-rappurtar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway.

Deskrizzjoni dettaljata tat-tagħmir u tal-prijoritajiet operazzjonali stabbiliti għall-ikklerjar taż-żoni tal-moviment tal-ajrudrom, inkluż:

1. it-tip(i) ta' tagħmir tal-ikklerjar;
2. il-prijoritajiet tal-ikklerjar;
3. l-użu ta' materjal għat-trattament tas-superfiċje taż-żoni tal-moviment;
4. runways tax-xitwa ppreparati apposta;
5. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 2.8 Data dwar superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, taxiways u postijiet/-pożizzjonijiet ta' verifika**

Detalji relatati mal-karatteristiċi fiżiċi tas-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, tat-taxiways u tal-postijiet/pożizzjonijiet tal-punti ta' kontroll iddeżinjati, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni, is-superfiċje u s-saħħa tas-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom;
2. id-deżinjazzjoni, il-wisa', is-superfiċje u s-saħħa tat-taxiways;
3. il-post u l-elevazzjoni sal-eqreb metru jew pied tal-punti ta' kontroll tal-altimetru;
4. il-post tal-punti ta' kontroll tal-VOR;
5. il-pożizzjoni tal-punti ta' kontroll tal-INS fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn mija ta' sekonda;
6. rimarki.

Jekk il-postijiet/il-pożizzjonijiet ta' verifika jkunu ppreżentati fuq ċart tal-ajrudrom, f'din is-subsezzjoni għandha tiġi pprovduta nota għal dak l-għan.

**\*\*\*\* AD 2.9 Sistema u mmarrar ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq l-art**

Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq l-art u mmarrar fuq ir-runway u t-taxiway, inklużi:

1. l-użu tas-sinjali ta' identifikazzjoni tal-istand tal-inġenji tal-ajru, il-linji ta' gwida tat-taxiways u s-sistema ta' gwida viżwali għat-trakkar/għall-ipparkjar fl-istands tal-inġenji tal-ajru;

**▼ M1**

2. l-immarkar u d-dawl tar-runway u tat-taxiway;
3. l-iżbarri tal-waqfien (jekk hemm);
4. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.10 Ostakoli fl-ajrudrom**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ostakoli, inklużi:

1. l-ostakoli fiż-Żona 2:
  - (a) identifikazzjoni jew deżinjazzjoni tal-ostakoli;
  - (b) it-tip ta' ostakolu;
  - (c) il-pożizzjoni tal-ostakolu, rappreżentata minn koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn għaxra ta' sekonda;
  - (d) l-elevazzjoni u l-għoli tal-ostakolu sal-eqreb metru jew pied;
  - (e) l-immarkar tal-ostakoli, u t-tip u l-kulur ta' dawl tal-ostakolu (jekk hemm);
  - (f) jekk xieraq, indikazzjoni li l-lista ta' ostakoli hija disponibbli f'forma elettronika, u referenza għall-punt GEN 3.1.6; u
  - (g) indikazzjoni "NIL", jekk xierqa.
2. in-nuqqas ta' sett ta' *data* dwar iż-Żona 2 għall-ajrudrom irid jiġi ddikjarat b'mod ċar u d-*data* dwar l-ostakoli trid tiġi pprovduta għal:
  - (a) ostakoli li jippenetraw is-superfiċċi ta' limitazzjoni tal-ostakoli;
  - (b) ostakoli li jippenetraw is-superfiċċje ta' identifikazzjoni tal-ostakoli tal-erja tat-trajettorja tat-tluġh; u
  - (c) ostakoli oħra vvalutati bħala perikolużi għan-navigazzjoni bl-ajru.
3. indikazzjoni li l-informazzjoni dwar l-ostakoli fiż-Żona 3 mhijiex ipprovduta, jew jekk ipprovduta:
  - (a) identifikazzjoni jew deżinjazzjoni tal-ostakoli;
  - (b) it-tip ta' ostakolu;
  - (c) il-pożizzjoni tal-ostakolu, rappreżentata minn koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn għaxra ta' sekonda;
  - (d) l-elevazzjoni u l-għoli tal-ostakolu sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
  - (e) l-immarkar tal-ostakoli, u t-tip u l-kulur ta' dawl tal-ostakolu (jekk hemm);
  - (f) jekk xieraq, indikazzjoni li l-lista ta' ostakoli hija disponibbli f'forma elettronika, u referenza għall-punt GEN 3.1.6; u
  - (g) indikazzjoni "NIL", jekk xierqa.

▼ **M1****\*\*\*\* AD 2.11 Informazzjoni meteoroloġika pprovduta**

Deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni meteoroloġika pprovduta fl-ajrudrom u indikazzjoni ta' liema uffiċċju meteoroloġiku huwa responsabbli għas-servizz enumerat, inklużi:

1. isem l-uffiċċju meteoroloġiku assoċjat;
2. il-ħinijiet tas-servizz u, fejn applikabbli, id-deżinjazzjoni tal-uffiċċju meteoroloġiku responsabbli barra minn dawn il-ħinijiet;
3. l-uffiċċju responsabbli għat-tħejija tat-TAFs u għall-perjodi ta' validità u għall-intervall tal-ħruġ tat-tbassiriet;
4. id-disponibbiltà tat-tbassiriet tat-TREND għall-ajrudrom, u l-intervall tal-ħruġ;
5. informazzjoni dwar kif inhuma pprovduti l-briefing u/jew il-konsultazzjoni;
6. it-tipi ta' dokumentazzjoni tat-titjira fornita u l-lingwa/i użata/i fid-dokumentazzjoni tat-titjira;
7. iċ-ċarts u informazzjoni oħra murija jew disponibbli għall-briefing jew għall-konsultazzjoni;
8. tagħmir supplimentari disponibbli għall-provvista ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, bħar-radar tat-temp u r-riċevitur għall-immaġnijiet satellitari;
9. l-unità(jiet) tal-ATS ipprovduti b'informazzjoni meteoroloġika; 10) informazzjoni addizzjonali bħal kwalunkwe limitazzjoni tas-servizz,

**\*\*\*\* AD 2.12 Karatteristiċi fiżiċi tar-runway**

Deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi fiżiċi tar-runway, għal kull runway, inkluż:

1. id-deżinjazzjonijiet;
2. il-berings veri sa wieħed minn mija ta' grad;
3. id-dimensjonijiet tar-runways sal-eqreb metru jew pied;
4. is-saħħa tal-paviment (in-numru ta' klassifikazzjoni tal-paviment (PCN) u d-data assoċjata) u s-superfiċje ta' kull runway u tal-istopways assoċjati;
5. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemmi-il wieħed minn mija ta' sekonda għal kull livell limitu u tmiem ta' runway u, fejn xieraq, l-undulazzjoni tal-ġeojd ta':
  - livelli limitu ta' runway ta' avviċinament mhux ta' preċiżjoni sal-eqreb metru jew pied; u
  - il-livelli limitu ta' runway ta' avviċinament ta' preċiżjoni sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;

**▼ M1**

6. l-elevazzjonijiet ta':
  - livelli limitu ta' runway ta' avviċinament mhux ta' preċiżjoni sal-eqreb metru jew pied; u
  - il-livelli limitu u l-ogħla elevazzjoni taż-żona ta' touch down ta' runway ta' avviċinament ta' preċiżjoni sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
7. il-pendil ta' kull runway u tal-istopways assoċjati;
8. id-dimensjonijiet tal-istopway (jekk hemm) sal-eqreb metru jew pied;
9. id-dimensjonijiet tal-mogħdija tal-ikklerjar (jekk hemm) sal-eqreb metru jew pied;
10. id-dimensjonijiet tal-istrixxi;
11. id-dimensjonijiet tal-erjas ta' sikurezza tat-tmiem tar-runway;
- 12) il-post (liema tmiem tar-runway) u d-deskrizzjoni tas-sistema ta' waqfien (jekk hemm);
- 13) l-eżistenza ta' żona ħielsa minn ostakoli; u
14. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.13 Distanzi ddikjarati**

Deskrizzjoni dettaljata tad-distanzi ddikjarati sal-eqreb metru jew pied għal kull direzzjoni ta' kull runway, inklużi:

1. id-deżinjatur tar-runway;
2. il-ġirja tat-tluġ disponibbli;
3. id-distanza disponibbli għat-tluġ u, jekk applikabbli, id-distanzi ddikjarati mnaqqa alternattivi;
4. id-distanza disponibbli għall-aċċellerazzjoni u l-waqfien;
5. id-distanza tal-inżul disponibbli; u
6. rimarki li jinkludu l-punt tad-dħul jew tal-bidu tar-runway, fejn ikunu ġew iddikjarati distanzi ddikjarati mnaqqa alternattivi.

Jekk direzzjoni tar-runway ma tkunx tista' tintuża għall-qtuġ jew għall-illandjar, jew għat-tnejn, għaliex hija operazzjonalment ipprojbata, din għandha tiġi ddikjarata u għandu jiddaħħal il-kliem "mhux utilizzabbli" jew l-abbrevjazzjoni "NU".

**\*\*\*\* AD 2.14 Dawl tal-avviċinament u tar-runway**

Deskrizzjoni dettaljata tad-dawl tal-avviċinament u tar-runway, inklużi:

1. id-deżinjatur tar-runway;
2. it-tip, it-tul u l-intensità tas-sistema tad-dawl tal-avviċinament;
3. id-dawl, il-kulur u l-iżbarri tal-ġwienaħ tal-livelli limitu tar-runway;

**▼ M1**

4. it-tip tas-sistema ta' indikatur tal-pendil tal-avviċinament viżwali;
5. it-tul tad-dawl taż-żona tat-touch down tar-runway;
6. it-tul, l-ispazjar, il-kulur u l-intensità tad-dawl tal-linja taċ-ċentru tar-runway;
7. it-tul, l-ispazjar, il-kulur u l-intensità tad-dawl tat-tarf tar-runway;
8. il-kulur tad-dawl u tal-iżbarri tal-ġwienaħ tat-tmiem tar-runway;
9. it-tul u l-kulur tad-dawl tal-istopway; u
10. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.15 Dawl ieħor, provvista tal-enerġija sekondarja**

Deskrizzjoni ta' dawl ieħor u ta' provvista tal-enerġija sekondarja, inklużi:

1. il-post, il-karatteristiċi u l-ħinijiet tal-operat tas-sinjal/tas-sinjal ta' identifikazzjoni tal-ajrudrom (jekk hemm);
2. il-post u d-dawl (jekk hemm) tal-anemometru/tal-indikatur tad-direzzjoni tal-illandjar;
3. id-dawl tat-tarf tat-taxiway u tal-linja taċ-ċentru tat-taxiway;
4. il-provvista tal-enerġija sekondarja inkluż il-ħin tal-kommutazzjoni; u
5. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.16 Erja ta' llandjar tal-ħelikopters**

Deskrizzjoni dettaljata tal-erja ta' llandjar tal-ħelikopters ipprovduta fl-ajrudrom, inklużi:

1. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn mija ta' sekonda u, fejn xieraq, l-undulazzjoni tal-ġeojd taċ-ċentru ġeometriku tat-touch down u tal-lift off (TLOF) jew ta' kull livell limitu taż-żona ta' tluġh u ta' avviċinament finali (FATO):
  - għal avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, sal-eqreb metru jew pied; u
  - għal avviċinamenti ta' preċiżjoni, sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
2. elevazzjoni tal-erja tat-TLOF u/jew tal-FATO:
  - għal avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, sal-eqreb metru jew pied; u
  - għal avviċinamenti ta' preċiżjoni, sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
3. id-dimensjonijiet tal-erja tat-TLOF u tal-FATO sal-eqreb metru jew pied, it-tip ta' superfiċje, is-saħħa u l-markar tal-bering;
4. il-berings veri sa wieħed minn mija ta' grad tal-FATO;
5. id-distanzi ddikjarati disponibbli, sal-eqreb metru jew pied;
6. dawli tal-avviċinament u tal-FATO; u
7. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 2.17 Spazju tal-ajru tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ispazju tal-ajru tal-ATS organizzat fl-ajrudrom, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni u l-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-limiti laterali tal-ispazju tal-ajru;
2. il-limiti vertikali;
3. il-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru;
4. is-sinjal tas-sejħa u l-lingwa/i tal-unità tal-ATS li tipprovdi s-servizz;
5. l-altitudni ta' tranżizzjoni;
6. il-ħinijiet ta' applikabbiltà; u
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 2.18 Faċilitajiet ta' komunikazzjoni tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Deskrizzjoni dettaljata tal-faċilitajiet ta' komunikazzjoni tal-ATS stabbiliti fl-ajrudrom, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni tas-servizz;
2. is-sinjal tas-sejha;
3. il-kanal(i);
4. in-numru tas-SATVOICE, jekk disponibbli;
5. l-indirizz tal-illoggjar, kif xieraq;
6. il-ħinijiet tal-operat; u
7. rimarki.

**▼ M5****\*\*\*\* AD 2.19 Għajnuniet għan-navigazzjoni u għall-inżul bir-radju**

Deskrizzjoni dettaljata tal-għajnuniet għan-navigazzjoni u għall-inżul bir-radju assoċjati mal-avviċinament bl-istrumenti u mal-proċeduri taż-żona tat-terminal fl-ajrudrom, inkluż:

1. (a) tip ta' għajnuniet;
- (b) varjazzjoni manjetika sal-eqreb grad, kif xieraq;
- (c) tip ta' operazzjoni appoġġata għal ILS/MLS/GLS, GNSS bażika u SBAS;
- (d) klassifikazzjoni għal ILS;
- (e) klassifikazzjoni tal-faċilità u deżinjazzjoni(jiet) tal-faċilità/faċilitajiet ta' avviċinament għal GBAS;
- (f) għal VOR/ILS/MLS, id-deklinazzjoni tal-istazzjon sal-eqreb grad, użata għall-allinjar tekniku tal-għajnuna;
2. l-identifikazzjoni, jekk meħtieġa;
3. il-frekwenza/i, in-numru/i tal-kanal(i), il-fornitur ta' servizz u l-identifikatur(i) tar-rotta ta' referenza (RPI(s)), kif xieraq;
4. sigħat ta' operat, kif xieraq;
5. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn għaxra ta' sekonda tal-pożizzjoni tal-antenna tat-trażmissjoni, kif xieraq;

**▼ M5**

6. l-elevazzjoni tal-antenna tat-trażmissjoni tad-DME sal-eqreb 30 m (100 pied) u tal-preċiżjoni tat-tagħmir ta' kejl tad-distanza (DME/P) sal-eqreb 3 m (10 piedi), l-elevazzjoni tal-punt ta' referenza tal-GBAS sal-eqreb metru jew pied, u l-għoli tal-ellipsojdi tal-punt sal-eqreb metru jew pied; għall-SBAS, l-għoli tal-elissojdi tal-punt ta' livell limitu tal-inżul (LTP) jew tal-punt ta' livell limitu fittizju (FTP) sal-eqreb metru jew pied;
7. ir-raġġ tal-volum tas-servizz mill-punt ta' referenza tal-GBAS sal-eqreb kilometru jew mil nawtiku;
8. rimarki.

Meta tintuża l-istess għajnuna kemm għall-finijiet ta' matul ir-rotta kif ukoll tal-ajrudrom, għandha tingħata deskrizzjoni fit-taqsim ENR 4 ukoll. Jekk is-sistema ta' awmentazzjoni bbażata fuq l-art (GBAS) taqdi aktar minn ajrudrom wieħed, deskrizzjoni tal-għajnuna għandha tiġi pprovduta taħt kull ajrudrom. Jekk l-awtorità operazzjonali tal-faċilità ma tkunx l-awtorità deżinjata, l-isem tal-awtorità operazzjonali għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki. Kopertura tal-faċilità għandha tkun indikata fil-kolonna tar-rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 2.20 Regolamenti lokali dwar l-ajrudrom**

Deskrizzjoni dettaljata tar-regolamenti applikabbli għall-użu tal-ajrudrom, inkluża l-aċċettabilità tat-titjiriet ta' taħriġ, inġenji tal-ajru mingħajr radju u mikrohfief u simili, u għall-immanuvrar u l-ipparkjar fuq l-art iżda esklużi l-proċeduri tat-titjiriet.

**\*\*\*\* AD 2.21 Proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju**

Deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju stabbiliti fl-ajrudrom.

**▼ M5****\*\*\*\* AD 2.22 Proċeduri tat-Titjira**

Deskrizzjoni dettaljata tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri tat-titjiriet, inkluż il-proċeduri tar-radar u/jew tal-ADS-B, stabbiliti abbażi tal-organizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru fl-ajrudrom. Meta stabbiliti, deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' viżibilità baxxa fl-ajrudrom, inkluż:

1. runway(s) u tagħmir assoċjat awtorizzati għall-użu meta l-LVP ikunu fis-seħħ, inkluż għal operazzjonijiet bi krediti operazzjonali b'RVR ta' inqas minn 550 m, jekk applikabbli;
2. kundizzjonijiet meteoroloġiċi definiti li fihom iseħħu t-tnedija, l-użu u t-terminazzjoni tal-proċeduri ta' viżibilità baxxa;
3. deskrizzjoni tal-immakar/tidwil fuq l-art għall-użu fi proċeduri ta' viżibilità baxxa;
4. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 2.23 Informazzjoni addizzjonali**

Informazzjoni addizzjonali fl-ajrudrom, bħal indikazzjoni ta' konċentrazzjonijiet ta' għasafar fl-ajrudrom, flimkien ma' indikazzjoni tal-moviment sinifikanti ta' kuljum bejn l-erjas tal-mistrieħ u tat-tagħlif, sa fejn prattikabbli.

Informazzjoni addizzjonali speċifika rigward ATS f'ajrudromi remoti:

1. indikazzjoni li huwa pprovdut ATS f'ajrudromi remoti;

▼ **M1**

2. il-post tal-fanal ta' sinjalar, eż. bil-frażi “signalling lamp positioned at [geographical fix]” (fanal ta' sinjalar ippożizzjonat f'[punt ġeografiku]) kif ukoll indikazzjoni ċara tal-post tal-fanal ta' sinjalar fiċ-ċart tal-ajrudrom għal kull ajrudrom rilevanti;
3. deskrizzjoni ta' kwalunkwe metodu ta' komunikazzjoni speċifiku skont kif jitqies li huwa neċessarju f'każ ta' modalità multipla ta' operazzjoni, bħal, eż., l-inklużjoni tal-ismijiet tal-ajruport/is-sinjal tas-sejħa tal-unità tal-ATS għat-trażmissjonijiet kollha (jiġifieri mhux għall-ewwel kuntatt biss) bejn il-bdoti u l-ATCOs/l-uffiċċji tas-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir (AFISOs);
4. deskrizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni rilevanti meħtieġa mill-utenti tal-ispazju tal-ajru wara sitwazzjoni ta' emerġenza/anormali u miżuri ta' kontinġenza possibbli mill-fornitur tal-ATS fil-każ ta' interruzzjonijiet, jekk applikabbli (fil-punt AD 2.22 “Proċeduri tat-Titjiriet”); u
5. deskrizzjoni tal-interdipendenzi tad-disponibbiltà tas-servizzi jew indikazzjoni tal-ajrudromi mhux xierqa għad-diverżjoni mill-ajrudrom (l-utenti tal-ispazju tal-ajru m'għandhomx jippjanaw ajrudrom bħala alternattiva meta jkun isservizzat mill-istess ċentru ta' torri remot), jekk meqjusa applikabbli.

\*\*\*\* **AD 2.24 Ċarts ajrunawtiċi relatati ma' ajrudrom**

Ċarts ajrunawtiċi relatati ma' ajrudrom għandhom ikunu inklużi fl-ordni li ġej:

1. Ċart dwar l-Ajrudrom/il-Heliport — ICAO;
2. Ċart dwar il-Parkeġġ/it-Trakkar tal-Inġenji tal-Ajru — ICAO;
3. Ċart dwar il-Moviment fuq l-Art fl-Ajrudrom — ICAO;
4. Ċart dwar l-Ostakoli fl-Ajrudrom — TIP A tal-ICAO (għal kull runway);
5. Ċart dwar l-Art u l-Ostakoli fl-Ajrudrom — ICAO (Elettronika);
6. Ċart dwar l-Art ta' Avviċinament ta' Preċiżjoni — ICAO (runways tal-Kategoriji II u III ta' avviċinament ta' preċiżjoni);
7. Ċart dwar l-Erja — ICAO (rotot tat-tluq u ta' tranżitu);
8. Ċart dwar it-Tluq Standard — Strument — ICAO;
9. Ċart dwar l-Erja — ICAO (rotot tal-wasla u ta' tranżitu);
10. Ċart dwar il-Wasla Standard — Strument — ICAO;
11. Ċart dwar l-Altitudni Minima ta' Sorveljanza tal-ATC — ICAO;
12. Ċart dwar l-Avviċinament bl-Istrumenti — ICAO (għal kull tip ta' runway u ta' proċedura);
13. Ċart dwar l-Avviċinament Viżwali — ICAO; u
14. il-konċentrazzjonijiet ta' għasafar fil-viċinanzi tal-ajrudrom.

Jekk uħud miċ-ċarts ajrunawtiċi ma jkunux prodotti, dikjarazzjoni dwar dan għandha tingħata fis-sezzjoni GEN 3.2 “Ċarts ajrunawtiċi”.

▼ **M5**\*\*\*\* **AD 2.25 Penetrazzjoni tas-superfiċje tas-segment viżwali (VSS)**

Penetrazzjoni tas-superfiċje tas-segment viżwali (VSS), inkluż il-valuri minimi tal-proċedura u l-proċedura affettwati.

▼ **M1****AD 3. ĦELIPORTS**

Meta fl-ajrudrom tkun ipprovduta erja ta' llandjar tal-ħelikopters, id-*data* assoċjata għandha tkun elenkata biss taħt il-punt \*\*\*\* AD 2.16.

*Nota.*— \*\*\*\* għandhom jiġu sostitwiti mill-indikatur tal-post rilevanti tal-ICAO.

**\*\*\*\* AD 3.1 Indikatur tal-post u isem tal-heliport**

L-indikatur tal-post tal-ICAO assenjat għall-heliport u għall-ismijiet tal-heliport għandhom ikunu inklużi fl-AIP. Indikatur tal-post tal-ICAO għandu jkun parti integrali mis-sistema ta' referenzjar applikabbli għas-subsezzjonijiet kollha fis-sezzjoni AD 3.

**\*\*\*\* AD 3.2 Data ġeografika u amministrattiva tal-heliport**

Ir-rekwiżit huwa għad-*data* ġeografika u amministrattiva tal-heliport, inklużi:

1. il-punt ta' referenza tal-heliport (il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f' minuti u f' sekondi) u s-sit tiegħu;
2. id-direzzjoni u d-distanza tal-punt ta' referenza tal-heliport miċ-ċentru tal-belt jew tal-belt żgħira li jaqdi l-heliport;
3. l-elevazzjoni tal-heliport sal-eqreb metru jew pied, u t-temperatura ta' referenza;
4. fejn xieraq, undulazzjoni tal-ġeojd fil-pożizzjoni ta' elevazzjoni tal-heliport sal-eqreb metru jew pied;
5. il-varjazzjoni manjetika sal-eqreb grad, id-*data* ta' informazzjoni u l-bidla annwali;
6. isem l-operatur tal-heliport, l-indirizz, in-numri tat-telefown u tat-telefax, l-indirizz tal-posta elettronika, l-indirizz tal-AFS u, jekk disponibbli, l-indirizz tas-sit web;
7. it-tipi ta' traffiku awtorizzati sabiex jużaw il-heliport (IFR/VFR); u
8. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.3 Ħinijiet operazzjonali**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ħinijiet tal-operat tas-servizzi fil-heliport, inklużi:

1. l-operatur tal-heliport;
2. id-dwana u l-immigrazzjoni;
3. is-saħħa u s-sanità;
4. l-uffiċċju tal-briefing tal-AIS;
5. l-uffiċċju ta' rapportar tal-ATS (ARO);
6. l-uffiċċju tal-briefing tal-MET;
7. ATS;

**▼ M1**

8. il-forniment tal-fjuwil;
9. l-immaniġġjar;
10. is-sigurtà;
11. it-tneħħija tas-silġ; u
12. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.4 Servizzi u faċilitajiet ta' mmaniġġjar**

Deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi u tal-faċilitajiet ta' mmaniġġjar disponibbli fil-heliport, inklużi:

1. il-faċilitajiet ta' mmaniġġjar tal-merkanzija;
2. it-tipi ta' fjuwil u ta' żejt;
3. il-faċilitajiet u l-kapaċità ta' forniment tal-fjuwil;
4. il-faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ;
5. l-ispazju tal-ħangar għal żjarat tal-ħelikopter;
6. il-faċilitajiet ta' tiswija għal żjarat tal-ħelikopter; u
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.5 Faċilitajiet tal-passiġġieri**

Il-faċilitajiet tal-passiġġieri disponibbli fil-heliport, ipprovduti bħala deskrizzjoni qasira jew bħala referenza għal sorsi ta' informazzjoni oħra bħal sit web, inklużi:

1. lukanda/i fil-heliport jew fil-viċinanzi tiegħu;
2. ristoranti(i) fil-heliport jew fil-viċinanzi tiegħu;
3. il-possibbiltajiet ta' trasport;
4. faċilitajiet mediċi;
5. bank u uffċċju tal-posta fil-heliport jew fil-viċinanzi tiegħu;
6. uffċċju turistiku; u
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.6 Servizzi ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar**

Deskrizzjoni dettaljata tal-RFFSs u tat-tagħmir disponibbli fil-heliport, inklużi:

1. il-kategorija tal-heliport għat-tifi tan-nar;
2. it-tagħmir ta' salvataġġ;
3. il-kapaċità ta' tneħħija ta' ħelikopter immobilizzat; u
4. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 3.7 Disponibbiltà staġunali — awtorizzazzjonijiet**

Deskrizzjoni dettaljata tat-tagħmir u tal-prijoritajiet operazzjonali stabbiliti għall-awtorizzazzjoni tal-erjas ta' moviment tal-heliport, inklużi:

1. it-tip(i) ta' tagħmir ta' awtorizzazzjoni;
2. il-prijoritajiet tal-awtorizzazzjoni; u
3. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.8 Data dwar superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, taxiways u postijiet/-pożizzjonijiet ta' verifika**

Detalji relatati mal-karatteristiċi fiżiċi tas-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, tat-taxiways u tal-postijiet/pożizzjonijiet tal-punti ta' kontroll iddeżinjati, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni, is-superfiċje u s-saħħa tas-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, tal-istands tal-ħelikopters;
2. id-deżinjazzjoni, il-wisa', u t-tip ta' superfiċje tat-taxiways fuq l-art għall-ħelikopters;
3. il-wisa' u d-deżinjazzjoni tat-taxiway tal-ajru u tar-rotta ta' tranżitu fl-ajru tal-ħelikopters;
4. il-post u l-elevazzjoni sal-eqreb metru jew pied tal-punti ta' kontroll tal-altimetru;
5. il-post tal-punti ta' kontroll tal-VOR;
6. il-pożizzjoni tal-punti ta' kontroll tal-INS fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn mija ta' sekonda; u
7. rimarki.

Jekk il-postijiet/il-pożizzjonijiet ta' verifika jkunu ppreżentati fuq ċart tal-heliport, f'din is-subsezzjoni għandha tiġi pprovduta nota għal dak l-għan.

**\*\*\*\* AD 3.9 Immarkar u markaturi**

Deskrizzjoni qasira taż-żona ta' tluġh u ta' avviċinament finali u tal-immmarkar u tal-markaturi tat-taxiway, inklużi:

1. immmarkar ta' tluġh u ta' avviċinament finali;
2. immmarkar tat-taxiway, markaturi tat-taxiway fl-ajru u markaturi tar-rotta ta' tranżitu fl-ajru; u
3. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.10 Ostakoli fil-heliport**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ostakoli, inklużi:

1. identifikazzjoni jew deżinjazzjoni tal-ostakoli;
2. it-tip ta' ostakolu;
3. il-pożizzjoni tal-ostakolu, rappreżentata minn koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn għaxra ta' sekonda;

**▼ M1**

4. l-elevazzjoni u l-għoli tal-ostakolu sal-eqreb metru jew pied;
5. l-immarkar tal-ostakoli, u t-tip u l-kulur ta' dawl tal-ostakolu (jekk hemm);
6. jekk xieraq, indikazzjoni li l-lista ta' ostakoli hija disponibbli f'forma elettronika, u referenza għall-punt GEN 3.1.6; u
7. indikazzjoni "NIL", jekk xierqa.

**\*\*\*\* AD 3.11 Informazzjoni meteoroloġika pprovduta**

Deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni meteoroloġika pprovduta fil-heliport u indikazzjoni ta' liema uffiċċju meteoroloġiku huwa responsabbli għas-servizz enumerat, inklużi:

1. isem l-uffiċċju meteoroloġiku assoċjat;
2. il-ħinijiet tas-servizz u, fejn applikabbli, id-deżinjazzjoni tal-uffiċċju meteoroloġiku responsabbli barra minn dawn il-ħinijiet;
3. l-uffiċċju responsabbli għat-tħejija tat-TAFs u għall-perjodi ta' validità tat-tbassiriet;
4. id-disponibbiltà tat-tbassiriet tat-TREND għall-heliport, u l-intervall tal-ħruġ;
5. informazzjoni dwar kif inhuma pprovduti l-briefing u/jew il-konsultazzjoni;
6. it-tip ta' dokumentazzjoni tat-titjira fornita u l-lingwa/i użata/i fid-dokumentazzjoni tat-titjira;
7. iċ-ċarts u informazzjoni oħra murija jew disponibbli għall-briefing jew għall-konsultazzjoni;
8. tagħmir supplimentari disponibbli għall-provvista ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, bħar-radar tat-temp u r-riċevitur għall-immaġnijiet satellitari;
9. l-unità(jiet) tal-ATS ipprovduti b'informazzjoni meteoroloġika; u
10. informazzjoni addizzjonali, bħal kwalunkwe limitazzjoni tas-servizz, eċċ.

**\*\*\*\* AD 3.12 Data dwar il-heliport**

Deskrizzjoni dettaljata tad-dimensjonijiet tal-heliport u tal-informazzjoni relatata, inklużi:

1. it-tip ta' heliport — il-livell tas-superfiċje, elevata jew pjattaforma għall-ħelikopters;
2. id-dimensjonijiet tal-erja ta' touch down u ta' lift off (TLOF) sal-eqreb metru jew pied;
3. il-berings veri sa wieħed minn mija ta' grad ta' żona ta' tluġh u ta' avvici-nament finali (FATO);
4. id-dimensjonijiet sal-eqreb metru jew pied ta' FATO, u t-tip ta' superfiċje;
5. is-saħħa tas-superfiċje u tal-bering f'tunnellati (1 000 kg) ta' TLOF;

**▼ M1**

6. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti, f'sekondi u f'kemm-il wieħed minn mija ta' sekonda u, fejn xieraq, l-undulazzjoni tal-ġeojd taċ-ċentru ġeometriku tat-TLOF jew ta' kull livell limitu tal-FATO:
  - għal avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, sal-eqreb metru jew pied; u
  - għal avviċinamenti ta' preċiżjoni, sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
7. pendil u elevazzjoni tat-TLOF u/jew tal-FATO:
  - għal avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, sal-eqreb metru jew pied; u
  - għal avviċinamenti ta' preċiżjoni, sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' metru jew wieħed minn għaxra ta' pied;
8. dimensjonijiet tal-erja ta' sikurezza;
9. id-dimensjonijiet sal-eqreb metru jew pied tal-mogħdija tal-ikklerjar tal-ħelikopters;
10. l-eżistenza ta' settur ħieles minn ostakoli; u
11. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.13 Distanzi ddikjarati**

Deskrizzjoni dettaljata tad-distanzi ddikjarati sal-eqreb metru jew pied, fejn rilevanti għal heliport, inklużi:

1. id-distanza disponibbli għat-tluġ u, jekk applikabbli, id-distanzi ddikjarati mnaqqsqa alternattivi;
2. id-distanza disponibbli għat-tluġ interrott;
3. id-distanza tal-inżul disponibbli; u
4. rimarki li jinkludu l-punt tad-dħul jew tal-bidu, fejn ikunu ġew iddikjarati distanzi ddikjarati mnaqqsqa alternattivi.

**\*\*\*\*\* AD 3.14 Dawl tal-avviċinament u tal-FATO**

Deskrizzjoni dettaljata tad-dawl tal-avviċinament u tal-FATO, inklużi:

1. it-tip, it-tul u l-intensità tas-sistema tad-dawl tal-avviċinament;
2. it-tip tas-sistema ta' indikatur tal-pendil tal-avviċinament viżwali;
3. il-karatteristiċi u l-post tad-dawl tal-erja tal-FATO;
4. il-karatteristiċi u l-post tad-dawl tal-punt ta' mmirar;
5. il-karatteristiċi u l-post tas-sistema tad-dawl tat-TLOF; u
6. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 3.15 Dawl ieħor, provvista sekondarja tad-dawl**

Deskrizzjoni ta' dawl ieħor u ta' provvista tal-enerġija sekondarja, inklużi:

1. il-post, il-karatteristiċi u l-ħinijiet tal-operat tas-sinjal tal-ħeliport;
2. il-post u d-dawl tal-indikatur tad-direzzjoni tar-riħ (WDI);
3. id-dawl tat-tarf tat-taxiway u tal-linja taċ-ċentru tat-taxiway;
4. il-provvista tal-enerġija sekondarja inkluż il-ħin tal-kommutazzjoni; u
5. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.16 Spazju tal-ajru tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Deskrizzjoni dettaljata tal-ispazju tal-ajru tal-ATS organizzat fil-ħeliport, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni u l-koordinati ġeografiċi fi gradi, f'minuti u f'sekondi tal-limiti laterali tal-ispazju tal-ajru;
2. il-limiti vertikali;
3. il-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru;
4. is-sinjal tas-sejħa u l-lingwa/i tal-unità tal-ATS li tipprovdi s-servizz;
5. l-altitudni ta' tranżizzjoni;
6. il-ħinijiet ta' applikabbiltà; u
7. rimarki.

**\*\*\*\* AD 3.17 Faċilitajiet ta' komunikazzjoni tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru**

Deskrizzjoni dettaljata tal-faċilitajiet ta' komunikazzjoni tal-ATS stabbiliti fil-ħeliport, inklużi:

1. id-deżinjazzjoni tas-servizz;
2. is-sinjal tas-sejha;
3. il-frekwenza/i;
4. il-ħinijiet tal-operat; u
5. rimarki.

**▼ M5****\*\*\*\* AD 3.18 Għajnuniet għan-navigazzjoni u għall-inżul bir-radju**

Deskrizzjoni dettaljata tal-għajnuniet għan-navigazzjoni u għall-inżul bir-radju assoċjati mal-avviċinament bl-istrumenti u mal-proċeduri taż-żona tat-terminal fil-ħeliport, inkluż:

1. (a) tip ta' għajnuniet;
- (b) varjazzjoni manjetika sal-eqreb grad, kif xieraq;
- (c) tip ta' operazzjoni appoġġata għal ILS/MLS/GLS, GNSS bażika u SBAS;
- (d) klassifikazzjoni għal ILS;
- (e) klassifikazzjoni tal-faċilità u deżinjazzjoni(jiet) tal-faċilità/faċilitajiet ta' avviċinament għal GBAS;
- (f) għal VOR/ILS/MLS, id-deklinazzjoni tal-istazzjon sal-eqreb grad, użata għall-allinjar tekniku tal-għajnuna;

**▼ M5**

2. l-identifikazzjoni, jekk meħtieġa;
3. il-frekwenza/i, in-numru/i tal-kanal(i), il-fornitur ta' servizz u l-identifikatur(i) tar-rotta ta' referenza (RPI(s)), kif xieraq;
4. sığhat ta'operat, kif xieraq;
5. il-koordinati ġeografiċi fi gradi, f' minuti, f' sekondi u f'kemm-il wieħed minn għaxra ta' sekonda tal-pożizzjoni tal-antenna tat-trażmissjoni, kif xieraq;
6. l-elevazzjoni tal-antenna tat-trażmissjoni tad-DME sal-eqreb 30 m (100 pied) u tal-preċiżjoni tat-tagħmir ta' kejl tad-distanza (DME/P) sal-eqreb 3 m (10 piedi), l-elevazzjoni tal-punt ta' referenza tal-GBAS sal-eqreb metru jew pied, u l-għoli tal-ellissojde tal-punt sal-eqreb metru jew pied; għall-SBAS, l-għoli tal-elissojde tal-punt ta' livell limitu tal-inżul (LTP) jew tal-punt ta' livell limitu fittizju (FTP) sal-eqreb metru jew pied;
7. ir-raġġ tal-volum tas-servizz mill-punt ta' referenza tal-GBAS sal-eqreb kilometru jew mil nawtiku;
8. rimarki.

Meta tintuża l-istess għajnuna kemm għall-finijiet ta' matul ir-rotta u tal-heliport, għandha tingħata deskrizzjoni fit-taqsima ENR 4 ukoll. Jekk il-GBAS taqdi aktar minn heliport wieħed, deskrizzjoni tal-għajnuna għandha tiġi pprovduta taħt kull heliport. Jekk l-awtorità operazzjonali tal-faċilità ma tkunx l-awtorità deżinjata, l-isem tal-awtorità operazzjonali għandu jkun indikat fil-kolonna tar-rimarki. Kopertura tal-faċilità għandha tkun indikata fil-kolonna tar-rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 3.19 Regolamenti lokali dwar il-heliport**

Deskrizzjoni dettaljata tar-regolamenti applikabbli għall-użu tal-heliport, inkluża l-aċċettabilità tat-titjiriet ta' taħriġ, inġenji tal-ajru mingħajr radju u mikrohfief u simili, u għall-immanuvrar u l-ipparkjar fuq l-art iżda esklużi l-proċeduri tat-titjiriet.

**\*\*\*\* AD 3.20 Proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju**

Deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' tnaqqis tal-istorbju stabbiliti fil-heliport.

**\*\*\*\* AD 3.21 Proċeduri tat-titjiriet**

Deskrizzjoni dettaljata tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri tat-titjiriet, inklużi l-proċeduri tar-radar u/jew tal-ADS-B, stabbiliti fuq il-bażi tal-organizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru stabbilita fil-heliport. Meta stabbiliti, deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' viżibilità baxxa fil-heliport, inklużi:

1. l-erja(s) tat-touch down u tal-lift off (TLOF) u t-tagħmir assoċjat awtorizzati għall-użu fi proċeduri f'viżibilità baxxa;
2. il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi definiti li fihom iseħħu t-tnedija, l-użu u t-terminazzjoni tal-proċeduri f'viżibilità baxxa;
3. deskrizzjoni tal-immakar/tad-dawl fuq l-art għall-użu fi proċeduri f'viżibilità baxxa; u
4. rimarki.

**▼ M1****\*\*\*\* AD 3.22 Informazzjoni addizzjonali**

Informazzjoni addizzjonali dwar il-heliport, bħal indikazzjoni ta' konċentrazzjonijiet ta' għasafar fil-heliport, flimkien ma' indikazzjoni tal-moviment sinifikanti ta' kuljum bejn l-erjas tal-mistrieħ u tat-tagħlif, sa fejn prattikabbli.

**\*\*\*\* AD 3.23 Ċarts relatati ma' heliport**

Ċarts ajrunawtiċi relatati ma' heliport għandhom ikunu inklużi fl-ordni li ġej:

1. Ċart dwar l-Ajruport/il-Heliport — ICAO;
2. Ċart dwar l-Erja — ICAO (rotot tat-tluq u ta' tranżitu);
3. Ċart dwar it-Tluq Standard — Strument — ICAO;
4. Ċart dwar l-Erja — ICAO (rotot tal-wasla u ta' tranżitu);
5. Ċart dwar il-Wasla Standard — Strument — ICAO;
6. Ċart dwar l-Altitudni Minima ta' Sorveljanza tal-ATC — ICAO;
7. Ċart dwar l-Avviċinament bl-Istrumenti — ICAO (għal kull tip ta' proċedura);
8. Ċart dwar l-Avviċinament Viżwali — ICAO; u
9. il-konċentrazzjonijiet ta' għasafar fil-viċinanzi tal-heliport.

Jekk uħud miċ-ċarts ajrunawtiċi ma jkunux prodotti, dikjarazzjoni dwar dan għandha tingħata fis-sezzjoni GEN 3.2 “Ċarts ajrunawtiċi”.

## FORMAT TAL-NOTAM

\*Ħassar kif inhu xieraq

▼ **M1****STRUZZJONIJIET GĦALL-MILI TAL-FORMAT TAL-NOTAM****1. Ġenerali**

Il-linja tal-kwalifikatur (Attribut Q) u l-identifikaturi kollha (Attributi A sa G inklużi), kull waħda segwita minn parentesi li tagħlaq, kif muri fil-format, għandha tiġi trażmessa sakemm ma jkunx il-każ li ma jkun hemm ebda entrata x'tiddaħħal għal identifikatur partikolari.

**2. Enumerazzjoni tal-NOTAM**

Kull NOTAM għandu jiġi allokat serje b'ittra u b'numru b'erba' figuri segwiti minn linja djaġonali u numru b'żewġ figuri għas-sena (eż. A0023/03). Kull serje għandha tibda fl-1 ta' Jannar bin-numru 0001.

**3. Kwalifikaturi (Attribut Q)**

L-Attribut Q huwa maqsum fi tmien kampijiet, b'kull wieħed separat b'linja djaġonali. F'kull kamp għandha tiddaħħal entrata. L-eżempji ta' kif għandhom jimtew il-kampijiet huma murija fil-*Manwal dwar is-Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika* (Dok 8126 tal-ICAO). Id-definizzjoni tal-kamp hija kif ġej:

**1. FIR**

- (a) Jekk is-suġġett tal-informazzjoni jinsab ġeografikament fi ħdan FIR wieħed, l-indikatur tal-post tal-ICAO għandu jkun dak tal-FIR ikkonċernat. Meta ajrudrom ikun jinsab fi ħdan l-FIR sovrastanti ta' Stat Membru ieħor, l-ewwel kamp tal-Attribut Q għandu jkun fih il-kodiċi għal dak l-FIR sovrastanti (eż. Q) LFRR/...A) EGJJ);

jew,

jekk is-suġġett tal-informazzjoni jkun jinsab ġeografikament fi ħdan aktar minn FIR wieħed, il-kamp tal-FIR għandu jkun kompost mill-ittri tan-nazzjonalità tal-ICAO tal-Istat Membru li joriġina l-NOTAM segwiti minn "XX". M'għandux jintuża l-indikatur tal-post tal-UIR sovrastanti. L-indikaturi tal-post tal-ICAO tal-FIRs ikkonċernati mbagħad għandhom jiġu elenkati fl-Attribut A jew l-indikatur tal-Istat Membru jew tal-entità delegata li hija responsabbli għall-provvista ta' servizz tan-navigazzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed.

- (b) Jekk Stat Membru wieħed joħroġ NOTAM li jaffettwa l-FIRs fi grupp ta' Stati Membri, għandhom ikunu inklużi l-ewwel żewġ ittri tal-indikatur tal-post tal-ICAO tal-Istat Membru mittenti flimkien ma' "XX". L-indikaturi tal-post tal-FIRs ikkonċernati mbagħad għandhom jiġu elenkati fl-Attribut A jew l-indikatur tal-Istat Membru jew tal-entità delegata li hija responsabbli għall-provvista ta' servizz tan-navigazzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed.

**2. KODIĊI TAL-NOTAM**

Il-gruppi tal-Kodiċi tal-NOTAM kollha fihom ħames ittri b'kollox, li l-ewwel waħda minnhom dejjem tkun l-ittra "Q". It-tieni u t-tielet ittri jidentifikaw is-suġġett, u r-raba' u l-ħames ittri jiddnotaw l-istatus jew il-kundizzjoni tas-suġġett li jiġi rrapportat dwaru. Il-kodiċijiet b'żewġ ittri għas-suġġetti u għall-kundizzjonijiet ukoll jinsabu fid-Dok 8400 tal-ICAO "Proċeduri għas-Servizzi ta' Navigazzjoni bl-Ajru – Abbrevjazzjonijiet u Kodiċijiet tal-ICAO (PANS-ABC)". Għal taħlitiet tat-tieni u tat-tielet, u tar-raba' u tal-ħames ittri, irreferi għall-"Kriterji dwar l-Għażla tal-NOTAM" li jinsabu fid-Dok 8126 tal-ICAO jew daħħal waħda mit-taħlitiet li ġejjin, kif xieraq:

- (a) jekk is-suġġett ma jkunx elenkat fil-Kodiċi tal-NOTAM (Dok 8400 tal-ICAO) jew fil-Kriterji tal-Għażla tal-NOTAM (Dok 8126 tal-ICAO), daħħal "XX" bħala t-tieni u t-tielet ittri (eż. QXXXAK); jekk is-suġġett ikun "XX", uża "XX" għall-kundizzjoni wkoll (eż. QXXXXX).

▼ **M1**

- (b) jekk il-kundizzjoni tas-suġġett ma tkunx elenkata fil-Kodiċi tal-NOTAM (Dok 8400 tal-ICAO) jew fil-Kriterji tal-Għażla tal-NOTAM (Dok 8126 tal-ICAO), daħħal “XX” bħala r-raba’ u l-ħames ittri (eż. QFAXX);
- (c) meta jinħareġ NOTAM li jkun fih informazzjoni operazzjonalment sinifikanti u meta dan jintuża sabiex titħabbar l-eżistenza ta’ Emendi jew ta’ Supplimenti għall-AIP tal-AIRAC, daħħal “TT” bħala r-raba’ u l-ħames ittri tal-Kodiċi tal-NOTAM;
- (d) meta jinħareġ NOTAM li jkun fih lista ta’ kontroll ta’ NOTAM validu, daħħal “KKKK” bħala t-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-ħames ittri; u
- (e) ir-raba’ u l-ħames ittri li ġejjin tal-Kodiċi tal-NOTAM għandhom jintużaw fit-tassiriet tal-NOTAM:

|    |   |                                                                                                       |
|----|---|-------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| AK | = | OPERAZZJONI NORMALI SSOKTATA                                                                          |
| AL | = | OPERATTIV (JEW RIOPERATTIV) SOĠĠETT GĦAL LIMITAZZJONIJIET/KUNDIZZJONIJIET IPPUBBLIKATI PREĊEDENTEMENT |
| AO | = | OPERATTIV                                                                                             |
| CC | = | KOMPLUT                                                                                               |
| NM | = | IKKANĊELLAT                                                                                           |
| HV | = | XOGĦOL KOMPLUT                                                                                        |
| XX | = | LINGWAĠĠ SEMPLIĊI                                                                                     |

*Peress li Q - - AO = Operattiv għandha tintuża għat-tassir ta’ NOTAM u għal NOTAM li jippromulgama tagħmir jew servizzi ġodda, uża r-raba’ u ħames ittri li ġejjin Q - - CS = Installat.*

*Q - - CN = IKKANĊELLAT għandu jintuża għall-kanċellazzjoni ta’ attivitajiet ipplanati, eż. twissijiet dwar in-navigazzjoni;*

*Q - - HV = XOGĦOL KOMPLUT għandu jintuża għall-kanċellazzjoni ta’ xogħol li jkun qed jitwettaq.*

## 3. TRAFFIKU

|   |   |                               |
|---|---|-------------------------------|
| I | = | IFR                           |
| V | = | VFR                           |
| K | = | NOTAM huwa lista ta’ kontroll |

*Skont is-suġġett u l-kontenut tal-NOTAM, il-kamp tal-kwalifikatur TRAFFIKU jista’ jkun fih kwalifikaturi kombinati.*

## 4. SKOP

|   |   |                                                                              |
|---|---|------------------------------------------------------------------------------|
| N | = | NOTAM magħżul għall-attenzjoni immedjata tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira |
| B | = | NOTAM ta’ sinifikat operazzjonali magħżul għall-entrata tal-PIB              |

**▼ M1**

- O = NOTAM li jikkonċerna operazzjonijiet tat-titjiriet
- M = NOTAM mixxelanju; mhux soġġett għal briefing, iżda disponibbli fuq talba
- K = NOTAM huwa lista ta' kontroll

*Skont is-suġġett u l-kontenut tal-NOTAM, il-kamp tal-kwalifikatur SKOP jista' jkun fih il-kwalifikaturi kombinati BO jew NBO.*

#### 5. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

- A = Ajrudrom
- E = Matul ir-rotta
- W = Twissija għan-Nav
- K = NOTAM huwa lista ta' kontroll

*Skont is-suġġett u l-kontenut tal-NOTAM, il-kamp tal-kwalifikatur AMBITU jista' jkun fih kwalifikaturi kombinati.*

#### 6. u 7. INFERJURI/SUPERJURI

Limiti INFERJURI u SUPERJURI għandhom ikunu espressi biss f'livelli tat-titjiriet (FL) u għandhom jesprimu l-limiti vertikali tal-erja ta' influwenza mingħajr iż-żieda ta' bafers. Fil-każ ta' twissijiet dwar in-navigazzjoni u ta' restrizzjonijiet fuq l-ispace tal-ajru, il-valuri mdaħħla għandhom ikunu konsistenti ma' daww ipprovduti taħt l-Attributi F u G.

Jekk is-suġġett ma jkunx fih informazzjoni speċifika dwar l-għoli, daħħal "000" għal INFERJURI u "999" għal SUPERJURI bħala valuri predefiniti.

#### 8. KOORDINATI, RADJUS

Il-latitudni u l-lonġitudni akkurati sa minuta, kif ukoll ċifra tad-distanza bi tliet figuri li tagħti r-radju tal-influwenza f'NM (eż. 4700N01140E043). Il-koordinati jippreżentaw iċ-ċentru approssimativ taċ-ċirku li r-radju tiegħu jkopri l-erja sħiħa tal-influwenza, u jekk l-NOTAM jaffettwa l-FIR/UIR sħiħ jew aktar minn FIR/UIR wiehied, daħħal il-valur predefinit "999" għar-radju.

### 4. Attribut A

Daħħal l-indikatur tal-post tal-ICAO kif jinsab fid-Dok 7910 tal-ICAO tal-ajrudrom jew l-FIR li fih jinsabu l-faċilità, l-ispace tal-ajru jew il-kundizzjoni li dwarhom isir ir-rapport. Jista' jiġi indikat aktar minn FIR/UIR wiehied fejn xieraq. Jekk ma jkun hemm l-ebda indikatur tal-post tal-ICAO disponibbli, uża l-ittra tan-nazzjonalità tal-ICAO kif mogħtija fil-Parti 2 tad-Dok 7910 tal-ICAO, flimkien ma' "XX" u segwiti fl-Attribut E mill-isem, f'lingwaġġ sempliċi.

Jekk l-informazzjoni tikkonċerna l-GNSS, daħħal l-indikatur tal-post xieraq tal-ICAO allokati għal element tal-GNSS jew l-indikatur komuni tal-post allokati għall-elementi kollha tal-GNSS (ħlief il-GBAS).

*Fil-każ tal-GNSS, l-indikatur tal-post jista' jintuża meta tiġi identifikata indisponibilità għal element tal-GNSS bħal KNMH għal indisponibilità fis-satelliti tal-GPS.*

▼ **M1****5. Attribut B**

Għall-grupp tad-data-ħin, uża l-grupp b'għaxar figuri, li jagħti s-sena, ix-xahar, il-jum, is-sigħat u l-minuti f'UTC. Din l-entrata hija d-data-ħin li fihom jidħol fis-seħħ l-NOTAM. Fil-każijiet ta' NOTAMR u ta' NOTAMC, il-grupp tad-data-ħin huwa d-data u l-ħin propji tal-oriġinazzjoni tal-NOTAM. Il-bidu ta' jum għandu jkun indikat b'"0000".

**6. Attribut C**

Bl-eċċezzjoni tal-NOTAMC, għandu jintuża grupp tad-data-ħin (grupp b'għaxar figuri li jagħti s-sena, ix-xahar, il-jum, is-sigħat u l-minuti f'UTC) li jindika durata tal-informazzjoni sakemm l-informazzjoni ma tkunx ta' natura permanenti, f'liema każ tiddaħħal l-abbrevjazzjoni "PERM" minflok. It-tmiem ta' jum għandu jkun indikat b'"2359", u "2400" m'għandux jintuża. Jekk l-informazzjoni dwar it-twaqqit ma tkunx ċerta, id-durata bejn wiehded u ieħor għandha tkun indikata billi jintuża grupp ta' data-ħin segwit mill-abbrevjazzjoni "EST". Kwalunkwe NOTAM li jinkludi "EST" għandu jitħassar jew jiġi sostitwit qabel id-data-ħin speċifikati fl-Attribut C.

**7. Attribut D**

Jekk il-periklu, l-istatus tal-operazzjoni jew il-kundizzjoni tal-faċilitatiet li dwarhom isir ir-rapport ser ikunu attivi skont skeda ta' ħin u ta' data speċifika bejn id-dati-ħinijiet indikati fl-Attributi B u C, daħħal it-tali informazzjoni taħt l-Attribut D. Jekk l-Attribut D jaqbeż il-200 karattru, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-għoti tat-tali informazzjoni f'NOTAM separat u konsekuttiv.

**8. Attribut E**

Uża l-Kodiċi ta' NOTAM dekodifikat u komplimentat, fejn ikun hemm bżonn, b'abbrevjazzjonijiet tal-ICAO, b'indikaturi, b'identifikaturi, b'deżinjaturi, b'sinjali ta' sejħa, bi frekwenzi, b'figuri u b'lingwaġġ sempliċi. Meta jingħażel NOTAM għad-distribuzzjoni internazzjonali, it-test bl-Ingliż għandu jkun inkluż għal dawk il-partijiet espressi f'lingwaġġ sempliċi. Din l-entrata għandha tkun ċara u konċiża sabiex ttiprovdi entrata xierqa tal-PIB. Fil-każ ta' NOTAMC, referenza tas-suġġett u messaġġ tal-istatus għandhom ikunu inklużi sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli akkurati tal-plawżibbiltà.

**9. Attributi F u G**

Dawn l-attributi normalment ikunu applikabbli għal twissijiet dwar in-navigazzjoni jew restrizzjonijiet fl-ispazju tal-ajru u normalment ikunu parti mill-entrata tal-PIB. Daħħal kemm il-limitu tal-għoli inferjuri kif ukoll dak superjuri tal-attivitàjiet jew tar-restrizzjonijiet, filwaqt li tindika b'mod ċar biss datum ta' referenza wiehded u unità ta' kejl waħda. L-abbrevjazzjonijiet "GND" jew "SFC" għandhom jintużaw fl-Attribut F sabiex jiddeżinjaw "art" u "superfiċje" rispettivament. L-abbrevjazzjoni "UNL" għandha tintuża fl-Attribut G għad-deżinjazzjoni ta' "mhux limitat".

## ▼ M5

## Appendiċi 3

## Format ta' SNOWTAM

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |                                   |   |                              |                               |     |                     |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------|---|------------------------------|-------------------------------|-----|---------------------|
| (Intestatura COM)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | (INDIKATUR TA' PRIJORITÀ)         |   | (INDIRIZZI)                  |                               | <=> |                     |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     | (DATA U ĦIN (TAL-PREŻENTAZZJONI)) |   | (INDIKATUR (TAL-ORIĠINATUR)) |                               | <=> |                     |
| (Intestatura mqassra)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | (NUMRU TAS-SERJE SWAA*)           |   | (INDIKATUR LOKAMENT)         | TAL-DATA-ĦIN TAL-VALUTAZZJONI |     | (GRUPP FAKULTATTIV) |
|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     | S                                 | W | *                            | *                             |     |                     |
| SNOWTAM → (Numru tas-serje) <=>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |                                   |   |                              |                               |     |                     |
| <b>Sezzjoni ta' kalkolu tal-prestazzjoni tal-ajruplan</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |                                   |   |                              |                               |     |                     |
| (INDIKATUR TAL-LOKAMENT TAL-AJRUDROM)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |                                   |   |                              | M                             | A)  | <=>                 |
| (DATA/ĦIN TAL-VALUTAZZJONI ( <i>Ħin tat-tlestija tal-valutazzjoni f'UTC</i> ))                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |                                   |   |                              | M                             | B)  | →                   |
| (NUMRU TAD-DEŻINJAZZJONI TAR-RUNWAY INFERJURI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |                                   |   |                              | M                             | C)  | →                   |
| (KODIĊI TAL-KUNDIZZJONI TAR-RUNWAY(RWYCC) FUQ KULL TERZ TAR-RUNWAY)<br>(Mill-Matriċi ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni tar-Runway (RCAM) 0, 1, 2, 3, 4, 5 jew 6)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |                                   |   |                              | M                             | D)  | // →                |
| (KONTAMINANT TAL-KOPERTURA FIL-MIJA GĦAL KULL TERZ TAR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |                                   |   |                              | C                             | E)  | // →                |
| FOND (mm) TA' KONTAMINANT MHUX IMWAĦĦAL GĦAL KULL TERZ TAR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |                                   |   |                              | C                             | F)  | // →                |
| (DESKRIZZJONI TAL-KUNDIZZJONI FUQ IT-TUL TOTALI TAR-RUNWAY)<br>(Osservata fuq kull terz tar-runway, mil-livell limitu bin-numru tad-deżinjazzjoni tar-runway inferjuri)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |                                   |   |                              | M                             | G)  | // →                |
| BORRA KOMPATTA<br>NIEXFA<br>BORRA NIEXFA<br>BORRA NIEXFA FUQ BORRA KOMPATTA<br>BORRA NIEXFA FUQ IS-SILĠ<br>ĠLATA<br>SILĠ<br>IMXARRBA LI TIŻLOQ<br>SILĠ MAĦLUL<br>RUNWAY IPPREPARATA APPOSTA GĦAX-<br>XITWA<br>ILMA QIEGĦED<br>ILMA FUQ BORRA KOMPATTA<br>IMXARRBA<br>SILĠ IMXARRAB<br>BORRA MXARRBA<br>BORRA MXARRBA FUQ BORRA<br>KOMPATTA<br>BORRA MXARRBA FUQ IS-SILĠ                                                                                                                                                                                                                             |                                   |   |                              |                               |     | →                   |
| (WISA' TAR-RUNWAY LI GĦALIHA JAPPLIKAW IL-KODIĊIJET TAL-KUNDIZZJONIJET TAR-RUNWAY, JEKK INQAS<br>MILL-WISA' PPUBBLIKAT)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |                                   |   |                              | O                             | H)  | <=>                 |
| <b>Sezzjoni fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |                                   |   |                              |                               |     |                     |
| (TUL IMNAQQAS TAR-RUNWAY, JEKK INQAS MIT-TUL IPPUBBLIKAT (m))                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                                   |   |                              | O                             | I)  | →                   |
| (BORRA TIĊĊAQLAQ FUQ IR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |                                   |   |                              | O                             | J)  | →                   |
| (RAMEL MHUX IMWAĦĦAL FUQ IR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |                                   |   |                              | O                             | K)  | →                   |
| (TRATTAMENT KIMIKU FUQ IR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |                                   |   |                              | O                             | L)  | →                   |
| (MUNZELLI TA' BORRA FUQ IR-RUNWAY<br>(Jekk preżenti, id-distanza mil-linja taċ-ċentru tar-runway (m) segwita minn "L", "R" jew "LR" kif applikabbli))                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |                                   |   |                              | O                             | M)  | →                   |
| (MUNZELLI TAL-BORRA FUQ TAXIWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |                                   |   |                              | O                             | N)  | →                   |
| (MUNZELLI TAL-BORRA MAĠENB IR-RUNWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |                                   |   |                              | O                             | O)  | →                   |
| (KUNDIZZJONIJET TAT-TAXIWAY)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |                                   |   |                              | O                             | P)  | →                   |
| (KUNDIZZJONIJET TAL-ART ASFALTATA FL-AJRUDROM)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |                                   |   |                              | O                             | R)  | →                   |
| (KOEFFIĊJENT IMKEJJEL TAL-FRIZZJONI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |                                   |   |                              | O                             | S)  | →                   |
| (RIMARKI B'LINGWAĠĠ SEMPLIĊI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                                   |   |                              | O                             | T)  | ) <=>               |
| NOTI:<br>1. *Daħħal l-ittri tan-nazzjonalità tal-ICAO kif mogħtija fil-Parti 2 tad-Dok 7910 tal-ICAO, jew identifikatur tal-ajrudrom applikabbli b'xi mod ieħor.<br>2. Informazzjoni dwar runways oħra, irrepiti mill-B sal-H.<br>3. Informazzjoni fit-taqsimha fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni ripetuta għal kull runway, taxiway u art asfaltata fl-ajrudrom. Irrepiti kif applikabbli, meta rrapportati.<br>4. Kliem fil-parentesi ( ) ma għandux jiġi trażmess.<br>5. Għall-ittri A) sa T), irreferi għall-Istruzzjonijiet għall-mili tal-format ta' SNOWTAM, il-paragrafu 1, l-attribut b). |                                   |   |                              |                               |     |                     |

FIRMA TAL-ORIĠINATUR (*mhux għat-trażmissjoni*)

▼ **M5***STRUZZJONIJIET GĦALL-MILI TAL-FORMAT TA' SNOWTAM***1. Ġenerali**

- (a) Meta tirrapporta fuq iktar minn runway waħda, irrepeti l-Attributi B sa H (sezzjoni tal-kalkolu tal-prestazzjoni tal-ajruplan).
- (b) L-ittri jintużaw biex jiġi indikat li l-attributi jintużaw biss għall-fini ta' referenza u ma għandhomx jiġu inklużi fil-messaġġi. L-ittri M (obbligatori), C (kundizzjonali) u O (fakultattivi) jimmarkaw l-użu u l-informazzjoni u għandhom jiġu inklużi kif spjegat hawn taħt.
- (c) Għandhom jintużaw l-unitajiet metriċi u ma għandhiex tiġi rrapportata l-unità tal-kejl.
- (d) Il-validità massima tal-SNOWTAM hija 8 sghat. Għandu jinħareġ SNOWTAM ġdid kull meta jasal rapport ġdid dwar il-kundizzjoni tar-runway.
- (e) SNOWTAM jikkancelła SNOWTAM preċedenti.
- (f) L-intestatura mqassra "TTAAiiii CCCC MMYGGgg (BBB)" hija inkluża biex jeħfief l-ipproċessar awtomatiku tal-messaġġi tas-SNOWTAM f'banek tad-*data* tal-kompjuter. L-ispejgazzjoni ta' dawn is-simboli hija:

TT = id-deżinjatur tad-*data* għas-SNOWTAM = SW;

AA = id-deżinjatur ġeografiku għall-Istati Membri, eż. LF = FRANZA;

iiii = in-numru tas-serje SNOWTAM f'raggruppament b'erba' ċifri;

CCCC = indikatur tal-lokament b'erba' ittri tal-ajrudrom li għalih jirreferi s-SNOWTAM;

MMYYGGgg = id-*data*/ħin tal-osservazzjoni/tal-kejl, fejn:

MM = ix-xahar, eż. Jannar = 01, Diċembru = 12;

YY = il-jum tax-xahar;

GGgg = il-ħin f'sghat (GG) u f'minuti (gg) f'UTC;

(BBB) = raggruppament fakultattiv għal:

Korrezzjoni, fil-każ ta' żball, għal messaġġ tas-SNOWTAM imqassam qabel bl-istess numru tas-serje = COR. *Il-parentesi f'(BBB) għandhom jintużaw biex jindikaw li dan ir-raggruppament hu fakultattiv. Meta jiġi rrapportat fuq iktar minn runway waħda u d-dati/ħinijiet individwali ta' osservazzjoni/valutazzjoni jkunu indikati b'Attribut B ripetut, l-aħħar data/ħin ta' osservazzjoni/valutazzjoni għandhom jiddaħħlu fl-intestatura mqassra (MMYYGGgg).*

- (g) It-test "SNOWTAM" fil-Format tas-SNOWTAM u n-numru tas-serje tas-SNOWTAM f'raggruppament b'erba' ċifri għandhom ikunu separati bi spazju, eż. SNOWTAM 0124.
- (h) Għall-finijiet ta' leġibbiltà għall-messaġġ tas-SNOWTAM, għandu jitħalla spazju ta' linja wara n-numru tas-serje tas-SNOWTAM, wara l-Attribut A, u wara t-taqsim tal-kalkolu tal-prestazzjoni tal-ajruplan.

## ▼M5

(i) Meta tirrapporta dwar aktar minn runway waħda, irrepeti l-informazzjoni fit-taqsima tal-kalkolu tal-prestazzjoni tal-ajruplan mid-data u l-ħin tal-valutazzjoni għal kull runway qabel l-informazzjoni fit-taqsima fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni.

(j) L-informazzjoni obbligatorja hija:

(1) INDIKATUR TAL-LOKAMENT TAL-AJRUDROM;

(2) DATA U ĦIN TAL-VALUTAZZJONI;

(3) NUMRU TAD-DEŻINJATUR TAR-RUNWAY INFERJURI;

(4) KODIĊI TAL-KUNDIZZJONI TAR-RUNWAY GĦAL KULL TERZ TAR-RUNWAY; u

(5) DESKRIZZJONI TAL-KUNDIZZJONI GĦAL KULL TERZ TAR-RUNWAY (meta l-kodiċi tal-kundizzjoni tar-runway (RWYCC) ikun irrapportat 0-6)

## 2. Sezzjoni ta' kalkolu tal-prestazzjoni tal-ajruplan

Attribut A — Indikatur tal-lokament tal-ajrudrom (indikatur tal-lokament b'erba' ittri).

Attribut B — Data u ħin tal-valutazzjoni (raggruppament tad-data/ħin bi tmien ċifri li jagħti l-ħin ta' osservazzjoni bħala xahar, jum, siegħa u minuta f'UTC).

Attribut C — Numru tad-deżinjatur tar-runway inferjuri ( nn[L] jew nn[C] jew nn[R]).

*Deżinjatur tar-runway wieħed biss għandu jiddaħħal għal kull runway u dejjem in-numru inferjuri.*

Attribut D — Kodiċi tal-kundizzjoni tar-runway għal kull terz tar-runway. Tiddaħħal ċifra waħda biss (0, 1, 2, 3, 4, 5 jew 6) għal kull terz tar-runway, separata b'linja dijagonali (n/n/n).

Attribut E — Kopertura perċentwali għal kull terz tar-runway. Meta tingħata, daħħal 25, 50, 75 jew 100 għal kull terz tar-runway, separat b'linja dijagonali ([n]nn/[n]nn/[n]nn).

*Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta jkun hemm deskrizzjoni tal-kundizzjoni għal kull terz tar-runway (Attribut G) li tkun ġiet irrapportata għajr "DRY".*

*Meta l-kundizzjonijiet ma jiġux irrapportati, dan għandu jintwera billi tiddaħħal "NR" għat-terz(i) tar-runway xierqa.*

Attribut F — Fond tal-kontaminant mhux imwaħħal għal kull terz tar-runway. Meta jingħata, daħħal f'millimetri għal kull terz tar-runway, separat b'linja dijagonali (nn/nn/nn jew nnn/nnn/nnn).

*Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għat-tipi ta' kontaminazzjoni li ġejjin:*

— ilma qiegħed, il-valuri li jridu jiġu rrapportati 04, imbagħad il-valur ivvalutat. Bidliet sinifikanti 3 mm;

— silġ maħlul, il-valuri li jridu jiġu rrapportati 03, imbagħad il-valur ivvalutat. Bidliet sinifikanti 3 mm;

— borra mxarrba, il-valuri li jridu jiġu rrapportati 03, imbagħad il-valur ivvalutat. Bidliet sinifikanti 5 mm; u

▼ **M5**

— *borra niexfa, il-valuri li jridu jiġu rrapportati 03, imbagħad il-valur iġvalutat. Bidliet sinifikanti 20 mm.*

*Meta l-kundizzjonijiet ma jiġux irrapportati, dan għandu jintwera billi tiddaħħal “NR” għat-terz(i) tar-runway xierqa.*

Attribut G — Deskrizzjoni tal-kundizzjoni għal kull terz tar-runway. Għandha tiddaħħal xi waħda mid-deskrizzjonijiet tal-kundizzjonijiet li ġejjin għal kull terz tar-runway, separata b'linja dijagonali.

BORRA KOMPATTA

BORRA NIEXFA

BORRA NIEXFA FUQ BORRA KOMPATTA

BORRA NIEXFA FUQ IS-SILĠ

ĠLATA

SILĠ

IMXARRBA LI TIŻLOQ

SILĠ MAĦLUL

RUNWAY IPPREPARATA APPOSTA GĦAX-XITWA

ILMA QIEGĦED

ILMA FUQ BORRA KOMPATTA

IMXARRBA

SILĠ IMXARRAB

BORRA MXARRBA

BORRA MXARRBA FUQ BORRA KOMPATTA

BORRA MXARRBA FUQ IS-SILĠ

NIEXFA (irrapportata biss meta ma jkun hemm l-ebda kontaminant)

*Meta l-kundizzjonijiet ma jiġux irrapportati, dan għandu jintwera billi tiddaħħal “NR” għat-terz(i) tar-runway xierqa.*

Attribut H — Wisa' tar-runway li għalih japplikaw il-kodiċijiet tal-kundizzjonijiet tar-runway. Għandu jiddaħħal il-wisa' f'metri, jekk inqas mill-wisa' tar-runway ippubblikat.

### 3. Sezzjoni fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni

*L-elementi fit-taqsimha fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni għandhom jintemmu b'punt.*

*L-elementi fit-taqsimha fuq l-għarfien dwar is-sitwazzjoni li għalihom ma teżisti l-ebda informazzjoni, jew meta ma jiġux issodisfati ċ-ċirkostanzi kundizzjonali għall-pubblikazzjoni, għandhom jiġi tallew barra għalkollox.*

Attribut I — Tul imnaqqas tar-runway. Għandhom jiddaħħlu d-deżinjatur applikabbli tar-runway u t-tul disponibbli f'metri (eż. RWY nn [L] jew nn [C] jew nn [R] REDUCED TO [n]nnn).

## ▼M5

*Din l-informazzjoni hija kundizzjonali meta NOTAM ikun ġie ppubblikat b'sett ġdid ta' distanzi ddikjarati.*

- Attribut J — Borra tiċċaqlaq fuq ir-runway. Meta tiġi rrapportata, “DRIFTING SNOW” għandha tiddaħħal bi spazju “DRIFTING SNOW” (RWY nn *jew* RWY nn[L] *jew* nn[C] *jew* nn[R] DRIFTING SNOW).
- Attribut K — Ramel mhux imwahaħhal fuq ir-runway. Meta jiġi rrapportat ramel mhux imwahaħhal fuq ir-runway, id-deżinjatur tar-runway inferjuri għandu jiddaħħal bi spazju “LOOSE SAND” (RWY nn *jew* RWY nn[L] *jew* nn[C] *jew* nn[R] LOOSE SAND).
- Attribut L — Trattament kimiku fuq ir-runway. Meta trattament kimiku jiġi rrapportat bħala li ġie applikat, id-deżinjatur tar-runway inferjuri għandu jiddaħħal bi spazju “CHEMICALLY TREATED” (RWY nn *jew* RWY nn[L] *jew* nn[C] *jew* nn[R] CHEMICALLY TREATED).
- Attribut M — Munzelli tal-borra fuq ir-runway. Meta jiġi rrapportat li hemm munzelli tal-borra fuq ir-runway, id-deżinjatur tar-runway inferjuri għandu jiddaħħal bi spazju “SNOWBANK” u bi spazju fuq ix-xellug “L” *jew* fuq il-lemin “R” *jew* fuq it-tnejn “LR”, segwiti mid-distanza f’metri mil-linja taċ-ċentru separata bi spazju “FM CL” (RWY nn *jew* RWY nn[L] *jew* nn[C] *jew* nn[R] SNOWBANK Lnn *jew* Rnn *jew* LRnn FM CL).
- Attribut N — Munzelli tal-borra fuq taxiway. Meta jkun hemm munzelli tal-borra fuq taxiway(s), id-deżinjatur(i) tat-taxiway(s) għandu/għandhom jiddaħħal/jiddaħħlu bi spazju “SNOWBANKS” (TWY [nn]n *jew* TWYS [nn]n/[nn]n/[nn]n... *jew* ALL TWYS SNOWBANKS).
- Attribut O — Munzelli tal-borra maġenb ir-runway. Meta jiġi rrapportat li hemm munzelli tal-borra, li jippenetraw il-profil tal-għoli fil-pjan tal-ajrudrom għall-borra, għandhom jiddaħħlu id-deżinjatur tar-runway inferjuri u “ADJ SNOWBANKS” (RWY nn *jew* RWY nn[L] *jew* nn[C] *jew* nn[R] ADJ SNOWBANKS).
- Attribut P — Kundizzjonijiet tat-taxiway. Meta l-kundizzjonijiet tat-taxiway jiġu rrapportati bħala li jiżolqu *jew* li huma batuti, għandu jiddaħħal id-deżinjatur tat-taxiway segwit minn spazju “POOR” (TWY [n *jew* nn] POOR *jew* TWYS [n *jew* nn]/[n *jew* nn]/[n *jew* nn] POOR... *jew* ALL TWYS POOR).
- Attribut R — Kundizzjonijiet tal-art asfaltata fl-ajrudrom. Meta l-kundizzjonijiet tal-art asfaltata fl-ajrudrom jiġu rrapportati bħala li jiżolqu *jew* li huma batuti, għandu jiddaħħal id-deżinjatur tal-art asfaltata fl-ajrudrom segwit minn spazju “POOR” (APRON [nnnn] POOR *jew* APRONS [nnnn]/[nnnn]/[nnnn] POOR *jew* ALL APRONS POOR).
- Attribut S — (NR) Mhux rrapportat.
- Attribut T — Rimarki b’lingwaġġ sempliċi.



Appendiċi 4

FORMAT TAL-ASHTAM

|                       |                                     |                                              |    |    |  |  |                      |                   |  |  |  |  |  |                     |  |
|-----------------------|-------------------------------------|----------------------------------------------|----|----|--|--|----------------------|-------------------|--|--|--|--|--|---------------------|--|
| (intestatura COM)     | (INDIKATUR TAL-POST)                | (INDIKATUR(I) TAD-DESTINATARJU) <sup>1</sup> |    |    |  |  |                      |                   |  |  |  |  |  |                     |  |
|                       | (DATA U ĦIN TAL-PREŻENTAZZJONI)     | (INDIKATUR TAL-ORIĠINATUR)                   |    |    |  |  |                      |                   |  |  |  |  |  |                     |  |
| (Intestatura mqassra) | (NUMRU TAS-SERJE VA <sup>*2</sup> ) |                                              |    |    |  |  | (INDIKATUR TAL-POST) | DATA/ĦIN TAL-ĦRUĠ |  |  |  |  |  | (GRUPP FAKULTATTIV) |  |
|                       | V                                   | A                                            | *2 | *2 |  |  |                      |                   |  |  |  |  |  |                     |  |

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |                   |    |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------|----|
| ASHTAM                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     | (NUMRU TAS-SERJE) |    |
| (REĠJUN TA' INFORMAZZJONI DWAR TITJIR AFFETTWTAT)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |                   | A) |
| (DATA/ĦIN (UTC) TAL-IŻBROFF)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |                   | B) |
| (ISEM U NUMRU TAL-VULKAN)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |                   | C) |
| (LATITUDNI/LONĠITUDNI TAL-VULKAN JEW RADJALI TAL-VULKAN U DISTANZA MIN-NAVAID)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |                   | D) |
| (KODIĊI TAL-KULUR TAL-LIVELL TA' TWISSIJA DWAR IL-VULKAN, INKLUŻ KWALUNKWE KODIĊI TAL-KULUR PREĊEDENTI TAL-LIVELL TA' TWISSIJA) <sup>3</sup>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |                   | E) |
| (EŻISTENZA U FIRXA ORIZZONTALI/VERTIKALI TAS-SĦABA TA' RMIED VOLKANIKU) <sup>4</sup>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                   | F) |
| (DIREZZJONI TAL-MOVIMENT TAS-SĦABA TA' RMIED) <sup>4</sup>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |                   | G) |
| (ROTOT TAL-AJRU JEW PARTIJET MIR-ROTOT TAL-AJRU U LIVELLI TAT-TITJIRIET AFFETTWTAT)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |                   | H) |
| (GĦELUQ TAL-ISPAZZU TAL-AJRU U/JEW TA' ROTOT TAL-AJRU JEW TA' PARTIJET TA' ROTOT TAL-AJRU, U ROTOT TAL-AJRU ALTERNATTIVI DISPONIBBLI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |                   | I) |
| (SORS TA' INFORMAZZJONI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |                   | J) |
| (RIMARKI B'LINGWAĠĠ SEMPLIĊI)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |                   | K) |
| <p><b>NOTI:</b></p> <p>1. Ara wkoll AIS.TR.400 rigward l-indikaturi tad-destinatarji użati fis-sistemi ta' distribuzzjoni predeterminati.</p> <p>2. *Daħħal l-ittra tan-nazzjonalità tal-ICAO kif mogħtija fil-Parti 2 tad-Dok 7910 tal-ICAO.</p> <p>3. Ara l-paragrafu 3.5 hawn taħt.</p> <p>4. Pariri dwar l-eżistenza, il-firxa u l-moviment tas-sħaba ta' rmied volkaniku G) u H) jistgħu jinkisbu miċ-ċentru/i konsultattiv(i) ta' rmied volkaniku responsabbli għall-FIR ikkonċernat.</p> <p>5. Titli tal-attributi fil-parentesi () m'għandhomx jiġu trażmessi.</p> |                   |    |

FIRMA TAL-ORIĠINATUR (mhux għat-trażmissjoni)

▼ **M1****STRUZZJONIJIET GĦALL-MILI TAL-FORMAT TAL-ASHTAM****1. Ġenerali**

- 1.1 L-ASHTAM jipprovdi informazzjoni dwar l-istatus tal-attività ta' vulkan meta bidla fl-attività tiegħu tkun, jew tkun mistennija tkun, ta' sinifikat operazzjonali. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta billi jintuża l-kodiċi tal-kulur tal-livell ta' twissija dwar il-vulkan mogħti fi 3.5 aktar 'l isfel.
- 1.2 Fil-każ ta' żbroff volkaniku li jipproduċi sħaba ta' rmied ta' sinifikat operazzjonali, l-ASHTAM jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-post, il-firxa u l-moviment tas-sħab ta' rmied u tar-rotot tal-ajru u tal-livelli tat-titjiriet affettwati.
- 1.3 Il-ħruġ ta' ASHTAM li jagħti informazzjoni dwar żbroff volkaniku, skont is-sezzjoni 3 aktar 'il quddiem, m'**għandux** jiġi ttardjat sakemm ikun hemm l-informazzjoni A sa K kompluta disponibbli iżda għandu jinħareġ minnufih wara r-riċevuta tan-notifika li seħħ żbroff jew li huwa mistenni jseħħ, jew li sehhiet jew hija mistennija sseħħ bidla fl-istatus tal-attività ta' vulkan ta' sinifikat operazzjonali, jew malli tiġi rrapportata sħaba ta' rmied. Fil-każ ta' żbroff mistenni, u b'hekk ma jkun għad hemm l-ebda sħaba ta' rmied evidenti f'dak il-ħin, l-attributi A sa E għandhom jimtlew u l-attributi F sa I jiġu indikati bħala "mhux applikabbli". B'mod simili, jekk tiġi rrapportata sħaba ta' rmied volkaniku, eż. b'ajrurapport speċjali, iżda l-vulkan sors ma jkunx magħruf f'dak iż-żmien, l-ASHTAM għandu jinħareġ għall-ewwel bl-attributi A sa E indikati bħala "mhux magħrufa", u l-attributi F sa K mimlija, skont il-bżonn, fuq il-bażi tal-ajrurapport speċjali, sakemm tiġi riċevuta informazzjoni ulterjuri. F'ċirkustanzi oħra, jekk l-informazzjoni għal kamp speċifiku A sa K ma tkunx disponibbli, indika "NIL".
- 1.4 Il-perjodu massimu ta' validità tal-ASHTAM huwa ta' 24 siegħa kull jum. Għandu jinħareġ ASHTAM ġdid kull meta jkun hemm bidla fil-livell ta' twissija.

**2. Intestatura mqassra**

- 2.1 Wara l-intestatura tal-komunikazzjonijiet tas-soltu "Netwerk tat-telekomunikazzjonijiet – ajrunawtiku fiss (AFTN)", l-intestatura mqassra "TT AAiiii CCCC MMYGGgg (BBB)" għandha tkun inkluża sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar awtomatiku tal-messaġġi tal-ASHTAM f'banek ta' data tal-kompjuter. L-ispejgazzjoni ta' dawn is-simboli hija:

TT = id-deżinjatur tad-data għall-ASHTAM = VA;

AA = id-deżinjatur ġeografiku għall-Istati, eż. NZ = New Zealand;

iiii = in-numru tas-serje tal-ASHTAM fi grupp b'erba' figuri;

CCCC = indikatur tal-post b'erba' ittri tar-reġjun ta' informazzjoni dwar titjir ikkonċernat;

MMYYGGgg = id-data/il-ħin tar-rapport, li fihom:

MM = xahar, eż. Jannar = 01, Diċembru = 12;

YY = il-jum tax-xahar;

GGgg = il-ħin f'sigħat (GG) u f'minuti (gg) UTC;

(BBB) = Grupp fakultattiv għall-korrezzjoni għal messaġġ tal-ASHTAM preċedement imqassam bl-istess numru tas-serje = COR.

*Il-parentesi f'(BBB) għandhom jintużaw sabiex jindikaw li dan il-grupp huwa fakultattiv.*

▼ **M1****3. Kontenut tal-ASHTAM**

- 3.1 *Attribut A* — Ir-reġjun ta' informazzjoni dwar titjir affettwat, l-ekwivalenti f'lingwaġġ sempliċi tal-indikatur tal-post mogħti fl-intestatura mqassra, f'dan l-eżempju: "Auckland Oceanic FIR".
- 3.2 *Attribut B* — Id-data u l-ħin (UTC) tal-ewwel żbroff.
- 3.3 *Attribut C* — L-isem tal-vulkan, u n-numru tal-vulkan kif elenkat fid-Dok 9691 tal-ICAO *Manwal dwar is-Sħab ta' Rmied Volkaniku, ta' Materjal Radjuattiv u ta' Sustanzi Kimiċi Tossiċi*, l-Appendiċi H, u fuq il-Mappa tad-Dinja tal-Vulkani u tal-Karatteristiċi Ajrunawtiċi Ewlenin.
- 3.4 *Attribut D* — Il-latitudni/il-lonġitudni tal-vulkan, fi gradi sħaħ jew f'radjali u d-distanza tal-vulkan min-NAVAID, kif elenkati fid-Dok 9691 tal-ICAO *Manwal dwar is-Sħab ta' Rmied Volkaniku, ta' Materjal Radjuattiv u ta' Sustanzi Kimiċi Tossiċi*, l-Appendiċi H, u fuq il-Mappa tad-Dinja tal-Vulkani u tal-Karatteristiċi Ajrunawtiċi Ewlenin.
- 3.5 *Attribut E* — Il-kodiċi tal-kulur għal-livell ta' twissija li jindika l-attività volkanika, inkluż kwalunkwe kodiċi tal-kulur tal-livell ta' twissija preċedenti kif ġej:

| Livell tal-kodiċi tal-kulur ta' twissija | Status tal-attività tal-vulkan                                                                                                                                                                                                                                                      |
|------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| GREEN<br>ALERT (TWISSIJA BL-AĦMAR)       | Il-vulkan jinsab fi stat normali, mhux ta' żbroff.<br><i>jew, wara bidla minn livell ta' twissija ogħla:</i><br>L-attività volkanika hija meqjusa li ntemmet, u l-vulkan reġa' lura għall-istat normali mhux ta' żbroff tiegħu.                                                     |
| YELLOW<br>ALERT (TWISSIJA BL-AĦMAR)      | Il-vulkan qed jesperjenza sinjali ta' attività elevata ogħla mil-livelli ta' sfond magħrufa.<br><i>jew, wara bidla minn livell ta' twissija ogħla:</i><br>L-attività volkanika naqset b'mod sinifikanti iżda għadha qed tiġi ssorveljata mill-qrib għal żieda possibbli mill-ġdid.  |
| ORANGE<br>ALERT (TWISSIJA BL-AĦMAR)      | Il-vulkan qed juri attività akbar bi probabbiltà miżjuda ta' żbroff.<br><i>jew,</i><br>Għaddej żbroff volkaniku bħalissa b'ebda emissjoni ta' rmied jew b'emissjoni minuri ta' rmied<br><i>[speċifika l-għoli tal-merżuq tal-irmied f'għamla ta' rixa, jekk possibbli].</i>         |
| RED<br>ALERT (TWISSIJA BL-AĦMAR)         | L-iżbroff huwa mbassar bħala imminenti b'emissjoni sinifikanti ta' rmied fl-atmosfera probabbli.<br><i>jew,</i><br>L-iżbroff għaddej bħalissa b'emissjoni sinifikanti ta' rmied fl-atmosfera<br><i>[speċifika l-għoli tal-merżuq tal-irmied f'għamla ta' rixa, jekk possibbli].</i> |

*Il-kodiċi tal-kulur għal-livell ta' twissija li jindika l-istatus tal-attività tal-vulkan u kwalunkwe bidla minn status preċedenti ta' attività għandhom jiġu pprovduti liċ-ċentru ta' kontroll tal-erja mill-aġenzija vulkanologika responsabbli fl-Istat Membru kkonċernat, eż. "RED ALERT FOLLOWING YELLOW" - (TWISSIJA BL-AĦMAR WARA L-ISFAR) JEW "GREEN ALERT FOLLOWING ORANGE" (TWISSIJA BL-AĦMAR WARA L-ORANĠJO).*

▼ **M1**

- 3.6 *Attribut F* — Jekk tiġi rrapportata sħaba ta' rmied volkaniku ta' sinifikat operazzjonali, il-firxa orizzontali u l-bażi/il-quċċata tas-sħaba ta' rmied għandhom ikunu indikati billi jintużaw il-latitudni/il-lonġitudni (fi gradi sħaħ) u l-altitudnijiet f'eluf ta' metri (piedi) u/jew ir-radjali u d-distanza mill-vulkan sors. L-informazzjoni għall-ewwel tista' tkun ibbażata fuq ajru-rapport speċjali, iżda informazzjoni sussegwenti tista' tkun aktar dettaljata fuq il-bażi tal-pariri mingħand l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika responsabbli u/jew miċ-ċentru ta' konsulenza dwar l-irmied volkaniku.
- 3.7 *Attribut G* — Id-direzzjoni tal-moviment imbassra tas-sħab ta' rmied fil-livelli magħżula għandha tkun indikata fuq il-bażi tal-pariri mingħand l-uffiċċju ta' osservazzjoni meteoroloġika responsabbli u/jew iċ-ċentru ta' konsulenza dwar l-irmied volkaniku.
- 3.8 *Attribut H* — Ir-rotot tal-ajru u l-partijiet tar-rotot tal-ajru u l-livelli tat-titjiriet affettwati, jew mistennija li jkunu affettwati, għandhom ikunu indikati.
- 3.9 *Attribut I* — Għeluq tal-ispazju tal-ajru, tar-rotot tal-ajru jew ta' partijiet tar-rotot tal-ajru, u d-disponibbiltà ta' rotot alternattivi, għandu jkun indikat.
- 3.10 *Attribut J* — Is-sors tal-informazzjoni, eż. "ajru-rapport speċjali" jew "aġenzija vulkanoloġika", eċċ. Is-sors ta' informazzjoni dejjem għandu jkun indikat, kemm jekk fil-fatt ikun seħħ żbroff jew tkun ġiet irrapportata sħaba ta' rmied, kif ukoll jekk le.
- 3.11 *Attribut K* — Kwalunkwe informazzjoni sinifikanti operazzjonalment, addizzjonali għal dik imsemmija hawn fuq, għandha tkun inkluża f'lingwaġġ sempliċi.”;



## ANNESS VII

### ANNESS VIIREKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA

#### (Parti-DAT)

#### SUBPARTI A — REKWIŻITI ADDIZZJONALI TAL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA (DAT.OR)

##### TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI

##### DAT.OR.100 Data u informazzjoni ajrunawtiċi

- (a) Il-fornitur tad-DAT jrid jirċievi, jiġbor, jittraduċi, jagħżel, jiformattja, iqassam u/jew jintegra d-data u l-informazzjoni ajrunawtiċi li jinħarġu minn sors awtorevoli sabiex jintużaw f'bażijiet ta' data ajrunawtiċi fuq applikazzjoni/tagħmir iċċertifikati tal-inġenji tal-ajru.

F'każijiet speċifiċi, jekk id-data ajrunawtika ma tkunx ipprovduta mill-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ajrunawtika (AIP) jew minn sors awtorevoli jew ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli dwar il-kwalità tad-data (DQRs), dik id-data ajrunawtika tista' tinħareġ mill-fornitur tad-DAT stess u/jew minn fornituri oħrajn tad-DAT. F'dan il-kuntest, dik id-data ajrunawtika għandha tiġi vvalidata mill-fornitur tad-DAT li joriġinaha.

- (b) Meta jitolbuh dan il-klijenti tiegħu, il-fornitur tad-DAT jista' jipproċessa data mfassla apposta pprovduta mill-operatur tal-inġenju tal-ajru jew li toriġina mingħand fornituri oħrajn tad-DAT għall-użu minn dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru. Ir-responsabbiltà għal din id-data u l-aġġornament sussegwenti tagħha għandha tibqa' tal-operatur tal-inġenju tal-ajru.

##### DAT.OR.105 Il-kompetenza u l-kapaċità teknika u operazzjonali

- (a) Minbarra l-ATM/ANS.OR.B.001, il-fornitur tad-DAT għandu:

- (1) jieħu ħsieb ir-riċevuta, il-ġbir, it-traduzzjoni, l-għażla, l-ifformattjar, it-tqassim u/jew l-integrazzjoni tad-data u l-informazzjoni ajrunawtiċi li jinħarġu mill-fornitur(i) tas-sors ta' data ajrunawtika fil-bażijiet ta' data ajrunawtiċi għal applikazzjoni/tagħmir iċċertifikati tal-inġenji tal-ajru skont ir-rekwiżiti applikabbli. Il-fornitur tad-DAT tat-Tip 2 għandu jara li d-DQRs huma kompatibbli mal-użu maħsub tal-applikazzjoni/tagħmir iċċertifikati tal-inġenji tal-ajru permezz ta' arranġament adatt mad-detentur speċifiku tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir jew applikant għal approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku;

- (2) joħroġ dikjarazzjoni tal-konformità li l-bażijiet ta' data ajrunawtiċi li jkun ipprođuċa huma konformi ma' dan ir-Regolament u l-istandards tal-industrija applikabbli;

- (3) jagħti l-assistenza lid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir meta jindirizza kwalunkwe azzjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà li hija marbuta mal-bażijiet ta' data ajrunawtiċi li ġew prodotti.

- (b) Għall-ħruġ ta' bażijiet ta' data, il-manijer responsabbli jrid iqabblad persunal attestanti identifikat fid-DAT.TR.100(b) u jalloka r-responsabbiltajiet tiegħu b'mod indipendenti sabiex, permezz tad-dikjarazzjoni tal-konformità, jattesta li d-data tissodisfa d-DQRs u li huma segwiti l-proċessi. Ir-responsabbiltà finali għad-dikjarazzjonijiet ta' ħruġ tal-bażijiet ta' data ffirmati mill-persunal attestanti għandha tibqa' tal-manijer responsabbli tal-fornitur tad-DAT.

**▼B****DAT.OR.110 Is-sistema ta' ġestjoni**

Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.005, il-fornitur tad-DAT, kif applikabbli għad-dispożizzjoni dwar it-tip ta' DAT, għandu jstabbilixxi u jmantni sistema tal-ġestjoni li tinkludi proċeduri ta' kontroll:

- (a) għall-ħruġ, l-approvazzjoni jew it-tibdil ta' dokument;
- (b) għat-tibdil fid-DQRs;
- (c) għall-verifika li d-data li tasal tkun ġiet prodotta skont l-istandards applikabbli;
- (d) għall-aġġornar puntwali tad-data użata;
- (e) għall-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà;
- (f) għall-proċessi għar-riċevuta, il-ġbir, it-traduzzjoni, l-għażla, l-ifformattjar, id-distribuzzjoni u/jew l-integrazzjoni tad-data f'bażi ta' data ġenerika jew bażi ta' data kompatibbli mal-applikazzjoni/tagħmir speċifiċi tal-inġenji tal-ajru;
- (g) għat-tekniki ta' verifika u validazzjoni tad-data;
- (h) għall-identifikazzjoni ta' għodod, inklużi l-ġestjoni tal-konfigurazzjoni u l-kwalifikazzjoni tal-għodod, kif ikun hemm bżonn;
- (i) għall-ġestjoni ta' żbalji/nuqqasijiet;
- (j) għall-koordinazzjoni mal-fornitur(i) tas-sorsi ta' data ajrunawtika u/jew fornitur(i) tad-DAT, u mad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir jew applikant għal approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku meta jipprovdu servizzi tad-DAT tat-Tip 2;
- (k) għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità;
- (l) għad-distribuzzjoni kkontrollata ta' bażijiet ta' data lill-utenti.

**DAT.OR.115 Żamma tar-rekords**

Minbarra l-ATM/ANS.OR.B.030, il-fornitur tad-DAT għandu jinkludi fis-sistema ta' żamma tar-rekords tiegħu l-elementi indikati fid-DAT.OR.110.

**SEZZJONI 2 — REKWIŻITI SPEĊIFIĊI****DAT.OR.200 Rekwiżiti ta' rapportar**

- (a) Il-fornitur tad-DAT għandu:
  - (1) jirrapporta għand il-klijent u, fejn applikabbli, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir il-każijiet kollha li fihom inħarġu bażijiet ta' data ajrunawtiċi mill-fornitur tad-DAT u mbagħad ġew identifikati li kellhom nuqqasijiet u/jew żbalji, u b'hekk ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-data applikabbli;
  - (2) jirrapporta għand l-awtorità kompetenti n-nuqqasijiet u/jew l-iżbalji identifikati skont il-punt (1), li jistgħu jwasslu għal kundizzjoni mhux sikura. Tali rapport għandu jsir fil-forma u l-manjiera aċċettabbli għall-awtorità kompetenti;

**▼B**

- (3) meta l-fornitur iċċertifikat tad-DAT ikun qiegħed jaġixxi bħala fornitur għal fornitur ieħor tad-DAT, jirrapporta wkoll ma' dik l-organizzazzjoni l-oħra l-każijiet kollha li fihom ħareġ bażijiet ta' data ajrunawtiċi lil dik l-organizzazzjoni li mbagħad instab li fihom żbalji;
- (4) jirrapporta għand il-fornitur tas-sors tad-data ajrunawtika każijiet ta' data żbaljata, inkonsistenti jew nieqsa fis-sors ajrunawtiku.
- (b) Il-fornitur tad-DAT għandu jistabbilixxi u jżomm sistema interna ta' rapportar fl-interess tas-sikurezza, biex ikunu jistgħu jinġabru u jiġu vvalutati r-rapporti sabiex ikunu identifikati xejriet kuntrarji jew biex ikunu indirizzati nuqqasijiet, u sabiex jiġu estratti avvenimenti u azzjonijiet rapportabbli.

Din is-sistema interna ta' rapportar tista' tiġi integrata fis-sistema tal-ġestjoni kif meħtieġ fil-punt ATM/ANS.OR.B.005.

**SUBPARTI B — REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAD-DATA (DAT.TR)**

***TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI***

**DAT.TR.100 Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali**

Il-fornitur tad-DAT għandu:

- (a) fir-rigward tad-data ajrunawtika neċessarja kollha:
  - (1) jistabbilixxi DQRs li huma miftiehma ma' fornitur ieħor tad-DAT u fil-każ ta' fornitur tad-DAT tat-tip 2, mad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir jew applikant għal approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku, sabiex jistabbilixxi l-kompatibbiltà ta' dawn id-DQRs mal-użu ppjanat;
  - (2) juża data minn sors(i) awtorevoli u, jekk ikun hemm bżonn, data ajrunawtika oħra vverifikata u vvalidata mill-fornitur tad-DAT stess u/jew minn fornitur(i) oħrajn tad-DAT;
  - (3) jistabbilixxi proċedura li tiżgura li d-data hija pproċessata kif xieraq;
  - (4) jistabbilixxi u jimplementa proċessi li jiżguraw li d-data mfassla apposta pprovduta jew mitluba minn operatur tal-inġenju tal-arwu jew fornitur ieħor tad-DAT titqassam biss lil min jitlobha; u
- (b) fir-rigward tal-persunal attestanti li jiffirma d-dikjarazzjonijiet tal-konformità maħruġin skont id-DAT.OR.105(b), jiżgura li:
  - (1) l-għarfien, l-isfond (inklużi funzjonijiet oħra fl-organizzazzjoni), u l-esperjenza tal-persunal attestanti jkunu adattati għar-responsabbiltajiet allokatilil;
  - (2) iżomm ir-rekords tal-persunal attenstanti kollu li jinkludu dettalji dwar l-ambitu tal-awtorizzazzjoni tagħhom;
  - (3) il-persunal attestanti jiġi pprovdut b'evidenza tal-ambitu tal-awtorizzazzjoni tiegħu.

**▼B**

**DAT.TR.105 Interfaċċji meħtieġa**

Il-fornitur tad-DAT għandu jiżgura l-interfaċċji formali neċessarji ma':

- (a) sors(i) tad-data ajrunawtika u/jew fornituri oħrajn tad-DAT;
- (b) id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tagħmir għall-forniment ta' DAT tat-tip 2, jew applikant għal approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku;
- (c) operaturi ta' inġenji tal-ajru, kif ikun applikabbli.

**▼B***ANNEX VIII***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA****(Parti-CNS)**

SUBPARTI A — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA (CNS.OR)

**TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI****CNS.OR.100 Il-kompetenza u l-kapaċità teknika u operazzjonali**

- (a) Fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza jrid jiżgura d-disponibbiltà, il-kontinwità, l-eżattezza u l-integrità tas-servizzi tiegħu.
- (b) Fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza jrid jikkonferma l-livell ta' kwalità tas-servizzi li jkun qiegħed jipprovdi u jrid juri li t-tagħmir tiegħu qiegħed jingħata manutenzjoni regolari u, fejn ikun meħtieġ, jiġi kkalibrat.

SUBPARTI B — REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI, NAVIGAZZJONI JEW SORVELJANZA (CNS.TR)

**TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI****CNS.TR.100 Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza**

Fornitur tas-servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni jew tas-sorveljanza jrid ikun jista' juri li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operattivi tiegħu huma konformi mal-istandards tal-Annex 10 dwar it-telekomunikazzjonijiet ajrunawtiċi għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar it-telekomunikazzjoni ajrunawtika fil-verżjonijiet li ġejjin sa fejn dawn ikunu rilevanti għall-formiment ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza fl-isparju tal-ajru kkonċernat:

- (a) Il-Volum I dwar l-għajnuniet għan-navigazzjoni bir-radju fis-6 edizzjoni tiegħu ta' Lulju 2006, inklużi l-emendi kollha sa u inkluża n-Nru 89;
- (b) Il-Volum II dwar il-proċeduri ta' komunikazzjoni inklużi daww bi status ta' PANS fis-6 edizzjoni tiegħu ta' Ottubru 2001, inklużi l-emendi kollha sa u inkluża n-Nru 89;
- (c) Il-Volum III dwar is-sistemi ta' komunikazzjoni fit-2 edizzjoni tiegħu ta' Lulju 2007, inklużi l-emendi kollha sa u inkluża n-Nru 89;

**▼M8**

- (d) Il-Volum IV dwar is-sistemi ta' sorveljanza bir-radar u għall-evitar ta' kolliżjonijiet fil-ħames edizzjoni tiegħu ta' Lulju 2014, inklużi l-emendi kollha san-Nru 91, b'din tal-aħħar inkluża;

**▼B**

- (e) Il-Volum V dwar l-użu tal-ispettru tal-frekwenzi tar-radju ajrunawtiku fit-3 edizzjoni tiegħu ta' Lulju 2013, inklużi l-emendi kollha sa u inkluża n-Nru 89.

**▼M7****TAQSIMA 2 — REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' SORVELJANZA****CNS.TR.205 Allokazzjoni u użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur Mode S**

- (a) Fornitur ta' servizzi ta' sorveljanza għandu jħaddem biss interrogatur eliġibbli ta' Mode S, billi juża kodiċi tal-interrogatur eliġibbli (IC), jekk ikun irċieva allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur, għal dan l-għan, mill-Istat Membru kkonċernat.

▼ **M7**

(b) Il-fornitur tas-servizzi ta' sorveljanza li jkun biħsiebu jħaddem, jew jopera interrogatur eliġibbli ta' Mode S li għalih ma tkun waslet l-ebda allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur, għandu jissottometti lill-Istat Membru kkonċernat applikazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur, li jinkludi tal-inqas l-elementi ewlenin li ġejjin:

- (1) referenza unika tal-applikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat;
- (2) id-dettalji ta' kuntatt sħaħ tar-rappreżentant tal-Istat Membru responsabbli għall-koordinazzjoni tal-alkokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ta' Mode S;
- (3) id-dettalji ta' kuntatt sħaħ tal-punt ta' kuntatt tal-operatur ta' Mode S għall-kwistjonijiet tal-alkokazzjoni tal-Mode S IC;
- (4) l-isem tal-interrogatur ta' Mode S;
- (5) l-użu tal-interrogatur ta' Mode S (operazzjonali jew bi prova);
- (6) il-post tal-interrogatur ta' Mode S;
- (7) id-data pplanata għall-ewwel trażmissjoni ta' Mode S mill-interrogatur Mode S;
- (8) il-kopertura ta' Mode S rikjesta;
- (9) ir-rekwiżiti ta' ħidma speċifiċi;
- (10) il-kapaċità tal-kodiċi SI;
- (11) il-kapaċità tal-“operazzjoni tal-kodiċi II/SP”;
- (12) il-kapaċità tal-mappa ta' kopertura.

(c) Il-fornitur tas-servizzi ta' sorveljanza għandu jkun konformi mal-elementi ewlenin tal-alkokazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur li jkun irċieva, inkluż l-elementi li ġejjin bħala minimu:

- (1) ir-referenza għall-applikazzjoni korrispondenti mill-Istat Membru kkonċernat;
- (2) ir-referenza ta' allokazzjoni unika mis-servizz ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur;
- (3) ir-referenzi ta' allokazzjoni li ġew sostitwiti, kif meħtieġ;
- (4) il-kodiċi tal-interrogatur allokati;
- (5) ir-restrizzjonijiet fil-kopertura tas-sorveljanza u ta' imblokk fil-forma ta' meded settorjali jew ta' mappa ta' kopertura ta' Mode S;
- (6) il-perjodu ta' implimentazzjoni li matulu l-alkokazzjoni għandha tiġi rreġistrata fl-interrogatur ta' Mode S identifikat fl-applikazzjoni;
- (7) is-sekwenza ta' implimentazzjoni li għandu jkun hemm konformità magħha;

**▼M7**

- (8) l-alternattivi l-oħra assoċjati u mhux obbligatorji: rakkomandazzjoni ta' raggruppament;
- (9) ir-restrizzjonijiet operazzjonali speċifiċi, kif meħtieġ.
- (d) Fornitur ta' servizzi ta' sorveljanza għandu jinforma lill-Istat Membru kkonċernat mill-inqas kull 6 xhur bi kwalunkwe bidla fl-ippjanar tal-installazzjoni jew fl-istatus operazzjonali tal-interrogaturi eliġibbli ta' Mode S fir-rigward ta' kwalunkwe element ewlieni tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur elenkat fil-punt (c).
- (e) Il-fornitur ta' servizzi ta' sorveljanza għandu jiżgura li kull wieħed mill-interrogaturi ta' Mode S juża esklussivament il-kodiċi tal-interrogatur allokati lilu.

**▼B***ANNEX IX***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-FLUSS TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****(Parti-ATFM)**

REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-FLUSS TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATFM.TR)

***TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI*****▼M7****ATFM.TR.100 Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-fornituri ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru**

Il-fornitur tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandu jkun kapaċi juri li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operazzjonali tiegħu huma konformi mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 <sup>(1)</sup> u (UE) 2019/123.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10).

**▼B***ANNEX X***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI  
TAL-ISPAZJU TAL-AJRU****(Parti-ASM)**REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-FORNITURI TA' ĠESTJONI TAL-ISPAZJU  
TAL-AJRU (ASM.TR)***TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI*****▼M7****ASM.TR.100 Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-fornituri  
tal-ġestjoni tal-ispażju tal-ajru**

Il-fornitur tal-ġestjoni tal-ispażju tal-ajru għandu jkun kapaċi juri li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operazzjonali tiegħu huma konformi mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 <sup>(1)</sup> u (UE) 2019/123.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispażju tal-ajru (ĠU L 342, 24.12.2005, p. 20).

▼ **M1***ANNEX XI***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA****(Parti-FPD)****SUBPARTI A — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA (FPD.OR)***Sezzjoni 1 — Rekwiżiti ġenerali***FPD.OR.100 Servizi ta' disinn tal-proċeduri tat-titjiriet (FPD)**

- (a) Fornitur ta' servizzi ta' disinn tal-proċeduri tat-titjiriet għandu jwettaq id-disinn, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-proċedura tat-titjira (jew proċeduri tat-titjiriet) soġġett, jekk ikun hemm bżonn, għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tiegħu qabel it-tnedija jew l-użu tagħha (jew tagħhom).

F'dan il-kuntest, id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika użati mill-fornitur ta' FPD għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' akkuratezza, ta' riżoluzzjoni, u ta' integrità kif speċifikati fil-katalogu ta' *data* ajrunawtika skont l-Appendiċi 1 tal-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR).

- (b) Jekk id-*data* ajrunawtika għad-disinn tal-proċeduri tat-titjiriet ma tkunx ipprovduta minn sors awtorevoli jew ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli dwar il-kwalità tad-*data* (DQRs), it-tali *data* ajrunawtika tista' tinkiseb minn sorsi oħra mill-fornitur ta' FPD. F'dan il-kuntest, dik id-*data* ajrunawtika għandha tiġi vvalidata mill-fornitur ta' FPD li jkun beħsiebu jużaha.

**FPD.OR.105 Is-sistema ta' ġestjoni**

Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.005 tal-Anness III, il-fornitur ta' FDP għandu jistabbilixxi u jmantni sistema ta' ġestjoni li tinkludi proċeduri ta' kontroll għal:

- (a) akkwizzizzjoni tad-*data*;
- (b) disinn ta' proċedura tat-titjira skont il-kriterji dwar id-disinn kif stipulati fil-punt FPD.TR.100;
- (c) dokumentazzjoni dwar id-disinn tal-proċedura tat-titjira;
- (d) konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- (e) validazzjoni tal-art u, fejn xieraq, validazzjoni tat-titjira tal-proċedura tat-titjira;
- (f) għall-identifikazzjoni ta' għodod, inklużi l-ġestjoni tal-konfigurazzjoni u l-kwalifikazzjoni tal-għodod, kif ikun hemm bżonn; u
- (g) manutenzjoni u rieżami perjodiku tal-proċedura/i tat-titjira/titjiriet, kif ikun applikabbli.

**FPD.OR.110 Żamma tar-rekords**

Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.030 tal-Anness III, il-fornitur ta' FPD għandu jinkludi fis-sistema ta' żamma tar-rekords tiegħu l-elementi indikati fil-punt FPD.OR.105 ta' dan l-Anness.

**FPD.OR.115 Il-kompetenza u l-kapaċità tekniċi u operazzjonali**

- (a) Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.005(a)(6) tal-Anness III, il-fornitur ta' FDP għandu jiżgura li d-diżinjaturi tal-proċedura tat-titjira tiegħu:

▼ **M1**

- (1) ikunu temmew b'suċċess kors ta' taħriġ li jipprovdi kompetenza fid-disinjar ta' proċeduri tat-titjiriet;
  - (2) ikollhom l-esperjenza xierqa sabiex japplikaw b'suċċess l-għarfien teoriku; u
  - (3) itemmu b'suċċess taħriġ kontinwu.
- (b) Meta jitqies li huwa neċessarju li titwettaq il-validazzjoni tat-titjira, il-fornitur ta' FPD għandu jiżgura li din issir minn bdot kompetenti.
- (c) Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.B.030 tal-Anness III, il-fornitur ta' FPD għandu jmantni rekords tat-taħriġ kollu kif ukoll ta' kwalunkwe attività ta' disinjar imwettaq mid-disinjaturi impjegati tal-proċeduri tat-titjiriet u jagħmel it-tali rekords disponibbli fuq talba:
- (1) għad-disinjaturi tal-proċeduri tat-titjiriet ikkonċernati; u
  - (2) bi qbil mad-disinjaturi tal-proċeduri tat-titjiriet, għall-impjegatur il-ġdid meta disinjatur tal-proċeduri tat-titjiriet jiġi impjegat minn entità ġdida.

**FPD.OR.120 Interfaċċji meħtieġa**

- (a) Meta jikseb id-*data* ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika skont il-punt FPD.OR.100, il-fornitur ta' FPD għandu jiżgura li jkunu stabbiliti l-arranġamenti formali neċessarji, skont kif ikunu applikabbli, ma':
- (1) sorsi tad-*data* ajrunawtika;
  - (2) fornituri ta' servizzi oħra;
  - (3) operaturi tal-ajrudrom; u
  - (4) operaturi tal-inġenji tal-ajru.
- (b) Sabiex jiżgura li t-talbiet għal disinn tal-proċeduri tat-titjiriet ikunu ddefiniti b'mod ċar u jkunu soġġetti għal rieżami, il-fornitur ta' servizz tal-FPD għandu jistabbilixxi l-arranġamenti formali neċessarji mal-utent maħsub li jkun imiss.

SUBPARTI B — REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI ADDIZZJONALI  
GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' DISINN TAL-PROĊEDURA  
TAT-TITJIRA (FPD.TR)

*SEZZJONI 1 — REKWIŻITI ĠENERALI***FPD.TR.100 Rekwiżiti tad-disinn tal-proċeduri tat-titjiriet**

Il-proċeduri tat-titjiriet għandhom jiġu ddisinjati mill-fornitur ta' servizzi ta' disinn tal-proċeduri tat-titjiriet f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 1, u mal-kriterji ta' disinn kif iddeterminati mill-awtorità kompetenti, sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet sikuri tal-inġenji tal-ajru. Il-kriterji ta' disinn għandhom jippermettu li jiġi stabbilit qutugh xieraq mill-ostakoli għall-proċeduri tat-titjiriet, fejn dan ikun meħtieġ.

**FPD.TR.105 Koordinati u *data* ajrunawtika**

- (a) Minbarra l-punt ATM/ANS.OR.A.090 tal-Anness III, il-koordinati ġeografiċi li jindikaw il-latitudni u l-lonġitudni għandhom jiġu ddeterminati u rrapportati lill-fornitur(i) ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika (fornitur(i) tal-AIS) f'termini tad-datum ta' referenza ġeodetika tas-Sistema Ġeodetika Dinjija — 1984 (WGS-84) jew ekwivalenti.
- (b) L-ordni ta' akkuratezza tal-ħidma Prattika u d-determinazzjonijiet u l-kalkoli derivati minn din għandhom ikunu tali li d-*data* dwar in-navigazzjoni operazzjonali li tirriżulta għall-fażijiet tat-titjira jkunu fi ħdan id-devjazzjonijiet massimi fir-rigward ta' qafas ta' referenza xieraq, kif speċifikat fl-Appendiċi 1 tal-Anness III (Parti-ATM/ANS.OR).

▼ **M1***Appendiċi 1***REKWIŻITI GĦALL-ISTRUTTURI TAL-ISPAZJU TAL-AJRU U  
GĦALL-PROĊEDURI TAT-TITJIRIET LI JINSABU FIHOM***SEZZJONI I***Speċifikazzjonijiet għar-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir, għall-erjas ta' kontroll, għaż-żoni ta' kontroll u għaż-żoni ta' informazzjoni dwar titjir****(a) REĠJUNI TA' INFORMAZZJONI DWAR TITJIR**

Ir-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir kif iddefiniti fil-punt 23 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandhom:

- (1) ikopru l-istruttura sħiħa tar-rotta fl-ajru li trid tiġi moqdija mit-tali reġjuni; u
- (2) jinkludu l-ispażju tal-ajru kollu fi ħdan il-limiti orizzontali tagħhom, ħlief meta jkunu limitati minn reġjun ta' informazzjoni dwar titjir superjuri.

L-Istati Membri għandhom iżommu r-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-ICAO fi ħdan il-limiti ġeografiċi tar-reġjuni ta' informazzjoni dwar titjir inkarigati lilhom mill-ICAO fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**(b) ERJAS TA' KONTROLL**

- (1) L-erjas ta' kontroll għandhom ikunu delineati b'tali mod li jkopru biżżejjed spazju tal-ajru sabiex ikunu jinkludu t-trajettorji tat-titjira ta' daww it-titjiriet skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR) jew partijiet ta' dawn li għalihom huma pprovduti l-partijiet applikabbli tas-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC), b'kunsiderazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ghajjnuniet għan-navigazzjoni normalment użati f'dik l-erja.
- (2) Limitu inferjuri ta' erja ta' kontroll għandu jkun stabbilit f'għoli mill-art jew mill-ilma ta' mhux anqas minn 200 m (700 pied) sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mill-awtorità kompetenti.
- (3) Limitu superjuri ta' erja ta' kontroll għandu jiġi stabbilit meta jew:
  - (i) servizz tal-ATC ma jkunx se jiġi pprovdut f'livell ogħla mit-tali limitu superjuri; jew
  - (ii) l-erja ta' kontroll tkun tinsab taħt erja ta' kontroll superjuri, f'liema każ, il-limitu superjuri għandu jikkoinċidi mal-limitu inferjuri tal-erja ta' kontroll superjuri.

**(c) ŻONI TA' KONTROLL**

- (1) Il-limiti orizzontali ta' żona ta' kontroll għandhom tal-anqas kopru daww il-partijiet tal-ispażju tal-ajru li ma jkunux fi ħdan iż-żoni ta' kontroll, li jinkludu t-trajettorji tat-titjiriet skont l-IFR li jaslu fl-ajrudromi jew li jiġilqu mit-tali ajrudromi li għandhom jintużaw f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi tal-istrument (IMC).
- (2) Jekk tkun tinsab fi ħdan il-limiti orizzontali ta' erja ta' kontroll, iż-żona ta' kontroll għandha testendi 'l fuq mis-superfiċje tal-art tal-anqas sal-limitu inferjuri tal-erja ta' kontroll.

**(d) ŻONI TA' INFORMAZZJONI DWAR TITJIR**

- (1) Il-limiti orizzontali ta' żona ta' informazzjoni dwar titjir għandhom ikopru tal-anqas daww il-partijiet tal-ispażju tal-ajru, li la jkunu fi ħdan l-erjas ta' kontroll u lanqas fi ħdan iż-żona ta' kontroll, li jkun fihom it-trajettorji tat-titjiriet skont l-IFR u/jew il-VFR u li jaslu fl-ajrudromi u li jiġilqu mill-ajrudromi.

▼ **M1**

- (2) Jekk tkun tinsab fi ħdan il-limiti orizzontali ta' erja ta' kontroll, iż-żona ta' informazzjoni dwar titjir għandha testendi 'l fuq mis-superfiċje tal-art tal-anqas sal-limitu inferjuri tal-erja ta' kontroll.

*SEZZJONI II***Identifikazzjoni tar-rotot tal-ATS għajr ir-rotot standard tat-tluq u tal-wasla**

- (a) Meta jkunu stabbiliti r-rotot tal-ATS, għandhom ikunu pprovduti spazju tal-ajru protett tul kull rotta tal-ATS u spazjar sikur bejn ir-rotot tal-ATS biswit xulxin.
- (b) Ir-rotot tal-ATS għandhom ikunu identifikati permezz ta' deżinjaturi.
- (c) Meta tidentifika rotot tal-ATS għajr ir-rotot standard tat-tluq u tal-wasla, is-sistema ta' deżinjazzjoni użata għandha:
- (1) tippermetti l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe rotta tal-ATS b'mod sempliċi u uniku;
  - (2) tevita ridondanza;
  - (3) tkun utillizzabbli mis-sistemi ta' awtomatizzazzjoni kemm fuq l-art kif ukoll minn dawg fl-ajru;
  - (4) tippermetti qosor assolut fl-użu operazzjonali; u
  - (5) tipprovi għal possibbiltà suffiċjenti ta' estensjoni sabiex taqdi għal kwalunkwe rekwiżit futur mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fundamentali;
- (d) Id-deżinjaturi bażiċi tar-rotot tal-ATS għandhom jiġu assenjati skont il-prinċipji li ġejjin:
- (1) l-istess deżinjatur bażiku għandu jiġi assenjat għal rotta trunk prinċipali matul it-tul kollu tiegħu, indipendentement mill-erjas ta' kontroll tat-terminal, mill-Istati jew mir-reġjuni maqsuma;
  - (2) fejn żewġ rotot trunk jew aktar ikollhom segment komuni, is-segment inkwistjoni għandu jkun assenjat kull wieħed mid-deżinjaturi tar-rotot ikkonċernati, ħlief meta dan ikun jintroduċi diffikultajiet fil-provvista ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS), f'liema każ, bi ftehim komuni, deżinjatur wieħed biss għandu jkun assenjat; u
  - (3) deżinjatur bażiku assenjat għal rotta waħda m'għandux ikun assenjat għal kwalunkwe rotta oħra.

*SEZZJONI III***Identifikazzjoni tar-rotot standard tat-tluq u tal-wasla u tal-proċeduri assoċjati**

- (a) Meta jiġu identifikati r-rotot standard tat-tluq u tal-wasla u l-proċeduri assoċjati, għandu jiġi żgurat li:
- (1) is-sistema ta' deżinjaturi għandha tippermetti l-identifikazzjoni ta' kull rotta b'mod sempliċi u mhux ambigu;
  - (2) kull rotta għandha tkun identifikata b'deżinjatur b'lingwaġġ sempliċi u b'deżinjatur kodifikat korrispondenti; u
  - (3) f'komunikazzjonijiet bil-vuċi, id-deżinjaturi għandhom ikunu jingħarfu faċilment bħala relatati ma' rotta standard tat-tluq jew tal-wasla u m'għandhomx joħolqu xi diffikultà fil-pronunzja għall-bdoti u għall-persunal tal-ATS.
- (b) Meta jissawru d-deżinjaturi għar-rotot standard tat-tluq u tal-wasla u għall-proċeduri assoċjati, għandhom jintużaw dawn li ġejjin:
- (1) deżinjatur b'lingwaġġ sempliċi;

**▼ M1**

- (2) indikatur bażiku;
  - (3) indikatur tal-validità li għandu jkun numru minn 1 sa 9;
  - (4) indikatur tar-rotta li għandu jkun ittra waħda tal-alfabett; l-ittri “I” u “O” m’għandhomx jintużaw; u
  - (5) deżinjatur kodifikat ta’ rotta standard tat-tluq jew tal-wasla, strument jew viżwali.
- (c) Assenjament tad-deżinjaturi
- (1) Kull rotta għandha tkun assenjata deżinjatur separat.
  - (2) Sabiex issir distinzjoni bejn żewġ rotot jew aktar li jkunu relatati mal-istess punt sinifikanti (u, għaldaqstant, ikunu assenjati l-istess indikatur bażiku), għal kull rotta għandu jiġi assenjat indikatur tar-rotta separat kif deskritt fil-punt (b)(4).
- (d) Assenjament tal-indikaturi tal-validità
- (1) Indikatur tal-validità għandu jiġi assenjat għal kull rotta sabiex tiġi identifikata r-rotta li hija fis-seħħ bħalissa.
  - (2) L-ewwel indikatur tal-validità li jrid jiġi assenjat għandu jkun in-numru “1”.
  - (3) Kull meta tiġi emendata rotta, għandu jiġi assenjat indikatur tal-validità ġdida, li jikkonsisti fl-ogħla numru li jmiss. In-numru “9” għandu jkun segwit min-numru “1”.

*SEZZJONI IV***Stabbiliment u identifikazzjoni tal-punti sinifikanti**

- (a) Il-punti sinifikanti għandhom ikunu stabbiliti għall-fini ta’ definizzjoni ta’ rotta tal-ATS jew ta’ proċedura tat-titjira u/jew b’rabta mar-rekwiżiti tal-ATS għall-informazzjoni dwar il-progress tal-inġenji tal-ajru li qed itiru.
- (b) Il-punti sinifikanti għandhom ikunu identifikati permezz ta’ deżinjaturi.

*SEZZJONI V***Altitudnijiet minimi tat-titjiriet**

L-altitudnijiet minimi tat-titjiriet għandhom ikunu ddeterminati għal kull rotta tal-ATS u erja ta’ kontroll u għandhom jiġu pprovduti għal promulgazzjoni. Dawn l-altitudnijiet minimi tat-titjiriet għandhom jipprovdu qtugħ minimu mill-ostakoli fi ħdan l-erjas ikkonċernati.

*SEZZJONI VI***Identifikazzjoni u delineazzjoni tal-erjas ipprojbti, ristretti u ta’ periklu**

Meta jkunu stabbiliti erjas ipprojbti, erjas ristretti jew erjas ta’ periklu, mal-istabbiliment inizjali dawn għandhom jingħataw identifikazzjoni, u għandhom jiġu pprovduti d-dettalji sħaħ għall-promulgazzjoni.

▼ B

## ANNEX XII

## REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-MANIĠER TAN-NETWORK

## (Parti-NM)

## REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-MANIĠER TAN-NETWORK (NM.TR)

*TAQSIMA 1 — REKWIŻITI ĠENERALI*▼ M7**NM.TR.100 Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-Maniġer tan-Network**

Il-Maniġer tan-Network għandu jkun kapaċi juri li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operazzjonali tiegħu huma konformi mar-Regolamenti (UE) Nru 255/2010 u (UE) 2019/123.

*TAQSIMA 2 — Rekwiżiti tekniċi għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (funzjonijiet tan-network)***NM.TR.105 Allokazzjoni u użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur ta' Mode S**

(a) Il-Maniġer tan-Network għandu jkollu proċedura fis-seħħ li tiżgura li s-sistema ta' allokkazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur:

